

# “Ejja Kun Segwaċi Tiegħi”



Ġieli tħossok mitluf u għandek bżonn id-direzzjoni? Ġesù Kristu hu l-Mexxej magħżul t'Alla li kull bniedem għandu bżonn. Hu qal: "Jien ir-ragħaj mill-aħjar, u naf lin-nagħaġ tiegħi u n-nagħaġ tiegħi jafu lili." (Ġwanni 10:14) Verament tafu lir-Ragħaj mill-Aħjar—il-kwalitajiet tiegħu, il-messaġġ u x-xogħol tiegħu, iż-żelu tiegħu, l-imħabba tiegħu? Dan il-ktieb se jgħinek issir taf lil Ġesù b'mod iktar intimu u biex issegwih iktar mill-qrib.

JW.ORG®

cf-MT
200214

# “Ejja Kun Segwaċi Tiegħi”

DAN IL-KTIEB HUWA TA’

**Din il-pubblikazzjoni mhijiex għall-bejgħ. Hija provduta bħala parti minn xogħol edukattiv tal-Bibbja mad-dinja kollha appoġġjat minn donazzjonijiet volontarji.**

**Sabiex tagħti donazzjoni, jekk jogħġbok żur donate.jw.org.**

Jekk mhux indikat mod ieħor, il-kwotazzjonijiet mill-Iskrittura huma meħudin mit-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida ta’ l-Iskrittura Mqaddsa* li għandha lingwa moderna.

*“Come Be My Follower”*
November 2019 Printing

Maltese (*cf*-MT)

© 2008
WATCH TOWER BIBLE AND TRACT SOCIETY OF PENNSYLVANIA

Pubblikaturi
© Wachtturm Bibel- und Traktat-Gesellschaft, Selters/Ts.

Made in Germany

***Għażiż Qarrej:***

*"Ejja kun segwaċi tiegħi."* (*Marku 10:21*) *B'dan il-kliem, Ġesù Kristu fil-fatt qed jistidinna biex insegwuh. Qed twieġeb int għas-sejħa tiegħu? Jekk issegwih, dan se jkollu effett kbir fuq ħajtek. Għala?*

*Ġeħova bagħat lill-Iben uniġenitu tiegħu fuq l-art sabiex jagħti ħajtu bħala fidwa.* (*Ġwanni 3:16*) *Dan l-Iben mhux biss miet għalina imma wkoll uriena kif għandna ngħixu. F'kulma għamel, hu żamm l-integrità tiegħu u ferraħ qalb Missieru. Ġesù wriena wkoll kif nistgħu nkunu bħal Missieru. It-triqat u r-rieda tal-Missier dehru b'mod perfett fil-kliem u fl-għemejjel ta' l-Iben.—Ġwanni 14:9.*

*Ġesù hu "mudell," tgħid il-Bibbja, "biex* [*nimxu*] *mill-qrib wara l-passi tiegħu."* (*1 Pietru 2:21*) *Jekk irridu nersqu eqreb lejn Ġeħova, jekk irridu ħajja tassew sodisfaċenti issa, u jekk irridu nibqgħu fit-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem, irridu nsegwu mill-qrib il-passi ta' Kristu.*

*Sabiex nibdew dan il-vjaġġ, irridu nsiru midħla tal-ħajja ta' Ġesù fuq l-art. Għalhekk, id-deskrizzjoni ta' Ġesù li hija preservata fil-Bibbja jistħoqqilha li nistudjawha bir-reqqa. Jekk nirriflettu fuq l-affarijiet li Ġesù qal u għamel u nikkunsidraw kif nistgħu nimitawh bil-kliem u bl-għemejjel tagħna se niġu megħjunin biex naraw iktar ċar kif nistgħu nsegwuh.*

*Jalla din il-pubblikazzjoni tgħinek tkabbar l-imħabba tiegħek għal Ġesù u għal Ġeħova. U jalla din l-imħabba tqanqlek biex issegwi mill-qrib il-passi ta' Ġesù sabiex tferraħ qalb Ġeħova issa u għal dejjem.*

***Il-Pubblikaturi***

# Werrej

**Kapitlu** **Paġna**


| | | |
|---|---|---|
| 1 | "Kun Segwaċi Tiegħi"—X'Ried Ifisser Ġesù? | 5 |
| 2 | "It-Triq, il-Verità, u l-Ħajja" | 15 |

**L-EWWEL SEZZJONI "Ejja u Ara" lill-Kristu**

| | | |
|---|---|---|
| 3 | "Jien . . . Umli f'Qalbi" | 25 |
| 4 | "Ara! L-Iljun tat-Tribù ta' Ġuda" | 35 |
| 5 | "It-Teżori Kollha ta' l-Għerf" | 46 |
| 6 | "Tgħallem l-Ubbidjenza" | 56 |
| 7 | "Irriflettu Sew dwar Dak li Ssaporta" | 66 |

**IT-TIENI SEZZJONI "Jgħallem . . . u Jippriedka l-Aħbar Tajba"**

| | | |
|---|---|---|
| 8 | "Għal Dan Intbgħatt" | 77 |
| 9 | "Morru u Agħmlu Dixxipli" | 87 |
| 10 | "Hu Miktub" | 98 |
| 11 | "Qatt Ma Kien Hawn Bniedem Ieħor li Tkellem Bħalu" | 108 |
| 12 | "Ma Kienx Ikellimhom Mingħajr Xi Tixbiha" | 118 |

**IT-TIELET SEZZJONI "L-Imħabba li Għandu l-Kristu Ġġegħelna"**

| | | |
|---|---|---|
| 13 | "Jien Inħobb lill-Missier" | 129 |
| 14 | "Resqu Lejh Folol Kbar" | 139 |
| 15 | "Ħassu Mqanqal u Tħassarhom" | 150 |
| 16 | "Ġesù . . . Baqa' Jħobbhom sa l-Aħħar" | 161 |
| 17 | "Ħadd M'Għandu Mħabba Akbar minn Din" | 172 |
| 18 | "Ibqa' Miexi Warajja" | 182 |



# "Kun Segwaċi Tiegħi" —X'Ried Ifisser Ġesù?

LIEMA hi l-aqwa stedina li qatt irċivejt? Għandek mnejn taħseb fi żmien meta ġejt mistieden tattendi xi okkażjoni speċjali, forsi xi tieġ ta' żewġ persuni li huma għeżież ħafna għalik. Jew forsi tiftakar f'dak il-jum li ġejt mistieden taċċetta xi biċċa xogħol importanti. Jekk ġieli rċivejt stediniet bħal dawn, bla dubju kont ferħan ħafna, saħansitra onorat, li tirċivihom. Però, il-verità hi li int irċivejt stedina li hija ferm aqwa minn dawn kollha. Ilkoll kemm aħna rċivejnieha. U l-mod kif nagħżlu li nwieġbu għal din l-istedina jeffettwana bil-kbir. Hija l-iktar għażla importanti li se nagħmlu f'ħajjitna.

2 X'inhi din l-istedina? Din ġejja mingħand Ġesù Kristu, l-Iben uniġenitu ta' Ġeħova, l-Alla li Jista' Kollox, u hija mniżżla fil-Bibbja. F'Marku 10:21 naqraw il-kliem ta' Ġesù: "Ejja kun segwaċi tiegħi." Ġesù kien fil-fatt qed jagħmel din l-istedina lil kull wieħed u waħda minna. Nagħmlu tajjeb jekk nistaqsu lilna nfusna, 'Jien kif se nwieġeb?' It-tweġiba forsi tidher ovvja għalik. Min se jgħaddilu minn moħħu li jirrifjuta stedina meraviljuża bħal din? Ħaġa ta' l-iskantament hi li l-biċċa l-kbira min-nies jirrifjutawha. Għala?

3 Bħala eżempju, ikkunsidra raġel li rċieva din l-istedina direttament mingħand Ġesù xi 2,000 sena ilu. Dan kien raġel rispettat ħafna. Kellu minn ta' l-inqas tliet affarijiet li

---

1, 2. Liema hi l-aqwa stedina li bniedem jista' jirċievi, u liema mistoqsija nistgħu nistaqsu lilna nfusna?
3, 4. (a) Liema affarijiet, li jistgħu jqanqlu l-għira, kellu r-raġel li avviċina lil Ġesù biex jistaqsi dwar il-ħajja ta' dejjem? (b) Liema kwalitajiet tajbin għandu mnejn ra Ġesù fil-ħakkiem żagħżugħ u għani?

l-bnedmin x'aktarx jikkunsidraw bħala li huma mixtiqin, saħansitra ta' min jgħir għalihom—iż-żgħożija, l-għana, u l-awtorità. Ir-rakkont Bibliku jiddeskrivih bħala "żagħżugħ," bħala li kien "għani ħafna," u bħala "ħakkiem." (Mattew 19:20; Luqa 18:18, 23) Madankollu, kien hemm xi ħaġa iktar importanti dwar dan iż-żagħżugħ. Hu kien sema' dwar l-Għalliem il-Kbir, Ġesù, u dak li sema' għoġbu.

4 Il-biċċa l-kbira mill-ħakkiema f'dak iż-żmien naqsu milli jagħtu lil Ġesù r-rispett li kien jistħoqqlu. (Ġwanni 7:48; 12:42) Imma dan il-ħakkiem aġixxa b'mod differenti. Il-Bibbja tgħidilna: "[Ġesù] hu u sejjer fi triqtu ġie jiġri lejh wieħed raġel li niżel għarkopptejh quddiemu u staqsieh: 'Għalliem Tajjeb, xi rrid nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem?' " (Marku 10:17) Innota kemm kien ħerqan dan ir-raġel biex ikellem lil Ġesù. Hu telaq jiġri lejh fil-pubbliku, bħalma forsi għamlu l-foqra u dawk ta' klassi baxxa fis-soċjetà. Iżjed minn hekk, b'rispett niżel għarkopptejh quddiem Kristu. Għalhekk, hu kien xi ftit jew wisq umli u kien konxju tal-bżonn spiritwali tiegħu. Ġesù kien jgħożżhom kwalitajiet tajbin bħal dawn. (Mattew 5:3; 18:4) Mela mhux ta' b'xejn li "Ġesù ħares lejh [u] ħass imħabba għalih." (Marku 10:21) Ġesù kif wieġeb il-mistoqsija taż-żagħżugħ?

## Stedina bla Paragun

5 Ġesù wera li Missieru kien diġà pprovda informazzjoni rigward il-mistoqsija vitali dwar kif wieħed jikseb il-ħajja ta' dejjem. Hu rrefera għall-Iskrittura, u ż-żagħżugħ stqarr li hu kien lealment qed jobdi l-Liġi Mosajka. Madankollu, Ġesù, bid-dehen straordinarju tiegħu, ra xi ħaġa moħbija fil-fond ta' qalb iż-żagħżugħ. (Ġwanni 2:25) Hu ra li dan il-ħakkiem kellu problema spiritwali—problema serja. Għalhekk, Ġesù qallu: "Ħaġa waħda jonqsok." X'kienet din il-"ħaġa waħda"? Ġesù qallu: "Mur, bigħ dak li għandek u agħti lill-foq-

---

5. Ġesù kif wieġbu liż-żagħżugħ għani, u kif nafu li l-faqar ma kienx il-"ħaġa waħda" li kien jonqsu? (Ara wkoll in-nota ta' taħt.)

ra." (Marku 10:21) Ried ifisser Ġesù li individwu jrid ikun fqir biex jaqdi lil Alla? Le.* Kristu kien qed jirrivela xi ħaġa li kellha importanza kbira.

6 Biex juri x'kien hemm nieqes, Ġesù offra lir-raġel opportunità meraviljuża: "Ejja kun segwaċi tiegħi." Immaġina ftit —l-Iben ta' l-Alla l-Iktar Għoli stieden lil dan ir-raġel, wiċċ imbwiċċ, biex isegwih! Ġesù wiegħdu wkoll premju li lanqas biss seta' jimmaġina. Hu qallu: "Ikollok teżor fis-sema." Il-ħakkiem żagħżugħ u għani ħatafha din l-opportunità, din l-istedina meraviljuża? Ir-rakkont jgħid: "Hu sewwed qalbu għal dan il-kliem u telaq imnikket, għax kellu ħafna ġid." (Marku 10:21, 22) Għalhekk, il-kliem mhux mistenni ta' Ġesù rrivela problema f'qalb dan ir-raġel. Hu kien marbut wisq mal-ġid tiegħu u, bla dubju, ma' l-awtorità u l-prestiġju li dan ġablu. B'dispjaċir, l-imħabba tiegħu għal dawn l-affarijiet kienet bil-wisq akbar minn kwalunkwe mħabba li kellu għal Kristu. Għalhekk, il-"ħaġa waħda" li kien jonqsu kienet l-imħabba b'qalb sħiħa u bla egoiżmu għal Ġesù u Ġeħova. Minħabba li ż-żagħżugħ ma kellux din l-imħabba, hu rrifjuta din l-istedina bla paragun! Però, dan kif japplika għalik?

7 L-istedina ta' Ġesù ma kinitx biss għal dan ir-raġel; lanqas ma kienet għal numru żgħir ta' nies biss. Ġesù qal: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, ħa . . . jibqa' miexi warajja." (Luqa 9:23) Innota li kulħadd jista' jkun segwaċi ta' Kristu jekk

* Ġesù ma talabx lil dawk kollha li segwewh biex iħallu ġidhom kollu warajhom. U għalkemm huwa minnu li kkummenta dwar kemm hu diffiċli li bniedem għani jidħol fis-Saltna t'Alla, hu żied jgħid: "Kollox hu possibbli għal Alla." (Marku 10:23, 27) Fil-fatt, xi wħud li kienu għonja saru segwaċi ta' Kristu. Huma rċivew pariri speċifiċi fil-kongregazzjoni Kristjana, imma ma ġewx mitlubin jagħtu l-għana kollu tagħhom lill-foqra.—1 Timotju 6:17.

6. Ġesù liema stedina għamel, u t-tweġiba tal-ħakkiem żagħżugħ u għani xi rrivelat dwar qalbu?
7. Għala nistgħu nkunu ċerti li l-istedina ta' Ġesù tinkludi lilna llum?

verament "irid." Alla jressaq lil dawn l-uħud ta' qalb onesta lejn Ibnu. (Ġwanni 6:44) Mhux biss l-għonja, mhux biss il-foqra, mhux biss dawk ta' ċerta razza jew ġens, u mhux biss dawk li kienu ħajjin matul dak il-perijodu ta' żmien imma *kulħadd* għandu l-opportunità li jaċċetta l-istedina ta' Ġesù. Għalhekk, il-kliem ta' Ġesù "Ejja kun segwaċi tiegħi" verament japplika għalik. Għala għandek tkun trid issegwi lil Kristu? U dan x'jinvolvi eżattament?

## Għala Għandek Tkun Segwaċi ta' Kristu?

8 Hemm verità li għandna naċċettaw: Bħala bnedmin għandna bżonn kbir ta' tmexxija tajba. Mhux il-bnedmin kollha jammettu li għandhom dan il-bżonn, imma fil-fatt hekk hu. Ġeremija, il-profeta ta' Ġeħova, ġie mnebbaħ biex iniżżel bil-miktub din il-verità eterna: "Jien naf, O Ġeħova, li triq il-bniedem m'hijiex f'idejh. Lanqas min jimxi ma jista' jiddeterieġi l-passi tiegħu." (Ġeremija 10:23) Il-bnedmin la għandhom l-abbiltà u lanqas id-dritt li jmexxu lilhom infushom. Tabilħaqq, il-biċċa l-kbira mill-istorja tal-bniedem hija rekord ta' tmexxija li falliet. (Ekkleżjasti 8:9) Fi żmien Ġesù, il-mexxejja ħaqru, abbużaw, u żvijaw lin-nies. Ġesù b'dehen osserva li n-nies komuni kienu "bħal nagħaġ mingħajr ragħaj." (Marku 6:34) Illum, il-bnedmin qed iġarrbu l-istess ħaġa. Bħala grupp u bħala individwi, neħtieġu tmexxija li nistgħu nafdaw u nirrispettaw. Ġesù jissodisfaha din il-ħtieġa? Ikkunsidra diversi raġunijiet għala t-tweġiba hija iva.

9 L-ewwel, *Ġesù ġie magħżul minn Alla Ġeħova.* Il-biċċa l-kbira mill-mexxejja umani jintgħażlu minn sħabhom il-bnedmin imperfetti li spiss jiġu mqarrqin u għandhom it-tendenza li jiġġudikaw ħażin. Ġesù huwa mexxej differenti. It-titlu tiegħu stess jurina dan. Il-kelma "Kristu," bħall-kel-

8. Il-bnedmin kollha x'għandhom bżonn, u għala?
9. X'jagħmel lil Ġesù differenti mill-mexxejja l-oħrajn kollha?

ma "Messija," tfisser "Midluk." Iva, Ġesù ġie midluk, jew maħtur b'mod speċjali għall-pożizzjoni sagra tiegħu, minn ħadd ħlief il-Mulej Sovran ta' l-univers. Alla Ġeħova qal hekk dwar Ibnu: "Ara! Il-qaddej tiegħi li jien għażilt, il-maħbub tiegħi, li ruħi approvat! Inqiegħed l-ispirtu tiegħi fuqu." (Mattew 12:18) Ħadd ma jaf aħjar mill-Ħallieq tagħna liema tip ta' mexxej neħtieġu. L-għerf ta' Ġeħova hu bla tarf, u għalhekk għandna bosta raġunijiet biex nafdaw l-għażla tiegħu.—Proverbji 3:5, 6.

10 It-tieni, *Ġesù ħallielna eżempju perfett u li jispirana.* L-aqwa tip ta' mexxej ikollu kwalitajiet li s-sudditi tiegħu jistgħu jammiraw u jimitaw. Hu jmexxi bl-eżempju, billi jispira lil oħrajn biex isiru persuni aħjar. Liema kwalitajiet tirrispetta l-iktar f'mexxej? Il-kuraġġ? L-għerf? Il-mogħdrija? Xi ngħidu dwar il-perseveranza waqt it-tbatija? Hekk kif tistudja r-rakkonti tal-ħajja ta' Ġesù fuq l-art, int se ssib li hu kellu dawn il-kwalitajiet—u oħrajn. Bħala x-xbieha perfetta ta' Missieru tas-sema, Ġesù kellu l-kwalitajiet kollha t'Alla bis-sħiħ. Tassew kien bniedem perfett f'kull aspett. Għalhekk, f'dak kollu li għamel, f'kull kelma li lissen, f'kull sentiment ġewwieni li rrivela, insibu xi ħaġa li hi ta' min jimitaha. Il-Bibbja tgħid li hu pprovda "mudell biex timxu mill-qrib wara l-passi tiegħu."—1 Pietru 2:21.

11 It-tielet, *Kristu wettaq bis-sħiħ l-istqarrija tiegħu: "Jien ir-ragħaj mill-aħjar."* (Ġwanni 10:14) Għan-nies fiż-żminijiet Bibliċi, din il-metafora kienet familjari. Ir-rgħajja kienu jaħdmu iebes biex jieħdu ħsieb in-nagħaġ li kienu fil-ħarsien tagħhom. "Ragħaj mill-aħjar" kien iġib is-sigurtà u s-saħħa tal-merħla qabel tiegħu stess. Per eżempju, David, antenat ta' Ġesù, kien ragħaj meta kien żagħżugħ, u f'iktar minn okkażjoni waħda, hu ssogra ħajtu biex jipproteġi lin-nagħaġ

---

10. L-eżempju ta' Ġesù għala hu l-aqwa wieħed li l-bnedmin jistgħu jsegwu?
11. Ġesù kif ta prova li kien "ir-ragħaj mill-aħjar"?

tiegħu milli jiġu attakkati minn annimal salvaġġ u feroċi. (1 Samwel 17:34-36) Ġesù saħansitra għamel iktar minn hekk għal sħabu l-bnedmin. Hu ta ħajtu għalihom. (Ġwanni 10:15) Kemm hawn mexxejja li għandhom spirtu ta' sagrifiċċju persunali bħal dan?

12 Ġesù kien "ir-ragħaj mill-aħjar" f'sens ieħor. Hu qal: "Naf lin-nagħaġ tiegħi u n-nagħaġ tiegħi jafu lili." (Ġwanni 10:14) Aħseb dwar id-deskrizzjoni li kien qed jagħti Ġesù. Għal xi ħadd li sempliċement ikun qed josserva, merħla nagħaġ tista' tkun sempliċement ġemgħa t'annimali sufin. Madankollu, ir-ragħaj jaf lil kull nagħġa individwalment. Hu jaf liema nagħaġ dalwaqt se jkollhom bżonn l-għajnuna tiegħu meta jildu, liema ħrief għad għandhom bżonn jinġarru għaliex għadhom żgħar u dgħajfin wisq biex jimxu distanza twila waħedhom, u liema nagħaġ għadhom kemm kienu morda jew imweġġgħin. In-nagħaġ jafu lir-ragħaj tagħhom ukoll. Huma jagħrfu leħnu, u qatt ma jħawduh ma' dak ta' kwalunkwe ragħaj ieħor. Meta minn leħnu jindunaw li hu allarmat jew li għandu sens t'urġenza, huma jwieġbu mill-ewwel. Fejn imexxihom, huma jsegwu. U hu jaf eżatt fejn għandu jmexxihom. Jaf fejn il-ħaxix hu abbundanti u aħdar, fejn ix-xmajjar huma friski u ċari, u fejn il-mergħat huma bla perikli. Hekk kif jirgħahom, in-nagħaġ iħossuhom fis-sigurtà.—Salm 23.

13 Ma tixxennaqx int għal tmexxija bħal din? Ir-Ragħaj mill-Aħjar għandu reputazzjoni li ma bħalha f'li jittratta lissegwaċi tiegħu proprju b'dan il-mod. Hu jwiegħed li jiggwidak lejn ħajja hienja u sodisfaċenti issa u lejn futur dejjiemi! (Ġwanni 10:10, 11; Rivelazzjoni 7:16, 17) Għalhekk, għandna bżonn inkunu nafu x'hemm involut eżatt f'li nsegwu lil Kristu.

---

12, 13. (a) F'liema sens ir-ragħaj jaf lin-nagħaġ tiegħu, u huma b'liema mod jafu lilu? (b) Għala tixtieq tkun taħt it-tmexxija tar-Ragħaj mill-Aħjar?

## Xi Jfisser li Tkun Segwaċi ta' Kristu

14 Illum, mijiet ta' miljuni ta' nies x'aktarx li jħossu li huma aċċettaw l-istedina ta' Kristu. Wara kollox, huma jagħżlu li jsejħu lilhom infushom Kristjani. Forsi huma membri tal-knisja li fiha għammduhom il-ġenituri tagħhom. Jew għandhom mnejn jistqarru li għandhom rabta emozzjonali ma' Ġesù u jaċċettawh bħala s-Salvatur persunali tagħhom. Imma jagħmilhom dan segwaċi ta' Kristu? Huwa dan dak li kellu f'moħħu Ġesù meta stidinna biex insiru s-segwaċi tiegħu? Sabiex inkunu segwaċi ta' Kristu jinvolvi ħafna iktar.

15 Ikkunsidra d-dinja tal-Kristjaneżmu—dawk in-nazzjonijiet li l-biċċa l-kbira miċ-ċittadini tagħhom jistqarru li huma segwaċi ta' Kristu. Jirrifletti l-Kristjaneżmu t-tagħlim ta' Ġesù Kristu? Jew inkella f'dawk il-pajjiżi naraw mibegħda, moħqrija, kriminalità, u inġustizzja bħalma hemm madwar il-kumplament tad-dinja? Mohandas Gandhi, mexxej rispettat tal-Ħindu, darba qal: "Ma naf b'ebda persuna oħra li għamlet iktar ġid għall-bnedmin minn Ġesù. Fil-fatt, m'hemm xejn ħażin fil-Kristjanità." Hu żied jgħid: "Il-problema hija intom il-Kristjani. Lanqas xejn ma tgħixu fi qbil mat-tagħlim tagħkom stess."

16 Ġesù qal li s-segwaċi veri tiegħu kellhom jintgħarfu mhux biss minn kliemhom jew mit-titlu li jagħtu lilhom infushom imma primarjament mill-azzjonijiet tagħhom. Per eżempju, hu qal: "Mhux kulmin jgħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, imma min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet." (Mattew 7:21) Ħafna minn dawk li jistqarru li Ġesù hu l-Mulej tagħhom għala jonqsu li

---

14, 15. Sabiex inkunu segwaċi ta' Kristu, għala m'huwiex biżżejjed li nistqarru li aħna Kristjani jew li nifformaw rabta emozzjonali ma' Ġesù?

16, 17. Spiss xi jkun hemm nieqes fost dawk li jistqarru li huma Kristjani, u x'jiddistingwi lis-segwaċi veri ta' Kristu?

jagħmlu r-rieda ta' Missieru? Ftakar fil-ħakkiem żagħżugħ u għani. Spiss, 'ħaġa waħda jkun jonqos' fost dawk li jistqarru li huma Kristjani—l-imħabba b'qalb sħiħa għal Ġesù u għall-Wieħed li bagħtu.

[17] Dan kif jista' jkun? M'huwiex minnu li miljuni li jgħidu li huma Kristjani jistqarru wkoll li jħobbu lil Kristu? Dażgur. Imma l-imħabba għal Ġesù u għal Ġeħova tinvolvi ħafna iktar minn sempliċement kliem. Ġesù qal: "Jekk xi ħadd iħobbni, josserva kelmti." (Ġwanni 14:23) U meta reġa' tkellem bħala ragħaj, hu qal: "In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni, u jien nafhom, u huma jiġu warajja." (Ġwanni 10:27) Iva, il-prova vera ta' l-imħabba tagħna għal Kristu mhix sempliċement fi kliemna jew fis-sentimenti tagħna imma l-iktar fl-azzjonijiet tagħna.

[18] Madankollu, l-azzjonijiet tagħna ma jiġux mix-xejn. Dawn jirriflettu l-persuna ġewwinija tagħna. Huwa hawn li jrid jibda x-xogħol tagħna. Ġesù qal: "Il-ħajja ta' dejjem tfisser dan: li jieħdu għarfien dwarek, l-uniku Alla veru, u dwar Ġesù Kristu li int bgħatt." (Ġwanni 17:3) Jekk nieħdu u nimmeditaw fuq għarfien eżatt dwar Ġesù, qalbna se tiġi effettwata. Se nsiru nħobbuh iktar u iktar, billi nibnu ġewwa fina xewqa saħansitra akbar biex insegwuh kuljum.

[19] L-iskop ta' dan il-ktieb hu li jkabbar ix-xewqa li nsegwu lil Ġesù. L-iskop tiegħu m'huwiex li jagħti sommarju sħiħ tal-ħajja u l-ministeru ta' Ġesù, imma li jgħinna naraw iktar ċar kif għandna nsegwuh.* Huwa disinjat biex jgħinna nħarsu fil-mera ta' l-Iskrittura u nistaqsu lilna nfusna, 'Qiegħed jien verament insegwi lil Ġesù?' (Ġakbu 1:23-25) For-

* Għal sommarju sħiħ u kronoloġiku tal-ġrajjiet fil-ħajja u l-ministeru ta' Ġesù, ara l-ktieb *L-Aqwa Bniedem li Qatt Għex,* pubblikat mix-Xhieda ta' Ġeħova.

18, 19. (a) It-tagħlim dwar Ġesù kif għandu jeffettwana? (b) X'inhu l-iskop ta' dan il-ktieb, u kif se jkun ta' ġid għal dawk li ilhom jikkunsidraw lilhom infushom bħala segwaċi ta' Kristu?

**Stediniet mill-Iben Uniġenitu t'Alla**

**Immaġina li Ġesù qed jagħmel l-istediniet li ġejjin lilek personalment. Int kieku kif twieġeb, u għala?**

"Kun segwaċi tiegħi."—Mattew 9:9; Luqa 9:59; Ġwanni 1:43.

"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, ħa jiċħad lilu nnifsu u jerfa' z-zokk tat-tortura tiegħu u jibqa' miexi warajja."—Mattew 16:24.

"Ejjew għandi, intom ilkoll li mħabbtin u mgħobbijin, u jien inserraħkom. Ħudu l-madmad tiegħi fuqkom u tgħallmu minni."—Mattew 11:28, 29.

"Jekk xi ħadd hu bil-għatx, ħa jiġi għandi u jixrob."—Ġwanni 7:37.

si ilek tikkunsidra lilek innifsek bħala nagħġa li qed tiġi gwidata mir-Ragħaj mill-Aħjar. Però, ma taqbilx li dejjem nistgħu nsibu modi kif insiru persuni aħjar? Il-Bibbja tħeġġiġna: "Ibqgħu għarblu jekk intomx fil-fidi, ibqgħu agħtu prova ta' x'intom." (2 Korintin 13:5) Żgur li hu vallapena li nagħmlu kull sforz biex naċċertaw ruħna li verament qed niġu gwidati mir-Ragħaj mill-Aħjar tagħna kollu mħabba, Ġesù, li Ġeħova nnifsu ħatar biex imexxina.

20 Jalla l-istudju tiegħek ta' dan il-ktieb jgħinek issaħħaħ l-imħabba tiegħek għal Ġesù u għal Ġeħova. Hekk kif din l-imħabba tiggwidak f'ħajtek, se ssib paċi u kuntentizza bla qjies f'din id-dinja li qdiemet, u int se tgħix biex tfaħħar lil Ġeħova għal dejjem talli pprovdielna r-Ragħaj mill-Aħjar. M'għandniex xi ngħidu, l-istudju tagħna dwar Kristu għandu jkun ibbażat fuq pedament tajjeb. Għalhekk, bix-xieraq li f'Kapitlu 2 neżaminaw l-irwol ta' Ġesù fl-iskop universali ta' Ġeħova.

20. X'se nikkunsidraw fil-kapitlu li jmiss?



# “It-Triq, il-Verità, u l-Ħajja”

ĠIELI ntlift? Għandek mnejn tiftakar f’xi darba meta kont qed tivvjaġġa biex iżżur lil xi ħabib jew qarib u ma stajtx issib it-triq. Hekk kif kont għaddej minn triq mhix familjari, waqaft int biex tistaqsi lil xi ħadd għad-direzzjoni? Immaġina kif kont tħossok kieku minflok sempliċement jgħidlek minfejn għandek tgħaddi, individwu qalbu tajba jgħidlek: “Segwi lili. Se nieħdok jien.” Min jaf kemm isserraħ moħħok!

2 Jista’ jingħad li Ġesù Kristu jagħmel xi ħaġa simili għalina. Mingħajr għajnuna huwa impossibbli li navviċinaw lil Alla. Minħabba li wirtet id-dnub u l-imperfezzjoni, id-dinja ta’ l-umanità hija mitlufa, ‘imbiegħda mill-ħajja li ġejja minn Alla.’ (Efesin 4:17, 18) Għandna bżonn l-għajnuna biex insibu d-direzzjoni. Ġesù, ix-Xempju tagħna li għandu qalbu tajba, ma joffrix biss pariri u direzzjonijiet; jagħmel iktar minn hekk. Bħalma rajna f’Kapitlu 1, Ġesù jistidinna, billi jgħid: “Ejja kun segwaċi tiegħi.” (Marku 10:21) Madankollu, jagħtina wkoll raġuni konvinċenti biex naċċettaw din l-istedina. F’okkażjoni minnhom, Ġesù qal: “Jien it-triq, il-verità, u l-ħajja. Ħadd ma jiġi għand il-Missier ħlief permezz tiegħi.” (Ġwanni 14:6) Ejja niddiskutu xi raġunijiet għala nistgħu navviċinaw lill-Missier permezz ta’ l-Iben biss. Imbagħad b’dawn ir-raġunijiet f’moħħna, se nikkunsidraw kif Ġesù tabilħaqq hu “t-triq, il-verità, u l-ħajja.”

---

1, 2. Għala huwa impossibbli li navviċinaw lil Ġeħova waħedna, u Ġesù Kristu x’għamel għalina f’dan ir-rigward?

## Irwol Vitali fl-Iskop ta' Ġeħova

[3] L-ewwel u qabel kollox, aħna nistgħu navviċinaw lil Alla permezz ta' Ġesù għaliex Ġeħova għażel li jagħti lil Ibnu l-iktar irwol importanti.* Il-Missier għamlu l-persunaġġ prinċipali fit-twettiq ta' l-iskopijiet kollha Tiegħu. (2 Korintin 1:20; Kolossin 1:18-20) Sabiex nifhmu l-irwol vitali ta' l-Iben, irridu nikkunsidraw dak li ġara fil-ġnien ta' l-Għeden, fejn l-ewwel koppja umana ngħaqdet ma' Satana fl-irvell kontra Ġeħova.—Ġenesi 2:16, 17; 3:1-6.

[4] Ir-ribelljoni fl-Għeden qajmet kwistjoni ta' importanza universali: Jaħkem Alla Ġeħova fuq il-ħolqien tiegħu b'mod xieraq? Sabiex jirranġa din il-kwistjoni vitali, Ġeħova ddetermina li iben spirtu perfett kellu jinżel fuq l-art. Il-missjoni li dan l-iben kellu jwettaq kienet ta' l-akbar importanza—kellu joffri ħajtu biex jivvindika s-sovranità ta' Ġeħova u biex iservi bħala fidwa ħalli jsalva lill-umanità. Billi jibqa' leali sal-mewt, l-iben magħżul kien se jagħmilha possibbli li jitranġaw il-problemi kollha li qamu minħabba r-ribelljoni ta' Satana. (Ebrej 2:14, 15; 1 Ġwanni 3:8) Imma Ġeħova kellu miljuni fuq miljuni ta' wlied spirti perfetti. (Danjel 7:9, 10) Liema wieħed għażel biex iwettaq dan l-inkarigu importanti ħafna? Ġeħova għażel lill-"Iben uniġenitu tiegħu," dak li iktar tard sar magħruf bħala Ġesù Kristu.—Ġwanni 3:16.

[5] Għandna għalxiex nistagħġbu bl-għażla ta' Ġeħova?

---

* Tant hu importanti l-irwol ta' l-Iben li l-Bibbja tagħtih għadd ta' ismijiet u titli profetiċi.—Ara l-kaxxa f'paġna 23.

---

3. Għala navviċinaw lil Alla permezz ta' Ġesù?

4. Ir-ribelljoni fl-Għeden qajmet liema kwistjoni, u Ġeħova xi ddeċieda li jagħmel biex jirranġa l-kwistjoni?

5, 6. Ġeħova kif wera li kellu fiduċja f'Ibnu, u din il-fiduċja fuq xiex kienet ibbażata?

Dażgur li le! Il-Missier kellu fiduċja sħiħa fl-Iben uniġenitu tiegħu. Sekli qabel il-wasla ta' Ibnu fuq l-art, Ġeħova bassar li dan l-Iben kien se jibqa' leali minkejja li kien se jġarrab ħafna tbatijiet differenti. (Isaija 53:3-7, 10-12; Atti 8:32-35) Ikkunsidra xi jfisser dan. L-Iben, bħall-ħlejjaq intelliġenti kollha, kellu l-libertà ta' l-għażla, kapaċi jagħżel triqtu stess. Madankollu, Ġeħova tant kellu fiduċja fih li bassar il-fedeltà ta' Ibnu. Fuq xiex kienet ibbażata din il-fiduċja? F'kelma waħda, għarfien. Ġeħova jaf lil Ibnu b'mod intimu u jaf kemm Ibnu jixtieq jogħġbu. (Ġwanni 8:29; 14:31) L-Iben iħobb lil Missieru, u mill-banda l-oħra, Ġeħova jħobb lil Ibnu. (Ġwanni 3:35) L-imħabba li l-Missier u l-Iben għandhom għal xulxin tifforma bejniethom rabta li tgħaqqad u fiduċja dejjiema.—Kolossin 3:14.

6 Mhix ħaġa ta' l-iskantament li nistgħu navviċinaw lil Alla permezz ta' Ġesù biss meta nqisu l-irwol importanti ta' l-Iben, il-fiduċja li l-Missier għandu fih, u l-imħabba li tgħaqqad lill-Missier u lill-Iben flimkien. Madankollu, hemm raġuni oħra għala l-Iben biss jista' jwassalna għand il-Missier.

## L-Iben Biss Jaf lill-Missier Għalkollox

7 Irridu nilħqu ċerti ħtiġijiet biex inkunu nistgħu navviċinaw lil Ġeħova. (Salm 15:1-5) Min jaf aħjar mill-Iben x'hemm bżonn biex nilħqu l-livelli t'Alla u biex ikollna l-approvazzjoni Tiegħu? Ġesù qal: "Kollox ngħatali minn Missieri, u ħadd ma jaf għalkollox lill-Iben ħlief il-Missier, u lanqas ħadd ma jaf għalkollox lill-Missier ħlief l-Iben u kulmin l-Iben lest li jirrivelahulu." (Mattew 11:27) Ejja naraw għala Ġesù seta' jgħid, b'mod korrett u mingħajr

7, 8. Ġesù għala seta' jgħid b'mod korrett li ħadd ma jaf lill-Missier għalkollox "ħlief l-Iben"?

esaġerazzjoni, li ħadd ma jaf lill-Missier għalkollox "ħlief l-Iben."

8 Bħala "l-ewwel imwieled mill-ħolqien kollu," l-Iben għandu intimità unika ma' Ġeħova. (Kolossin 1:15) Immaġina r-relazzjoni mill-qrib li żviluppat bejn il-Missier u l-Iben matul perijodu ta' żmien bla qjies meta huma biss kienu jeżistu—mill-bidu tal-ħolqien sakemm inħolqu ħlejjaq spirti oħrajn. (Ġwanni 1:3; Kolossin 1:16, 17) Aħseb ftit dwar l-opportunità prezzjuża li kellu l-Iben meta kien ma' Missieru, billi tgħallem kif jaħsibha Missieru u dwar ir-rieda, il-livelli, u t-triqat Tiegħu. Bl-ebda mod m'hi esaġerazzjoni jekk wieħed jgħid li Ġesù jaf lill-Missier aħjar minn kwalunkwe persuna oħra. Din ir-relazzjoni mill-qrib żgur għamlet lil Ġesù kapaċi jirrivela lil Missieru b'modi li ħadd iktar ma seta'.

9 It-tagħlim ta' Ġesù wera kemm hu kien konxju ta' kif jaħseb u jħoss Ġeħova u ta' dak li Hu jirrikjedi mill-aduraturi Tiegħu.* Ġesù rrivela lil Missieru saħansitra b'mod profond ieħor. Ġesù qal: "Min ra lili ra wkoll lill-Missier." (Ġwanni 14:9) Ġesù imita lil Missieru b'mod perfett f'dak kollu li qal u għamel. Għalhekk, meta naqraw fil-Bibbja dwar Ġesù—il-kliem qawwi u ħelu li uża fit-tagħlim tiegħu, il-mogħdrija li qanqlitu biex ifejjaq lil oħrajn, u l-empatija li qanqlitu biex jibki—aħna nistgħu nimmaġinaw lil Ġeħova jgħid u jagħmel dawn l-istess affarijiet. (Mattew 7:28, 29; Marku 1:40-42; Ġwanni 11:32-36) It-triqat u r-rieda tal-Missier jintwerew b'mod perfett fil-kliem u fl-azzjonijiet ta' l-Iben. (Ġwanni 5:19; 8:28; 12:49, 50) B'hekk, sabiex ikollna l-approvazzjoni ta' Ġeħova, irridu nagħtu widen

* Per eżempju, ara l-kliem ta' Ġesù mniżżel f'Mattew 10:29-31; 18:12-14, 21-35; 22:36-40.

9, 10. (a) Ġesù kif irrivelah lil Missieru? (b) Sabiex ikollna l-approvazzjoni ta' Ġeħova, xi rridu nagħmlu?

għat-tagħlim ta' Ġesù u nsegwu l-eżempju tiegħu.—Ġwanni 14:23.

10 Ladarba Ġesù jaf lil Ġeħova b'mod intimu u jimitah b'mod perfett, ma nistagħġbux li Ġeħova ddetermina li l-Iben hu l-mezz li bih nistgħu navviċinaw lill-Missier. B'dan il-pedament, jiġifieri, bil-fehma għala nistgħu navviċinaw lil Ġeħova permezz ta' Ġesù biss, ejja issa niddiskutu t-tifsir tal-kliem ta' Ġesù: "Jien it-triq, il-verità, u l-ħajja. Ħadd ma jiġi għand il-Missier ħlief permezz tiegħi."—Ġwanni 14:6.

## "Jien it-Triq"

11 Diġà tgħallimna li l-uniku mod kif navviċinaw lil Alla hu permezz ta' Ġesù. Ikkunsidra, b'mod iktar speċifiku, xi jfisser dan għalina. Ġesù hu "t-triq" fis-sens li permezz tiegħu biss nistgħu nidħlu f'relazzjoni approvata m'Alla. Dan għala huwa minnu? Minħabba li baqa' leali sal-mewt, Ġesù ta ħajtu bħala sagrifiċċju ta' fidwa. (Mattew 20:28) Mingħajr dan il-provvediment tal-fidwa, ikun impossibbli għalina biex navviċinaw lil Alla. Id-dnub joħloq tfixkil bejn il-bnedmin u Alla, għaliex Ġeħova hu qaddis, u għalhekk qatt ma jista' japprova d-dnub. (Isaija 6:3; 59:2) Imma s-sagrifiċċju ta' Ġesù neħħa dan it-tfixkil; ipprovda t-tpattija xierqa għad-dnub. (Ebrej 10:12; 1 Ġwanni 1:7) Jekk naċċettaw il-provvediment t'Alla permezz ta' Kristu u npoġġu fidi fih, jista' jkollna l-approvazzjoni ta' Ġeħova. Jidher ċar li m'hemmx mod ieħor kif 'nitħabbu m'Alla.'*—Rumani 5:6-11.

---

* Fi Ġwanni 14:6, l-użu tal-pronom persunali "jien" flimkien ma' l-artiklu definit, "it-," jenfasizza li l-pożizzjoni ta' Ġesù hija unika, li hu t-triq, l-uniku wieħed li permezz tiegħu nistgħu navviċinaw lill-Missier.

---

11. (a) Għala nistgħu nidħlu f'relazzjoni approvata m'Alla permezz ta' Ġesù biss? (b) Il-kliem imniżżel fi Ġwanni 14:6 kif jenfasizza l-pożizzjoni unika ta' Ġesù? (Ara n-nota ta' taħt.)

12 Ġesù hu "t-triq" b'konnessjoni mat-talb. Permezz ta' Ġesù biss nistgħu mmorru għand Ġeħova bit-talb bl-assiguranza li l-petizzjonijiet tagħna mill-qalb se jinstemgħu b'mod favorevoli. (1 Ġwanni 5:13, 14) Ġesù nnifsu qal: "Jekk titolbu xi ħaġa lill-Missier f'ismi, jagħtihielkom. . . . Itolbu u taqilgħu, biex il-ferħ tagħkom jintgħamel sħiħ." (Ġwanni 16:23, 24) Bix-xieraq, f'isem Ġesù, nistgħu navviċinaw lil Ġeħova bit-talb u nsejħulu "Missierna." (Mattew 6:9) Ġesù hu "t-triq" b'mod ieħor—bl-eżempju tiegħu. Bħalma ssemma qabel, Ġesù imita lil Missieru b'mod perfett. B'hekk, l-eżempju ta' Ġesù jurina kif ngħixu b'tali mod li nogħġbu lil Ġeħova. Għalhekk, sabiex navviċinaw lil Ġeħova, irridu nimxu wara l-passi ta' Ġesù.—1 Pietru 2:21.

## "Jien . . . il-Verità"

13 Ġesù dejjem tkellem il-verità dwar il-kelma profetika ta' Missieru. (Ġwanni 8:40, 45, 46) Ebda qerq ma qatt instab f'fomm Ġesù. (1 Pietru 2:22) Saħansitra anki l-opponenti tiegħu għarfu li hu għallem "it-triq t'Alla fi qbil mal-verità." (Marku 12:13, 14) Madankollu, meta Ġesù qal "jien . . . il-verità," ma kienx sempliċement qed jirreferi għall-fatt li hu għamel il-verità magħrufa permezz tal-kliem, l-ippridkar, u t-tagħlim tiegħu. Huwa meħtieġ iktar—ħafna iktar —mill-kliem.

14 Ftakar li sekli qabel, Ġeħova kien ispira lill-kittieba tal-Bibbja biex iniżżlu bil-miktub ħafna profeziji dwar il-Messija, jew Kristu. Dawn il-profeziji bassru dettalji dwar il-ħajja, il-ministeru, u l-mewt tiegħu. Barra minn hekk, il-Liġi Mosajka kien fiha dellijiet profetiċi li ppontaw lejn il-Messija. (Ebrej 10:1) Kien Ġesù se juri l-fedeltà tiegħu sal-

12. Ġesù b'liema modi hu "t-triq"?
13, 14. (a) Ġesù kif wera l-verità permezz ta' kliemu? (b) Sabiex Ġesù jkun "il-verità," x'kellu jagħmel, u għala?

mewt, u b'hekk iwettaq l-affarijiet kollha profetizzati dwaru? F'dak il-waqt biss Ġeħova kien se jiġi vindikat bħala l-Alla tal-profezija vera. Ġesù kellu din ir-responsabbiltà kbira fuq spallejh. Bil-mod ta' kif għex—kull kelma li qal u kull għemil li wettaq—Ġesù ta prova li d-dellijiet profetiċi kienu tabilħaqq veri. (2 Korintin 1:20) B'hekk, Ġesù *kien* "il-verità." Kien "il-verità" fis-sens li l-kelma profetika ta' Ġeħova twettqet bil-wasla ta' Ġesù.—Ġwanni 1:17; Kolossin 2: 16, 17.

## "Jien . . . il-Ħajja"

15 Ġesù huwa "l-ħajja," għaliex huwa biss permezz tiegħu li nistgħu nirċievu l-ħajja—jiġifieri, "il-ħajja vera." (1 Timotju 6:19) Il-Bibbja tgħid: "Min jeżerċita l-fidi fl-Iben għandu l-ħajja ta' dejjem; min ma jobdix lill-Iben ma jarax il-ħajja, imma l-korla t'Alla tibqa' fuqu." (Ġwanni 3:36) Xi jfisser li teżerċita fidi fl-Iben t'Alla? Ifisser li aħna nkunu konvinti li mingħajru ma nistgħux niksbu l-ħajja. Iktar minn hekk, ifisser li nuru l-fidi tagħna b'għemejjel, inkomplu nitgħallmu minn Ġesù, u nagħmlu l-almu tagħna biex insegwu t-tagħlim u l-eżempju tiegħu. (Ġakbu 2:26) B'hekk, jekk neżerċitaw fidi fl-Iben t'Alla se niksbu l-ħajja ta' dejjem—ħajja immortali bħala spirti fis-sema għal "merħla żgħira" ta' Kristjani midlukin bl-ispirtu, u ħajja umana perfetta f'ġenna ta' l-art għal "folla kbira" ta' "nagħaġ oħrajn."—Luqa 12:32; 23:43; Rivelazzjoni 7:9-17; Ġwanni 10:16.

16 Xi ngħidu għal dawk li diġà mietu? Ġesù hu "l-ħajja" għalihom ukoll. Ftit qabel ma rxoxta mill-mewt lill-ħabib tiegħu Lazzru, Ġesù qal lil Marta, oħt Lazzru: "Jien l-irxoxt u l-ħajja. Min jeżerċita l-fidi fija, avolja jmut, se jieħu

---

15. Xi jfisser li neżerċitaw fidi fl-Iben, u dan għal xiex jista' jwassal?
16, 17. (a) Ġesù kif se juri li hu "l-ħajja" saħansitra għal dawk li mietu? (b) Liema fiduċja jista' jkollna?

l-ħajja." (Ġwanni 11:25) Ġeħova fada lil Ibnu bl-"imfietaħ tal-mewt u tal-Qabar," billi tah il-qawwa li jirxoxta lin-nies. (Rivelazzjoni 1:17, 18) B'dawn l-imfietaħ, Ġesù glorifikat se jiftaħ il-bibien tal-Qabar, u b'hekk jeħles lil dawk kollha li qed jinżammu fih.—Ġwanni 5:28, 29.

17 "Jien it-triq, il-verità, u l-ħajja"—b'din l-istqarrija sempliċi, Ġesù ġabar fil-qosor il-mira tal-ħajja u l-ministeru tiegħu fuq l-art. Dan il-kliem hu mimli tifsir għalina llum. Ftakar li Ġesù kompla din l-istqarrija billi qal: "Ħadd ma jiġi għand il-Missier ħlief permezz tiegħi." (Ġwanni 14:6) Il-kliem ta' Ġesù għadu japplika llum daqskemm kien meta qalu. Għalhekk, jista' jkollna fiduċja sħiħa li jekk insegwu lil Ġesù, qatt ma se nintilfu. Hu, u hu biss, se jurina t-triq li twassal "għand il-Missier."

## Int X'Se Tagħmel?

18 Meta tqis l-irwol vitali ta' Ġesù u l-għarfien intimu li għandu tal-Missier, għandna raġuni tajba biex insegwu lill-Iben. Bħalma rajna fil-kapitlu ta' qabel, li nkunu segwaċi veri ta' Ġesù jinvolvi azzjonijiet, mhux biss kliem jew sentimenti. Sabiex insegwu lil Kristu rridu nimitaw it-tagħlim u l-eżempju tiegħu. (Ġwanni 13:15) L-għajnuna għall-istudju li qed taqra issa tista' tgħinek tagħmel dan.

19 Fil-kapitli li ġejjin, se nistudjaw bir-reqqa l-ħajja u l-ministeru ta' Ġesù. Dawn il-kapitli huma mqassmin fi tliet sezzjonijiet. L-ewwel, se nagħtu ħarsa ġenerali lejn il-kwalitajiet tiegħu u l-mod kif kien jagħmel l-affarijiet. It-tieni, se neżaminaw l-eżempju żeluż tiegħu fl-ippridkar u fit-tagħlim. It-tielet, se nikkunsidraw kif wera l-imħabba tiegħu. Minn Kapitlu 3 'l quddiem insibu kaxxa tat-tagħlim intito-

---

18. X'jinvolvi li nkunu segwaċi veri ta' Ġesù?

19, 20. Din l-għajnuna għall-istudju x'fiha li jista' jgħinek fl-isforzi tiegħek biex issegwi lil Kristu?

## Xi Titli Mogħtijin lil Ġesù Kristu

**L-Amen** (li tfisser "hekk ikun," jew "żgur"). Hu l-Wieħed li permezz tiegħu l-wegħdi t'Alla jitwettqu.—2 Korintin 1:19, 20.

**Il-Kelma.** Hu l-Kelliemi ta' Ġeħova.—Ġwanni 1:1.

**Kunsillier ta' l-Għaġeb.** Il-pariri ta' Ġesù huma dejjem prattiċi u perfetti. Jekk nimxu magħhom se niksbu salvazzjoni.—Isaija 9:6; Ġwanni 6:68.

**Missier Etern.** Ġeħova tah il-qawwa u l-awtorità sabiex jagħti lill-bnedmin il-prospett ta' ħajja eterna fil-perfezzjoni fuq l-art. —Isaija 9:6.

**Prinċep tal-Paċi.** Bħala l-Ħakkiem tas-Saltna t'Alla, Ġesù se jistabbilixxi fuq l-art paċi li se tkun globali u li qatt ma tintemm. —Isaija 9:6.

**Il-Qassis il-Kbir.** Hu jista' jnaddafna mid-dnub u jeħlisna mill-effetti tad-dnub li jġibu l-mewt.—Ebrej 3:1; 9:13, 14, 25, 26.

**Sultan tas-slaten.** Bħala Sultan tas-sema maħtur minn Alla, Ġesù huwa ħafna iktar setgħan minn kwalunkwe ħakkiem ta' l-art.—Rivelazzjoni 17:14.

lata "Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?" L-iskritturi u l-mistoqsijiet misjubin fiha huma magħmulin b'tali mod li jgħinuna nimmeditaw fuq kif nistgħu nimitaw lil Ġesù bil-kliem u bl-għemil.

20 Bl-għajnuna t'Alla Ġeħova, int m'għandekx għalfejn tħossok mitluf, imbiegħed minnu minħabba li writt id-dnub. Minkejja li swielu ħafna, Ġeħova bi mħabba bagħat lil Ibnu biex jurina t-triq ħalli nidħlu f'relazzjoni approvata m'Alla. (1 Ġwanni 4:9, 10) Jalla tħossok imqanqal, iva, imħeġġeġ, biex twieġeb għal din l-imħabba kbira billi taċċetta u taġixxi fi qbil ma' l-istedina ta' Ġesù: "Kun segwaċi tiegħi."—Ġwanni 1:43.

L-EWWEL SEZZJONI

# “EJJA U ARA” LILL-KRISTU

*Ġesù għex bħala bniedem xi 2,000 sena ilu, madankollu, għadu possibbli għalina llum li ‘niġu u naraw’ lill-Iben t’Alla.* (*Ġwanni 1:46*) *Ir-rakkonti ta’ l-Evanġelju jagħtu stampa ħajja tal-personalità, l-attitudnijiet, u t-triqat tiegħu. Din is-sezzjoni se tipprovdi ħarsa ġenerali tal-kwalitajiet li jispikkaw ta’ Ġesù.*

# "Jien . . . Umli f'Qalbi"

F'ĠERUSALEMM hemm għagħa kbira t'eċċitament. Ġej raġel importanti! 'Il barra mill-belt, in-nies qed jinġemgħu tul it-triq. Jinsabu ħerqanin biex jilqgħu lil dan ir-raġel, għax xi wħud qed jgħidu li hu werriet tas-Sultan David u l-Ħakkiem bi dritt ta' Israel. Għadd minnhom iġibu xi friegħi tal-palm biex ixejruhom huma u jilqgħuh; oħrajn jifirxu lbiesi u friegħi tas-siġar fit-triq biex iwittu l-mogħdija quddiemu. (Mattew 21:7, 8; Ġwanni 12:12, 13) Ħafna x'aktarx qed jaħsbu dwar il-mod li bih se jidħol il-belt.

2 Xi wħud għandhom mnejn qed jistennew li se jaraw wirja spettakolari. Huma żgur li jafu bi rġiel importanti li daħlu b'mod impressjonanti. Per eżempju, Absalom, bin David, għamel lilu nnifsu sultan; hu kellu 50 raġel jiġru quddiem il-karru tiegħu. (2 Samwel 15:1, 10) Il-ħakkiem Ruman Ġulju Ċesari ried saħansitra affarijiet iktar elaborati; darba minnhom hu mexxa purċissjoni trijonfali sal-kapitolju Ruman, iċ-ċentru politiku ta' dak iż-żmien, b'40 iljunfant iġorru l-fanali fuq il-lemin u fuq ix-xellug tiegħu! Madankollu, issa n-nies ta' Ġerusalemm qed jistennew raġel ħafna iktar importanti. Jekk il-folol jifhmux dan bis-sħiħ jew le, dan hu l-Messija, l-aqwa bniedem li qatt għex. Però, meta jidħol il-belt dak li fil-futur kellu jkun Sultan, xi wħud għandhom mnejn jibqgħu mistagħġbin.

3 Huma ma jaraw ebda karru, ebda ġerrejja, ebda żwiemel —u ċertament ebda ljunfanti. Minflok, Ġesù daħal riekeb fuq

1-3. Ġesù b'liema mod jidħol f'Ġerusalemm, u wħud mill-folla li qed josservaw għala forsi jibqgħu mistagħġbin?

ħmar, annimal komuni tat-tagħbija.* La r-rikkieb u lanqas il-ħmar ma huma mżejnin bi lbies elaborat. Minflok sarġ li jiswa ħafna flus, hemm xi lbiesi li s-segwaċi l-iktar qrib ta' Ġesù firxu fuq dahar l-annimal. Ġesù għala jagħżel li jidħol Ġerusalemm b'daqstant umiltà, meta rġiel li kienu ta' ħafna inqas importanza insistew li jkollhom ħafna iktar pompa u ċerimonja?

4 Ġesù qed iwettaq profezija: "Kun ferħana ferm . . . Għajjat bil-ferħ ta' rebħa, O bint Ġerusalemm. Ara! Is-sultan tiegħek jiġi għandek. Hu ġust, iva, salvat; umli, u riekeb fuq ħmar." (Żakkarija 9:9) Din il-profezija wriet li l-Midluk t'Alla, il-Messija, xi darba kellu jirrivela lilu nnifsu lin-nies ta' Ġerusalemm bħala s-Sultan maħtur minn Alla. Iżjed minn hekk, il-mod kif jagħmel dan, inkluż il-fatt li jagħżel li jirkeb fuq ħmar, kellu jikxef kwalità sabiħa f'qalbu—l-umiltà.

5 L-umiltà ta' Ġesù hi fost l-iktar kwalitajiet tiegħu li jiġbduk, waħda li tqanqlilna qalbna meta naħsbu dwarha. Bħalma ddiskutejna fil-kapitlu ta' qabel, Ġesù biss hu "t-triq, il-verità, u l-ħajja." (Ġwanni 14:6) B'mod ċar, ħadd millħafna biljuni ta' nies li għexu fuq din l-art ma kienu importanti daqs l-Iben t'Alla. Madankollu, Ġesù qatt ma wera saħansitra traċċa tal-kburija, is-suppervja, jew l-arroganza li juru għadd bla qjies ta' bnedmin imperfetti. Sabiex inkunu segwaċi ta' Kristu, irridu niġġieldu t-tendenza li nċedu

---

* Rigward din il-ġrajja, xogħol wieħed ta' referenza jgħid li dawn l-annimali "huma ħlejjaq sempliċi," u jżid jgħid: "Jimxu bil-mod, huma stinati, huma l-annimali li l-foqra kienu mdorrijin jużaw għaxxogħol, u m'humiex daqstant sbieħ."

---

4. Il-Bibbja x'bassret dwar il-mod li bih is-Sultan Messjaniku kellu jidħol Ġerusalemm?

5. L-umiltà ta' Ġesù għala tqanqlilna qalbna meta naħsbu dwarha, u għala huwa vitali li nitgħallmu nimitaw lil Ġesù f'dan ir-rigward?

***"Ara! Is-sultan tiegħek jiġi għandek"***



għall-kburija. (Ġakbu 4:6) Ftakar, Ġeħova jobgħod is-suppervja. Għalhekk, huwa vitali li nitgħallmu nimitaw l-umiltà ta' Ġesù.

## Rekord Twil f'li Juri Umiltà

6 Attitudni t'umiltà hija meta dak li jkun ma jkunx supperv jew kburi. Hija kwalità li tibda fil-qalb u li tintwera bil-kliem, bil-kondotta, u bil-mod kif individwu jittratta m'oħrajn. Ġeħova kif kien jaf li l-Messija kien se jkun umli? Kien jaf li Ibnu kien jirrifletti l-eżempju perfett tiegħu stess t'umiltà. (Ġwanni 10:15) Ukoll, hu kien ra l-umiltà ta' l-Iben fl-azzjoni. Kif?

7 Il-ktieb ta' Ġuda jagħtina eżempju affaxxinanti: "Meta Mikiel l-arkanġlu kellu tilwima max-Xitan u kien qed jargumenta miegħu dwar il-ġisem ta' Mosè, ma ssograx jikkundannah bit-tgħajjir, imma qallu: 'Ħa jċanfrek Ġeħova.' " (Ġuda 9) Mikiel hu isem mogħti lil Ġesù—qabel u wara l-ħajja tiegħu fuq l-art—fl-irwol tiegħu bħala arkanġlu, jew kap ta' l-armata t'anġli ta' Ġeħova fis-sema.* (1 Tessalonikin 4:16) Però, innota kif Mikiel ħa ħsieb din il-konfrontazzjoni ma' Satana.

8 Ir-rakkont ta' Ġuda ma jgħidilniex x'ried jagħmel Satana bil-ġisem ta' Mosè, imma nistgħu nkunu ċerti li x-Xitan kellu xi skop mill-agħar f'moħħu. Forsi ried jinkuraġġixxi l-użu ħażin tal-katavru ta' dan ir-raġel leali f'qima falza. Filwaqt li Mikiel irreżista l-iskop mill-agħar ta' Satana, hu wera wkoll rażna ta' l-għaġeb. Satana żgur li kien ħaqqu ċanfira, imma Mikiel, li f'dak il-waqt li kien qed jitlewwem ma' Satana kien

---

* Għal iktar evidenza li Mikiel huwa Ġesù, ara paġni 218-19 tal-ktieb *Il-Bibbja X'Tgħallem Verament?* pubblikat mix-Xhieda ta' Ġeħova.

---

6. X'inhi l-umiltà, u Ġeħova kif kien jaf li l-Messija kien se jkun umli?
7-9. (a) Mikiel kif wera l-umiltà fil-konfrontazzjoni tiegħu ma' Satana? (b) Il-Kristjani kif jistgħu jimitaw lil Mikiel f'li juru l-umiltà?

għadu ma ngħatax id-dritt li "jiġġudika lil kulħadd," ħass li ġudizzju bħal dan kellu jiġi biss mingħand Alla Ġeħova. (Ġwanni 5:22) Bħala l-arkanġlu, Mikiel kellu awtorità kbira. Madankollu, hu b'umiltà ħalla l-kwistjoni f'idejn Ġeħova minflok ma pprova jaħtaf iktar awtorità. Minbarra l-umiltà, hu wera wkoll il-modestja, jiġifieri, kien konxju tal-limitazzjonijiet tiegħu.

9 Kien hemm raġuni għala Ġuda ġie ispirat biex jikteb dwar din il-ġrajja. B'sogħba, xi Kristjani fi żmien Ġuda ma kinux umli. B'suppervja kienu qed "imaqdru dak kollu li fil-fatt ma [kinux jafu] dwaru." (Ġuda 10) Kemm hu faċli għalina bħala bnedmin imperfetti li nħallu l-kburija tagħna tegħlibna! Meta ma nifhmux xi ħaġa li tkun saret fil-kongregazzjoni Kristjana—forsi li tinvolvi deċiżjoni meħuda mill-ġemgħa ta' l-anzjani—kif nirreaġixxu? Kieku kellna nieħdu sehem f'diskors negattiv u kritiku avolja ma nkunux nafu l-fatturi kollha wara dawn id-deċiżjonijiet, ma nkunux forsi qed nuru nuqqas t'umiltà? Minflok, ejja nimitaw lil Mikiel, jew Ġesù, billi nżommu lura milli niġġudikaw kwistjonijiet li fuqhom m'għandna l-ebda awtorità mogħtija minn Alla.

10 L-Iben t'Alla wera l-umiltà wkoll billi aċċetta l-inkarigu biex jinżel fuq l-art. Ikkunsidra dak li kellu jħalli warajh. Hu kien l-arkanġlu. Kien ukoll "il-Kelma"—il-Kelliemi ta' Ġeħova nnifsu. (Ġwanni 1:1-3) Hu kien jgħammar fis-sema, il-"post eżaltat . . . ta' qdusija u sbuħija" ta' Ġeħova. (Isaija 63:15) Minkejja dan, l-Iben "xejjen lilu nnifsu u ħa s-sura ta' lsir u sar jixbah lill-bnedmin." (Filippin 2:7) Aħseb ftit dwar x'kien jinvolvi dan l-inkarigu fuq l-art! Ħajtu tpoġġiet fil-ġuf ta' verġni Lhudija biex tiżviluppa għal disa' xhur sabiex issir tarbija umana. Hu twieled f'familja ta' mastrudaxxa fqir bħala tarbija li ma tista' tagħmel xejn u mbagħad kiber biex sar tifel, tfajjel, u adoloxxenti. Għalkemm hu nnifsu kien

---

10, 11. (a) X'inhu rimarkevoli dwar il-fatt li l-Iben t'Alla minn jeddu aċċetta l-inkarigu li jinżel fuq l-art? (b) Kif nistgħu nimitaw l-umiltà ta' Ġesù?

perfett, matul żgħożitu baqa' sottomess lejn ġenituri umani imperfetti. (Luqa 2:40, 51, 52) X'umiltà straordinarja din!

11 Nistgħu aħna nimitaw l-umiltà ta' Ġesù billi minn jeddna naċċettaw inkarigi ta' servizz li kultant jidhru li jnaqqsulna d-dinjità? Per eżempju, l-inkarigu tagħna biex nippridkaw l-aħbar tajba tas-Saltna t'Alla jista' jidher li jnaqqas id-dinjità tagħna meta n-nies juru apatija, iwaqqgħuna għaċ-ċajt, jew ikunu ħorox. (Mattew 28:19, 20) Però, jekk nissaportu f'dan ix-xogħol, forsi nkunu nistgħu ngħinu biex insalvaw il-ħajjiet. Kemm jekk insalvaw il-ħajjiet u kemm jekk le, se nitgħallmu ħafna dwar l-umiltà, u se nsegwu l-passi ta' Sidna, Ġesù Kristu.

## L-Umiltà ta' Ġesù Bħala Bniedem

12 Mill-bidu sa l-aħħar, fil-ministeru ta' Ġesù fuq l-art, kienet tispikka l-umiltà. Hu wrieha bil-mod kif idderieġa t-tifħir u l-glorja kollha lejn Missieru. In-nies kultant faħħru lil Ġesù minħabba l-għerf ta' kliemu, il-qawwa tal-mirakli tiegħu, saħansitra kemm kien twajjeb fil-karattru tiegħu. Darba wara l-oħra, Ġesù m'aċċettax il-glorja għalih innifsu u minflok idderiġieha lejn Ġeħova.—Marku 10:17, 18; Ġwanni 7:15, 16.

13 Ġesù wera l-umiltà fil-mod kif ittratta lin-nies. Fil-fatt, għamilha ċara li hu ġie fuq l-art biex jaqdi lil oħrajn, mhux biex ikun moqdi. (Mattew 20:28) Hu wera l-umiltà bil-kuntatt ġwejjed u raġunevoli li kellu man-nies. Meta s-segwaċi tiegħu ddiżappuntawh, hu ma kkritikahomx bl-aħrax; hu baqa' jipprova jilħqilhom qalbhom. (Mattew 26:39-41) Meta l-folol ma ħallewhx ifittex il-kwiet, il-mistrieħ, u l-privatezza, hu ma bagħathomx 'l hemm imma baqa' jagħti minnu nnifsu, billi 'għallimhom ħafna affarijiet.' (Marku 6:30-34) Meta mara li ma kinitx Israelija baqgħet titolbu biex ifejjaq

---

12-14. (a) Ġesù kif wera l-umiltà meta n-nies kienu jfaħħruh? (b) Ġesù kif wera l-umiltà meta ttratta m'oħrajn? (ċ) X'juri li l-umiltà ta' Ġesù ma kinitx sempliċi kwistjoni ta' formalità jew manjieri tajbin?

lil bintha, hu għall-ewwel taha x'tifhem li ma kienx se jagħmel dan. Madankollu, ma rrifjutax b'rabja; hu ċeda għal dak li talbitu minħabba l-fidi straordinarja tagħha, kif se niddiskutu f'Kapitlu 14.—Mattew 15:22-28.

14 B'ħafna modi, Ġesù wettaq kliemu stess dwaru nnifsu: "Jien ġwejjed u umli f'qalbi." (Mattew 11:29) L-umiltà tiegħu ma kinitx superfiċjali, sempliċi kwistjoni ta' formalità jew manjieri tajbin. Ġiet minn qalbu, mill-ġewwieni tiegħu. Għalhekk, mhux ta' b'xejn li Ġesù kien iqisha importanti ħafna li jgħallem lis-segwaċi tiegħu biex ikunu umli!

## Għallem lis-Segwaċi Tiegħu Jkunu Umli

15 L-appostli ta' Ġesù damu ma kkultivaw l-umiltà. Ġesù ġie mqanqal biex għal darba wara l-oħra jipprova jgħallimhom ikunu umli. Per eżempju, darba minnhom Ġakbu u Ġwanni, permezz t'ommhom, talbu lil Ġesù jwegħedhom pożizzjonijiet għoljin fis-Saltna t'Alla. B'modestja, Ġesù wieġeb: "Li toqogħdu bil-qiegħda fuq il-lemin u fuq ix-xellug tiegħi ma nistax nagħtih jien, imma hu ta' dawk li tħejja għalihom minn Missieri." L-għaxar appostli oħrajn "xejn ma ħadu pjaċir" b'Ġakbu u Ġwanni. (Mattew 20:20-24) Ġesù kif ittrattaha din il-problema?

16 Hu b'qalb tajba ċanfarhom ilkoll, billi qal: "Intom tafu li l-ħakkiema tal-ġnus jiddominawhom u l-kbarat għandhom awtorità fuqhom. Dan m'għandux ikun fostkom; imma kulmin irid isir kbir fostkom irid ikun il-qaddej tagħkom, u kulmin irid ikun l-ewwel fostkom irid ikun l-ilsir tagħkom." (Mattew 20:25-27) L-appostli x'aktarx li kienu raw kemm setgħu jkunu kburin, ambizzjużi, u egoisti "l-ħakkiema tal-ġnus." Ġesù wera li s-segwaċi tiegħu kellhom ikunu differenti minn dawn it-tiranni għatxana għall-poter. Kellhom bżonn ikunu umli. Fehmuh il-punt l-appostli?

---

15, 16. Liema kuntrast għamel Ġesù rigward l-attitudni tal-ħakkiema dinjin u l-attitudni li s-segwaċi tiegħu kellhom bżonn jikkultivaw?

[17] Ma kienx faċli għalihom. Din la kienet l-ewwel u lanqas l-aħħar darba li Ġesù għallem lezzjoni bħal din. Iktar kmieni, meta kienu argumentaw dwar min minnhom kien l-akbar, hu kien poġġa tifel żgħir f'nofshom u qalilhom biex jixbhu iktar lit-tfal, li għandhom it-tendenza li ma jkunux kburin u ambizzjużi, u ma jaħsbux dwar pożizzjonijiet, affarijiet li huma tant komuni fost l-adulti. (Mattew 18:1-4) Minkejja dan, proprju lejliet il-mewt tiegħu, hu ra li l-appostli tiegħu kienu għadhom qed jissieltu mal-kburija. Imbagħad għallimhom lezzjoni memorabbli ħafna. Hu ħażżem lilu nnifsu b'xugaman u wettaq dak li kien meqjus bħala l-iktar xogħol li jnaqqas id-dinjità, xogħol li l-ilsiera lura f'dak iż-żmien kienu jwettqu għall-mistidnin. Ġesù ħasel saqajn kull wieħed mill-appostli tiegħu—inkluż Ġuda, li kien se jittradih!—Ġwanni 13:1-11.

[18] Ġesù għenhom jifhmu l-punt meta qalilhom: "Ħallejtilkom mudell." (Ġwanni 13:15) Messitilhom qalbhom din il-lezzjoni issa? Ikkunsidra dan, iktar tard dak il-lejl stess kellhom argument ieħor dwar min kien l-akbar fosthom! (Luqa 22:24-27) Xorta waħda, Ġesù baqa' juri l-paċenzja magħhom u jgħallimhom bl-umiltà. Imbagħad kompla billi ta l-iktar lezzjoni qawwija: "Umilja ruħu u sar ubbidjenti sal-mewt, iva, sal-mewt fuq zokk tat-tortura." (Filippin 2:8) Ġesù minn jeddu ssottometta ruħu għal mewta umiljanti, billi ġie kundannat b'mod żbaljat bħala kriminal u midgħi. B'hekk, l-Iben t'Alla wera li kien uniku, għaliex fost il-ħlejjaq kollha ta' Ġeħova, Ġesù wera l-umiltà b'mod perfett u bis-sħiħ.

[19] Forsi kienet din—l-aħħar lezzjoni dwar l-umiltà li Ġesù għallem bħala bniedem—li naqqxet il-kwalità ta' l-umiltà fi qlub l-appostli leali tiegħu b'mod li ma jitħassarx. Il-Bibbja tgħidilna li snin, saħansitra għaxriet ta' snin wara, dawn l-ir-

---

17-19. (a) F'lejliet il-mewt tiegħu, Ġesù b'liema mod memorabbli għallem lill-appostli tiegħu lezzjoni dwar l-umiltà? (b) Liema kienet l-iktar lezzjoni qawwija dwar l-umiltà li Ġesù għallem bħala bniedem?

ġiel kienu għadhom għaddejjin b'xogħolhom bl-umiltà. Xi ngħidu għalina?

## Int Se Ssegwi l-Eżempju li Ħalla Ġesù?

[20] Pawlu jwissina lkoll: "Żommu din l-attitudni mentali fikom li kienet ukoll fi Kristu Ġesù." (Filippin 2:5) Bħal Ġesù, irridu nkunu umli f'qalbna. Kif nistgħu nkunu nafu jekk aħniex umli f'qalbna? Ikkunsidra dan, Pawlu jfakkarna li m'għandna nagħmlu 'xejn bi ġlied jew bi kburija, imma b'umiltà nqisu lill-oħrajn superjuri għalina.' (Filippin 2:3) Għalhekk, it-tweġiba għal din il-mistoqsija tiddependi minn kif inqisu lill-oħrajn meta nqabbluhom magħna nfusna. Irridu nqisuhom bħala superjuri, bħala iktar importanti, minna nfusna. Int se tapplikah dan il-parir?

[21] Ħafna snin wara l-mewt ta' Ġesù, l-appostlu Pietru kien għadu qed jaħseb dwar l-importanza ta' l-umiltà. Pietru għallem lill-indokraturi Kristjani biex iwettqu l-obbligi tagħhom bl-umiltà, billi qatt ma jiddominaw fuq in-nagħaġ ta' Ġeħova. (1 Pietru 5:2, 3) Ir-responsabbiltà li wieħed jista' jkollu ma tiġġustifikahx biex ikun kburi. Għall-kuntrarju, ir-responsabbiltà żżid il-bżonn li jkun hemm umiltà ġenwina. (Luqa 12:48) M'għandniex xi ngħidu, din il-kwalità m'hijiex vitali biss għall-indokraturi imma għal kull Kristjan.

[22] Pietru żgur qatt ma nesa dak il-lejl meta Ġesù kien ħasillu saqajh—minkejja li Pietru nnifsu kien oġġezzjona! (Ġwanni 13:6-10) Pietru kiteb lill-Kristjani: "Ilkoll kemm intom tħażżmu bl-umiltà lejn xulxin." (1 Pietru 5:5) L-espressjoni "tħażżmu" tagħti l-idea ta' l-azzjoni li jieħu lsir biex jitħażżem b'fardal biex iwettaq xogħol li kien meqjus bħala li jnaqqas id-dinjità. Il-frażi tista' tfakkarna fl-okkażjoni meta Ġesù ħażżem lilu nnifsu b'xugaman qabel ma niżel għarkopptejh

---

20. Kif nistgħu nkunu nafu jekk aħniex umli f'qalbna?
21, 22. (a) L-indokraturi Kristjani għala għandhom bżonn ikunu umli? (b) Kif nistgħu nuru li aħna mħażżmin bl-umiltà?

### Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?

- Meta titħajjar tiftaħar dwar dak li tkun wettaqt, l-eżempju ta' Ġesù kif jista' jiggwidak?—Mattew 12:15-19; Marku 7:35-37.
- Kif tista' timita l-eżempju ta' Ġesù billi tagħmel xogħol umli għal ħutek spiritwali?—Ġwanni 21:1-13.
- Kif tista' tibbenefika mill-eżempju ta' Ġesù jekk titħajjar tipprova tfittex prominenza u suċċess f'din is-sistema dinjija? —Ġwanni 6:14, 15.

biex jaħsel saqajn l-appostli. Jekk insegwu lil Ġesù, liema inkarigu mogħti minn Alla nistgħu qatt inqisuh bħala li jnaqqsilna d-dinjità? L-umiltà ta' qalbna trid tkun viżibbli għal kulħadd, bħallikieku aħna mħażżmin biha.

23 Is-suppervja hi bħall-velenu. L-effetti jistgħu jkunu devastanti. Hija kwalità li tista' tagħmel l-iktar bniedem intelliġenti jkun bla siwi għal Alla. Mill-banda l-oħra, l-umiltà tista' tagħmel lill-inqas wieħed jiswa ħafna f'għajnejn Ġeħova. Jekk nikkultivaw din il-kwalità prezzjuża kuljum billi nistinkaw biex nimxu bl-umiltà wara l-passi ta' Kristu, il-premju hu meraviljuż jekk naħsbu dwaru. Pietru kiteb: "Umiljaw ruħkom taħt l-id setgħana t'Alla, sabiex jeżaltakom fiż-żmien xieraq." (1 Pietru 5:6) Ġeħova ċertament li eżalta lil Ġesù talli umilja lilu nnifsu għalkollox. Bl-istess mod, Alla tagħna se jitgħaxxaq jippremjak għall-umiltà tiegħek.

24 B'dispjaċir, xi wħud jaħsbu li l-umiltà hija sinjal ta' dgħjufija. L-eżempju ta' Ġesù jgħinna naraw kemm din l-idea hija żbaljata, għaliex l-iktar raġel umli kien ukoll l-iktar raġel kuraġġuż. Dan se jkun is-suġġett tal-kapitlu li jmiss.

---

23, 24. (a) Għala għandna nirreżistu kwalunkwe tendenza ta' suppervja? (b) Il-kapitlu li jmiss se jgħinna nikkoreġu liema idea żbaljata rigward l-umiltà?

# "Ara! L-Iljun tat-Tribù ta' Ġuda"

MARMALJA qed tfittex lil Ġesù sabiex tarrestah. Armati bi sjuf u bsaten u b'suldati fosthom, l-irġiel jifformaw folla kbira. Bħallikieku mmexxijin minn skop wieħed mill-agħar, huma jgħaddu mit-toroq mudlama ta' Ġerusalemm u jaqsmu l-Wied ta' Kidron għall-Muntanja taż-Żebbuġ. Għalkemm il-qamar kwinta, qed iġorru t-torċi u l-imsiebaħ. Huwa dan minħabba li s-sħab qed jgħatti d-dawl tal-qamar? Jew qed jistennew li se jsibu lil dak li qed ifittxu mistoħbi fid-dlam? Ħaġa waħda hija ċerta: Kulmin jistenna li Ġesù se jaħrab bil-biża' ma jaf xejn dwar il-karattru tiegħu.

2 Ġesù hu konxju tal-periklu li riesaq. Minkejja dan, hu ma jipprovax jaħrab imma jibqa' jistenna fejn hu. Il-marmalja qed toqrob, immexxija minn Ġuda, li darba kien ħabib fdat ta' Ġesù. Ġuda jittradixxi lil Ġesù b'mod sfaċċat, billi jidentifika lil dak li qabel kien sidu b'tislima kollha ipokrisija u b'bewsa. Xorta waħda, Ġesù jibqa' kalm. Imbagħad jersaq quddiem il-marmalja. "Lil min qed tfittxu?" jistaqsi hu. "Lil Ġesù n-Nazzarenu," iwieġbu huma.

3 Il-biċċa l-kbira min-nies kieku jitriegħdu bil-biża' quddiem marmalja armata bħal din. Forsi l-folla hekk qed tistenna li se jagħmel dan ir-raġel li qiegħed quddiemhom. Imma Ġesù ma jibżax, ma jaħrabx, u lanqas ma taħrablu xi gidba. Minflok, hu sempliċement jgħid: "Jien hu." Tant hu kalm, tant hu qalbieni, li l-irġiel jibqgħu mbellhin. Huma jersqu lura u jaqgħu ma' l-art!—Ġwanni 18:1-6; Mattew 26:45-50; Marku 14:41-46.

4 Ġesù kif seta' jiffaċċja dan il-periklu kbir b'tant rażna u

---

1-3. Liema periklu jiffaċċja Ġesù, u kif jirreaġixxi?
4-6. (a) L-Iben t'Alla ma' xiex jiġi mxebbah, u għala? (b) Liema huma tliet modi li bihom Ġesù wera l-kuraġġ?

kontroll fuqu nnifsu? It-tweġiba, f'kelma waħda, hi l-kuraġġ. Il-kuraġġ huwa waħda mill-iktar kwalitajiet ammirati u bżonnjużi f'mexxej, u ebda bniedem ma qatt kien daqs Ġesù, aħseb u ara kemm kien aħjar minnu, f'dan ir-rigward. Fil-kapitlu ta' qabel, tgħallimna kemm Ġesù kien umli u ġwejjed. Hu bix-xieraq issejjaħ "il-Ħaruf." (Ġwanni 1:29) Madankollu, il-kuraġġ ta' Ġesù huwa r-raġuni għala ngħata deskrizzjoni oħra differenti ħafna. Il-Bibbja tgħid hekk dwar l-Iben t'Alla: "Ara! L-Iljun tat-tribù ta' Ġuda."—Rivelazzjoni 5:5.

5 L-iljun spiss jiġi assoċjat mal-kuraġġ. Qatt kont bil-wieqfa wiċċ imbwiċċ ma' ljun kbir? Jekk iva, x'aktarx li kont fis-sigurtà, mifrud minnu permezz ta' xi lqugħ ħdejn il-post fejn jinżamm fiż-żu. Xorta waħda, esperjenza bħal din tista' tkun tal-biża'. Hekk kif tħares fiss lejn wiċċ dan l-annimal kbir u b'saħħtu u hu jħares fiss lejk, żgur ma jgħaddilekx minn moħħok li l-iljun qatt se jaħrab bil-biża' minn xi ħaġa. Il-Bibbja titkellem dwar "l-iljun, l-iktar setgħan fost il-bhejjem u li ma jerġa' lura minn quddiem ħadd." (Proverbji 30:30) Il-kuraġġ ta' Kristu hu eżatt bħal ta' l-iljun.

6 Ejja niddiskutu kif Ġesù wera kuraġġ bħal ta' ljun bi tliet modi: billi ddefenda l-verità, billi wera l-ġustizzja, u billi ffaċċja l-oppożizzjoni. Se naraw ukoll li lkoll kemm aħna —kemm jekk aħna qalbenin minna nfusna u kemm jekk le—nistgħu nimitaw lil Ġesù f'li nuru l-kuraġġ.

## Hu Ddefenda l-Verità bil-Kuraġġ

7 F'dinja maħkuma minn Satana, "missier il-gidba," spiss jirrikjedi l-kuraġġ biex niddefendu l-verità. (Ġwanni 8:44; 14:30) Ġesù ma stenniex sakemm isir adult biex jieħu din il-waqfa. Meta kellu 12-il sena, Ġesù ntilef minn mal-ġenituri tiegħu wara l-festa tal-Qbiż f'Ġerusalemm. Għal tlett ijiem,

---

7-9. (a) X'ġara meta Ġesù kellu 12-il sena, u għala tħoss li din is-sitwazzjoni kienet xi ftit tal-biża'? (b) Ġesù kif wera l-kuraġġ bil-mod kif ittratta lill-għalliema fit-tempju?

Marija u Ġużeppi fittxewh bla heda. Fl-aħħar sabuh fit-tempju. U x'kien qed jagħmel hemm? Kien "bil-qiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom." (Luqa 2:41-50) Ikkunsidra l-isfond ta' din id-diskussjoni.

[8] L-istorjografi jgħidu li wħud mill-mexxejja reliġjużi prominenti kellhom id-drawwa li jibqgħu fit-tempju wara l-festi u jgħallmu f'wieħed mill-portiċi spazjużi li kien hemm. In-nies kienu joqogħdu bil-qiegħda ma' l-art u jistaqsuhom mistoqsijiet. Dawn l-għalliema kienu rġiel t'edukazzjoni għolja. Kienu jafu tajjeb x'tgħid il-Liġi Mosajka u wkoll il-liġijiet u t-tradizzjonijiet bla tarf u kumplessi li għamlu l-bnedmin u li kienu żdiedu tul is-snin. Kif stajt ħassejtek bilqiegħda f'nofshom? Xi ftit beżgħan? U bir-raġun. U xi ngħidu kieku kellek biss 12-il sena? Ħafna adoloxxenti huma mistħijin. (Ġeremija 1:6) Xi wħud jipprovaw jagħmlu minn kollox biex ma jiġbdux l-attenzjoni ta' l-għalliema tagħhom fl-iskola; dawn l-adoloxxenti jibżgħu li jiġu mitlubin jagħmlu jew jgħidu xi ħaġa, jibżgħu li jingħataw attenzjoni speċjali, jibżgħu li forsi se jiġu imbarazzati jew imwaqqgħin għaċċajt.

[9] Madankollu, hawnhekk insibu lil Ġesù, bil-qiegħda f'nofs dawn l-irġiel għorrief, bla biża' jistaqsihom mistoqsijiet li jolqtuhom fil-laħam il-ħaj. U għamel saħansitra iktar minn hekk. Ir-rakkont jgħidilna: "Dawk kollha li kienu qed jisimgħuh baqgħu mistagħġbin b'kemm kien jifhem u bit-tweġibiet tiegħu." (Luqa 2:47) Il-Bibbja ma tgħidilniex x'qal f'din l-okkażjoni, imma nistgħu nkunu fiduċjużi li hu ma qagħadx jirripeti t-tagħlim falz li tant kien jogħġob lil dawn l-għalliema reliġjużi. (1 Pietru 2:22) Le, hu żamm mal-verità tal-Kelma t'Alla, u s-semmiegħa tiegħu żgur baqgħu mbellhin b'tifel ta' 12-il sena li seta' jesprimi lilu nnifsu b'daqshekk dehen u kuraġġ.

[10] Illum, għadd kbir ta' Kristjani żgħażagħ qed isegwu

10. Kristjani żgħażagħ illum kif jimitaw il-kuraġġ ta' Ġesù?

l-passi ta' Ġesù. M'għandniex xi ngħidu, m'humiex perfetti bħal ma kien iż-żagħżugħ Ġesù. Però, bħalu ma jistennewx li jkunu adulti biex jieħdu waqfa għall-verità. Fl-iskola jew fil-komunitajiet fejn joqogħdu, huma b'tattika jistaqsu linnies mistoqsijiet, jisimgħu, u b'rispett jaqsmu l-verità magħhom. (1 Pietru 3:15) Bħala grupp, dawn iż-żgħażagħ għenu lil sħabhom tal-klassi, lill-għalliema, u lill-ġirien isiru segwaċi ta' Kristu. Min jaf kemm il-kuraġġ tagħhom iferraħ lil Ġeħova! Il-Kelma tiegħu xxebbah lil dawn iż-żgħażagħ ma' qtar tan-nida—rifreskanti, pjaċevoli, u numerużi.—Salm 110:3.

11 Bħala raġel, Ġesù wera l-kuraġġ darba wara l-oħra f'li jiddefendi l-verità. Fil-fatt, il-ministeru tiegħu beda b'konfrontazzjoni li ħafna jqisuha tal-biża'. Bħala sempliċi bniedem tad-demm u l-laħam, u mhux bħala l-arkanġlu setgħan, Ġesù kellu jiffaċċja lil Satana, l-iktar għadu setgħan u perikoluż ta' Ġeħova. Ġesù ċaħad lil Satana u ta prova li dan kien applika ħażin l-Iskrittura ispirata. Ġesù temm il-konversazzjoni billi bil-qlubija kkmanda: "Mur 'l hemm, Satana!" —Mattew 4:2-11.

12 B'hekk, Ġesù sejjes il-pedament għall-ministeru tiegħu, billi bil-qlubija ddefenda l-Kelma ta' Missieru mill-isforzi biex jgħawġuha jew jużawha ħażin. Dak iż-żmien, bħal-lum, diżonestà bħal din fi kwistjonijiet reliġjużi kienet komuni ħafna. Lill-mexxejja reliġjużi ta' żmienu, Ġesù qalilhom: "Iġġibu l-kelma t'Alla fix-xejn bit-tradizzjoni tagħkom li intom għaddejtu lil oħrajn." (Marku 7:13) Dawn l-irġiel kienu onorati bil-kbir min-nies in ġenerali, imma Ġesù bla biża' akkużahom bħala gwidi għomja u ipokriti.* (Mattew 23:13, 16) Kif nistgħu nimitaw dan l-aspett ta' l-eżempju kuraġġuż ta' Ġesù?

---

* L-istorjografi kitbu li l-oqbra tar-rabbini kienu jingħataw qima simili ħafna għal dik li kienet tingħata lill-oqbra tal-profeti u l-patrijarki.

---

11, 12. Bħala adult, Ġesù kif wera l-kuraġġ f'li jiddefendi l-verità?



*Ħafna żgħażagħ Kristjani jaqsmu l-fidi tagħhom b'kuraġġ m'oħrajn*

[13] M'għandniex xi ngħidu, aħna niftakru li la għandna l-abbiltà ta' Ġesù li naqraw il-qlub u lanqas l-awtorità tiegħu li niġġudikaw. Madankollu, nistgħu nimitaw il-mod kif iddefenda l-verità bil-qlubija. Per eżempju, billi nikxfu t-tagħlim reliġjuż falz —il-gideb li spiss jiġi mgħallem dwar Alla, l-iskopijiet tiegħu, u l-Kelma tiegħu—aħna nitfgħu dawl f'dinja mudlama minħabba l-propaganda ta' Satana. (Mattew 5:14; Rivelazzjoni 12:9, 10) Aħna ngħinu lin-nies biex jinħelsu mill-jasar tat-tagħlim falz li jimla lil qalbhom b'biża' kbir u li jħassar ir-relazzjoni tagħhom m'Alla. Xi privileġġ għandna li naraw it-twettiq tal-wegħda ta' Ġesù: "Il-verità teħliskom"!—Ġwanni 8:32.

## Hu Wera l-Ġustizzja bil-Kuraġġ

[14] Il-profezija Biblika bassret li l-Messija kellu juri lill-ġnus b'mod ċar "x'inhi l-ġustizzja." (Mattew 12:18; Isaija 42:1) Ġesù żgur li beda jagħmel dan meta kien fuq l-art. B'kuraġġ kbir, hu wera li dejjem kien ġust u imparzjali fil-mod kif ittratta lin-nies. Per eżempju, hu rrifjuta li jaċċetta l-preġudizzji u l-intolleranza mhux Skritturali li kienu komuni fid-dinja ta' madwaru.

13. Xi rridu niftakru meta nimitaw lil Ġesù, madankollu xi privileġġ għandna?
14, 15. (a) Liema hu mod wieħed kif Ġesù għamel ċar "x'inhi l-ġustizzja"? (b) Meta tkellem ma' mara Samaritana, Ġesù injora liema preġudizzji?

15 Meta Ġesù tkellem ma' mara Samaritana ħdejn il-bir ta' Sikar, id-dixxipli tiegħu baqgħu mbellhin. Għala? Dak iż-żmien, il-biċċa l-kbira mil-Lhud kienu jobogħdu lis-Samaritani; din il-mibegħda kienet ilha għaddejja s-snin. (Esdra 4:4) Barra minn hekk, xi wħud mir-rabbini kienu jħarsu lejn in-nisa bi stmerrija. Ir-regoli rabbiniċi, li iktar tard tniżżlu bil-miktub, kienu jiskuraġġixxu lill-irġiel milli jkellmu lin-nisa; saħansitra kienu jindikaw li n-nisa ma kienx jistħoqqilhom jiġu mgħallmin il-Liġi t'Alla. B'mod partikulari, in-nisa Samaritani kienu jitqiesu bħala li m'humiex nodfa. Ġesù injora dawn il-preġudizzji mhux ġusti u fil-beraħ għallem lill-mara Samaritana (li kienet qed tgħix ħajja immorali), saħansitra rrivelalha l-identità tiegħu bħala l-Messija.—Ġwanni 4:5-27.

16 Ġieli sibt ruħek fost uħud li kellhom preġudizzji xejn sbieħ? Forsi wħud li bi tmaqdir jiċċajtaw b'nies ta' razza jew ġens ieħor, jitkellmu b'disprezz dwar membri tas-sess oppost, jew iħarsu lejn dawk ta' livell soċjali jew ekonomiku differenti bħala li huma inferjuri. Is-segwaċi ta' Kristu ma japprovawx ideat bħal dawn, u jaħdmu iebes biex jeliminaw kwalunkwe traċċa ta' preġudizzju li jista' jkun hemm f'qalbhom. (Atti 10:34) Ilkoll kemm aħna għandna bżonn nikkultivaw il-kuraġġ biex inkunu imparzjali f'dan ir-rigward.

17 Ukoll, il-kuraġġ wassal lil Ġesù biex jiġġieled għall-indafa tal-poplu t'Alla u għall-arranġament tal-qima pura. Kmieni fil-ministeru tiegħu, hu daħal fil-post fejn kien hemm it-tempju f'Ġerusalemm u ħassu diżgustat x'ħin ra l-merkanti u s-sarrafa tal-flus jinnegozjaw hemmhekk. Mimli rabja ġusta, Ġesù keċċa lil dawn l-irġiel rgħiba u l-merkanzija tagħhom 'il barra. (Ġwanni 2:13-17) Hu għamel xi ħaġa simili iktar tard, lejn tmiem il-ministeru tiegħu. (Marku 11:15-18)

---

16. Il-Kristjani għala għandhom bżonn il-kuraġġ biex ikunu differenti fejn jidħol il-preġudizzju?
17. Ġesù liema azzjoni ħa fit-tempju, u għala?

Dawn l-għemejjel żgur wassluh biex ikollu għedewwa setgħana, madankollu ma qagħadx jaħsibha. Għala? Sa minn ċkunitu, hu sejjaħ dan it-tempju dar Missieru—u verament qiesu b'dan il-mod. (Luqa 2:49) Ġesù qatt ma seta' jagħlaq għajnejh għall-inġustizzja li kienet qed isseħħ fit-tempju, jiġifieri li titħammeġ il-qima pura. Iż-żelu tiegħu tah il-kuraġġ biex jagħmel dak li kien meħtieġ.

18 Illum, is-segwaċi ta' Kristu bl-istess mod jinteressahom ħafna mill-indafa tal-poplu t'Alla u mill-arranġament għall-qima pura. Jekk jaraw li Kristjan ieħor qed jinvolvi ruħu fi dnub serju, ma jaqbdux u jagħlqu għajnejhom għall-ħażen. Bil-kuraġġ huma jkellmu lill-persuna jew lill-anzjani. (1 Korintin 1:11) Huma jagħmlu ċert li l-anzjani tal-kongregazzjoni jkunu informati. L-anzjani jistgħu jgħinu lil dawk li jkunu morda spiritwalment u wkoll jistgħu jieħdu azzjoni biex in-nagħaġ ta' Ġeħova jibqgħu nodfa f'għajnejh.—Ġakbu 5:14, 15.

19 Però, għandna nikkonkludu li Ġesù ġġieled kontra l-inġustizzja soċjali fid-dinja b'mod ġenerali? Ċertament li kien hemm inġustizzji kullimkien. Art twelidu kienet maħkuma minn potenza barranija. Ir-Rumani ħaqru lil-Lhud bi preżenza militari qawwija, għamlulhom taxxi ebsin, u saħansitra ndaħlu fid-drawwiet reliġjużi tagħhom. Mhux ta' b'xejn li ħafna riedu lil Ġesù jinvolvi ruħu fil-politika ta' żmienu. (Ġwanni 6:14, 15) Għal darb'oħra, Ġesù kellu juri l-kuraġġ.

20 Ġesù spjega li s-Saltna tiegħu ma kinitx parti mid-dinja. Bl-eżempju tiegħu, hu ħarreġ lis-segwaċi tiegħu biex ma jinvolvux ruħhom fit-taqbid politiku ta' dak iż-żmien, u biex minflok jiffokaw fuq l-ippridkar ta' l-aħbar tajba tas-Saltna

---

18. Il-Kristjani llum kif jistgħu juru l-kuraġġ b'konnessjoni ma' l-indafa tal-kongregazzjoni?

19, 20. (a) Liema inġustizzji kienu komuni fi żmien Ġesù, u liema pressjoni ffaċċja Ġesù? (b) Is-segwaċi ta' Kristu għala jirrifjutaw li jinvolvu ruħhom fil-politika u fil-vjolenza, u liema hu premju wieħed għall-waqfa tagħhom?



t'Alla. (Ġwanni 17:16; 18:36) Hu għallem lezzjoni qawwija rigward in-newtralità meta l-marmalja marret biex tarrestah. Pietru mill-ewwel ħa azzjoni, billi bla ma ħasibha xejjer is-sejf tiegħu u weġġa' lil wieħed raġel. Huwa faċli li nifhmu lil Pietru. Jekk il-vjolenza qatt setgħet tidher li hi ġustifikata, kien f'dan il-lejl, meta l-Iben innoċenti t'Alla ġie attakkat. Madankollu, Ġesù f'dak il-mument ħalla l-eżempju għas-segwaċi tiegħu fuq l-art sa żmienna: "Erġa' daħħal sejfek f'postu, għax kulmin jaqbad is-sejf, bis-sejf jinqered." (Mattew 26:51-54) Żgur li biex jieħdu din il-waqfa paċifika, is-segwaċi ta' Kristu kellhom bżonn il-kuraġġ, bħalma jeħtieġ li jkollna aħna llum. Minħabba n-newtralità Kristjana tagħhom, in-nies t'Alla llum għandhom rekord nadif b'konnessjoni man-numru bla għadd ta' gwerer, olokawsti, rewwixti, u atti simili ta' vjolenza. Dan ir-rekord eċċellenti huwa premju wieħed għall-kuraġġ tagħhom.

## Hu Ffaċċja l-Oppożizzjoni bil-Kuraġġ

21 L-Iben ta' Ġeħova kien jaf sew bil-quddiem li kien se jiffaċċja oppożizzjoni ħarxa hawn fuq l-art. (Isaija 50:4-7) Hu ffaċċja ħafna theddid ta' mewt, li wasslu għal dak li ddeskrivejna fil-bidu ta' dan il-kapitlu. Ġesù kif baqa' kuraġġuż meta ffaċċja dawn il-perikli? Mela, Ġesù x'kien qed jagħmel qabel ma l-marmalja marret biex tarrestah? Kien qed jitlob bil-ħrara lil Ġeħova. U Ġeħova x'għamel? Il-Bibbja tgħidilna li t-talb ta' Ġesù "ntlaqa'." (Ebrej 5:7) Ġeħova bagħat anġlu mis-sema biex isaħħaħ lill-Iben qalbieni tiegħu.—Luqa 22:42, 43.

22 Ftit wara li ġie msaħħaħ, Ġesù qal lill-appostli tiegħu: "Qumu, ejja mmorru." (Mattew 26:46) Aħseb ftit dwar il-qlubija li wera f'dan il-kliem. "Ejja mmorru," qal hu, avolja

---

21, 22. (a) Ġesù liema għajnuna rċieva qabel ma ffaċċja l-iktar prova diffiċli tiegħu? (b) Ġesù kif wera li kien kuraġġuż sat-tmiem?

***"Jien hu"***

kien jaf li kien se jitlob lill-marmalja biex teħles lil sħabu, avolja kien jaf li dawn il-ħbieb kienu se jabbandunawh u jaħarbu, u avolja kien jaf li kien se jkompli waħdu biex jiffaċċja l-iktar prova diffiċli ta' ħajtu. Waħdu, hu ffaċċja ġuri illegali u inġust, twaqqigħ għaċ-ċajt, tortura, u mewta agonizzanti. Matul dan kollu, il-kuraġġ qatt ma naqsu.

23 Kien Ġesù qed juri nuqqas ta' responsabbiltà? Le; in-nuqqas ta' responsabbiltà m'għandux x'jaqsam mal-kuraġġ veru. Fil-fatt, Ġesù għallem lis-segwaċi tiegħu biex ikunu attenti,

---

23. Spjega għala Ġesù ma kienx qed juri nuqqas ta' responsabbiltà fil-mod kif iffaċċja l-periklu u t-theddid ta' mewt.

*Ix-Xhieda ta' Ġeħova wrew il-kuraġġ meta ffaċċjaw il-persekuzzjoni*



### Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?

- L-eżempju ta' Ġesù kif jista' jgħinek titkellem bil-kuraġġ, anki jekk in-nies iħossuhom offiżi bil-veritajiet li taqsam magħhom?—Ġwanni 8:31-59.
- Għala m'għandna qatt inħallu biża' kbir minn Satana jew id-demonji tiegħu jżommna lura milli ngħinu lil oħrajn?—Mattew 8:28-34; Marku 1:23-28.
- Għala għandna nkunu lesti niffaċċjaw il-persekuzzjoni sabiex nuru l-mogħdrija ma' dawk magħkusin?—Ġwanni 9:1, 6, 7, 22-41.
- It-tama ta' Ġesù għall-futur kif għenitu jiffaċċja l-provi, u t-tama tiegħek kif tista' tagħtik il-kuraġġ?—Ġwanni 16:28; 17:5; Ebrej 12:2.

biex iwarrbu b'mod għaqli mill-periklu ħalli jkomplu jagħmlu r-rieda t'Alla. (Mattew 4:12; 10:16) Però, f'dan il-każ, Ġesù kien jaf li ma setax iwarrab. Hu kien jaf x'kienet tinvolvi r-rieda t'Alla. Ġesù kien determinat li jżomm l-integrità tiegħu, u għalhekk l-unika ħaġa li seta' jagħmel kienet li jibqa' miexi 'l quddiem, billi jiffaċċja l-prova direttament.

24 Kienu bosta d-drabi li s-segwaċi ta' Ġesù mxew bil-kuraġġ fil-passi ta' Sidhom! Ħafna ħadu waqfa soda meta ffaċċjaw twaqqigħ għaċ-ċajt, persekuzzjoni, arrest, ħabs, tortura, u saħansitra mewt. Bnedmin imperfetti minfejn isibu dan il-kuraġġ? M'huwiex fin-natura tagħna. Sewwasew bħalma Ġesù rċieva għajnuna mingħand Alla, hekk ukoll is-segwaċi tiegħu. (Filippin 4:13) Għalhekk, tibżax minn dak li se jġib miegħu l-futur. Kun determinat li żżomm l-integrità tiegħek, u Ġeħova jagħtik il-kuraġġ li għandek bżonn. Ibqa' ssaħħaħ bl-eżempju tal-Mexxej tagħna, Ġesù, li qal: "Agħmlu kuraġġ! Jien irbaħt lid-dinja."—Ġwanni 16:33.

---

24. Għala nistgħu nkunu ċerti li nistgħu nuru l-kuraġġ meta niffaċċjaw kwalunkwe prova li tista' tqum?

# "It-Teżori Kollha ta' l-Għerf"

HIJA ġurnata tar-rebbiegħa fis-sena 31 E.K. Ġesù Kristu jinsab viċin Kafarnahum, belt mimlija attività fuq ix-xtut tal-majjistral tal-Baħar tal-Galilija. Fuq muntanja fil-qrib, Ġesù talab waħdu l-lejl kollu. Hekk kif jibda jbexbex, hu jsejjaħ lid-dixxipli tiegħu, u minn fosthom jagħżel 12, li jsejħilhom appostli. Sadanittant, folol kbar ta' nies—uħud minnhom ġejjin mill-bogħod—segwew lil Ġesù f'dan il-post u jinsabu miġburin f'wita fuq il-muntanja. Huma ħerqanin biex jisimgħu x'għandu x'jgħid u biex jiġu mfejqin mill-mard tagħhom. Ġesù ma jiddiżappuntahomx.—Luqa 6:12-19.

2 Ġesù javviċina lill-folol u jfejjaq lil dawk kollha li huma morda. Fl-aħħar, meta ħadd minnhom ma jħoss l-uġigħ ta' mard serju, hu joqgħod bil-qiegħda u jibda jgħallem.* Dak li jgħid f'dik il-ġurnata mimlija arja friska tar-rebbiegħa żgur li jaħsad lis-semmiegħa tiegħu. Wara kollox, qatt ma semgħu lil xi ħadd jgħallem bħalu. Sabiex jagħti importanza lit-tagħlim tiegħu, hu la jikkwota mit-tradizzjonijiet orali u lanqas lir-rabbini Lhud li kienu magħrufin sew. Minflok, hu għal darba wara l-oħra jikkwota mill-Iskrittura Ebrajka ispirata. Il-messaġġ tiegħu huwa dirett, il-kliem tiegħu sempliċi, it-tifsir tiegħu ċar. Meta jispiċċa, il-folol jibqgħu

* It-taħdita li Ġesù ta dakinhar saret magħrufa bħala l-Priedka ta' fuq il-Muntanja. Kif inhi dokumentata f'Mattew 5:3–7:27, fiha 107 versi u x'aktarx li tieħu xi 20 minuta biss biex tingħata.

1-3. F'ġurnata tar-rebbiegħa fis-sena 31 E.K., Ġesù f'liema sfond jagħmel il-priedka tiegħu, u s-semmiegħa għala jibqgħu mistagħġbin?



*"Il-folol baqgħu mistagħġbin bil-mod kif għallimhom"*



mistagħġbin. U mhux ta' b'xejn. Għadhom kif semgħu l-iktar raġel għaref li qatt għex!—Mattew 7:28, 29.

3 Din il-priedka, flimkien ma' ħafna affarijiet oħrajn li Ġesù qal u għamel, hija mniżżla fil-Kelma t'Alla. Nagħmlu tajjeb jekk inħaffru fil-fond f'dak li tgħid il-Bibbja dwar Ġesù, għax fih hemm "it-teżori kollha ta' l-għerf." (Kolossin 2:3) Minfejn ġab dan l-għerf—l-abbiltà li juża l-għarfien u l-fehma b'mod prattiku? Kif wera l-għerf, u kif nistgħu nsegwu l-eżempju tiegħu?

## "Dan ir-Raġel Minfejn Ġab Dan l-Għerf?"

4 Matul wieħed mill-vjaġġi ta' l-ippridkar tiegħu, Ġesù mar Nazaret, ir-raħal fejn kien trabba, u beda jgħallem fis-sinagoga t'hemmhekk. Ħafna mis-semmiegħa tiegħu stagħġbu u staqsew: "Dan ir-raġel minfejn ġab dan l-għerf?" Kienu jafu lil familtu—il-ġenituri tiegħu u ħutu—u kienu jafu li kien ġej minn familja fqira. (Mattew 13:54-56; Marku 6:1-3) Bla dubju kienu jafu wkoll li dan il-mastrudaxxa fluwenti fi kliemu ma kienx attenda xi waħda mill-iskejjel famużi tar-rabbini. (Ġwanni 7:15) Għalhekk, il-mistoqsija tagħhom dehret loġika.

5 L-għerf li wera Ġesù ma kienx sempliċement riżultat tal-ħsibijiet perfetti tiegħu. Iktar tard fil-ministeru tiegħu, meta kien qed jgħallem bil-miftuħ fit-tempju, Ġesù wera li l-għerf tiegħu kien ġej minn xi ħadd ħafna iktar superjuri. "Dak li ngħallem m'huwiex tiegħi," qal hu, "imma ta' dak li bagħatni." (Ġwanni 7:16) Iva, il-Missier, li bagħat lill-Iben, kien is-sors veru ta' l-għerf ta' Ġesù. (Ġwanni 12:49) Però, Ġesù kif irċieva l-għerf mingħand Ġeħova?

6 L-ispirtu qaddis ta' Ġeħova kien qed jaħdem f'qalb u f'moħħ Ġesù. Rigward Ġesù bħala l-Messija mwiegħed, Isa-

---

4. Is-semmiegħa ta' Ġesù f'Nazaret qajmu liema mistoqsija, u għala?
5. Ġesù minn liema sors wera li kien ġej l-għerf tiegħu?
6, 7. Ġesù b'liema modi kiseb l-għerf mingħand Missieru?

ija bassar: "Fuqu jrid jistrieħ l-ispirtu ta' Ġeħova, l-ispirtu ta' l-għerf u ta' l-abbiltà li jifhem, l-ispirtu ta' l-għoti ta' pariri u tas-setgħa, l-ispirtu ta' l-għarfien u tal-biża' ta' Ġeħova." (Isaija 11:2) Meta nqisu li l-ispirtu ta' Ġeħova kien fuqu u ggwida l-ħsibijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu, għandna għalxiex nistagħġbu li l-kliem u l-azzjonijiet ta' Ġesù rriflettew l-ogħla għerf?

7 Ġesù kiseb l-għerf mingħand Missieru b'mod profond ieħor. Bħalma rajna f'Kapitlu 2, matul l-eżistenza tiegħu qabel ma sar bniedem, li damet snin bla għadd, Ġesù kellu l-opportunità li jassorbi l-mod kif jaħsibha Missieru dwar l-affarijiet. Bilkemm nistgħu nimmaġinaw l-ammont t'għerf li kiseb l-Iben meta kien maġenb Missieru, jaħdem bħala l-"ħaddiem tas-sengħa" t'Alla fil-ħolqien ta' l-affarijiet l-oħrajn kollha, dawk ħajjin u dawk bla ħajja. Mhux ta' b'xejn mela li l-Iben, qabel ma sar bniedem, hu deskritt bħala l-għerf personifikat. (Proverbji 8:22-31; Kolossin 1:15, 16) Matul il-ministeru tiegħu, Ġesù seta' jagħmel użu mill-għerf li kiseb meta kien maġenb Missieru fis-sema.* (Ġwanni 8:26, 28, 38) Għalhekk, m'għandniex għalfejn nibqgħu skantati bil-wisa' ta' l-għarfien u l-fond tal-fehma li dehru fil-kliem ta' Ġesù jew fil-ġudizzju f'loku li kien evidenti fl-għemejjel kollha tiegħu.

8 Bħala segwaċi ta' Ġesù, aħna wkoll jeħtieġ li nħarsu lejn Ġeħova bħala s-sors ta' l-għerf. (Proverbji 2:6) M'għandniex xi ngħidu, Ġeħova ma jagħtiniex l-għerf b'mod mirakoluż. Madankollu, hu jwieġeb it-talb kollu ħeġġa tagħna għall-għerf li għandna bżonn biex jirnexxilna niffaċċjaw l-isfidi fil-ħajja. (Ġakbu 1:5) Sabiex niksbu dan l-għerf jirrikjedi ħafna sforz min-naħa tagħna. Irridu nibqgħu

---

* Milli jidher, meta "s-smewwiet infetħu" fil-magħmudija ta' Ġesù, il-memorja ta' l-eżistenza tiegħu qabel ma sar bniedem ngħatatlu lura.—Mattew 3:13-17.

---

8. Bħala segwaċi ta' Ġesù, kif nistgħu niksbu l-għerf?

nfittxuh “bħal teżori moħbijin.” (Proverbji 2:1-6) Iva, irridu nkomplu nħaffru fil-fond fil-Kelma t’Alla, fejn insibu l-għerf tiegħu, u nġibu ħajjitna fi qbil ma’ dak li nitgħallmu. L-eżempju ta’ l-Iben ta’ Ġeħova huwa speċjalment ta’ valur f’li jgħinna niksbu l-għerf. Ejja neżaminaw diversi oqsma fejn Ġesù wera l-għerf u nitgħallmu kif nistgħu nimitawh.

## Kliem t’Għerf

9 In-nies inġabru bi ħġarhom proprju biex jisimgħu lil Ġesù jitkellem. (Marku 6:31-34; Luqa 5:1-3) U mhux ta’ b’xejn, għax meta Ġesù fetaħ fommu, hu tkellem kliem t’għerf kbir! It-tagħlim tiegħu rrifletta għarfien profond tal-Kelma t’Alla u abbiltà li ma bħalha biex jilħaq l-għerq tal-kwistjoni. It-tagħlim tiegħu jiġbed lin-nies minn mad-dinja kollha u hu dejjem validu. Ikkunsidra ftit eżempji ta’ l-għerf li nsibu fil-kliem ta’ Ġesù, il-“Kunsillier ta’ l-Għaġeb” imbassar.—Isaija 9:6.

10 Il-Priedka ta’ fuq il-Muntanja, li semmejna fil-bidu tal-kapitlu, hija l-akbar ġabra ta’ tagħlim ta’ Ġesù li ma fihiex narrattiv jew kliem ta’ xi ħadd ieħor. F’din il-priedka, Ġesù ma jwissiniex sem-

9. X’kien li għamel it-tagħlim ta’ Ġesù wieħed mimli għerf?

10. Liema kwalitajiet pożittivi jħeġġiġna nikkultivaw Ġesù, u għala?



*L-għerf t’Alla jintwera fil-Bibbja*

pliċement biex nitkellmu u naġixxu b'mod xieraq. Il-pariri tiegħu jinvolvu ħafna iktar minn hekk. Peress li jaf sew li l-ħsibijiet u s-sentimenti jwasslu għall-kliem u l-azzjoni, Ġesù jħeġġiġna biex nikkultivaw kwalitajiet pożittivi f'moħħna u f'qalbna, bħal temperament ġwejjed, xewqa għal ġustizzja, inklinazzjoni biex nuru ħniena u nkunu paċifiċi, u mħabba għal oħrajn. (Mattew 5:5-9, 43-48) Hekk kif niżviluppaw dawn il-kwalitajiet f'qalbna, ir-riżultat se jkun kliem u kondotta xierqa li mhux biss jogħġbu lil Ġeħova imma wkoll jippromwovu relazzjonijiet tajbin mal-bnedmin ta' madwarna.—Mattew 5:16.

11 Meta jagħti pariri dwar imġiba midinba, Ġesù jmur fl-għerq tal-problema. Hu ma jgħidilniex sempliċement biex inżommu lura milli nagħmlu atti vjolenti. Minflok, hu jwissina biex ma nħallux ir-rabja tbejjet f'qalbna. (Mattew 5: 21, 22; 1 Ġwanni 3:15) Hu mhux biss jipprojbixxi l-att ta' l-adulterju. Minflok, hu jwissi dwar il-passjoni li tibda fil-qalb u twassal għal dan it-tradiment. Hu jwissina biex ma nħallux lil għajnejna jqanqlu xewqat mhux xierqa u jistimulaw xenqiet. (Mattew 5:27-30) Ġesù jitfa' l-attenzjoni lejn il-kaġuni, mhux biss lejn is-sintomi. Hu jiffoka fuq l-attitudnijiet u x-xewqat li jwasslu għal għemejjel midinba.—Salm 7:14.

12 X'għerf fih kliem Ġesù! Mhux ta' b'xejn li "l-folol baqgħu mistagħġbin bil-mod kif għallimhom." (Mattew 7:28) Bħala s-segwaċi tiegħu, aħna nqisu l-pariri għaqlin tiegħu bħala gwida għal ħajjitna. Nipprovaw nikkultivaw il-kwalitajiet pożittivi li hu inkuraġġixxa—inkluż il-ħniena, il-paċi, u l-imħabba—u b'hekk inkunu nafu li qed inpoġġu pedament għal kondotta li togħġob lil Ġeħova. Aħna nistinkaw biex inneħħu minn qalbna s-sentimenti u x-xewqat

---

11. Meta jagħti pariri dwar imġiba midinba, Ġesù kif imur fl-għerq tal-problema?
12. Is-segwaċi ta' Kristu kif iqisu l-pariri tiegħu, u għala?

negattivi li hu wissiena kontrihom, bħal rabja ħarxa u xewqat immorali, billi nafu li jekk nagħmlu dan se niġu megħjunin nevitaw kondotta midinba.—Ġakbu 1:14, 15.

## Għex Ħajja Mmexxija mill-Għerf

13 Ġesù wera l-għerf mhux biss bil-kliem imma wkoll bl-għemil. Il-ħajja kollha tiegħu—id-deċiżjonijiet tiegħu, il-mod kif qies lilu nnifsu, u l-mod kif ittratta m'oħrajn—uriet il-ħafna aspetti sbieħ ta' l-għerf. Ikkunsidra xi eżempji li juru li Ġesù kien immexxi mill-'għaqal u l-abbiltà li jaħseb.' —Proverbji 3:21.

14 L-għerf jinkludi ġudizzju f'loku. *Ġesù uża rraġunar f'loku meta ġie biex jagħżel kif jgħix ħajtu.* Tista' timmaġina l-ħajja li seta' għex—id-dar li seta' bena, in-negozju li seta' stabbilixxa, jew il-prominenza dinjija li seta' kiseb? Ġesù kien jaf li ħajja dedikata għal dawn l-affarijiet hija "frugħa u ġiri wara r-riħ." (Ekkleżjasti 4:4; 5:10) Ħajja bħal din tkun bluha, l-oppost ta' l-għerf. Ġesù għażel li jżomm ħajtu sempliċi. Ma kienx interessat f'li jaqla' l-flus jew li jiġma' ħafna ġid materjali. (Mattew 8:20) Fi qbil ma' dak li għallem, hu żamm għajnejh iffokati fuq skop wieħed—li jagħmel ir-rieda t'Alla. (Mattew 6:22) Ġesù b'mod għaqli ddedika l-ħin u l-enerġija tiegħu għall-interessi tas-Saltna, li huma ħafna iktar importanti u premjanti minn affarijiet materjali. (Mattew 6:19-21) Hu b'hekk ħalla eżempju ta' min jimitah.

15 Is-segwaċi ta' Ġesù llum jaraw kemm hu għaqli li jżommu għajnejn sempliċi. Għalhekk, jevitaw li jtaqqlu lilhom infushom b'dejn mhux neċessarju u b'xogħlijiet dinjin li jieħdu wisq attenzjoni u enerġija. (1 Timotju 6:9, 10) Ħafna ħadu passi biex jissimplifikaw ħajjithom sabiex ikunu jistgħu jqattgħu iktar ħin fil-ministeru Kristjan, forsi anki bil-

13, 14. X'juri li Ġesù uża rraġunar f'loku meta ġie biex jagħżel kif jgħix ħajtu?
15. Is-segwaċi ta' Ġesù kif jistgħu juru li qed iżommu għajnejhom sempliċi, u dan għala hu għaqli?

li jaqdu bħala proklamaturi tas-Saltna *full-time.* Ma jistgħux jagħżlu triq aħjar, għaliex meta nżommu l-interessi tas-Saltna fil-post xieraq tagħhom, ikollna l-akbar ferħ u sodisfazzjon.—Mattew 6:33.

16 Il-Bibbja torbot l-għerf mal-modestja, li tinkludi li nkunu konxji tal-limitazzjonijiet tagħna. (Proverbji 11:2) *Ġesù kien modest u realistiku f'dak li stenna minnu nnifsu.* Hu kien jaf li ma kienx se jikkonverti lil dawk kollha li semgħu l-messaġġ tiegħu. (Mattew 10:32-39) Hu rrealizza wkoll li kien hemm limitu għall-għadd ta' nies li seta' jilħaq personalment. Għalhekk, b'mod għaqli lis-segwaċi tiegħu fdalhom ix-xogħol ta' li jagħmlu dixxipli. (Mattew 28:18-20) Hu b'modestja għaraf li huma kienu se 'jagħmlu għemejjel akbar' minn tiegħu, għax huma kienu se jilħqu iktar nies fuq medda akbar t'art u għal perijodu itwal ta' żmien. (Ġwanni 14:12) Ġesù għaraf ukoll li kellu bżonn l-għajnuna. Hu aċċetta l-għajnuna ta' l-anġli li marru jassistuh fix-xagħri u ta' l-anġlu li mar isaħħu fil-Ġetsemani. Fl-iktar mument li kellu bżonn, l-Iben t'Alla għajjat għall-għajnuna. —Mattew 4:11; Luqa 22:43; Ebrej 5:7.

17 Aħna wkoll irridu nkunu modesti u realistiċi f'dak li nistennew minna nfusna. Ċertament li rridu naħdmu b'ruħna kollha u nistinkaw kemm nifilħu fl-ippridkar u fix-xogħol ta' li nagħmlu dixxipli. (Luqa 13:24; Kolossin 3:23) Fl-istess ħin, irridu niftakru li Ġeħova ma jqabbilniex ma' xulxin, u lanqas aħna m'għandna nagħmlu hekk. (Galatin 6:4) L-għerf prattiku se jgħinna nagħmlu miri realistiċi fi qbil ma' l-abbiltajiet u ċ-ċirkustanzi tagħna. Flimkien ma' dan, l-għerf se jiggwida lil dawk li għandhom xi pożizzjoni ta' responsabbiltà biex jagħrfu li għandhom il-limitazzjonijiet u li minn żmien għal żmien ikollhom bżonn l-għajnuna

16, 17. (a) Ġesù b'liema modi wera li kien modest u realistiku f'dak li stenna minnu nnifsu? (b) Kif nistgħu nuru li aħna modesti u realistiċi f'dak li nistennew minna nfusna?

u l-appoġġ. Il-modestja se tgħin lil dawn l-uħud jaċċettaw l-għajnuna bi gratitudni, billi jagħrfu li Ġeħova jista' juża sieħeb fit-twemmin biex isir 'għajnuna li ssaħħaħ' għalihom. —Kolossin 4:11.

18 Ġakbu 3:17 jgħid: "L-għerf li ġej minn fuq hu . . . raġunevoli." *Ġesù kien raġunevoli u pożittiv fil-mod kif ittratta mad-dixxipli tiegħu.* Hu kien konxju sew tan-nuqqasijiet tagħhom, però fittex it-tajjeb tagħhom. (Ġwanni 1:47) Hu kien jaf li kienu se jabbandunawh fil-lejl ta' l-arrest tiegħu, imma ma ddubitax il-lealtà tagħhom. (Mattew 26:31-35; Luqa 22:28-30) Pietru tliet darbiet ċaħad li saħansitra kien jaf lil Ġesù. Xorta waħda, Ġesù talab għal Pietru u wera fiduċja fil-fedeltà tiegħu. (Luqa 22:31-34) Fl-aħħar lejl ta' ħajtu fuq l-art, Ġesù fit-talb tiegħu lil Missieru ma ffokax fuq l-iżbalji li kienu għamlu d-dixxipli tiegħu. Minflok, hu tkellem b'mod pożittiv dwar it-triq li għażlu sa dak il-lejl, billi qal: "Huma osservaw kelmtek." (Ġwanni 17:6) Minkejja l-imperfezzjonijiet tagħhom, hu poġġa f'idejhom ix-xogħol tal-ippritkar tas-Saltna u ta' li jagħmlu dixxipli. (Mattew 28: 19, 20) Il-fiduċja u l-fidi li hu wera fihom bla dubju saħħewhom biex iwettqu x-xogħol li kkmandahom jagħmlu.

19 Is-segwaċi ta' Ġesù għandhom raġuni tajba biex jimitaw l-eżempju tiegħu f'dan ir-rigward. Jekk l-Iben perfett t'Alla kien paċenzjuż fil-mod kif ittratta mad-dixxipli imperfetti tiegħu, kemm iktar aħna bħala bnedmin midinbin għandna nkunu raġunevoli fil-mod kif nittrattaw ma' xulxin! (Filippin 4:5) Minflok ma niffokaw fuq in-nuqqasijiet ta' sħabna fit-twemmin, nagħmlu tajjeb jekk infittxu t-tajjeb tagħhom. Inkunu għaqlin jekk niftakru li Ġeħova ġibidhom lejh. (Ġwanni 6:44) Għalhekk, żgur li hu jara xi ħaġa tajba fihom, u aħna għandna nagħmlu l-istess. Atti-

---

18, 19. (a) X'juri li Ġesù kien raġunevoli u pożittiv fil-mod kif ittratta mad-dixxipli tiegħu? (b) Għala għandna raġuni tajba biex inkunu pożittivi u raġunevoli hekk kif nittrattaw ma' xulxin, u kif nistgħu nagħmlu dan?

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- Jekk tħoss li offendejt lil xi ħadd minn sħabek fit-twemmin, kif tista' taġixxi b'mod għaqli?—Mattew 5:23, 24.
- Meta xi ħadd jinsultak jew jirritak, il-kliem ta' Ġesù kif jista' jgħinek twieġeb b'mod għaqli?—Mattew 5:38-42.
- Il-meditazzjoni fuq il-kliem ta' Ġesù kif tista' tgħinek iż-żomm ħarsa bilanċjata lejn il-flus u l-ġid materjali?—Mattew 6:24-34.
- Meta tagħmel prijoritajiet f'ħajtek, kif tista' tiġi megħjun tie-ħu deċiżjoni għaqlija jekk issegwi l-eżempju ta' Ġesù?—Luqa 4:43; Ġwanni 4:34.

tudni pożittiva se tgħinna mhux biss biex 'nagħlqu għajnejna għall-offiża' imma wkoll biex infittxu modi kif nistgħu nfaħħru lil oħrajn. (Proverbji 19:11, *Il-Bibbja* ta' l-Għaqda Biblika Maltija, It-Tieni Edizzjoni [1996]) Meta nuru fiduċja f'ħutna l-Kristjani, inkunu qed ngħinuhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jaqdu lil Ġeħova u biex isibu l-ferħ f'dan is-servizz.—1 Tessalonikin 5:11.

20 Ir-rakkonti tal-ħajja u l-ministeru ta' Ġesù fl-Evanġelju verament huma teżor prezzjuż t'għerf! X'għandna nagħmlu b'din l-għotja imprezzabbli? Fil-konklużjoni tal-Priedka ta' fuq il-Muntanja, Ġesù ħeġġeġ lill-udjenza tiegħu mhux biss biex *jisimgħu* l-kliem t'għerf tiegħu imma wkoll biex *jagħmluh,* jew japplikawh. (Mattew 7:24-27) Jekk insawru l-ħsibijiet, il-motivazzjonijiet, u l-azzjonijiet tagħna fi qbil mal-kliem u l-għemil t'għerf ta' Ġesù se niġu megħjunin biex insibu l-aqwa ħajja possibbli issa u biex nibqgħu fit-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem. (Mattew 7:13, 14) Żgur li m'hemmx triq aħjar jew iktar għaqlija li nistgħu naqbdu!

---

20. X'għandna nagħmlu bit-teżor prezzjuż t'għerf li jinsab fir-rakkonti ta' l-Evanġelju, u għala?

# "Tgħallem l-Ubbidjenza"

MISSIER jittawwal mit-tieqa, qed jara lit-tifel ċkejken tiegħu jilgħab ma' xi ħbieb. Il-ballun tagħhom jaqbeż 'il barra mill-bitħa u jiġi fit-triq. Għajnejn it-tifel isegwu l-ballun għax jix-tieq imur għalih. Wieħed minn sħabu jħeġġu biex joħroġ fit-triq u jġibu, imma t-tifel ixengel rasu. "Ma nistax nagħmel hekk," jgħid hu. Il-missier jitbissem b'sodisfazzjon.

2 Il-missier għala hu daqshekk ferħan? Għaliex hu għal-lem lil ibnu biex ma joħroġx fit-triq meta jkun waħdu. Meta t-tifel jobdi—avolja ma jafx li missieru qed jarah—il-missier jaf li ibnu qed jitgħallem l-ubbidjenza, u b'hekk jinsab ik-tar fis-sigurtà. Dan il-missier iħossu bħalma jħossu Missier-na tas-sema, Ġeħova. Alla jaf li jekk aħna rridu nibqgħu lea-li u ngħixu biex naraw il-futur meraviljuż li għandu maħżun għalina, irridu nitgħallmu nafdawh u nobduh. (Proverbji 3: 5, 6) Għaldaqstant, hu bagħtilna l-aħjar wieħed mill-għallie-ma umani kollha.

3 Il-Bibbja tgħid xi ħaġa ta' l-għaġeb dwar Ġesù: "Għal-kemm kien Iben, tgħallem l-ubbidjenza minn dak li sofra; u wara li kien magħmul perfett sar responsabbli mis-salvazzjo-ni ta' dejjem ta' dawk kollha li jobduh." (Ebrej 5:8, 9) Dan l-Iben kien eżista għal snin bla għadd fis-sema. Hu ra lil Sa-tana u lil sħabu l-anġli ribellużi juru diżubbidjenza, imma l-ewwel Iben imwieled qatt ma ngħaqad magħhom. Il-profezi-ja mnebbħa applikat dan il-kliem għalih: "Jien . . . ma kontx ribelluż." (Isaija 50:5) Għalhekk, il-kliem "tgħallem l-ubbid-jenza" kif seta' japplika għal dan l-Iben ubbidjenti b'mod

1, 2. Missier li jħobb għala jieħu pjaċir jara lil ibnu jobdih, u s-sen-timenti tiegħu kif jirriflettu s-sentimenti ta' Ġeħova?
3, 4. Ġesù kif "tgħallem l-ubbidjenza" u 'ntgħamel perfett'? Agħti tixbiha.

perfett? Ġesù, li kien ħliqa perfetta, kif seta' 'jintgħamel perfett'?

4 Ikkunsidra tixbiha. Suldat għandu sejf tal-ħadid. Għalkemm dan is-sejf qatt ma ġie provat f'xi battalja, huwa perfett għal dak li se jintuża għalih u ġie disinjat bis-sengħa. Madankollu, hu jibdel dan is-sejf ma' wieħed magħmul minn metall iktar b'saħħtu, azzar temprat. Dan is-sejf il-ġdid diġà ġie użat b'mod effettiv f'battalja. M'hijiex din bidla għaqlija? B'mod simili, l-ubbidjenza li wera Ġesù qabel ma ġie fuq l-art kienet bla difett. Imma wara ż-żmien li għamel hawn fuq l-art, l-ubbidjenza tiegħu kienet ta' kwalità differenti għalkollox. Issa kienet imġarrba, temprata, biex ngħidu hekk, u testjata bi provi li Ġesù qatt ma seta' jgħaddi minnhom fissema.

5 L-ubbidjenza kienet vitali għall-inkarigu li kellu Ġesù meta ġie fuq l-art. Bħala "l-aħħar Adam," Ġesù ġie hawn biex jagħmel dak li l-ewwel ġenitur tagħna naqas li jagħmel—jibqa' ubbidjenti lejn Alla Ġeħova, anki fil-provi. (1 Korintin 15:45) Madankollu, l-ubbidjenza ta' Ġesù ma kinitx xi ħaġa mekkanika. Ġesù obda b'moħħu, b'qalbu, u b'ruħu kollha. U għamel dan bil-ferħ. Kien iktar importanti għalih li jagħmel ir-rieda ta' Missieru milli jiekol! (Ġwanni 4:34) X'se jgħinna nimitaw l-ubbidjenza ta' Ġesù? Ejja l-ewwel nikkunsidraw il-motivi tiegħu. Jekk nikkultivaw motivi bħal tiegħu se niġu megħjunin biex nirreżistu t-tentazzjoni u biex inwettqu r-rieda t'Alla. Imbagħad se nirrivedu xi premjijiet li jiġu meta nuru ubbidjenza bħal ta' Kristu.

## Il-Motivi Wara l-Ubbidjenza ta' Ġesù

6 L-ubbidjenza ta' Ġesù ġiet minn dak li kellu f'qalbu. Bħalma rajna f'Kapitlu 3, Kristu kien umli f'qalbu. Is-suppervja tagħmel lin-nies jistmerru l-ubbidjenza, filwaqt li l-umiltà

---

5. X'kien li għamel l-ubbidjenza ta' Ġesù daqshekk importanti, u x'se nikkunsidraw f'dan il-kapitlu?

6, 7. X'kienu xi ftit mill-motivi ta' Ġesù għall-ubbidjenza tiegħu?

tgħinna nobdu lil Ġeħova għax irridu aħna. (Eżodu 5:1, 2; 1 Pietru 5:5, 6) Iżjed minn hekk, l-ubbidjenza ta' Ġesù ġiet minn dak li kien iħobb u minn dak li kien jobgħod.

7 Fuq kollox, Ġesù kien iħobb lil Missieru tas-sema, Ġeħova. Din l-imħabba se tiġi diskussa f'iktar dettall f'Kapitlu 13. Imħabba bħal din qanqlet lil Ġesù biex juri l-biża' minn Alla. Tant kienet b'saħħitha l-imħabba tiegħu għal Ġeħova, tant kien profond ir-rispett tiegħu, li beża' li jnikket lil Missieru. Il-biża' minn Alla kien raġuni waħda għala t-talb ta' Ġesù ntlaqa'. (Ebrej 5:7) Il-biża' minn Ġeħova huwa wkoll aspett li jispikka tal-ħakma ta' Ġesù bħala s-Sultan Messjaniku.—Isaija 11:3.

8 L-imħabba għal Ġeħova tinvolvi wkoll mibegħda għal dak

---

8, 9. Bħalma kien profetizzat, Ġesù kif ħassu dwar is-sewwa u l-ħażen, u kif wera dawn is-sentimenti biċ-ċar?

*L-għażla tiegħek tad-divertiment turi li tobgħod dak li hu ħażin?*



li jobgħod Ġeħova. Per eżempju, innota din il-profezija indirizzata lis-Sultan Messjaniku: "Int tħobb il-ġustizzja u tobgħod il-ħażen. Huwa għalhekk li Alla, Alla tiegħek, dilkek biż-żejt tal-ferħ iktar minn sħabek." (Salm 45:7) 'Sħab' Ġesù kienu s-slaten l-oħrajn min-nisel tal-familja tas-Sultan David. Iktar minn kwalunkwe wieħed minnhom, Ġesù għandu għalfejn jifraħ, jew jithenna bil-kbir, meta jiġi midluk. Għala? Il-premju tiegħu huwa ħafna akbar minn tagħhom, il-ħakma tiegħu hija ta' benefiċċju ħafna akbar. Hu jiġi premjat għaliex l-imħabba tiegħu għas-sewwa, jew ġustizzja, u l-mibegħda tiegħu għall-ħażen qanqluh biex jobdi lil Alla f'kollox.

9 Ġesù kif wera b'mod ċar kif iħossu dwar is-sewwa u l-ħażen? Per eżempju, meta s-segwaċi tiegħu obdew id-direzzjoni tiegħu fix-xogħol ta' l-ippridkar u minħabba f'hekk ġew imberkin, Ġesù kif irreaġixxa? Hu kien ferħan ħafna. (Luqa 10:1, 17, 21) U meta n-nies ta' Ġerusalemm għal darba wara l-oħra wrew spirtu diżubbidjenti, billi ċaħdu l-isforzi kollha mħabba tiegħu biex jgħinhom, Ġesù kif ħassu? Hu beka minħabba l-attitudni ribelluża ta' din il-belt. (Luqa 19:41, 42) Ġesù kien konċernat ħafna kemm dwar kondotta tajba kif ukoll dwar kondotta ħażina.

10 Meditazzjoni fuq is-sentimenti ta' Ġesù tgħinna neżaminaw il-motivi tagħna għala nobdu lil Ġeħova. Minkejja li aħna imperfetti, nistgħu nikkultivaw imħabba mill-qalb għal għemejjel tajbin u mibegħda soda għal kondotta ħażina. Jeħtieġ li nitolbu lil Ġeħova jgħinna nikkultivaw sentimenti bħal tiegħu u dawk ta' Ibnu. (Salm 51:10) Fl-istess ħin, irridu nevitaw influwenzi li jmewtu dawn is-sentimenti. Huwa essenzjali li nagħżlu d-divertiment u s-sħubija tagħna b'mod għaqli. (Proverbji 13:20; Filippin 4:8) Jekk nikkultivaw motivi bħal ta' Kristu, l-ubbidjenza tagħna mhix se tkun sempliċement formalità. Se nagħmlu dak li huwa sewwa għax inħobbu nagħmluh. Se nevitaw għemejjel ħżiena,

---

10. Liema sentimenti rridu nikkultivaw fejn jidħlu għemejjel sewwa u għemejjel ħżiena, u x'se jgħinna nagħmlu dan?

mhux għax nibżgħu li ninqabdu, imma għax nobogħdu kondotta bħal din.

## "Hu M'Għamel Ebda Dnub"

11 Kmieni fil-ministeru tiegħu, Ġesù ġie mġarrab rigward il-mibegħda li kellu għad-dnub. Wara l-magħmudija tiegħu, hu għadda 40 jum u lejl fix-xagħri mingħajr ikel. Fi tmiem dan il-perijodu, Satana mar biex jittantah. Innota kemm kien makakk ix-Xitan.—Mattew 4:1-11.

12 L-ewwel, Satana qal: "Jekk int bin Alla, għid lil dan il-ġebel isir ħobż." (Mattew 4:3) Ġesù kif ħassu wara li kien ilu sajjem? Il-Bibbja tgħid ċar u tond: "Qabdu l-ġuħ." (Mattew 4:2) Għal-hekk, Satana ħa vantaġġ mix-xewqa naturali għall-ikel u bla dubju stenna apposta sakemm Ġesù kien dgħajjef fiżikament. Innota wkoll il-frażi kollha tkasbir ta' Satana: *"Jekk* int bin Alla." Satana kien jaf li Ġesù kien "l-ewwel imwieled mill-ħolqien kollu." (Kolossin 1:15) Xorta waħda, Ġesù ma ħalliex lil Satana jġiegħlu jkun diżubbidjenti. Ġesù kien jaf li ma kinitx ir-rieda t'Alla li juża l-qawwa tiegħu għal skopijiet egoistiċi. Hu rrifjuta li jagħmel dan, billi wera li straħ bl-umiltà fuq Ġeħova għall-ikel u d-direzzjoni.—Mattew 4:4.

13 Għat-tieni tentazzjoni tiegħu, Satana ħa lil Ġesù fuq l-ogħla ħajt tat-tempju. B'sengħa, Satana għawweġ il-Kelma t'Alla u ttanta lil Ġesù biex jagħmel wirja spettakolari billi jintefa' għal isfel minn dak l-għoli sabiex l-anġli jkollhom isalvawh. Kieku l-folol fit-tempju raw miraklu bħal dan, kien xi ħadd se jażżarda jiddubita li Ġesù kien il-Messija mwiegħed? U jekk il-folol aċċettaw lil Ġesù bħala l-Messija fuq il-bażi ta' din it-turija spettakolari, ma setax Ġesù forsi jevita ħafna tbatija u inkwiet? Jista' jkun. Imma Ġesù kien jaf li r-rieda ta' Ġeħo-

11, 12. (a) Xi ġralu Ġesù kmieni fil-ministeru tiegħu? (b) Satana kif ittanta lil Ġesù l-ewwel darba, u liema tattiki makakki uża?

13-15. (a) Satana kif ittanta lil Ġesù t-tieni u t-tielet darba, u Ġesù kif wieġeb? (b) Kif nafu li Ġesù qatt ma seta' jieqaf milli jibqa' għassa għal Satana?

va kienet li l-Messija jwettaq ix-xogħol tiegħu b'mod umli, mhux li jinfluwenza lin-nies biex jemmnu fih minħabba turijiet spettakolari. (Isaija 42:1, 2) Għal darb'oħra, Ġesù rrifjuta li jkun diżubbidjenti lejn Ġeħova. Il-fama ma ħajritux.

[14] Però, xi ngħidu dwar il-ġibda għall-poter? Fit-tielet attentat tiegħu, Satana offra lil Ġesù s-saltniet kollha tad-dinja jekk Ġesù jwettaq att wieħed ta' qima lil Satana. Ħaseb bisserjetà dwar l-offerta ta' Satana? "Mur 'l hemm, Satana!" kienet ir-risposta tiegħu. Hu kompla jgħid: "Għax hu miktub, 'Qim lil Ġeħova Alla tiegħek, u lilu biss agħti servizz sagru.' " (Mattew 4:10) Qatt ma kien se jkun hemm xi ħaġa li tħajjar lil Ġesù jqim alla ieħor. Ebda offerta ta' poter jew influwenza f'din id-dinja ma setgħet iċċaqalqu biex jikkommetti kwalunkwe att ta' diżubbidjenza.

[15] Qata' qalbu Satana? Huwa minnu li telaq mal-kmand ta' Ġesù. Madankollu, l-Evanġelju ta' Luqa jgħid li x-Xitan "telaq minn ħdejh sakemm isib ħin konvenjenti ieħor." (Luqa 4:13) Tabilħaqq, Satana, sat-tmiem, kien se jibqa' jfittex drabi oħrajn biex jgħaddi lil Ġesù minn prova u jittantah. Il-Bibbja tgħidilna li Ġesù "ġie provat fl-aspetti kollha." (Ebrej 4:15) Għalhekk, Ġesù qatt ma seta' jieqaf milli jibqa' għassa; u lanqas aħna ma nistgħu.

[16] Satana jkompli jittanta lill-qaddejja t'Alla llum. B'dispjaċir, l-imperfezzjonijiet tagħna spiss jagħmluna miri faċli. Satana b'makakkerija jappella għall-egoiżmu, il-kburija, u r-regħba għall-poter. Permezz tal-ġibda għall-materjaliżmu, Satana jista' saħansitra jappella għal dawn kollha f'daqqa! Huwa vitali li kultant nieqfu u neżaminaw lilna nfusna b'mod onest. Nagħmlu tajjeb jekk nimmeditaw fuq il-kliem ta' l-1 Ġwanni 2:15-17. Hekk kif nagħmlu dan, nistgħu nistaqsu lilna nfusna jekk ix-xewqat tal-laħam ta' din is-sistema, ix-xenqa għall-ġid materjali, u x-xewqa li nimpressjonaw lil oħrajn dgħajfux xi ftit jew wisq l-imħabba tagħna għal

---

16. Satana kif jittanta lill-qaddejja t'Alla llum, u kif nistgħu niċħdu l-isforzi tiegħu?

Missierna tas-sema. Irridu niftakru li din id-dinja qed tgħaddi, eżatt bħall-ħakkiem tagħha, Satana. Ejja niċħdu l-isforzi makakki tiegħu biex iħajjarna naqgħu fid-dnub! Jalla niġu mqanqlin minn Sidna, għaliex "hu m'għamel ebda dnub." —1 Pietru 2:22.

## "Dejjem Nagħmel Dak li Jogħġob Lilu"

17 L-ubbidjenza tinvolvi ħafna iktar milli sempliċement inżommu lura milli nidinbu; Kristu wettaq b'mod attiv kull kmand ta' Missieru. Hu stqarr: "Dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu." (Ġwanni 8:29) Din l-ubbidjenza ġabitlu ferħ kbir lil Ġesù. M'għandniex xi ngħidu, xi wħud forsi joġġezzjonaw li l-ubbidjenza kienet xi ħaġa iktar faċli għal Ġesù. Forsi jirraġunaw li hu kellu jobdi lil Ġeħova biss, li Hu perfett, filwaqt li aħna spiss ikollna nobdu lil bnedmin imperfetti li għandhom pożizzjonijiet t'awtorità. Però, il-verità hi li Ġesù *kien* ubbidjenti lejn bnedmin imperfetti li kellhom pożizzjonijiet t'awtorità.

18 Waqt it-trobbija tiegħu, Ġesù kien taħt l-awtorità ta' Ġużeppi u Marija, il-ġenituri umani imperfetti tiegħu. X'aktarx li iktar minn tfal oħrajn, hu seta' jara n-nuqqasijiet tal-ġenituri tiegħu. Irribella hu, billi qabeż l-irwol tiegħu bħala tifel fil-familja u qalilhom kif għandhom jieħdu ħsieb il-familja? Innota dak li jgħid Luqa 2:51 dwar Ġesù meta kellu 12-il sena: "Baqa' sottomess lejhom." B'din l-ubbidjenza, hu ħalla eżempju eċċellenti għaż-żgħażagħ Kristjani li jistinkaw biex jobdu lill-ġenituri tagħhom u juruhom rispett xieraq. —Efesin 6:1, 2.

19 Rigward l-ubbidjenza lejn bnedmin imperfetti, Ġesù

---

17. Ġesù kif ħassu dwar li jobdi lil Missieru, però liema oġġezzjoni jistgħu jqajmu xi wħud?
18. Bħala żagħżugħ, liema eżempju t'ubbidjenza ħalla Ġesù?
19, 20. (a) Ġesù liema sfidi uniċi ffaċċja rigward l-ubbidjenza lejn bnedmin imperfetti? (b) Il-Kristjani veri llum għala għandhom ikunu ubbidjenti lejn dawk li jieħdu t-tmexxija fosthom?



***Aħna b'ubbidjenza napplikaw dak li nitgħallmu fil-laqgħat Kristjani***

ffaċċja sfidi li l-Kristjani veri llum qatt ma se jkollhom jiffaċċjaw. Ikkunsidra ż-żmien uniku li kien jgħix fih. Is-sistema reliġjuża Lhudija, bit-tempju tagħha f'Ġerusalemm u s-saċerdozju tagħha, kienet ilha approvata minn Ġeħova imma kienet waslet biex tiġi miċħuda u minflokha kellu jkun hemm l-arranġament tal-kongregazzjoni Kristjana. (Mattew 23:33-38) Sadanittant, ħafna mill-mexxejja reliġjużi kienu qed jgħallmu tagħlim falz meħud mill-filosofija Griega. Fit-tempju, il-korruzzjoni tant kienet mifruxa li Ġesù sejjaħlu "għar tal-ħallelin." (Marku 11:17) Żamm 'il bogħod Ġesù minn dan it-tempju u mis-sinagogi? Le! Ġeħova kien għadu qed juża dawn l-arranġamenti. Sakemm Alla ħa azzjoni u għamel bidliet, Ġesù b'ubbidjenza mar għall-festi fit-tempju u s-sinagoga.—Luqa 4:16; Ġwanni 5:1.

20 Jekk Ġesù kien ubbidjenti f'dawn iċ-ċirkustanzi, kemm iktar għandhom il-Kristjani veri jibqgħu ubbidjenti llum! Wara kollox, aħna ngħixu fi żminijiet differenti ferm, iż-żmien tat-tiġdid tal-qima pura li ilu tant imbassar. Alla jassigurana li hu qatt m'hu se jħalli lil Satana jikkorrompi lill-poplu mġedded tiegħu. (Isaija 2:1, 2; 54:17) Huwa minnu li aħna niffaċċjaw id-dnub u l-imperfezzjoni fil-kongregazzjoni

Kristjana. Imma għandna nużaw in-nuqqasijiet t'oħrajn bħala skuża biex ma nobdux lil Ġeħova, forsi billi ma nattendux il-laqgħat Kristjani jew billi nikkritikaw lill-anzjani? Qatt! Minflok, aħna minn qalbna nappoġġaw lil dawk li qed jieħdu t-tmexxija fil-kongregazzjoni. B'ubbidjenza, aħna nattendu l-laqgħat Kristjani u l-assembleat u napplikaw il-pariri Skritturali li nirċievu hemmhekk.—Ebrej 10:24, 25; 13:17.

21 Ġesù qatt ma ħalla lin-nies, anki ħbieb b'intenzjonijiet tajbin, iwaqqfuh milli jobdi lil Ġeħova. Per eżempju, l-appostlu Pietru pprova jipperswadi lil Sidu li ma kellux għalfejn ibati u jmut. Ġesù b'mod sod ċaħad il-parir ta' Pietru, li għalkemm b'intenzjoni tajba ma kienx f'loku biex Ġesù jkun ħanin miegħu nnifsu. (Mattew 16:21-23) Illum, is-segwaċi ta' Ġesù spiss ikampaw ma' qraba li għandhom intenzjonijiet tajbin u li jistgħu jipprovaw iħajruhom ma jobdux il-liġijiet u l-prinċipji t'Alla. Bħas-segwaċi ta' Ġesù fl-ewwel seklu, aħna nżommu l-waqfa tagħna li "nobdu lil Alla bħala ħakkiem u mhux lill-bnedmin."—Atti 5:29.

## Premjijiet ta' li Nuru Ubbidjenza bħal ta' Kristu

22 Meta Ġesù ffaċċja l-mewt, l-ubbidjenza tiegħu għaddiet minn prova l-iktar ħarxa. Matul dak il-jum mudlam, "hu tgħallem l-ubbidjenza" fl-iktar sens sħiħ. Hu għamel ir-rieda ta' Missieru u mhux tiegħu. (Luqa 22:42) Matul dan iż-żmien, hu stabbilixxa rekord perfett ta' integrità. (1 Timotju 3:16) Hu wieġeb il-mistoqsija pendenti: Jista' bniedem perfett jibqa' ubbidjenti lejn Ġeħova saħansitra fil-prova? Adam u Eva kienu fallew. Imbagħad Ġesù ġie, għex, miet, u pprovda t-tweġiba. L-akbar mill-ħlejjaq kollha ta' Ġeħova ta l-iktar tweġiba b'saħħitha possibbli. Hu obda anki meta l-ubbidjenza swietlu ħafna.

---

21. Ġesù kif wieġeb għall-pressjoni mill-bnedmin biex ma jibqax ubbidjenti lejn Alla, u b'hekk liema eżempju ħalla għalina?
22. Ġesù ta t-tweġiba għal liema mistoqsija, u kif?

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- X'inhuma xi ftit mill-kmandi ta' Kristu, kif nistgħu nobduhom, u liema barkiet se jirriżultaw?—Ġwanni 15:8-19.
- Għall-ewwel, il-qraba ta' Ġesù kif ħassewhom dwar il-ministeru tiegħu, u x'nistgħu nitgħallmu mill-mod kif Ġesù ttrattahom?—Marku 3:21, 31-35.
- Għala qatt m'għandna għalfejn ninkwetaw li l-ubbidjenza lejn Ġeħova tista' ċċaħħadna minn ħajja hienja?—Luqa 11:27, 28.
- X'nistgħu nitgħallmu mill-fatt li Ġesù kien lest li jobdi liġi li fir-realtà ma kinitx tapplika għalih?—Mattew 17:24-27.

23 L-integrità, jew id-devozzjoni lejn Ġeħova b'qalb sħiħa, tintwera bl-ubbidjenza. Minħabba li Ġesù obda, hu żamm l-integrità tiegħu u l-umanità kollha bbenefikat. (Rumani 5:19) Ġeħova ppremjah bil-kbir lil Ġesù. Jekk nobdu lil Sidna, Kristu, Ġeħova se jippremjana wkoll. L-ubbidjenza lejn Kristu twassal għal "salvazzjoni ta' dejjem"!—Ebrej 5:9.

24 Iżjed minn hekk, l-integrità hija premju fiha nfisha. Proverbji 10:9 jgħid: "Dak li qed jimxi bl-integrità se jimxi fis-sigurtà." Jekk l-integrità titqabbel ma' villa magħmula bi briks ta' kwalità, kull att t'ubbidjenza jista' jitqabbel ma' briksa individwali. Briksa tista' tidher insinifikanti, imma kull waħda għandha postha, il-valur tagħha. U meta ħafna jingħaqdu flimkien, tinbena xi ħaġa ħafna iktar ta' valur. Meta atti t'ubbidjenza jingħaqdu flimkien, wieħed ma' l-ieħor, jum wara jum u sena wara sena, aħna nibnu d-dar sabiħa ta' l-integrità tagħna.

25 Ħajja t'ubbidjenza fuq tul ta' żmien iġġibilna f'moħħna kwalità oħra—is-sabar. Dan l-aspett ta' l-eżempju ta' Ġesù huwa s-suġġett tal-kapitlu li jmiss.

---

23-25. (a) L-ubbidjenza kif inhi relatata ma' l-integrità? Agħti tixbiha. (b) X'inhu s-suġġett tal-kapitlu li jmiss?

# “Irriflettu Sew dwar Dak li Ssaporta”

IL-PRESSJONI hija kbira. Ġesù qatt qabel m’esperjenza tbatija mentali u emozzjonali bħal din. Jinsab fl-aħħar sigħat tal-ħajja tiegħu fuq l-art. Flimkien ma’ l-appostli tiegħu, hu jiġi f’post familjari, il-ġnien tal-Ġetsemani. Spiss iltaqa’ magħhom hawnhekk. Madankollu, f’dan il-lejl għandu bżonn ftit tal-ħin waħdu. Filwaqt li jitlaq lill-appostli tiegħu, hu jidħol iktar ’il ġewwa fil-ġnien, jinżel għarkopptejh, u jibda jitlob. Tant jitlob b’ħeġġa u tant hu f’agunija li l-għaraq tiegħu jibda “nieżel fl-art bħal qtar tad-demm.”—Luqa 22:39-44.

2 Ġesù għala huwa daqstant inkwetat? Veru, hu jaf li dalwaqt se jkollu jesperjenza tbatija fiżika kbira, imma din m’hijiex ir-raġuni għad-diqa tiegħu. Fuq moħħu għandu kwistjonijiet li huma ħafna iktar importanti għalih. Hu konċernat ħafna dwar l-isem ta’ Missieru u jirrikonoxxi li l-futur tal-familja umana jiddependi mill-fatt li hu jibqa’ leali. Ġesù jaf kemm hu vitali li jissaporti. Jekk iċedi, hu kien se jġib tmaqdir fuq isem Ġeħova. Imma Ġesù ma jċedix. Iktar tard dakinhar, ftit mumenti qabel ma jieħu l-aħħar nifs tiegħu, ir-raġel li ħalla l-aqwa eżempju tas-sabar li qatt kien hawn fuq l-art b’mod trijonfanti jgħajjat: “Twettaq!” —Ġwanni 19:30.

3 Il-Bibbja tħeġġiġna biex ‘nirriflettu sew dwar dak [Ġesù] li ssaporta.’ (Ebrej 12:3) B’hekk, iqumu xi mistoqsijiet importanti: Liema huma xi wħud mill-provi li ssaporta Ġesù?

---

1-3. (a) Kemm hi kbira l-agunija ta’ Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani, u għala qed iħossu hekk? (b) X’jista’ jingħad dwar l-eżempju tas-sabar ta’ Ġesù, u liema mistoqsijiet iqumu?

X'għenu jissaporti? Kif nistgħu nsegwu l-eżempju tiegħu? Però, qabel ma nwieġbu dawn il-mistoqsijiet ejja neżaminaw x'jinvolvi s-sabar.

## X'Inhu s-Sabar?

4 Minn żmien għal żmien, ilkoll kemm aħna 'nitnikktu b'diversi provi.' (1 Pietru 1:6) Il-fatt li nkunu għaddejjin minn xi prova jfisser neċessarjament li qed nissaportuha? Le. In-nom Grieg għal "sabar" ifisser "l-abbiltà li dak li jkun ma jaqtax qalbu jew li ma jċedix meta jkun qed jiffaċċja xi diffikultà." Rigward it-tip ta' sabar li jirreferu għalih xi kittieba tal-Bibbja, studjuż wieħed jispjega: "Min għandu s-sabar ikollu attitudni li ma jċedix, mhux sempliċement b'rassenjazzjoni, imma b'tama qawwija . . . Huwa l-kwalità li żżomm bniedem wieqaf sod meta jħabbat il-maltemp. Huwa l-virtù li tista' tbiddel l-iktar prova diffiċli fi glorja għaliex wieħed iżomm quddiem għajnejh il-mira li tintlaħaq wara l-prova."

5 Għalhekk, li wieħed jissaporti m'huwiex sempliċement kwistjoni ta' li jesperjenza tbatija li ma jistax jaħrabha. Fis-sens Bibliku, is-sabar jinvolvi s-sodizza, filwaqt li tinżamm attitudni mentali xierqa u ħarsa pożittiva waqt il-provi. Ikkunsidra tixbiha: Żewġt irġiel qegħdin il-ħabs f'kundizzjonijiet simili imma għal raġunijiet differenti ħafna. Wieħed, kriminal komuni, kontra qalbu jiskonta s-sentenza tiegħu għax ta' bilfors. L-ieħor, Kristjan veru li ġie mitfugħ il-ħabs minħabba l-waqfa leali tiegħu, jibqa' sod u jżomm attitudni pożittiva għaliex jara s-sitwazzjoni tiegħu bħala opportunità biex juri l-fidi tiegħu. Il-kriminal ma jistax jitqies bħala eżempju tas-sabar, filwaqt li l-Kristjan leali huwa xempju ta' din il-kwalità eċċellenti.—Ġakbu 1:2-4.

---

4, 5. (a) Xi jfisser is-"sabar"? (b) X'tixbiha nistgħu nużaw biex nuru li s-sabar jinvolvi ħafna iktar milli wieħed sempliċement jesperjenza tbatija li ma jistax jaħrabha?

6 Is-sabar huwa essenzjali jekk irridu niksbu s-salvazzjoni. (Mattew 24:13) Madankollu, ma nitwildux b'din il-kwalità vitali. Is-sabar irid jiġi żviluppat. Kif? Rumani 5:3 jgħid: "It-tribulazzjoni tipproduċi s-sabar." Iva, jekk verament irridu niżviluppaw is-sabar, ma nistgħux inwarrbu bil-biża' minn kull prova tal-fidi. Minflok, irridu niffaċċjawhom. Is-sabar jirriżulta meta kuljum niffaċċjaw u negħlbu provi kbar u żgħar. Kull prova li ngħaddu minnha ssaħħaħna biex niffaċċjaw il-prova li jmiss. M'għandniex xi ngħidu, ma niżviluppawx is-sabar waħedna. Aħna 'niddependu mis-saħħa li jagħti Alla.' (1 Pietru 4:11) Sabiex jgħinna nibqgħu leali, Ġeħova tana l-aqwa għajnuna possibbli—l-eżempju ta' Ibnu. Ejja neżaminaw iktar bir-reqqa r-rekord perfett tas-sabar ta' Ġesù.

## Provi li Ssaporta Ġesù

7 Hekk kif qorob it-tmiem ta' ħajtu fuq l-art, Ġesù ssaporta ħafna krudeltajiet differenti. Flimkien mal-pressjoni mentali kbira li kien qed jesperjenza fl-aħħar lejl ta' ħajtu, ikkunsidra d-diżappunt li żgur ħass u l-umiljazzjoni li bata. Hu ġie tradut minn ħabib intimu, abbandunat mill-iktar ħbieb tal-qalb tiegħu, u mġiegħel jgħaddi ġuri illegali waqt li membri ta' l-ogħla qorti reliġjuża tal-pajjiż waqqgħuh għaċ-ċajt, beżqulu, u tawh daqqiet ta' ponn. Madankollu, hu ssaporta dan kollu b'dinjità siekta u b'saħħa.—Mattew 26:46-49, 56, 59-68.

8 Fl-aħħar sigħat tiegħu, Ġesù ssaporta tbatija fiżika tremenda. Hu ġie flaġellat, imsawwat b'mod tant aħrax li dan jiġi deskritt bħala li kkaġunalu "tiċrit fond u mfellel u telf kbir ta' demm." Hu ġie msammar ma' zokk, maqtul b'tali mod li wassal għal "mewta bil-mod u bl-akbar ammont

---

6. Kif niżviluppaw is-sabar?
7, 8. Ġesù xi ssaporta hekk kif qorob it-tmiem tal-ħajja tiegħu fuq l-art?

possibbli ta' wġigħ u tbatija." Aħseb ftit dwar l-agunija li żgur ħass hekk kif b'daqqiet qawwijin ġie msammar mazzokk permezz ta' msiemer kbar li ddaħħlu f'idejh u f'saqajh. (Ġwanni 19:1, 16-18) Immaġina l-uġigħ inkredibbli li ħass hekk kif iz-zokk twaqqaf u l-piż ta' ġismu żamm fuq l-imsiemer u d-dahar imċarrat tiegħu kompla jinstelaħ maz-zokk. U din it-tbatija fiżika kbira Ġesù ssaportieha waqt li kien qed iġorr it-toqol mentali li ddeskrivejna fil-bidu ta' dan il-kapitlu.

[9] Bħala segwaċi ta' Kristu, x'għandna mnejn ikollna nissaportu? Ġesù qal: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, ħa . . . jerfa' z-zokk tat-tortura tiegħu u jibqa' miexi warajja." (Mattew 16:24) L-espressjoni "zokk tat-tortura" hawnhekk qed tintuża b'mod figurattiv biex tirrappreżenta t-tbatija, l-għajb, jew saħansitra l-mewt. M'huwiex faċli li nsegwu lil Kristu. Il-livelli Kristjani tagħna jagħmluna differenti. Din id-dinja tobgħodna għaliex m'aħniex parti minnha. (Ġwanni 15:18-20; 1 Pietru 4:4) Minkejja dan, aħna lesti li nerfgħu z-zokk tat-tortura tagħna—iva, aħna lesti li nbatu, saħansitra mmutu, minflok ma nieqfu nsegwu x-Xempju tagħna.—2 Timotju 3:12.

[10] Matul il-ministeru tiegħu, Ġesù ffaċċja provi oħrajn minħabba l-imperfezzjonijiet ta' dawk ta' madwaru. Ftakar li hu kien il-"ħaddiem tas-sengħa," li Ġeħova uża biex joħloq l-art u l-ħajja kollha fuqha. (Proverbji 8:22-31) Għalhekk, Ġesù kien jaf x'kien l-iskop ta' Ġeħova għall-umanità; huma kellhom jirriflettu l-kwalitajiet Tiegħu u jgawdu l-ħajja f'saħħa perfetta. (Ġenesi 1:26-28) Meta kien fuq l-art, Ġesù ra r-riżultati traġiċi tad-dnub minn perspettiva

9. X'hemm involut f'li nerfgħu z-"zokk tat-tortura" tagħna u nsegwu lil Ġesù?

10-12. (a) L-imperfezzjonijiet ta' dawk ta' madwaru kif kienu ta' prova għas-sabar ta' Ġesù? (b) X'kienu ftit mis-sitwazzjonijiet ta' prova li ssaporta Ġesù?

differenti—hu nnifsu kien bniedem, kapaċi jesperjenza sentimenti u emozzjonijiet umani. Min jaf kemm ħassu mweġġa' meta ra b'għajnejh stess l-imperfezzjoni kbira tal-bnedmin imqabbla mal-perfezzjoni oriġinali ta' Adam u Eva! B'hekk, Ġesù kellu jiffaċċja prova tas-sabar. Kien se jiġi skuraġġit u jaqta' qalbu, billi jqis lill-bnedmin midinbin bħala li m'hemmx tama għalihom? Ejja naraw.

11 Il-fatt li l-Lhud kienu indifferenti ġiegħel lil Ġesù tant jitnikket li beka bla ma qagħad jaħbi. Ħalla hu l-indifferenza tagħhom tberred iż-żelu tiegħu jew iġġiegħlu jieqaf jippriedka? Għall-kuntrarju, hu "kien imur kuljum jgħallem fit-tempju." (Luqa 19:41-44, 47) Hu kien "imnikket għallaħħar" minħabba l-ebusija ta' qalb il-Fariżej li kienu attenti biex jaraw jekk kienx se jfejjaq ċertu raġel fis-Sabat. Ħalla lil dawn l-opponenti, li qiesu lilhom infushom bħala ġusti,

***Se nħallu l-oppożizzjoni tberred l-ispirtu tagħna, jew se nkomplu nippridkaw biż-żelu?***



jintimidawh? Dażgur li le! Hu żamm sod u fejjaq lir-raġel—u għamel dan saħansitra f'nofs is-sinagoga!—Marku 3:1-5.

[12] Hemm xi ħaġa oħra li żgur kienet ta' sfida għal Ġesù —in-nuqqasijiet tad-dixxipli l-iktar qrib tiegħu. Kif tgħallimna f'Kapitlu 3, huma wrew xewqa persistenti għall-prominenza. (Mattew 20:20-24; Luqa 9:46) Ġesù kemm-il darba tahom il-parir li kellhom bżonn ikunu umli. (Mattew 18: 1-6; 20:25-28) Madankollu, damu biex jieħdu azzjoni. Immaġina, fl-aħħar lejl tiegħu magħhom, qalgħu "argument sħun" dwar min kien l-akbar fosthom! (Luqa 22:24) Qata' qalbu minnhom Ġesù, billi rraġuna li ma kienx hemm tama għalihom? Le. Filwaqt li dejjem wera l-paċenzja, hu baqa' pożittiv u jittama, kompla jara l-kwalitajiet tajbin tagħhom. Hu kien jaf li f'qalbhom kienu jħobbu lil Ġeħova u verament riedu jagħmlu r-rieda Tiegħu.—Luqa 22: 25-27.

[13] Aħna nistgħu niffaċċjaw provi li huma simili għal dawk li ssaporta Ġesù. Per eżempju, aħna forsi niltaqgħu ma' nies li huma indifferenti għall-messaġġ tas-Saltna jew saħansitra jopponuh. Se nħallu reazzjonijiet negattivi bħal dawn jaqtgħulna qalbna, jew se nkomplu nippridkaw biż-żelu? (Titu 2:14) Forsi nesperjenzaw provi minħabba l-imperfezzjonijiet ta' ħutna l-Kristjani. Kelma b'nuqqas ta' ħsieb jew għemil b'nuqqas ta' konsiderazzjoni jista' jweġġa' s-sentimenti tagħna. (Proverbji 12:18) Sejrin inħallu n-nuqqasijiet ta' sħabna fit-twemmin iġegħluna naqtgħu qalbna minnhom, jew se nkomplu nissaportu n-nuqqasijiet tagħhom u nfittxu l-kwalitajiet tajbin tagħhom?—Kolossin 3:13.

## Għala Ġesù Ssaporta

[14] X'għen lil Ġesù jżomm sod u jibqa' juri l-integrità

---

13. Liema provi li huma simili għal dawk li ssaporta Ġesù nistgħu niffaċċjaw?

14. Liema żewġ fatturi għenu lil Ġesù jżomm sod?

minkejja l-umiljazzjoni, id-diżappunt, u t-tbatija kollha li ffaċċja? Hemm żewġ fatturi li jispikkaw u li saħħew lil Ġesù. L-ewwel, hu ħares 'il fuq, billi talab bil-ħerqa lill-"Alla li jipprovdi s-sabar." (Rumani 15:5) It-tieni, Ġesù ħares 'il quddiem, billi ffoka fuq dak li s-sabar tiegħu kien se jwassal għalih. Ejja nikkunsidraw dawn il-fatturi wieħed wieħed.

15 Għalkemm Ġesù hu l-Iben perfett t'Alla, ma straħx fuq is-saħħa tiegħu stess biex jissaporti. Minflok, hu dar lejn Missieru tas-sema u talab l-għajnuna tiegħu. L-appostlu Pawlu kiteb: "Kristu talab bil-ħerqa u wkoll offra petizzjonijiet lil Dak li seta' jsalvah mill-mewt, b'għajat qawwi u dmugħ." (Ebrej 5:7) Innota li Ġesù "offra" mhux biss petizzjonijiet imma wkoll talb bil-ħerqa. It-terminu 'talb bil-ħerqa' jirreferi għal talb li verament jiġi mill-fond tal-qalb —iva, li dak li jkun jittallab għall-għajnuna. Il-kelma Griega oriġinali tradotta 'talb bil-ħerqa' tindika li Ġesù talab lil Ġeħova iktar minn darba. Tabilħaqq, fil-ġnien tal-Ġetsemani, Ġesù talab ripetutament u bil-ħrara.—Mattew 26:36-44.

16 Ġesù kellu fiduċja sħiħa li Ġeħova kien se jwieġeb it-talb ħerqan tiegħu, għaliex kien jaf li Missieru hu "Semmiegħ it-talb." (Salm 65:2) Matul il-ħajja tiegħu qabel ma sar bniedem, l-ewwel Iben imwieled kien ra kif Missieru jwieġeb it-talb tal-qaddejja leali tiegħu. Per eżempju, mis-smewwiet l-Iben ra b'għajnejh stess meta Ġeħova bagħat anġlu biex iwieġeb it-talb mill-qalb tal-profeta Danjel—saħansitra qabel ma Danjel kien spiċċa jitlob. (Danjel 9:20, 21) Għalhekk, il-Missier kif seta' jonqos milli jwieġeb lill-Iben uniġenitu tiegħu meta dan fetaħ qalbu "b'għajat qawwi u dmugħ"? Ġeħova wieġeb it-talb ta' Ibnu u bagħat anġlu biex isaħħu ħalli jissaporti t-tbatija li kien għaddej minnha.—Luqa 22:43.

---

15, 16. (a) X'juri li Ġesù ma straħx fuq is-saħħa tiegħu stess biex jissaporti? (b) Ġesù liema fiduċja kellu f'Missieru, u għala?

17 Sabiex nissaportu, aħna wkoll irridu nħarsu lejn is-sema—lejn l-Alla 'li jagħti l-qawwa.' (Filippin 4:13) Jekk l-Iben perfett t'Alla ħass il-bżonn li jitlob bil-ħerqa lil Ġeħova għall-għajnuna, kemm iktar għandna aħna! Bħal Ġesù, forsi jkollna nitolbu lil Ġeħova darba wara l-oħra. (Mattew 7:7) Għalkemm ma nistennewx xi żjara anġelika, nistgħu nkunu ċerti minn dan: Alla tagħna kollu mħabba se jwieġeb it-talb tal-Kristjan leali li 'jippersisti f'suppliki u talb lejl u nhar.' (1 Timotju 5:5) Minkejja l-provi li nistgħu niffaċċjaw—bħal saħħa batuta, il-mewt ta' xi ħadd maħbub, jew il-persekuzzjoni minn uħud li jopponu—Ġeħova se jwieġeb it-talb ħerqan tagħna għall-għerf, il-kuraġġ, u s-saħħa biex nissaportu.—2 Korintin 4:7-11; Ġakbu 1:5.



18 It-tieni fattur li għen lil Ġesù jissaporti kien li ħares 'il quddiem, lil hinn mit-tbatija, għal dak li għad irid jiġi. Dwar Ġesù, il-Bibbja tgħid: "Għall-ferħ li tqiegħed quddiemu ssaporta z-zokk tat-tortura." (Ebrej 12:2) L-eżempju ta' Ġesù juri kif it-tama, il-ferħ, u s-sabar jaħdmu id f'id. Dan jista' jinġabar b'dan il-mod: It-tama twassal għall-ferħ, u l-ferħ għas-sabar. (Rumani 15:13; Kolossin 1:11) Ġesù kellu prospetti meraviljużi. Hu kien jaf li fedel-

---

17. Sabiex nissaportu, għala għandna nħarsu lejn is-sema, u kif nistgħu nagħmlu dan?
18. Ġesù kif ħares lil hinn mit-tbatija tiegħu għal dak li kien hemm quddiemu?

***Ġeħova se jwieġeb it-talb ħerqan tagħna għall-għajnuna biex nissaportu***

tà min-naħa tiegħu kienet se tgħin biex is-sovranità ta' Missieru tiġi vindikata u kienet se tgħinu jixtri lura l-familja umana mid-dnub u l-mewt. Ġesù kellu wkoll it-tama li jaħkem bħala Sultan u jaqdi bħala Qassis il-Kbir, biex iġib iktar barkiet għall-bnedmin ubbidjenti. (Mattew 20:28; Ebrej 7:23-26) Billi ffoka fuq il-prospetti u t-tama li kien hemm quddiemu, Ġesù sab ferħ bla qjies, u dan il-ferħ, mill-banda l-oħra, għenu jissaporti.

19 Bħal Ġesù, aħna rridu nħallu t-tama, il-ferħ, u s-sabar jaħdmu id f'id għalina. L-appostlu Pawlu qal: "Thennew bit-tama." Imbagħad żied jgħid: "Issaportu fit-tribulazzjoni." (Rumani 12:12) Qiegħed int tiffaċċja xi prova iebsa tal-fidi fil-preżent? Mela agħmel ħiltek biex tħares 'il quddiem. Tinsiex il-fatt li s-sabar tiegħek se jġib tifħir għal isem Ġeħova. Żomm it-tama prezzjuża tas-Saltna ċara f'moħħok. Immaġina lilek innifsek fid-dinja l-ġdida t'Alla li riesqa, u immaġina li qed tesperjenza l-barkiet tal-Ġenna ta' l-art. Jekk tantiċipa t-twettiq ta' l-affarijiet meraviljużi li Ġeħova wiegħed—inkluż l-ivvindikar tas-sovranità tiegħu, it-tneħħija tal-ħażen mill-art, u t-tmiem tal-mard u l-mewt—qalbek se timtela bil-ferħ, u dan il-ferħ jista' jgħinek tissaporti jkunu xi jkunu l-provi li tiffaċċja. Meta mqabbla mar-realtà tat-tama tas-Saltna, kwalunkwe tbatija f'din is-sistema dinjija hi tabilħaqq "mumentanja u ħafifa."—2 Korintin 4:17.

## 'Imxi mill-Qrib Wara l-Passi Tiegħu'

20 Ġesù kien jaf li dawk li riedu jkunu segwaċi tiegħu kienu se jsibuha ta' sfida, triq li tirrikjedi s-sabar. (Ġwanni 15:20)

---

19. Meta niffaċċjaw provi tal-fidi, kif nistgħu nħallu t-tama, il-ferħ, u s-sabar jaħdmu id f'id għalina?

20, 21. Rigward is-sabar, Ġeħova x'jistenna minna, u x'għandha tkun id-determinazzjoni tagħna?

### Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?

- Kif nistgħu nqisu kwalunkwe tbatija li forsi nesperjenzaw minħabba li aħna segwaċi ta' Kristu?—Mattew 5:10-12.
- Ġesù x'qalilhom jistennew lis-segwaċi tiegħu, u kif nistgħu nsegwu l-parir li hu ta?—Mattew 10:16-22.
- Meta niffaċċjaw l-oppożizzjoni jew il-persekuzzjoni, kif nistgħu nsegwu l-eżempju ta' Ġesù?—1 Pietru 2:18-25.
- Is-sabar leali minkejja t-tbatija x'jikkonferma?—1 Pietru 4:12-14.

Hu kien lest jurihom it-triq, billi kien jaf li l-eżempju tiegħu kien se jsaħħaħ lil oħrajn. (Ġwanni 16:33) M'għandniex xi ngħidu, Ġesù ħalla eżempju perfett tas-sabar, imma aħna ninsabu 'l bogħod mill-perfezzjoni. Ġeħova x'jistenna minna? Pietru jispjega: "Kristu sofra għalikom, u ħallielkom mudell biex timxu mill-qrib wara l-passi tiegħu." (1 Pietru 2:21) Bil-mod ta' kif ittratta mal-provi, Ġesù ħalla "mudell," eżempju li għandna nimitaw.* Ir-rekord ta' sabar li hu bena jista' jitqabbel ma' "passi" jew marki tas-saqajn. Ma nistgħux insegwu dawn il-passi b'mod perfett, imma nistgħu nsegwuhom "mill-qrib."

21 Għalhekk, ejja nkunu determinati li nsegwu l-eżempju ta' Ġesù bl-aħjar mod li nistgħu. Ejja qatt ma ninsew li iktar ma nsegwu l-passi ta' Ġesù mill-qrib, iktar se nkunu armati biex nissaportu "sat-tmiem"—it-tmiem ta' din is-sistema qadima jew it-tmiem tal-ħajja preżenti tagħna. Ma nafux x'se jiġi l-ewwel, imma nafu dan: Għall-eternità kollha, Ġeħova se jippremjana għas-sabar tagħna.—Mattew 24:13.

---

* Il-kelma Griega tradotta "mudell" letteralment tfisser "ikkopjar tal-kitba." L-appostlu Pietru hu l-uniku kittieb ta' l-Iskrittura Griega Kristjana li uża din il-kelma, li jingħad li tfisser "kitba fil-bidu tal-paġna f'pitazz ta' tifel, kitba perfetta li t-tifel irid jimita mill-qrib kemm jista' jkun."

IT-TIENI SEZZJONI

# "JGĦALLEM . . . U JIPPRIEDKA L-AĦBAR TAJBA"

*Kien mastrudaxxa. Għamel il-mirakli. Fejjaq lin-nies. Ġesù kien u għamel dawn kollha u iktar. Madankollu, in-nies m'użawx kliem bħal dan meta indirizzawh. Huma sejħulu Għalliem. Tabilħaqq, ix-xogħol li ddedika ħajtu għalih kien li "jgħallem . . . u jippriedka l-aħbar tajba."* (*Mattew 4:23*) *Bħala segwaċi ta' Ġesù, aħna għandna l-istess xogħol x'nagħmlu. F'din is-sezzjoni, se nistudjaw l-eżempju tiegħu, li jurina kif għandna nagħmlu dan ix-xogħol.*

# "Għal Dan Intbgħatt"

ILHOM mexjin sigħat sħaħ. Ġesù u l-appostli tiegħu qed jivvjaġġaw lejn it-tramuntana, mexjin mil-Lhudija lejn il-Galilija. L-iqsar rotta—vjaġġ ta' madwar tlett ijiem—tgħaddihom mis-Samarija. Hekk kif ix-xemx tkun fl-eqqel tagħha, huma javviċinaw belt żgħira jisimha Sikar, fejn jieqfu għal ftit mistrieħ.

2 Sakemm l-appostli tiegħu jmorru jixtru l-ikel, Ġesù jistrieħ ħdejn bir 'il barra mill-belt. Waħda mara tersaq viċin biex ittella' l-ilma. Ġesù jista' jiddeċiedi li ma jagħtix kasha. Hu "għajjien mill-vjaġġ." (Ġwanni 4:6) Kien ikun raġunevoli kieku sempliċement għalaq għajnejh u ħalla lil din il-mara Samaritana tiġi u titlaq mingħajr ma jagħti kas. Bħalma rajna f'Kapitlu 4 ta' dan il-ktieb, il-mara x'aktarx tistenna li kwalunkwe Lhudi se jittrattaha b'disprezz. Madankollu, Ġesù jaqbad ikellimha.

3 Jibda b'tixbiha meħuda mill-ħajja ta' kuljum ta' din il-mara—tabilħaqq, waħda li għandha x'taqsam ma' dak li qed tagħmel f'dan il-mument stess. Qiegħda hawn biex ittella' l-ilma; Ġesù jitkellem dwar ilma li jagħti l-ħajja u li jista' jissodisfa l-għatx spiritwali tagħha. Diversi drabi, hi tqajjem punti li jistgħu jwasslu għal argumenti.* Ġesù

* Per eżempju, meta staqsiet dwar għala Lhudi qed jindirizza Samaritana, hi ssemmi s-suġġett li għal sekli sħaħ tlewmu dwaru ż-żewġ popli. (Ġwanni 4:9) Hi tgħid ukoll li niesha huma dixxendenti ta' Ġakobb, stqarrija li l-Lhud ta' dak iż-żmien jiċħdu b'saħħa. (Ġwanni 4:12) Huma jsejħu lis-Samaritani bl-isem Kuteani biex jenfasizzaw id-dixxendenza tagħhom minn popli barranin.

1-4. (a) Ġesù kif jgħallem lil waħda mara Samaritana bis-sengħa, u b'liema riżultat? (b) L-appostli tiegħu kif jirreaġixxu?



b'tattika jevita dawn il-kwistjonijiet u jibqa' jitkellem dwar is-suġġett li għandu f'moħħu. Hu jiffoka fuq kwistjonijiet spiritwali—il-qima pura u Alla Ġeħova. Il-kliem tiegħu ma jeffettwax lil din il-mara biss, għax hi tirrakkontah lin-nies tal-belt, u huma wkoll jixtiequ jisimgħu lil Ġesù.—Ġwanni 4:3-42.

4 X'ħin jirritornaw, l-appostli kif iħossuhom dwar ix-xieħda rimarkevoli li Ġesù qed jagħti hawnhekk? M'hemm ebda indikazzjoni t'entużjażmu min-naħa tagħhom. Huma mbellhin li Ġesù saħansitra qed ikellem lil din il-mara, u milli jidher ma jgħidulha xejn. Wara li titlaq, huma jibqgħu jħeġġu lil Ġesù biex jiekol l-ikel li ġabu. Madankollu, Ġesù jgħidilhom: "Għandi ikel x'niekol li ma tafux bih." Imħawdin, għall-ewwel jieħdu kliemu b'mod letterali. Imbagħad jispjega: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' dak li bagħatni u li ntemm xogħlu." (Ġwanni 4:32, 34) Ġesù b'hekk jgħallimhom li x-xogħol prinċipali tiegħu fil-ħajja huwa iktar importanti għalih milli jiekol. Hu jrid li huma jħossuhom bl-istess mod dwar dan. X'inhu dan ix-xogħol?

5 Ġesù darba qal: 'Irrid inxandar l-aħbar tajba tas-saltna t'Alla, għax għal dan intbgħatt.' (Luqa 4:43) Iva, Ġesù ntbagħat biex jippriedka u jgħallem l-aħbar tajba tas-Saltna t'Alla.* Is-segwaċi ta' Ġesù llum għandhom l-istess xogħol x'jagħmlu. Għalhekk, huwa vitali li nikkunsidraw għala Ġesù ppriedka, dak li ppriedka, u x'attitudni kellu lejn l-inkarigu tiegħu.

---

* Li tippriedka jfisser li tipproklama, jew tiddikjara, messaġġ. Li tgħallem għandu tifsira simili imma jinvolvi li tagħti messaġġ iktar fil-fond u dettaljat. Tagħlim tajjeb jinkludi li nsibu modi kif nilħqu l-qlub sabiex nimmotivaw lill-istudenti jaġixxu fuq dak li jisimgħu.

---

5. X'kien ix-xogħol li Ġesù ddedika ħajtu għalih, u x'se nikkunsidraw f'dan il-kapitlu?

## Għala Ġesù Ppriedka

6 Ejja nikkunsidraw kif Ġesù ħassu dwar il-veritajiet li għallem; imbagħad se niddiskutu l-attitudni tiegħu lejn in-nies li għallem. Ġesù uża tixbiha ħajja biex juri kif ħassu dwar li jaqsam m'oħrajn il-veritajiet li Ġeħova kien għallmu. Hu qal: "Kulmin jgħallem fil-pubbliku, meta jitgħallem dwar is-saltna tas-smewwiet, hu bħal raġel, sid ta' dar, li joħroġ mit-teżor maħżun tiegħu affarijiet ġodda u qodma." (Mattew 13:52) Sid id-dar f'din it-tixbiha għala joħroġ affarijiet mit-teżor maħżun tiegħu?

7 Sid id-dar m'huwiex sempliċement qed jiffanfra bil-ġid tiegħu, kif darba għamel is-Sultan Ħeżekija tal-qedem—b'konsegwenzi ta' wġigħ. (2 Slaten 20:13-20) Xi jqanqal lil sid id-dar? Ikkunsidra tixbiha: Int tmur iżżur għalliem favorit tiegħek f'daru. Hu jiftaħ kexxun ta' l-iskrivanija u joħroġ żewġ ittri—waħda sfaret biż-żmien u l-oħra iktar ġdida. Huma ittri li hu rċieva mingħand missieru—waħda minnhom għaxriet ta' snin ilu meta l-għalliem kien għadu tifel, l-oħra m'ilhiex daqshekk. Għajnejh ileqqu bil-ferħ hekk kif jgħidlek kemm jgħożż dawn l-ittri u kif il-pariri li fihom biddlulu ħajtu u jistgħu jkunu t'għajnuna għalik. Jidher ċar li l-għalliem jgħożż dawn l-ittri u għandhom post għażiż f'qalbu. (Luqa 6:45) Hu ma jurikx dawn l-ittri biex jiftaħar jew biex jiggwadanja b'xi mod, imma biex int tibbenefika u tara kemm huma ta' valur.

8 L-Għalliem il-Kbir, Ġesù, kellu motivi simili meta qasam il-veritajiet t'Alla m'oħrajn. Għalih, dawn il-veritajiet kienu teżor imprezzabbli. Hu ħabbhom, u kien ħerqan li jaqsamhom m'oħrajn. Hu ried li s-segwaċi kollha tiegħu, "kulmin jgħallem fil-pubbliku," iħossuhom b'dan il-mod. Hekk in-

6, 7. Ġesù kif ried lil "kulmin jgħallem fil-pubbliku" jħossu dwar li jaqsam l-aħbar tajba m'oħrajn? Agħti tixbiha.
8. Għala għandna raġuni valida biex inħossu li l-veritajiet li nitgħallmu mill-Kelma t'Alla huma teżori?

ħossuna? Aħna għandna raġuni valida biex inħobbu kull verità li nitgħallmu mill-Kelma t'Alla. Ngħożżu kliem prezzjuż ta' verità kemm jekk hu twemmin li ilna ngħożżuh u kemm jekk hu rfinar ġdid. Billi nitkellmu b'entużjażmu mill-qalb u nżommu l-imħabba tagħna għal dak li Ġeħova għallimna, aħna nkunu qed nuru din l-imħabba, kif għamel Ġesù.

9 Ġesù ħabb ukoll lin-nies li għallem, kif se niddiskutu f'iktar dettall fit-Tielet Sezzjoni. Kien profetizzat li l-Messija kellu "jiddispjaċih għall-batut u għall-fqir." (Salm 72:13) Tabilħaqq, Ġesù interessah min-nies. Hu kien interessat mill-ħsibijiet u l-attitudnijiet li influwenzawhom; hu kien konċernat dwar it-tagħbijiet li taqqluhom u l-ostakli li fixkluhom milli jaqbdu qabda soda mal-verità. (Mattew 11:28; 16:13; 23:13, 15) Per eżempju, ftakar fil-mara Samaritana. Bla dubju kienet impressjonata ħafna li Ġesù wera interess fiha. Id-dehen tiegħu dwar is-sitwazzjoni persunali tagħha qanqalha biex taċċettah bħala profeta u biex tgħid lil oħrajn dwaru. (Ġwanni 4:16-19, 39) M'għandniex xi ngħidu, is-segwaċi ta' Ġesù llum ma jistgħux jaqraw il-qalb tan-nies li lilhom jippridkaw. Madankollu, nistgħu nuru interess fin-nies, bħalma għamel Ġesù; nistgħu nuru li jinteressana minnhom; u nistgħu nadattaw kliemna biex nissodisfaw l-interessi, l-isfidi, u l-bżonnijiet partikulari tagħhom.

## Dak li Ppriedka Ġesù

10 Xi ppriedka Ġesù? Li kieku kellek tfittex it-tweġiba billi teżamina t-tagħlim ta' ħafna knejjes li jistqarru li jirrappreżentawh, għandek mnejn kont tikkonkludi li hu applika

9. (a) Ġesù kif ħassu dwar in-nies li għallem? (b) Kif nistgħu nimitaw l-attitudni ta' Ġesù lejn in-nies?

10, 11. (a) Xi ppriedka Ġesù? (b) Għala kien hemm il-bżonn għas-Saltna t'Alla?

prinċipji Kristjani għal problemi soċjali. Jew forsi kont tieħu l-impressjoni li hu appoġġa riforma politika jew li s-salvazzjoni persunali kienet l-iktar ħaġa importanti. Madankollu, bħalma nnotajna qabel, Ġesù b'mod ċar qal: "Irrid inxandar l-aħbar tajba tas-saltna t'Alla." Dan x'kien jinvolvi eżattament?

11 Ftakar, Ġesù kien preżenti fis-sema meta Satana sfida għall-ewwel darba d-dritt tas-sovranità ta' Ġeħova. Min jaf kemm ħassu mweġġa' Ġesù li jara lil Missieru tant ġust jiġi malafamat u akkużat li kien Ħakkiem inġust u li ma jagħtix affarijiet tajbin lill-ħlejjaq Tiegħu! Min jaf kemm ħassu mweġġa' l-Iben t'Alla meta Adam u Eva, il-ġenituri futuri ta' l-umanità, taw kas il-malafama ta' Satana! L-Iben ra li l-familja umana kienet infettata bid-dnub u l-mewt minħabba din ir-ribelljoni. (Rumani 5:12) Però, min jaf kemm ħassu ferħan meta sema' li xi darba Missieru kellu jirranġa l-affarijiet!

12 X'kienet l-iktar ħaġa importanti li kellha tiġi rranġata? L-isem qaddis ta' Ġeħova kellu jitqaddes, jitnaddaf minn kull traċċa ta' tmaqdir li Satana u dawk kollha li ngħaqdu miegħu ġabu fuqu. Id-dritt tas-sovranità ta' Ġeħova, il-mod tiegħu kif jaħkem, kellu jiġi vindikat. Aħjar minn kwalunkwe bniedem ieħor, Ġesù fehem dawn il-kwistjonijiet vitali. Fit-talba mudell, hu għallem lis-segwaċi tiegħu biex l-ewwel jitolbu għat-taqdis ta' isem Missieru, imbagħad biex tiġi s-Saltna ta' Missieru, u mbagħad biex tintgħamel ir-rieda t'Alla fuq l-art. (Mattew 6:9, 10) Is-Saltna t'Alla, bi Kristu Ġesù bħala l-Ħakkiem tagħha, dalwaqt se teħles l-art mis-sistema korrotta ta' Satana u tikkonferma l-ħakma ġusta ta' Ġeħova darba għal dejjem.—Danjel 2:44.

---

12, 13. Is-Saltna t'Alla se tirranġa liema inġustizzji, u Ġesù kif ta importanza lis-Saltna fil-ministeru tiegħu?

13 Din is-Saltna kienet it-tema tal-ministeru ta' Ġesù. Il-kliem kollu tiegħu u l-azzjonijiet kollha tiegħu għenu biex jiċċaraw x'inhi s-Saltna u kif se twettaq l-iskop ta' Ġeħova. Ġesù ma ħalla xejn itellfu mill-iskop tiegħu li jippriedka l-aħbar tajba tas-Saltna t'Alla. Fi żmienu, kien hemm kwistjonijiet soċjali importanti, inġustizzji bla għadd, però hu kien iffokat fuq il-messaġġ u x-xogħol tiegħu. Il-fatt li baqa' ffokat ifisser li Ġesù ma kienx flessibbli fil-ħarsa tiegħu, mhux sensibbli u ripetittiv fil-metodu tiegħu? 'Il bogħod minn hekk!

14 Bħalma se naraw f'din is-sezzjoni, Ġesù għamel it-tagħlim tiegħu interessanti u varjat. Hu tkellem bl-iskop li jilħaq qalb in-nies. Forsi niftakru fis-sultan għaref Salamun, li fittex kliem pjaċevoli, kliem korrett u veru, biex iwassal il-ħsibijiet li Ġeħova ispirah jikteb. (Ekkleżjasti 12:10) Ġeħova ta lil dan ir-raġel imperfett "qalb mimlija dehen," li għenitu jitkellem dwar ħafna affarijiet, minn għasafar sa ħut, siġar, u annimali. In-nies ġew mill-bogħod biex jisimgħu lil Salamun jitkellem. (1 Slaten 4:29-34) Però, Ġesù kien "xi ħadd akbar minn Salamun." (Mattew 12:42) Hu kien ħafna iktar għaref, b' "qalb mimlija [ħafna iktar] dehen." Meta kien jgħallem lin-nies, Ġesù kien juża l-għarfien superjuri tiegħu tal-Kelma t'Alla kif ukoll ta' l-għasafar, l-annimali, il-ħut, l-agrikultura, it-temp, il-ġrajjiet kurrenti, l-istorja, u l-kundizzjonijiet soċjali. Fl-istess ħin, Ġesù qatt ma ffanfra bl-għarfien li kellu sabiex jimpressjona lil oħrajn. Hu żamm il-messaġġ tiegħu sempliċi u ċar. Mhux ta' b'xejn li n-nies tgħaxxqu jisimgħuh jitkellem!—Marku 12:37; Luqa 19:48.

15 Il-Kristjani llum jipprovaw isegwu l-eżempju ta' Ġesù. Aħna m'għandniex l-għerf u l-għarfien profond tiegħu,

14, 15. (a) Ġesù kif wera li kien "xi ħadd akbar minn Salamun"? (b) Kif nistgħu nimitaw lil Ġesù f'dak li nippridkaw?

imma lkoll kemm aħna għandna ammont t'għarfien u esperjenza li nistgħu nużaw meta naqsmu m'oħrajn il-veritajiet tal-Kelma t'Alla. Per eżempju, il-ġenituri jistgħu jużaw l-esperjenza tagħhom tat-trobbija tat-tfal biex jagħtu tixbiha dwar l-imħabba ta' Ġeħova għal uliedu. Oħrajn jistgħu jużaw eżempji jew tixbihat meħudin mix-xogħol sekulari, l-iskola, jew l-għarfien tagħhom dwar in-nies u ġrajjiet kurrenti. Fl-istess ħin, aħna attenti li nżommu l-attenzjoni fuq il-messaġġ li nagħtu—l-aħbar tajba tas-Saltna t'Alla.—1 Timotju 4:16.

## L-Attitudni ta' Ġesù Lejn il-Ministeru Tiegħu

16 Ġesù ħass li l-ministeru tiegħu kien teżor prezzjuż. Hu tgħaxxaq jgħin lin-nies jaraw lil Missieru tas-sema bħalma Hu tassew u mhux bħala xi ħadd misterjuż minħabba d-duttrini u t-tradizzjonijiet li għamlu l-bnedmin. Ġesù kien iħobb jgħin lin-nies jiksbu relazzjoni approvata ma' Ġeħova u t-tama ta' ħajja ta' dejjem. Hu kien jitgħaxxaq iġib il-faraġ u l-ferħ ta' l-aħbar tajba lin-nies. Kif wera li kellu dawn is-sentimenti? Ikkunsidra tliet modi.

17 L-ewwel, *Ġesù għamel il-ministeru l-iktar ħaġa importanti f'ħajtu.* Li jitkellem dwar is-Saltna kien il-karriera, ix-xogħol ta' ħajtu, l-interess ewlieni tiegħu. Huwa għalhekk, bħalma semmejna f'Kapitlu 5, li Ġesù b'mod għaqli żamm ħajtu sempliċi. Hekk kif ta pariri lil oħrajn, hu żamm għajnejh iffokati fuq l-iktar ħaġa importanti. Hu m'aljenax ruħu b'ħafna affarijiet li kien ikollu jħallas għalihom, jieħu ħsieb, u jsewwi jew ibiddel maż-żmien. Hu għex ħajja sempliċi sabiex xejn ma jaljenah bla bżonn mill-ministeru tiegħu.—Mattew 6:22; 8:20.

---

16, 17. (a) Liema attitudni kellu Ġesù lejn il-ministeru tiegħu? (b) Ġesù kif wera li l-ministeru tiegħu kien l-iktar ħaġa importanti f'ħajtu?

18 It-tieni, *Ġesù wettaq il-ministeru tiegħu b'ruħu u b'ġismu.* Hu ddedika enerġija kbira għalih, letteralment mexa mijiet ta' kilometri fil-Palestina, ifittex nies ma' min jista' jaqsam l-aħbar tajba. Hu kellimhom fi djarhom, fil-pjazez, fis-swieq, u fil-beraħ. Hu kellimhom anki meta kellu bżonn il-mistrieħ, l-ikel, l-ilma, jew ftit ħin għall-kwiet mal-ħbieb intimi tiegħu. Anki meta kien qed imut, hu kompla jaqsam m'oħrajn l-aħbar tajba tas-Saltna t'Alla!—Luqa 23: 39-43.

19 It-tielet, *Ġesù ttratta l-ministeru bħala xi ħaġa urġenti.* Ftakar fil-konversazzjoni tiegħu mal-mara Samaritana ħdejn il-bir 'il barra minn Sikar. L-appostli ta' Ġesù milli jidher ma rawx f'din is-sitwazzjoni bżonn urġenti biex jaqsmu m'oħrajn l-aħbar tajba. Ġesù qalilhom: "Ma tgħidux li għad baqa' erba' xhur għall-ħsad? Ara! Ngħidilkom: Erfgħu għajnejkom u ħarsu lejn l-għelieqi, kif inhuma bojod għall-ħsad."—Ġwanni 4:35.

20 Ġesù ġab din it-tixbiha mill-istaġun kurrenti. Milli jidher kien ix-xahar ta' Ċislev (Novembru/Diċembru). Il-ħsad tax-xgħir kien fadallu erba' xhur, madwar iż-żmien tal-Qbiż, fl-14 ta' Nisan. Għalhekk, il-bdiewa ma ħassewx urġenza għall-ħsad f'dak il-waqt. Kien fadallu ħafna żmien. Imma xi ngħidu dwar il-ħsad tan-nies? Iva, ħafna kienu lesti li jisimgħu, li jitgħallmu, li jsiru dixxipli ta' Kristu u li jiksbu t-tama meraviljuża li Ġeħova poġġa quddiemhom. Kien bħallikieku Ġesù seta' jħares lejn dawk l-għelieqi figurattivi u jara li kienu bojod bil-qamħ misjur jixxejjer mażżiffa, u b'hekk juru li huma lesti għall-ħsad.* Iż-żmien kien wasal, u x-xogħol kien urġenti! B'konsegwenza t'hekk,

---

* Rigward dan il-vers, wieħed xogħol ta' referenza jgħid: "Il-qamħ meta jkun sar jinbidel minn kulur ħadrani għal kulur safrani, jew kulur ċar, u b'hekk jindika li wasal il-waqt għall-ħsad."

---

18. Ġesù b'liema modi wettaq il-ministeru tiegħu b'ruħu u b'ġismu?
19, 20. Ġesù kif ta tixbiha dwar l-urġenza tax-xogħol ta' l-ippridkar?

### Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?

- It-talb u l-azzjonijiet tagħna kif jistgħu juru li nifhmu l-urġenza tal-ministeru?—Mattew 9:35-38.
- Jekk naraw li ż-żelu tagħna għall-ministeru qed jibred, l-attitudni ta' Ġesù kif tista' tħeġġiġna?—Marku 1:35-39.
- Hekk kif nippridkaw, kif għandna nqisu lin-nies li huma ta' stat soċjali baxx, oppressati, jew miċħudin minn oħrajn?—Luqa 18:35–19:10.
- Għala qatt m'għandna nħallu attitudni indifferenti jew ħarxa lejn l-ippridkar tagħna tnaqqsilna ż-żelu tagħna?—Ġwanni 7:32-52.

meta n-nies minn belt waħda riedu jżommu lil Ġesù magħhom, hu wieġeb: "Irrid inxandar l-aħbar tajba tas-saltna t'Alla lil bliet oħrajn ukoll, għax għal dan intbgħatt." —Luqa 4:43.

21 Fit-tliet modi li għadna kif iddiskutejna, nistgħu nimitaw lil Ġesù. Nistgħu nagħmlu l-ministeru Kristjan l-iktar ħaġa importanti f'ħajjitna. Għalkemm forsi għandna obbligi fil-familja jew sekulari, nistgħu nuru li l-ministeru tagħna jiġi l-ewwel billi jkollna sehem żeluż u regulari fih, bħalma kellu Ġesù. (Mattew 6:33; 1 Timotju 5:8) Nistgħu nwettqu l-ministeru b'ruħna u b'ġisimna, nagħtu mill-ħin, l-enerġija, u r-riżorsi tagħna b'mod ġeneruż biex nappoġġawh. (Luqa 13:24) U nistgħu dejjem inżommu f'moħħna li x-xogħol tagħna hu urġenti. (2 Timotju 4:2) Irridu naħtfu kull opportunità biex nippridkaw!

22 Ġesù wera wkoll li ra l-importanza tax-xogħol billi aċċerta ruħu li kien se jitkompla wara mewtu. Hu inkariga lis-segwaċi tiegħu biex ikomplu fix-xogħol ta' l-ippridkar u t-tagħlim. Dan l-inkarigu se jkun is-suġġett tal-kapitlu li jmiss.

---

21. Kif nistgħu nimitaw lil Ġesù?
22. X'se jiġi kunsidrat fil-kapitlu li jmiss?

KAPITLU 9

# "Morru u Agħmlu Dixxipli"

WIEĦED bidwi għandu sfida kbira quddiemu. Ftit tax-xhur qabel, hu ħarat l-għelieqi tiegħu u żera' ż-żrieragħ. Hu għasses b'attenzjoni kbira hekk kif sponta l-ewwel qamħ u feraħ hekk kif il-ħaxix beda jikber. Issa x-xogħol iebes kollu tiegħu jiġi premjat, għax wasal il-waqt tal-ħsad. L-isfida tiegħu hija din: Il-ħsad hu kbir wisq biex jiġbru waħdu. Biex jegħleb din l-isfida, b'mod għaqli hu jiddeċiedi li jikri xi ħaddiema u jibgħathom fl-għelieqi tiegħu. Wara kollox, ftit hemm ħin biex jiġbor il-ħsad prezzjuż tiegħu.

2 Fir-rebbiegħa tas-sena 33 E.K., Ġesù rxoxtat jiffaċċja sfida

1-3. (a) Wieħed bidwi x'jagħmel meta l-ħsad hu kbir wisq biex jiġbru waħdu? (b) Liema sfida jiffaċċja Ġesù fir-rebbiegħa tas-sena 33 E.K., u kif jiffaċċjaha?

***X'jista' jagħmel il-bidwi jekk il-ħsad ikun kbir wisq biex jiġbru waħdu?***



simili. Matul il-ministeru tiegħu fuq l-art, hu żera' ż-żrieragħ tal-verità. Issa hemm ħsad x'jiġbor, u huwa abbundanti. Ħafna wħud li wieġbu b'mod favorevoli għandhom bżonn jinġabru bħala dixxipli. (Ġwanni 4:35-38) Ġesù kif jiffaċċja din l-isfida? Fuq muntanja fil-Galilija, ftit qabel ma jitla' fis-sema, hu jagħti lid-dixxipli tiegħu inkarigu biex isibu iktar ħaddiema, billi jgħid: "Għalhekk, morru u agħmlu dixxipli min-nies tal-ġnus kollha, għammduhom . . . , u għallmuhom josservaw dak kollu li ordnajtilkom."—Mattew 28:19, 20.

3 Dan l-inkarigu huwa l-qofol ta' xi jfisser li tkun segwaċi ġenwin ta' Kristu. Għalhekk, ejja neżaminaw tliet mistoqsijiet. Ġesù għala inkarigahom biex isibu iktar ħaddiema? Kif ħarreġ lid-dixxipli tiegħu biex isibuhom? Kif aħna involuti f'dan l-inkarigu?

## Għala Kien Hemm Bżonn ta' Iktar Ħaddiema

4 Meta Ġesù beda l-ministeru tiegħu fis-sena 29 E.K., hu kien jaf li kien se jibda biċċa xogħol li ma kienx se jlestiha waħdu. Fil-ftit żmien li kien fadallu fuq l-art, kien hemm limitu għall-art li seta' jkopri u l-għadd ta' nies li seta' jilħaq bil-messaġġ tas-Saltna. Veru, hu ppriedka l-iktar lil-Lhud u l-proseliti, "in-nagħaġ mitlufin ta' dar Israel." (Mattew 15:24) Madankollu, dawn "in-nagħaġ mitlufin" kienu mferrxin madwar Israel kollu, art li tkopri eluf ta' kilometri kwadri. Barra minn dan, il-kumplament tad-dinja eventwalment kellu jintlaħaq bl-aħbar tajba.—Mattew 13:38; 24:14.

5 Ġesù kien jaf li kien għad irid iseħħ ħafna xogħol wara l-mewt tiegħu. Lill-11-il appostlu leali tiegħu, hu qalilhom: "Tassew, tassew, ngħidilkom, Min jeżerċita l-fidi fija, dan ukoll se jagħmel l-għemejjel li nagħmel jien; u se jagħmel

---

4, 5. Ġesù għala ma kienx se jlesti x-xogħol li kien beda, u min kien se jkollu jkompli x-xogħol wara li reġa' tela' fis-sema?

għemejjel akbar minn dawn, għax jien sejjer għand il-Missier." (Ġwanni 14:12) Ladarba l-Iben kien se jerġa' jmur fissema, is-segwaċi tiegħu—mhux biss l-appostli imma wkoll id-dixxipli kollha tal-futur—kien se jkollhom ikomplu fix-xogħol ta' l-ippridkar u t-tagħlim. (Ġwanni 17:20) Ġesù bl-umiltà għaraf li l-għemejjel tagħhom kienu se jkunu "akbar" minn tiegħu. Kif? Bi tliet modi.

6 L-ewwel, is-segwaċi ta' Ġesù kellhom *ikopru iktar territorju.* Illum ix-xandir tagħhom laħaq truf l-art, ħafna iktar 'il bogħod mill-art fejn ippriedka Ġesù. It-tieni, kienu se *jilħqu iktar nies.* Il-grupp żgħir ta' dixxipli li Ġesù ħalla warajh ma damux ma kienu jgħoddu bl-eluf. (Atti 2:41; 4:4) Issa jgħoddu bil-miljuni, u mijiet t'eluf ta' wħud ġodda qed jitgħammdu kull sena. It-tielet, kellhom *jippridkaw għal perijodu ta' żmien itwal*—sa llum il-ġurnata, kważi 2,000 sena wara li ntemm il-ministeru ta' Ġesù li dam tliet snin u nofs.

7 Ġesù kien qed jesprimi fiduċja fis-segwaċi tiegħu meta qal li kienu se jagħmlu "għemejjel akbar minn dawn." Hu kien qed jagħtihom f'idejhom xogħol li kien ta' importanza kbira għalih, dak ta' l-ippridkar u t-tagħlim ta' "l-aħbar tajba tas-saltna t'Alla." (Luqa 4:43) Hu kien konvint li kienu se jwettqu l-inkarigu b'lealtà. Dan xi jfisser għalina llum? Meta nwettqu l-ministeru biż-żelu u b'qalb sħiħa, aħna nuru li l-fiduċja ta' Ġesù fis-segwaċi tiegħu kienet f'lokha. M'huwiex dan privileġġ meraviljuż?—Luqa 13:24.

## Imħarrġin biex Jagħtu Xiehda

8 Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu l-aqwa taħriġ possibbli għall-ministeru. Fuq kollox, hu ħallielhom eżempju perfett.

---

6, 7. (a) L-għemejjel tas-segwaċi ta' Ġesù b'liema modi kellhom ikunu akbar minn tiegħu? (b) Kif nistgħu nuru li l-fiduċja ta' Ġesù fis-segwaċi tiegħu kienet f'lokha?
8, 9. Ġesù liema eżempju ħalla fil-ministeru, u kif nistgħu nimitaw l-eżempju tiegħu fil-ministeru tagħna?

(Luqa 6:40) Fil-kapitlu ta' qabel, aħna ddiskutejna l-attitudni tiegħu lejn il-ministeru. Għal mument ikkunsidra d-dixxipli li vvjaġġaw ma' Ġesù fil-vjaġġi ta' l-ippridkar tiegħu. Huma osservaw li hu ppriedka kulfejn setgħu jinstabu n-nies—ħdejn l-għadajjar u fuq l-għoljiet, fil-bliet u s-swieq, u fid-djar privati. (Mattew 5:1, 2; Luqa 5:1-3; 8:1; 19:5, 6) Huma raw li hu kien ħaddiem bieżel, kien iqum kmieni u jibqa' jaħdem sa bil-lejl. Il-ministeru ma kienx xi passatemp biex jgħaddi ż-żmien! (Luqa 21:37, 38; Ġwanni 5:17) Bla dubju huma ħassew li hu kien motivat minn imħabba profonda għan-nies. Forsi raw f'wiċċu riflessjoni tal-mogħdrija li ħass f'qalbu. (Marku 6:34) Liema effett taħseb li kellu l-eżempju ta' Ġesù fuq id-dixxipli tiegħu? *Int* kieku kif kont tiġi effettwat?

9 Bħala segwaċi ta' Kristu, aħna nimitaw l-eżempju tiegħu fil-ministeru tagħna. Għalhekk, nieħdu vantaġġ minn kull opportunità biex nagħtu "xiehda bir-reqqa." (Atti 10:42) Bħal Ġesù, aħna mmorru għand in-nies fi djarhom. (Atti 5:42) Naġġustaw l-iskeda tagħna, jekk hemm bżonn, sabiex inkunu nistgħu mmorru f'ħin meta x'aktarx li jkunu d-dar. Ukoll, infittxu lin-nies u nippridkawlhom b'mod diskret f'postijiet pubbliċi—fit-toroq, fil-ġonna, fil-ħwienet, u fuq il-post tax-xogħol. Aħna nibqgħu "naħdmu iebes u nistinkaw" fil-ministeru għax nieħdu dan ix-xogħol bis-serjetà. (1 Timotju 4:10) Imħabba profonda u mill-qalb għal oħrajn tqanqalna biex nibqgħu nfittxu opportunitajiet biex nippridkaw kulfejn u kulmeta jinstabu n-nies.—1 Tessalonikin 2:8.

10 Mod ieħor kif Ġesù ħarreġ lid-dixxipli tiegħu kien billi pprovdielhom istruzzjonijiet dettaljati dwar kif għandhom iwettqu l-ministeru. Qabel ma bagħat lit-12-il appostlu u iktar tard is-70 dixxiplu biex jippridkaw, Ġesù

---

10-12. Liema lezzjonijiet importanti għallem Ġesù lid-dixxipli tiegħu qabel ma bagħathom jippridkaw?

kellu laqgħat magħhom, li fihom tahom istruzzjonijiet dettaljati dwar ix-xogħol ta' l-ippridkar. (Mattew 10:1-15; Luqa 10:1-12) It-taħriġ kellu riżultati tajbin, għaliex Luqa 10:17 jgħid: "Is-sebgħin ġew lura ferħanin." Ejja nikkunsidraw tnejn mil-lezzjonijiet importanti li għallem Ġesù, billi nżommu f'moħħna li kliemu għandu jiġi mifhum b'konnessjoni ma' l-isfond ta' drawwiet Lhud fi żminijiet Bibliċi.



***L-imħabba tqanqalna biex nippridkaw lin-nies kulfejn jinstabu***

[11] Ġesù għallem lid-dixxipli tiegħu *biex jafdaw f'Ġeħova.* Hu qalilhom: "Tiħdux flus tad-deheb jew tal-fidda jew tar-ram aħmar fil-but ta' ħżiemkom, jew ħorġa ta' l-ikel għall-vjaġġ, jew żewġ ilbiesi, jew sandli jew bastun; għax il-ħaddiem jistħoqqlu ħobżu." (Mattew 10:9, 10) Kienet xi ħaġa komuni li dawk li jkunu qed jivvjaġġaw jieħdu magħhom but tal-ħżiem għall-flus, ħorġa ta' l-ikel għall-proviżjonijiet, u sandli żejjed.* Billi istruwixxa lid-dixxipli tiegħu biex ma jinkwetawx dwar dawn l-affarijiet, Ġesù kien, f'ċertu sens, qed jgħidilhom: "Afdaw għalkollox f'Ġeħova, għax hu se jieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħkom." Ġeħova kien se jipprovdilhom billi jqanqal lil dawk li aċċettaw l-aħbar tajba biex juru l-ospitalità, li kienet drawwa f'Israel.—Luqa 22:35.

[12] Ukoll, Ġesù għallem lid-dixxipli tiegħu biex *jevitaw alje-*

---

* But tal-ħżiem għandu mnejn kien tip ta' ċinturin għall-flus użat biex jinġarru l-muniti. Ħorġa ta' l-ikel kienet basket akbar, ġeneralment tal-ġilda, li kienet tintlibes fuq l-ispalla u kienet tintuża biex jinġarr l-ikel jew proviżjonijiet oħrajn.



*nazzjonijiet mhux neċessarji.* Hu qal: "Fit-triq tieqfu tħaddnu lil ħadd biex issellmulu." (Luqa 10:4) Kien Ġesù qed jgħidilhom biex ma jkunux dħulin jew biex ikunu indifferenti? Lanqas xejn. Fiż-żminijiet Bibliċi, it-tislim spiss kien jinvolvi ħafna iktar minn sempliċi tislima. Kienet iddrawwa li t-tislim kien jinkludi diversi formalitajiet u konversazzjoni twila. Wieħed studjuż tal-Bibbja qal: "It-tislim fost l-Orjentali ma kienx bħal tagħna, li nbaxxu ftit rasna, jew li nieħdu b'idejn xulxin, imma [kienu] jitgħannqu ħafna, u jbaxxu rashom, u saħansitra kienu jmilu ma' l-art. Dan kollu kien jirrikjedi ħafna *ħin."* Billi qal lid-dixxipli tiegħu biex ma jiħdux sehem fid-drawwa komuni tat-tislim, Ġesù kien, f'ċertu sens, qed jgħid: "Tridu tużaw il-ħin tagħkom b'mod għaqli, għax il-messaġġ li għandkom huwa urġenti."*

13 Aħna nieħdu bis-serjetà l-istruzzjonijiet li Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu fl-ewwel seklu. Meta nwettqu l-ministeru tagħna, aħna npoġġu l-fiduċja tagħna kompletament f'Ġeħova. (Proverbji 3:5, 6) Aħna nafu li qatt ma se nkunu neqsin mill-bżonnijiet tal-ħajja jekk 'nibqgħu nfittxu l-ewwel is-saltna.' (Mattew 6:33) Xandara tas-Saltna *full-time* madwar iddinja jistgħu jixhdu li saħansitra waqt żminijiet diffiċli, Ġeħova dejjem jipprovdilhom. (Salm 37:25) Aħna nagħrfu wkoll il-bżonn li nevitaw aljenazzjonijiet. Jekk ma noqogħdux attenti, din is-sistema dinjija tista' faċilment

* Il-profeta Eliżew darba ta istruzzjonijiet simili. Meta bagħat lill-qaddej tiegħu Geħażi fid-dar ta' mara li kien mitilha binha, Eliżew qal: "Jekk tiltaqa' ma' xi ħadd, issellimlux." (2 Slaten 4:29) L-inkarigu kien urġenti, u għalhekk ma kienx hemm ħin għal waqfien bla bżonn.

13. B'liema modi nistgħu nuru li nieħdu bis-serjetà l-istruzzjonijiet li Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu ta' l-ewwel seklu?

## *"Is-sebgħin ġew lura ferħanin"*

taljenana. (Luqa 21:34-36) Madankollu, dan m'huwiex iż-żmien li niġu aljenati. Minħabba li hemm il-ħajjiet involuti, il-messaġġ tagħna huwa urġenti. (Rumani 10:13-15) Jekk inżommu sens t'urġenza ħaj f'qalbna se niġu megħjunin biex ma nħallux l-aljenazzjonijiet ta' din id-dinja jieħdu mill-ħin u l-enerġija li jistgħu jintużaw aħjar fil-ministeru. Ftakar, iż-żmien li fadal hu qasir u l-ħsad hu kbir.—Mattew 9:37, 38.

## Inkarigu li Jinvolvi Lilna

14 Bil-kliem "Morru u agħmlu dixxipli," Ġesù rxoxtat poġġa responsabbiltà kbira fuq is-segwaċi tiegħu. Hu kellu f'moħħu iktar milli sempliċement id-dixxipli li kienu preżenti dakinhar tar-rebbiegħa fuq il-muntanja fil-Galilija.* Ix-xogħol li hu ta jinvolvi li jintlaħqu n-"nies tal-ġnus kollha," u jkompli "sal-konklużjoni tas-sistema." Jidher ċar li dan l-inkarigu japplika għas-segwaċi kollha ta' Kristu, inkluż aħna llum. Ejja nħarsu iktar fid-dettall lejn il-kliem ta' Ġesù mniżżel f'Mattew 28:18-20.

15 Qabel ma ta l-inkarigu, Ġesù qal: "Lili ngħatat kull awtorità fis-sema u fuq l-art." (Vers 18) Huwa minnu li Ġesù għandu awtorità daqstant vasta? Iva, tabilħaqq! Hu l-arkanġlu u jikkmanda mirjadi ta' mirjadi t'anġli. (1 Tessalonikin 4:16; Rivelazzjoni 12:7) Bħala "l-kap tal-kongregazzjoni," hu għandu awtorità fuq is-segwaċi tiegħu fuq l-art. (Efesin 5:23) Mill-1914 'l hawn, hu qeda bħala s-Sultan Messjaniku

* Ladarba l-biċċa l-kbira mis-segwaċi tiegħu kienu fil-Galilija, forsi kien fl-okkażjoni deskritta f'Mattew 28:16-20 li Ġesù rxoxtat deher "lil iktar minn ħames mitt ħu." (1 Korintin 15:6) Għalhekk, jista' jkun li kien hemm mijiet preżenti meta Ġesù ta l-inkarigu biex jagħmlu dixxipli.

14. X'jindika li l-inkarigu mniżżel f'Mattew 28:18-20 japplika għas-segwaċi kollha ta' Kristu? (Ara wkoll in-nota ta' taħt.)
15. Għala jkun tajjeb li nobdu l-kmand ta' Ġesù biex nagħmlu dixxipli?

fis-sema. (Rivelazzjoni 11:15) L-awtorità tiegħu twassal anki sal-qabar, għaliex hu għandu l-qawwa li jirxoxta l-mejtin. (Ġwanni 5:26-28) Billi l-ewwel jiddikjara l-awtorità estensiva tiegħu, Ġesù jindika li l-kliem ta' wara m'huwiex suġġeriment imma kmand. Nagħmlu tajjeb jekk nobdu, għaliex l-awtorità tiegħu m'hijiex ġejja minnu nnifsu imma mingħand Ġeħova.—1 Korintin 15:27.

16 Ġesù issa jenfasizza l-inkarigu li jibda b'kelma waħda: *"Morru."* (Vers 19) B'hekk, hu jikkmandana biex nieħdu l-inizjattiva u nilħqu lil oħrajn bil-messaġġ tas-Saltna. Sabiex inwettqu dan l-aspett ta' l-inkarigu, nistgħu nużaw varjetà ta' metodi. L-ippridkar minn dar għal dar huwa mod mill-iktar effettiv kif nagħmlu kuntatt persunali man-nies. (Atti 20:20) Infittxu wkoll opportunitajiet biex nagħtu xiehda informali; aħna ħerqanin biex nibdew konversazzjoni dwar l-aħbar tajba fejn ikun xieraq fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Il-metodi speċifiċi tagħna ta' l-ippridkar jistgħu jvarjaw, billi nadattawhom għall-bżonnijiet u ċ-ċirkustanzi lokali. Però, ħaġa waħda ma tinbidilx: Aħna 'mmorru' u nfittxu lil uħud li jistħoqqilhom.—Mattew 10:11.

17 Ġesù mbagħad jispjega l-iskop ta' l-inkarigu, jiġifieri, biex *'nagħmlu dixxipli* min-nies tal-ġnus kollha.' (Vers 19) Kif 'nagħmlu dixxipli'? Bażikament, dixxiplu hu wieħed li jitgħallem, wieħed mgħallem. Madankollu, li nagħmlu dixxipli ma jfissirx li sempliċement ngħaddu l-għarfien lil oħrajn. Meta nistudjaw il-Bibbja ma' wħud interessati, il-mira tagħna hi li ngħinuhom isiru segwaċi ta' Kristu. Kulmeta jkun possibbli, aħna nenfasizzaw l-eżempju ta' Ġesù sabiex l-istudenti tagħna jitgħallmu jħarsu lejh bħala l-Għalliem u l-Mudell tagħhom, billi jgħixu kif għex hu u jagħmlu x-xogħol li għamel hu.—Ġwanni 13:15.

---

16. Billi jgħidilna biex 'immorru,' Ġesù x'qed jikkmandana nagħmlu, u kif inwettqu dan l-aspett ta' l-inkarigu?
17. Kif 'nagħmlu dixxipli'?

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- B'liema mod għandna navviċinaw lil oħrajn bil-messaġġ tas-Saltna?—Mattew 10:11-13; Luqa 10:5.
- Meta jkollna l-oppożizzjoni fix-xogħol ta' l-ippridkar tagħna, il-kliem ta' Ġesù kif jista' jgħinna nkampaw?—Marku 13:9-13.
- Kif għandna nittrattaw ma' dawk li ma jwiġbux għall-messaġġ tagħna?—Luqa 10:10, 11.
- Meta nagħtu prijorità lix-xogħol ta' l-ippridkar, liema fiduċja jista' jkollna?—Luqa 12:22-31.

18 Aspett vitali ta' l-inkarigu hu espress fil-kliem: *"Għammduhom* fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-ispirtu qaddis." (Vers 19) Il-magħmudija hija l-iktar pass sinifikanti fil-ħajja ta' dixxiplu, għaliex hija simbolu xieraq tad-dedikazzjoni tiegħu lil Alla b'qalb sħiħa. B'hekk, hija essenzjali għas-salvazzjoni. (1 Pietru 3:21) Iva, billi jkompli jagħmel l-almu tiegħu f'li jaqdi lil Ġeħova, id-dixxiplu mgħammed jista' jħares 'il quddiem għal barkiet bla għadd fid-dinja l-ġdida li ġejja. Għent int lil xi ħadd isir dixxiplu mgħammed ta' Kristu? Fil-ministeru Kristjan m'hemmx raġuni akbar għall-ferħ.—3 Ġwanni 4.

19 Ġesù jispjega l-parti li jmiss ta' l-inkarigu, billi jgħid: *"Għallmuhom* josservaw dak kollu li ordnajtilkom." (Vers 20) Aħna ngħallmu lil uħud ġodda biex jagħtu kas il-kmandi ta' Ġesù, inkluż il-kmandi li jħobbu lil Alla, iħobbu lill-proxxmu, u li jagħmlu dixxipli. (Mattew 22:37-39) Aħna b'mod progressiv ngħallmuhom biex jispjegaw veritajiet Bibliċi u jiddefendu l-fidi tagħhom li tkun qed tikber.

---

18. Il-magħmudija għala hija l-iktar pass sinifikanti fil-ħajja ta' dixxiplu?
19. X'ngħallmuhom lil uħud ġodda, u t-tagħlim għala jista' jitkompla wara l-magħmudija tagħhom?

Meta jikkwalifikaw biex jieħdu sehem fl-attività ta' l-ippridkar pubbliku, aħna naħdmu magħhom, billi ngħallmuhom bil-kliem u bl-eżempju kif ikollna sehem sinifikanti f'dan ix-xogħol. Ma jfissirx neċessarjament li d-dixxipli ġodda m'għandhomx jibqgħu jitgħallmu wara l-magħmudija tagħhom. Uħud mgħammdin ġodda forsi jkollhom bżonn iktar istruzzjoni biex jiġu megħjunin jilħqu l-isfidi involuti f'li jsegwu lil Kristu.—Luqa 9:23, 24.

## "Jien Magħkom il-Jiem Kollha"

20 L-aħħar kliem ta' l-inkarigu ta' Ġesù huwa ta' serħan il-moħħ ħafna: "Ara, jien magħkom il-jiem kollha sal-konklużjoni tas-sistema." (Mattew 28:20) Ġesù jaf li dan l-inkarigu huwa wieħed serju. Jaf ukoll li t-twettiq tiegħu xi drabi se jqanqal lil dawk li jopponu biex jirreaġixxu bl-aħrax. (Luqa 21:12) Madankollu, m'hemmx għalfejn nibżgħu. Il-Mexxej tagħna ma jistenniex li nwettqu dan l-inkarigu mingħajr għajnuna jew waħedna. M'huwiex inkuraġġanti li nkunu nafu li l-Wieħed li għandu "kull awtorità fis-sema u fuq l-art" qiegħed magħna biex jappoġġana fit-twettiq ta' dan l-inkarigu?

21 Ġesù assigura lid-dixxipli tiegħu li hu kien se jkun magħhom fil-ministeru tagħhom matul is-sekli "sal-konklużjoni tas-sistema." Sakemm jasal it-tmiem, aħna għandna nkomplu nwettqu l-inkarigu li tana Ġesù. Issa m'huwiex iż-żmien li nnaqqsu l-pass. Ħsad spiritwali abbundanti qed iseħħ! Uħud ta' qalb onesta qed jinġabru f'għadd kbir. Bħala segwaċi ta' Kristu, ejja nkunu determinati li nwettqu dan l-inkarigu serju li ġie fdat f'idejna. Ejja nkunu riżoluti li nagħtu mill-ħin, l-enerġija, u r-riżorsi tagħna biex inwettqu l-kmand ta' Kristu: "Morru u agħmlu dixxipli."

---

20, 21. (a) Għala m'għandniex għalfejn nibżgħu nwettqu l-inkarigu li tana Ġesù? (b) Għala dan m'huwiex iż-żmien li nnaqqsu l-pass, u x'għandna nkunu determinati li nagħmlu?

# "Hu Miktub"

ĠESÙ għadu kif beda l-ministeru tiegħu. Kristu ġie lura Nazaret, il-post fejn trabba. Il-mira tiegħu hi li jgħin lin-nies jaslu għal konklużjoni vitali: Hu l-Messija li kien imbassar minn ħafna żmien qabel! Liema evidenza jagħti dwar dan?

2 Bla dubju ħafna nies qed jistennew xi miraklu. Huma semgħu dwar l-għemejjel ta' l-għaġeb li wettaq Ġesù. Madankollu, hu ma jagħtihom ebda sinjal bħal dan. Minflok, hu jmur is-sinagoga, kif inhu mdorri jagħmel. Iqum bil-wieqfa biex jaqra, u jingħatalu r-romblu ta' Isaija. Huwa romblu twil, x'aktarx imgerbeb madwar żewġ vireg, u b'attenzjoni Ġesù jgerbeb id-dokument minn virga għall-oħra sakemm isib is-silta li qed ifittex. Imbagħad hu jaqra b'leħen għoli dak li issa hu Isaija 61:1-3.—Luqa 4:16-19.

3 L-udjenza żgur hija midħla tas-silta. Hija profezija dwar il-Messija. Għajnejn dawk kollha fis-sinagoga huma fuq Ġesù. Hemm skiet perfett. Imbagħad Ġesù jibda jispjega, x'aktarx fid-dettall: "Illum twettqet din l-iskrittura li għadkom kemm smajtu." L-udjenza tibqa' mistagħġba bil-kliem ħelu tiegħu, iżda milli jidher ħafna xorta jridu jaraw xi sinjal spettakolari. Minflok, Ġesù b'kuraġġ juża eżempju Skritturali biex jikxef in-nuqqas ta' fidi tagħhom. In-nies ta' Nazaret dalwaqt se jipprovaw joqtluh!—Luqa 4:20-30.

4 Dakinhar Ġesù pprovda eżempju li hu baqa' jsegwi matul il-ministeru tiegħu. Hu kien jistrieħ bil-kbir fuq

1-3. Ġesù jrid lin-nies ta' Nazaret jaslu għal liema konklużjoni vitali, u liema evidenza jagħti dwar dan?
4. Ġesù pprovda liema eżempju fil-ministeru tiegħu, u x'se nikkunsidraw f'dan il-kapitlu?



il-Kelma mnebbħa t'Alla. Huwa minnu li l-mirakli tiegħu kienu ta' importanza kbira f'li juru li l-ispirtu t'Alla kien miegħu. Iżda, għal Ġesù xejn ma kien iktar importanti mill-Iskrittura Mqaddsa. Ejja neżaminaw l-eżempju li ħalla f'dan ir-rigward. Se nikkunsidraw kif Sidna kkwota mill-Kelma t'Alla, iddefenda l-Kelma t'Alla, u spjega l-Kelma t'Alla.

## Ikkwota mill-Kelma t'Alla

5 Ġesù ried li n-nies ikunu jafu minfejn kien ġej il-messaġġ tiegħu. Hu qal: "Dak li ngħallem m'huwiex tiegħi, imma ta' dak li bagħatni." (Ġwanni 7:16) F'okkażjoni oħra, hu qal: "Ma nagħmel xejn minn rajja; imma dan ngħidu skond kif għallimni l-Missier." (Ġwanni 8:28) Iktar minn hekk, hu qal: "Dak li ngħidilkom ma ngħidux minni nnifsi; imma l-Missier li jibqa' f'unjoni miegħi qed jagħmel l-għemejjel tiegħu." (Ġwanni 14:10) Mod wieħed kif Ġesù ta prova li kummenti bħal dawn kienu veri hu billi kkwota l-Kelma miktuba t'Alla għal darba wara l-oħra.

6 Studju bir-reqqa tal-kliem dokumentat ta' Ġesù juri li hu kkwota direttament minn iktar minn nofs il-kotba fl-Iskrittura Ebrajka jew irrefera għalihom b'mod indirett. Għall-ewwel, dan jista' ma jinstemax impressjonanti. Għandek mnejn tistaqsi lilek innifsek għala, fi tliet snin u nofs ta' tagħlim u ppridkar pubbliku, hu ma kkwotax mill-kotba ispirati *kollha* li kienu disponibbli. Madankollu, fir-realtà hu x'aktarx li hekk għamel. Ftakar li parti żgħira biss mill-kliem u l-għemejjel ta' Ġesù huma mniżżlin bil-miktub. (Ġwanni 21:25) Fil-fatt, int probabbilment tista' taqra b'leħen għoli l-kliem dokumentat kollu ta' Ġesù fi ftit sigħat biss. Issa, immaġina li qed titkellem dwar Alla u s-Saltna tiegħu għal

---

5. Ġesù x'kien determinat li juri lis-semmiegħa tiegħu, u kif ta prova li kliemu kien veru?

6, 7. (a) Ġesù kemm kien jikkwota mill-Iskrittura Ebrajka, u dan għala hu impressjonanti? (b) It-tagħlim ta' Ġesù kif inhu differenti mit-tagħlim ta' l-iskribi?

ftit sigħat biss u tipprova tirreferi għal iktar minn nofs il-kotba ta' l-Iskrittura Ebrajka! Barra minn hekk, ħafna drabi Ġesù ma kellux rombli miktubin disponibbli. Meta għamel il-Priedka famuża ta' fuq il-Muntanja, hu għamel bosta referenzi b'mod dirett u indirett għall-Iskrittura Ebrajka—kollha bl-amment!

7 Il-kwotazzjonijiet ta' Ġesù wrew ir-rispett profond li kellu għall-Kelma t'Alla. Dawk li semgħuh "stagħġbu bil-mod kif għallimhom, għax kien qed jgħallimhom bħal wieħed li għandu l-awtorità, u mhux bħall-iskribi." (Marku 1:22) Meta l-iskribi kienu jgħallmu, kienu jħobbu jirreferu għall-hekk imsejħa liġi orali, billi jikkwotaw lil rabbini għorrief ta' l-imgħoddi. Ġesù lanqas darba ma kkwota mil-liġi orali jew lil xi rabbi bħala awtorità. Minflok, hu kien iqis il-Kelma t'Alla bħala l-awtorità finali. Għal darba wara l-oħra, hu qal: "Hu miktub." Hu spiss kien juża dan il-kliem jew kliem simili ieħor meta kien jgħallem lis-segwaċi tiegħu u jikkoreġi l-ideat żbaljati tagħhom.

8 Meta Ġesù naddaf it-tempju f'Ġerusalemm, hu qal: "Hu miktub, 'Dari tissejjaħ dar tat-talb,' imma intom qed tagħmluha għar tal-ħallelin." (Mattew 21:12, 13; Isaija 56:7; Ġeremija 7:11) Il-ġurnata ta' qabel, hu kien wettaq ħafna għemejjel ta' l-għaġeb hemmhekk. Xi subien żgħar, minħabba li ġew impressjonati bil-kbir b'dak li raw, bdew ifaħħruh. Madankollu, il-mexxejja reliġjużi mgħaddbin staqsew lil Ġesù jekk kienx sema' x'kienu qed jgħidu dawn it-tfal. Hu wieġeb: "Iva. Qatt ma qrajtuh dan, 'Minn fomm iċ-ċkejknin u t-trabi tal-ħalib int ipprovdejt it-tifħir'?" (Mattew 21:16; Salm 8:2) Ġesù ried lil dawk l-irġiel ikunu jafu li l-Kelma t'Alla approvat dak kollu li kien qed jiġri hemmhekk.

9 Iktar tard, dawn il-mexxejja reliġjużi nġabru flimkien,

---

8, 9. (a) Ġesù kif appoġġa l-awtorità tal-Kelma t'Alla meta naddaf it-tempju? (b) Il-mexxejja reliġjużi li kienu fit-tempju b'liema mod urew diżrispett kbir lejn il-Kelma t'Alla?

resqu quddiem Ġesù, u staqsewh: "Int b'liema awtorità tagħmlu dan?" (Mattew 21:23) Ġesù kien għamilha ċara ferm min kien is-Sors ta' l-awtorità tiegħu. Hu ma kienx joħloq xi ideat ġodda billi jaqla' duttrini minn żniedu. Hu kien sempliċement japplika dak li kienet tgħid il-Kelma mnebbħa ta' Missieru. Mela allura dawn il-qassisin u l-iskribi kienu qed juru diżrispett kbir lejn Ġeħova u l-Kelma tiegħu. Bla dubju kien jistħoqqilhom il-kundanna ta' Ġesù hekk kif kixef il-ħażen wara l-motivi tagħhom.—Mattew 21:23-46.

10 Bħal Ġesù, il-Kristjani veri llum jistrieħu fuq il-Kelma t'Alla fil-ministeru. Ix-Xhieda ta' Ġeħova huma magħrufin mad-dinja kollha għall-ħerqa tagħhom biex jaqsmu m'oħrajn messaġġ mill-Bibbja. Il-pubblikazzjonijiet tagħna huma mimlijin skritturi u siltiet mill-Bibbja. U fil-ministeru tagħna nagħmlu l-istess billi nistinkaw ħalli niftħu l-Iskrittura kulmeta nitkellmu man-nies. (2 Timotju 3:16) Kemm nifirħu meta xi ħadd iħallina naqraw mill-Bibbja u niddiskutu l-valur u t-tifsir tal-Kelma t'Alla! Aħna m'għandniex memorja perfetta bħalma kellu Ġesù, iżda għandna ħafna għodod li Ġesù ma kellux. Flimkien mal-Bibbja sħiħa stampata b'għadd ta' lingwi li dejjem jiżdied, aħna għandna bosta għodod li jgħinuna nifhmu l-Bibbja u nsibu xi vers li nkunu rridu nfittxu. Ejja nkunu determinati li nkomplu nikkwotaw mill-Bibbja u nidderieġu lin-nies lejha f'kull opportunità!

## Iddefenda l-Kelma t'Alla

11 Ġesù sab li l-Kelma t'Alla spiss kienet tiġi attakkata, iżda dan żgur li ma ssorprendiehx. "Kelmtek hi l-verità," Ġesù qal lil Missieru fit-talb. (Ġwanni 17:17) U Ġesù kien jaf sew li Satana, "il-ħakkiem tad-dinja," hu "giddieb u missier il-

---

10. Kif nistgħu nimitaw lil Ġesù fil-mod kif nużaw il-Kelma t'Alla, u liema għodod għandna li Ġesù ma kellux?
11. Ġesù għala kellu jiddefendi l-Kelma t'Alla spiss?

gidba." (Ġwanni 8:44; 14:30) Meta ċaħad it-tentazzjonijiet ta' Satana, Ġesù kkwota mill-Iskrittura tliet darbiet. Satana kkwota vers wieħed mill-ktieb tas-Salmi u bi skop applikah ħażin. Ġesù wieġeb billi ddefenda l-Kelma t'Alla kontra dan l-użu ħażin.—Mattew 4:6, 7.

12 Ġesù spiss kien jiddefendi l-Iskrittura Mqaddsa minħabba li tkun ġiet użata, interpretata, u rappreżentata b'mod ħażin. L-għalliema reliġjużi ta' żmienu rrappreżentaw il-Kelma t'Alla b'mod żbilanċjat. Huma kienu jpoġġu ħafna enfasi fuq li wieħed iħares il-Liġi Mosajka sa l-iċken dettall iżda ftit li xejn kienu jpoġġu enfasi fuq li wieħed japplika l-prinċipji li fuqhom kienu bbażati l-liġijiet. B'hekk, huma inkuraġġew forma superfiċjali ta' qima, waħda li kienet tiffoka iktar fuq id-dehra ta' barra milli fuq kwistjonijiet iktar serji—bħalma huma l-ġustizzja, il-ħniena, u l-lealtà. (Mattew 23:23) Ġesù kif iddefenda l-Liġi t'Alla?

13 Fil-Priedka tiegħu ta' fuq il-Muntanja, Ġesù spiss uża l-frażi "smajtu li ntqal" sabiex jintroduċi xi statut tal-Liġi Mosajka. Imbagħad hu kien jgħid "imma jien ngħidilkom" u wara jispjega xi prinċipju li kien jidħol iktar fid-dettall mill-osservanza superfiċjali tal-Liġi. Kien qed jargumenta kontra l-Liġi? Le, hu kien qed jiddefendiha. Per eżempju, innies kienu jafuha sew il-liġi "Toqtolx." Iżda Ġesù qalilhom li l-mibegħda lejn xi ħadd kienet tmur kontra l-essenza ta' din il-liġi. B'mod simili, jekk wieħed jikkultiva xewqat romantiċi ħżiena għal persuna li ma tkunx is-sieħeb jew is-sieħba tiegħu jkun qed jikser il-prinċipju li jinsab fil-liġi t'Alla kontra l-adulterju.—Mattew 5:17, 18, 21, 22, 27-39.

14 Fl-aħħarnett, Ġesù qal: "Smajtu li ntqal, 'Ħobb lill-proxxmu tiegħek u obgħod lill-għadu tiegħek.' Madankollu, jien ngħidilkom: Komplu ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li qed jippersegwitawkom."

---

12-14. (a) Il-mexxejja reliġjużi kif urew diżrispett għal-Liġi Mosajka? (b) Ġesù kif iddefenda l-Kelma t'Alla?

(Mattew 5:43, 44) Kien il-kmand "obgħod lill-għadu tiegħek" ġej mill-Kelma t'Alla? Le, dan il-kmand kien xi ħaġa li l-mexxejja reliġjużi għallmu minn żniedhom. Huma naqqsu l-importanza tal-Liġi perfetta t'Alla minħabba l-ħsibijiet tal-bniedem. Bi qlubija, Ġesù ddefenda l-Kelma t'Alla kontra l-effetti ta' ħsara li jġibu magħhom it-tradizzjonijiet tal-bniedem.—Marku 7:9-13.

15 Il-mexxejja reliġjużi attakkaw il-Liġi t'Alla wkoll billi għamluha tidher stretta żżejjed, saħansitra ħarxa. Meta d-dixxipli ta' Ġesù qatgħu ftit sbul tal-qamħ huma u għaddejjin minn ġo għalqa, xi Fariżej stqarrew li huma kienu qed jiksru s-Sabat. Ġesù uża eżempju Skritturali biex jiddefendi l-Kelma t'Alla kontra din il-ħarsa żbilanċjata. Hu rrefera għall-unika silta fl-Iskrittura li ssemmi l-użu tal-ħobż tal-preżenza tat-tempju barra s-santwarju—meta David u l-irġiel bil-ġuħ li kellu miegħu kielu dan il-ħobż. Ġesù wera lil dawn il-Fariżej li huma kienu naqsu li jifhmu għala Ġeħova juri ħniena u mogħdrija.—Marku 2:23-27.

16 Ukoll, il-mexxejja reliġjużi ħolqu modi kif iduru mal-Liġi t'Alla, u b'hekk idgħajfuha. Per eżempju, il-Liġi kienet tippermetti li raġel jiddivorzja lil martu jekk kien isib "xi ħaġa indeċenti" min-naħa tagħha, milli jidher xi problema serja li kienet iġġib għajb fuq il-familja. (Dewteronomju 24:1) Madankollu, sa żmien Ġesù, il-mexxejja reliġjużi użaw din l-eċċezzjoni fil-Liġi bħala skuża biex iħallu lil raġel jiddivorzja lil martu għal kull ħaġa ta' xejn—saħansitra jekk taħraqlu l-ikel!* Ġesù wera li huma kienu interpretaw

* L-istorjografu ta' l-ewwel seklu Ġużeppi Flavju, li hu stess kien Fariżew divorzjat, iktar tard qal li d-divorzju kien permess "għal kwalunkwe raġuni (u l-bnedmin spiss ikollhom minn dawn ir-raġunijiet)."

15. Ġesù kif iddefenda l-Liġi t'Alla kontra t-tentattivi biex tintgħamel tidher stretta żżejjed, saħansitra ħarxa?
16. Il-mexxejja reliġjużi kif kienu bidlu l-kmand ta' Mosè rigward id-divorzju, u Ġesù kif wieġeb?

ħażin il-kliem imnebbaħ ta' Mosè. Imbagħad hu rrestawra l-livell oriġinali ta' Ġeħova għaż-żwieġ, dak tal-monogamija, u b'hekk wera li l-immoralità sesswali biss hija l-bażi xierqa għal divorzju.—Mattew 19:3-12.

17 Is-segwaċi ta' Kristu llum iħossuhom imqanqlin bl-istess mod biex jiddefendu l-Iskrittura Sagra meta tiġi attakkata. Meta l-mexxejja reliġjużi jagħtuna x'nifhmu li l-livelli morali tal-Kelma t'Alla huma antikwati, huma fil-fatt ikunu qed jattakkaw il-Bibbja. Il-Bibbja tiġi attakkata wkoll meta r-reliġjonijiet jgħallmu duttrini foloz u jippreżentawhom bħala duttrini tal-Bibbja. Aħna nqisuh bħala privileġġ li niddefendu l-Kelma t'Alla, li hi pura u vera—per eżempju, billi nuru li Alla m'huwiex parti minn Trinità. (Dewteronomju 4:39) Fl-istess ħin, aħna niddefendu l-Kelma t'Alla b'tattika, bi ħlewwa sinċiera, u b'rispett profond.—1 Pietru 3:15.

## Spjega l-Kelma t'Alla

18 Ġesù kien ħaj fis-sema meta nkitbet l-Iskrittura Ebrajka. Min jaf kemm ħa pjaċir bl-opportunità li jiġi fuq l-art u jieħu sehem f'li jispjega l-Kelma t'Alla! Per eżempju, aħseb f'dik il-ġurnata memorabbli wara l-irxoxt tiegħu meta ltaqa' ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu fi triqithom lejn Għemmaws. Qabel ma għarfu min kien, huma qalulu kemm kienu mnikktin u konfużi minħabba l-mewt tal-maħbub Sidhom. Hu kif wieġeb? "Beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom dak li kien hemm miktub fuqu fl-Iskrittura kollha." Kif ġew effettwati? Iktar tard huma bdew jgħidu lil xulxin: "Ma kinux qlubna mkebbsin fina meta beda jkellimna fittriq, hu u jispjegalna ċar l-Iskrittura?"—Luqa 24:15-32.

---

17. Il-Kristjani llum kif jistgħu jimitaw lil Ġesù billi jiddefendu l-Kelma t'Alla?

18, 19. Liema eżempji juru li Ġesù kellu abbiltà meraviljuża biex jispjega l-Kelma t'Alla?

19 Iktar tard dakinhar stess, Ġesù ltaqa' ma' l-appostli tiegħu u m'oħrajn. Innota x'għamel għalihom: "Fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura." (Luqa 24:45) Bla dubju, din l-okkażjoni ta' ferħ fakkrithom fil-bosta drabi li Ġesù kien għamel xi ħaġa simili għalihom—u għal dawk li riedu jisimgħu. Hu spiss kien jikkwota xi skritturi magħrufin sew u jispjegahom b'tali mod li kien iħalli effett mill-aqwa fuq l-imħuħ tas-semmiegħa tiegħu—fehma ġdida u iktar profonda tal-Kelma t'Alla.

20 F'okkażjoni minnhom, Ġesù kien qed ikellem lil grupp ta' Sadduċej. Dawn kienu setta tal-Ġudaiżmu assoċjata mas-saċerdozju Lhudi u ma kinux jemmnu fl-irxoxt. Ġesù qalilhom: "Rigward l-irxoxt tal-mejtin, ma qrajtux dak li qalilkom Alla, 'Jien l-Alla t'Abraham u l-Alla ta' Iżakk u l-Alla ta' Ġakobb'? Hu mhux l-Alla tal-mejtin, imma tal-ħajjin." (Mattew 22:31, 32) Din kienet skrittura li kienu jafu sew, miktuba minn raġel li kien rispettat mis-Sadduċej—Mosè. Iżda taraha int il-qawwa fl-ispjegazzjoni ta' Ġesù?

21 Mosè kellu din il-konversazzjoni ma' Ġeħova ħdejn l-għollieqa taqbad bin-nar madwar is-sena 1514 Q.E.K. (Eżodu 3:2, 6) Dak iż-żmien, Abraham kien ilu mejjet 329 sena, Iżakk 224 sena, u Ġakobb 197 sena. Madankollu, Ġeħova xorta qal: *"Jien"* l-Alla tagħhom. Dawn is-Sadduċej kienu jafu li Ġeħova m'huwiex bħal xi alla pagan tal-mejtin, li jaħkem xi dinja tal-mitoloġija taħt l-art. Le, hu l-Alla "tal-ħajjin," bħalma qal Ġesù. Allura dan xi jfisser? Il-konklużjoni ta' Ġesù kienet waħda qawwija: "Kollha ħajjin għalih." (Luqa 20:38) Il-qaddejja maħbubin ta' Ġeħova li mietu jinsabu miżmumin fiż-żgur fil-memorja bla limitu u li ma tbatti qatt t'Alla. L-iskop ta' Ġeħova li jirxoxta lil dawn l-uħud tant hu ċert li jista' jingħad li huma ħajjin. (Rumani 4:16, 17)

---

20, 21. Ġesù kif spjega l-kliem li Ġeħova qal lil Mosè ħdejn l-għollieqa taqbad bin-nar?

### Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?

- Għala għandna noqogħdu attenti li qatt ma nħallu l-opinjoni jew it-tradizzjoni tal-bniedem tiġi qabel il-Kelma t'Alla? —Mattew 15:2-11.
- Għala jkun għaqli li nidderieġu l-attenzjoni lejn il-Bibbja meta nkunu qed inwieġbu xi mistoqsijiet?—Luqa 10:25-28.
- Kif nistgħu nimitaw lil Ġesù fil-mod kif kien lest li jħalli l-Kelma profetika t'Alla tiggwidalu ħajtu u d-deċiżjonijiet tiegħu?—Luqa 18:31-34; 22:37.
- Għala għandna nibbażaw kwalunkwe difiża li nagħmlu fuq il-Kelma t'Alla kulmeta t-twemmin tagħna jiġi attakkat? —Ġwanni 10:31-39.

M'hijiex din spjegazzjoni meraviljuża tal-Kelma t'Alla? Mhux ta' b'xejn li "l-folol stagħġbu"!—Mattew 22:33.

22 Il-Kristjani llum għandhom il-privileġġ li jimitaw il-mod kif Ġesù spjega l-Kelma t'Alla. Tabilħaqq, aħna m'għandniex moħħ perfett. Minkejja dan, aħna spiss nistgħu naqsmu m'oħrajn xi skrittura li jkunu diġà jafuha u nispjegawlhom xi aspetti minnha li forsi qatt ma kienu kkunsidraw qabel. Per eżempju, huma għandhom mnejn ikunu tennew il-kliem "Jitqaddes ismek" u "Tiġi saltnatek" tul ħajjithom kollha mingħajr ma jkunu qatt tgħallmu l-isem t'Alla jew x'inhi s-Saltna tiegħu. (Mattew 6:9, 10, *GħBM*) X'opportunità meraviljuża jkollna meta xi ħadd iħallina noffru spjegazzjonijiet ċari u sempliċi dwar veritajiet Bibliċi bħal dawn!

23 Il-mezz prinċipali biex nimitaw il-mod kif Ġesù kien jaqsam il-verità m'oħrajn hu billi nikkwotaw mill-Kelma t'Alla, niddefenduha, u nispjegawha. Issa ejja nikkunsidraw xi ftit mill-metodi effettivi li uża Ġesù biex jilħaq qalb is-semmiegħa tiegħu bil-veritajiet Bibliċi.

---

22, 23. (a) Kif nistgħu nimitaw lil Ġesù bil-mod kif nispjegaw il-Kelma t'Alla? (b) X'se nikkunsidraw fil-kapitlu li jmiss?

# "Qatt Ma Kien Hawn Bniedem Ieħor li Tkellem Bħalu"

IL-FARIŻEJ huma rrabjati ferm. Ġesù jinsab fit-tempju, jgħallem dwar Missieru. Hemm nuqqas ta' qbil fost is-semmiegħa tiegħu; ħafna jpoġġu l-fidi tagħhom f'Ġesù, fil-waqt li oħrajn iridu li jiġi arrestat. Peress li ma jistgħux iżommu r-rabja tagħhom, il-mexxejja reliġjużi jibagħtu lil xi uffiċjali biex jarrestaw lil Ġesù. Madankollu, l-uffiċjali jmorru lura b'idhom f'idhom. Il-qassisin ewlenin u l-Fariżej jitolbu spjegazzjoni: "Għala ma ġibtuhx?" L-uffiċjali jwieġbu: "Qatt ma kien hawn bniedem ieħor li tkellem bħalu." Tant baqgħu impressjonati bit-tagħlim ta' Ġesù li ma felħux jarrestawh.*—Ġwanni 7:45, 46.

2 Mhux dawn l-uffiċjali biss baqgħu impressjonati bit-tagħlim ta' Ġesù. Għadd kbir ta' nies kienu jinġabru sempliċement biex jisimgħuh jgħallem. (Marku 3:7, 9; 4:1; Luqa 5:1-3) Ġesù għala kien għalliem li tant jispikka? Bħalma rajna f'Kapitlu 8, hu ħabb il-veritajiet li kien iwassal u ħabb lin-nies li kien jgħallem. Ukoll, hu kien tassew tas-sengħa fil-metodi ta' tagħlim li kien juża. Ejja nikkunsidraw tlieta mill-metodi effettivi li uża u naraw kif nistgħu nimitawhom.

## Metodi Sempliċi ta' Tagħlim

3 Tista' timmaġina l-varjetà kbira ta' kliem li seta' uża

* L-uffiċjali x'aktarx li kienu jaħdmu għas-Sinedriju u kienu taħt l-awtorità tal-qassisin ewlenin.

1, 2. (a) L-uffiċjali li ntbagħtu biex jarrestaw lil Ġesù għala ġew lura b'idhom f'idhom? (b) Ġesù għala kien għalliem li jispikka?

3, 4. (a) Ġesù għala uża lingwaġġ sempliċi fit-tagħlim tiegħu? (b) Il-Priedka ta' fuq il-Muntanja kif inhi eżempju tas-sempliċità li biha kien jgħallem Ġesù?

Ġesù? Madankollu, meta kien jgħallem hu qatt ma kien jgħid affarijiet diffiċli wisq biex jifhmuhom is-semmiegħa tiegħu, li ħafna minnhom kienu "komuni u ta' ftit skola." (Atti 4:13) Hu kien iqis il-limitazzjonijiet tagħhom, u qatt ma kien jgħabbihom iżżejjed b'ħafna informazzjoni. (Ġwanni 16:12) Kliemu kien sempliċi, iżda l-veritajiet li wassal kienu sinifikanti ħafna.

4 Per eżempju, ikkunsidra l-Priedka ta' fuq il-Muntanja li hi mniżżla f'Mattew 5:3–7:27. Ġesù ta pariri f'din il-priedka li jqanqlu l-ħsieb u li jidħlu fil-qalba ta' kull kwistjoni. Ma kien fiha ebda idea jew frażi komplikata. Fil-fatt, bilkemm fiha kelma li tifel ċkejken ma jistax jifhem faċilment! Mhux ta' b'xejn mela li meta Ġesù temm il-priedka, il-folol —li x'aktarx kienu jinkludu ħafna bdiewa, rgħajja, u sajjieda—"baqgħu mistagħġbin bil-mod kif għallimhom."—Mattew 7:28.

5 Fit-tagħlim tiegħu, Ġesù spiss kien juża frażijiet sempliċi u qosra u kien ilissen espressjonijiet li kien ikun fihom ħafna x'tomgħod. B'hekk, żmien twil ilu meta ma kienx hawn kotba stampati, hu naqqax il-messaġġ tiegħu fl-imħuħ u l-qlub tas-semmiegħa tiegħu b'tali mod li ma jitħassarx. Ikkunsidra ftit eżempji: "Tibqgħux tiġġudikaw biex ma tiġux ġudikati." "Nies f'saħħithom m'għandhomx bżonn tabib, imma l-morda iva." "L-ispirtu hu ħerqan imma l-laħam dgħajjef." "Agħtu lura lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, imma lil Alla dak li hu t'Alla." "Hemm iktar hena meta tagħti milli meta tirċievi."* (Mattew 7:1; 9:12; 26:41; Marku 12:17; Atti 20:35) Kważi 2,000 sena wara li ntqal dan

* Din l-aħħar stqarrija, li nsibu f'Atti 20:35, hija kwotata biss mill-appostlu Pawlu. Hu seta' rċivieha verbalment (mingħand xi ħadd li sema' lil Ġesù jgħidha jew mingħand Ġesù rxoxtat) jew permezz ta' xi rivelazzjoni divina.

5. Agħti eżempji t'espressjonijiet li lissen Ġesù u li kienu sempliċi iżda fihom ħafna x'tomgħod.

il-kliem, dawn l-espressjonijiet għadhom miftakrin sa llum il-ġurnata.

6 Kif nistgħu ngħallmu b'mod sempliċi? Ħtieġa importanti hi li nużaw lingwaġġ sempliċi li l-biċċa l-kbira min-nies jistgħu jifhmu faċilment. Il-veritajiet bażiċi tal-Kelma t'Alla m'humiex komplikati. Ġeħova rrivela l-iskopijiet tiegħu lil dawk ta' qalb sinċiera u umli. (1 Korintin 1:26-28) Kliem sempliċi magħżul bir-reqqa jista' jwassal il-veritajiet tal-Kelma t'Alla b'mod effettiv.

7 Biex ngħallmu b'mod sempliċi, irridu noqogħdu attenti li nevitaw li ngħabbu lill-istudent tal-Bibbja b'ħafna informazzjoni. Għalhekk, meta nikkonduċu studju tal-Bibbja, m'hemmx għalfejn nispjegaw kull dettall; lanqas hemm bżonn li ngħaġġlu biex ngħaddu l-materjal bħallikieku l-iktar ħaġa importanti hi li nkopru għadd fiss ta' paġni. Minflok, ikun għaqli li nħallu l-bżonnijiet u l-abbiltajiet ta' l-istudent jiddeterminaw il-pass ta' l-istudju. Il-mira tagħna hi li ngħinu lill-istudent isir segwaċi ta' Kristu u aduratur

6, 7. (a) Sabiex ngħallmu bis-sempliċità, għala huwa importanti li nużaw lingwaġġ sempliċi? (b) Kif nistgħu nevitaw li ngħabbu student tal-Bibbja b'ħafna informazzjoni?



*Għallem b'mod sempliċi*

ta' Ġeħova. B'dan f'moħħna, hemm bżonn li nieħdu l-ħin meħtieġ sabiex l-istudent jifhem biżżejjed dak li qed jitgħallem. Il-verità tal-Bibbja hekk biss se tmisslu qalbu u timmotivah biex japplika dak li jkun tgħallem.—Rumani 12:2.

## Mistoqsijiet Adattati

8 Ġesù għamel użu tajjeb ħafna mill-mistoqsijiet, anki meta forsi kien jieħu inqas ħin kieku kien jaqbad u jgħid lissemmiegħa tiegħu dak li jkun irid jgħid. Mela, allura, għala kien jistaqsi l-mistoqsijiet? Kultant hu kien juża mistoqsijiet li jolqtu fil-laħam il-ħaj biex jikxef il-motivi ħżiena ta' dawk li kienu jopponuh, u b'hekk kien isikkithom. (Mattew 21:23-27; 22:41-46) Madankollu, f'ħafna każi hu kien juża l-mistoqsijiet sabiex iġiegħel lid-dixxipli tiegħu jesprimu dak li kellhom f'moħħhom u biex iqanqal u jħarreġ il-ħsieb tagħhom. Għalhekk, hu kien jistaqsi mistoqsijiet bħal, "X'taħsbu intom?" u "Temmnu dan?" (Mattew 18:12; Ġwanni 11:26) Permezz tal-mistoqsijiet tiegħu, Ġesù kien jilħaq u jmiss il-qalb tad-dixxipli tiegħu. Ikkunsidra eżempju wieħed.

9 Darba minnhom, xi kolletturi tat-taxxi staqsew lil Pietru jekk Ġesù kienx iħallas it-taxxa tat-tempju.* Bla ma qagħad jaħsibha, Pietru wieġeb, "Iva." Iktar tard, Ġesù rraġuna miegħu u qal: "X'taħseb Xmun? Is-slaten ta' l-art mingħand min jirċievu d-dazju jew it-taxxa fuq kull ras? Mingħand uliedhom jew mingħand l-istranġieri?" Pietru

* Il-Lhud kienu mistennijin li kull sena jħallsu taxxa tat-tempju ta' żewġ drakmi, li kienu ekwivalenti għal madwar jumejn paga. Xogħol wieħed ta' referenza jgħid: "Din it-taxxa kienet tintuża prinċipalment biex tkopri l-ispejjeż ta' l-offerta tal-ħruq li kienet issir kuljum u tassagrifiċċji l-oħrajn kollha li kienu jsiru f'isem in-nies."

8, 9. (a) Ġesù għala kien jagħmel il-mistoqsijiet? (b) Ġesù kif uża l-mistoqsijiet biex jgħin lil Pietru jasal għall-konklużjoni t-tajba dwar il-kwistjoni tal-ħlas tat-taxxa tat-tempju?

wieġeb: “Mingħand l-istranġieri.” Ġesù qal: “Mela, allura, l-ulied huma ħielsa mittaxxa.” (Mattew 17:24-27) Ir-raġuni għalfejn saru l-mistoqsijiet żgur kienet ovvja għal Pietru, għax kien magħruf li l-membri tal-familja tas-slaten ma kellhomx iħallsu t-taxxa. Għalhekk, bħala l-Iben uniġenitu tas-Sultan tas-sema li kien jiġi meqjum fit-tempju, Ġesù ma kienx obbligat iħallas it-taxxa. Innota li minflok ma sempliċement ta lil Pietru t-tweġiba t-tajba, Ġesù uża l-mistoqsijiet bit-tattika biex jgħin lil Pietru jasal għall-konklużjoni t-tajba u forsi jara l-bżonn li jaħsibha sew qabel ma jwieġeb fil-futur.



***Staqsi mistoqsijiet li jkunu adattati għall-interessi ta' l-inkwilin***

[10] Kif nistgħu nagħmlu użu effettiv mill-mistoqsijiet fil-ministeru tagħna? Meta nippridkaw minn dar għal dar, aħna nistgħu nużaw il-mistoqsijiet biex inqajmu l-interess, u dan jista' jiftħilna t-triq biex naqsmu l-aħbar tajba. Per eżempju, jekk tiftaħ il-bieb persuna mdaħħla fiż-żmien, b'mod dinjituż nistgħu nqajmu l-mistoqsija, “Id-dinja kif inbidlet matul ħajtek?” Wara li nagħtu ċans għal tweġiba, forsi nistaqsu, “X'taħseb li hemm bżonn sabiex din id-dinja ssir post aħjar fejn jgħixu l-bnedmin?” (Mattew 6:9, 10) Jekk tiftaħ il-bieb omm bit-tfal żgħar, nistgħu nistaqsu, “Qatt ħsibt kif se tkun din id-dinja meta jikbru wliedek?” (Salm 37:10, 11) Billi noqogħdu attenti għal dak li naraw meta nkunu resqin lejn xi dar, nistgħu nkunu kapaċi nistaqsu mistoqsija li tkun adattata għall-interessi ta' l-inkwilin.

---

10. Kif nistgħu nagħmlu użu effettiv mill-mistoqsijiet meta nippridkaw minn dar għal dar?

11 Kif nistgħu nagħmlu użu tajjeb mill-mistoqsijiet meta nikkonduċu studju tal-Bibbja? Mistoqsijiet magħżulin bir-reqqa jistgħu jgħinu biex insiru nafu x'hemm f'qalb l-istudent. (Proverbji 20:5) Per eżempju, ejja ngħidu li qed nistudjaw il-kapitlu "Ngħixu Kif Jogħġob 'l Alla" fil-ktieb *Il-Bibbja X'Tgħallem Verament?** Il-kapitlu jiddiskuti l-ħarsa t'Alla lejn kwistjonijiet bħalma huma l-immoralità sesswali, is-sokor, u l-gideb. It-tweġibiet ta' l-istudent jistgħu jindikaw li hu jifhem *dak* li tgħallem il-Bibbja, iżda *jaqbel* hu ma' dak li qed jitgħallem? Forsi nistaqsu, "Hija raġunevoli għalik il-ħarsa t'Alla lejn kwistjonijiet bħal dawn?" Nistgħu nistaqsu wkoll, "Kif tista' tapplika din l-informazzjoni f'ħajtek?" Iżda, żomm f'moħħok il-bżonn li tkun tattikuż, billi tagħti d-dinjità li jistħoqqlu l-istudent. Qatt m'għandna nistaqsu mistoqsijiet li jimbarazzawh bla bżonn.—Proverbji 12:18.

## L-Użu ta' Rraġunar Sod

12 Bil-moħħ perfett tiegħu, Ġesù kien tas-sengħa f'li jirraġuna m'oħrajn. Kultant, hu uża rraġunar sod biex jiċħad l-akkużi foloz ta' dawk li kienu jopponuh. Ħafna drabi, hu uża rraġunar persważiv biex jgħallem lis-segwaċi tiegħu lezzjonijiet ta' valur. Ejja nikkunsidraw ftit eżempji.

13 Wara li Ġesù fejjaq lil raġel maħkum mid-demonji, li kien agħma u mutu, il-Fariżej akkużawh: "Dan ikeċċi d-demonji biss bis-saħħa ta' Begħelżebub [Satana], il-ħakkiem tad-demonji." Kontra qalbhom huma ammettew li kienet meħtieġa qawwa sovrumana biex jitkeċċew id-demonji. Madankollu, huma kienu tal-fehma li l-qawwa ta' Ġesù kienet ġejja minn Satana. L-akkuża mhux talli ma

* Pubblikat mix-Xhieda ta' Ġeħova.

11. Kif nistgħu nagħmlu użu tajjeb mill-mistoqsijiet meta nikkonduċu studju tal-Bibbja?
12-14. (a) Ġesù b'liema modi ħaddem l-abbiltà tiegħu li juża rraġunar loġiku? (b) Liema rraġunar sod uża Ġesù meta l-Fariżej qalu li l-qawwa tiegħu kienet ġejja minn Satana?

kinitx vera, imma talli ma kinitx tagħmel sens. Billi ki-xef l-iżball tal-mod kif kienu jaħsbuha, Ġesù wieġeb: "Kull saltna maqsuma kontra tagħha stess issir ħerba, u kull belt jew dar maqsuma kontra tagħha stess ma tibqax wieqfa. Bl-istess mod, jekk Satana jkeċċi lil Satana, hu jinqasam kontra tiegħu nnifsu; allura, saltnatu kif se tibqa' wieqfa?" (Mattew 12:22-26) Fil-fatt, Ġesù kien qed jgħid: "Kieku kont l-aġent ta' Satana, inkun qed inġib fix-xejn dak li għamel Satana, u għalhekk Satana jkun qed jaħdem kontra l-interessi tiegħu stess u ma jdumx ma jaqa'." Kif setgħu jiċħdu loġika kon-vinċenti bħal din?

14 Ġesù kien għadu ma spiċċax jirraġuna magħhom. Bil-li kien jaf li xi wħud mid-dixxipli tal-Fariżej stess kienu keċċew id-demonji, hu staqsa mistoqsija sempliċi iżda qaw-wija: "Jekk jien inkeċċi d-demonji permezz ta' Begħelżebub, uliedkom [jew, id-dixxipli tagħkom] permezz ta' min ikeċ-ċuhom?" (Mattew 12:27) F'ċertu sens, l-argument ta' Ġesù kien dan: "Jekk jien inkeċċi d-demonji permezz tal-qawwa ta' Satana, allura bilfors li d-dixxipli tagħkom stess qed ju-żaw din l-istess qawwa." X'setgħu jgħidu l-Fariżej? Huma qatt ma kienu se jistqarru li d-dixxipli tagħhom kienu jaħ-dmu bil-qawwa ta' Satana. Għalhekk, Ġesù uża l-irraġu-nar falz tagħhom biex iġegħelhom jaslu għal konklużjoni li ġġibhom daharhom mal-ħajt. M'huwiex eċċitanti meta taq-ra dwar kif Ġesù rraġuna magħhom? Iżda immaġina l-folol li semgħu lil Ġesù personalment! Il-preżenza tiegħu u t-ton ta' leħnu bla dubju żiedu l-qawwa ta' kliemu.

15 Ġesù uża wkoll irraġunar loġiku u persważiv biex jgħal-lem veritajiet dwar Missieru li huma pożittivi u li jqawwu l-qalb. Hu spiss kien jagħmel dan billi juża l-frażi "kemm iktar" fl-irraġunar tiegħu—b'hekk jgħin lis-semmiegħa jif-hmu iktar u minn verità familjari jaslu għal konvinzjoni sa-ħansitra iktar qawwija. Billi hu bbażat fuq il-kuntrast, dan

---

15-17. Irrakkonta eżempju ta' kif Ġesù uża l-frażi "kemm iktar" biex jirraġuna u jgħallem veritajiet dwar Missieru li jqawwu l-qalb.

it-tip ta' rraġunar jista' jħalli effett profond. Ejja neżaminaw żewġ eżempji biss.

16 Meta wieġeb it-talba tad-dixxipli tiegħu biex jgħallimhom kif jitolbu, Ġesù ddeskriva l-mod kif il-ġenituri umani, li huma imperfetti, ikunu lesti li 'jagħtu għotjiet tajbin' lil uliedhom. Hu mbagħad temm jgħid: "Jekk intom, għalkemm ħżiena, tafu tagħtu għotjiet tajbin lil uliedkom, *kemm iktar* il-Missier li hu fis-sema jagħti l-ispirtu qaddis lil dawk li jitolbuh!" (Luqa 11:1-13) Il-punt li għamel Ġesù huwa bbażat fuq kuntrast. Jekk il-ġenituri umani li huma midinbin jieħdu ħsieb il-bżonnijiet ta' wliedhom, kemm iktar Missierna tas-sema, li hu perfett u ġust f'kull sens, se jagħti l-ispirtu qaddis lill-aduraturi leali tiegħu li jersqu lejh umilment bit-talb!

17 Ġesù uża rraġunar simili meta offra parir għaqli dwar kif wieħed ikampa ma' l-ansjetà. Hu qal: "Iċ-ċawluni la jiżirgħu żerriegħa u lanqas jaħsdu, u la għandhom matmura u lanqas maħżen, iżda Alla jitmagħhom. *Kemm tiswew iktar* intom mill-għasafar? Innotaw kif jikbru l-ġilji; dawn la jitħabtu u lanqas jinsġu . . . Issa, jekk Alla jlibbes hekk lill-ħaxix firraba' li llum jeżisti u għada jinxteħet ġo forn, *kemm iktar* ilibbes lilkom, intom ta' fidi żgħira!" (Luqa 12:24, 27, 28) Jekk Ġeħova jieħu ħsieb l-għasafar u l-fjuri, kemm iktar se jieħu ħsieb il-bnedmin li jħobbuh u jqimuh! Bi rraġunar bħal dan, Ġesù bla dubju mess il-qlub tas-semmiegħa tiegħu.

18 Fil-ministeru tagħna, aħna rridu nużaw irraġunar f'loku biex nikxfu t-twemmin falz. Ukoll, aħna rridu nużaw l-irraġunar persważiv biex ngħallmu veritajiet pożittivi dwar Ġeħova. (Atti 19:8; 28:23, 24) Għandna bżonn nitgħallmu nużaw irraġunar komplikat? Dażgur li le. It-tagħlima li nieħdu mingħand Ġesù hi li l-argumenti loġiċi preżentati b'mod sempliċi huma l-iktar effettivi.

---

18, 19. Kif nistgħu nirraġunaw ma' xi ħadd li jgħid li ma jemminx f'Alla li ma jistax jarah?

[19] Per eżempju, kif nistgħu nwieġbu lil xi ħadd li jgħid li ma jemminx f'Alla li ma jistax jarah? Nistgħu nirraġunaw fuq il-liġi naturali tal-kaġun u l-effett. Meta nosservaw xi effett, aħna naċċettaw il-fatt li bilfors li hemm kaġun. Nistgħu ngħidu: "Kieku tkun f'post imwarrab u tilmaħ dar mibnija tajjeb u li jkun fiha ħażna ta' ikel (effett), sejjer int ma taċċettax mill-ewwel il-fatt li kien hemm xi ħadd (kaġun) li bnieha? Hekk ukoll meta naraw l-evidenza tad-disinn finnatura u l-abbundanza ta' ikel 'fl-imħażen' ta' l-art (effett), ma jagħmilx sens li nirraġunaw li kien hemm Xi Ħadd (Kaġun) li għamel dan? Il-Bibbja stess tirraġuna b'dan il-mod: 'Kull dar tinbena minn xi ħadd, imma dak li bena kollox hu Alla.'" (Ebrej 3:4) M'għandniex xi ngħidu, jagħmel kemm jagħmel sens l-irraġunar tagħna, mhux kulħadd se jikkonvinċi ruħu.—2 Tessalonikin 3:2.

[20] Fit-tagħlim tagħna, sew jekk fil-ministeru ta' l-għalqa u

---

20, 21. (a) Kif nistgħu nużaw il-frażi "kemm iktar" fl-irraġunar tagħna ħalli nenfasizzaw il-kwalitajiet u t-triqat ta' Ġeħova? (b) X'se jiġi diskuss fil-kapitlu li jmiss?



***Uża rraġunar li se jilħaq qalb il-persuna***

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- Il-kummenti ta' Ġesù kif jistgħu jgħinuk tagħżel kliemek meta tkun qed tagħti taħditiet fil-kongregazzjoni?—Mattew 11:25.
- Il-kelliema pubbliċi kif jistgħu jimitaw lil Ġesù bl-użu ta' mistoqsijiet ta' dan it-tip?—Mattew 11:7-9.
- Kif tista' tagħmel użu għaqli minn iperbole fit-tagħlim tiegħek?—Mattew 7:3; 19:24.
- Kif nistgħu, bħal Ġesù, nużaw lezzjonijiet sempliċi biex ngħallmu lil oħrajn?—Ġwanni 13:5, 14.

sew jekk fil-kongregazzjoni, aħna wkoll nistgħu nużaw il-frażi "kemm iktar" fl-irraġunar tagħna ħalli nenfasizzaw il-kwalitajiet u t-triqat ta' Ġeħova. Per eżempju, biex nuru li d-duttrina tat-turment dejjiemi fl-infern fil-fatt iġġib diżunur lil Ġeħova, nistgħu ngħidu: "Liema missier li jħobb se jikkastiga lil ibnu billi jżommlu idu fin-nar? Kemm iktar mela hi ta' min jistmerrha l-idea ta' l-infern għal Missierna tas-sema li tant iħobb!" (Ġeremija 7:31) Sabiex niżguraw lil xi ħadd dipress minn sħabna fit-twemmin li Ġeħova jħobbu, nistgħu ngħidu: "Jekk Ġeħova jqis saħansitra għasfur tal-bejt bħala li hu ta' valur, kemm iktar għandu jimpurtah minnek u jħobb lil kull wieħed mill-aduraturi tiegħu fuq l-art, inkluż int!" (Mattew 10:29-31) Irraġunar bħal dan jista' jgħinna nilħqu l-qalb t'oħrajn.

21 Wara li eżaminajna biss tlieta mill-metodi ta' tagħlim li uża Ġesù, nistgħu faċilment naraw li dawk l-uffiċjali li ma rnexxilhomx jarrestawh ma kinux qed jesaġeraw meta qalu: "Qatt ma kien hawn bniedem ieħor li tkellem bħalu." Fil-kapitlu li jmiss se niddiskutu l-metodu ta' tagħlim li Ġesù x'aktarx li kien l-iktar magħruf għalih, jiġifieri l-użu tat-tixbihat.

# "Ma Kienx Ikellimhom Mingħajr Xi Tixbiha"

ID-DIXXIPLI li qed jivvjaġġaw ma' Ġesù għandhom privileġġ uniku. Huma qed jitgħallmu direttament mingħand l-Għalliem il-Kbir. Qed jisimgħuh personalment jispjega l-Kelma t'Alla u jgħallimhom veritajiet meraviljużi. Għalissa huma jridu jżommu l-kliem prezzjuż li qal f'moħħhom u f'qalbhom; għadu m'huwiex il-waqt biex kliemu jiġi mniżżel bil-miktub.* Madankollu, Ġesù jagħmilhielhom iktar faċli biex jiftakru dak li jgħallimhom. Kif? Bil-mod kif jgħallem, speċjalment kif juża t-tixbihat bis-sengħa.

2 Tabilħaqq, tixbihat effettivi ma jintesewx malajr. Awtur wieħed qal li t-tixbihat "iġegħluk tara dak li tisma' " u "jagħtu l-wisa' biex is-semmiegħ jaħseb billi jġibulu stampi quddiem għajnejh." Minħabba li spiss ikun t'għajnuna għalina li jkollna stampa f'moħħna, it-tixbihat jistgħu jagħmlu saħansitra ideat astratti iktar faċli biex jiġu mifhumin. It-tixbihat jagħtu l-ħajja lill-kliem, u jgħallmuna lezzjonijiet li jibqgħu stampati f'moħħna.

3 Ebda għalliem uman ieħor ma kien iktar tas-sengħa minn Ġesù Kristu fl-użu tat-tixbihat. Sa llum il-ġurnata, it-tixbihat tiegħu huma miftakrin faċilment. Ġesù għala straħ ħafna fuq dan il-metodu ta' tagħlim? X'għamel lit-tixbihat tiegħu

* Milli jidher, l-ewwel rakkont imnebbaħ dwar il-ħajja ta' Ġesù fuq l-art kien l-Evanġelju ta' Mattew, li nkiteb madwar tmien snin wara l-mewt ta' Ġesù.

1-3. (a) Id-dixxipli li qed jivvjaġġaw ma' Ġesù liema privileġġ uniku għandhom, u kif jagħmilha iktar faċli għalihom biex jiftakru dak li jgħallimhom? (b) Tixbihat effettivi għala huma faċli biex wieħed jiftakarhom?

daqshekk effettivi? Kif nistgħu nitgħallmu nużaw dan il-metodu ta' tagħlim?

## Għala Ġesù Għallem bit-Tixbihat

4 Il-Bibbja tagħti żewġ raġunijiet importanti għala Ġesù kien juża t-tixbihat. L-ewwel, billi għamel hekk hu wettaq profezija. F'Mattew 13:34, 35, naqraw: "Dan kollu Ġesù qalu lill-folol bit-tixbihat. Tabilħaqq, ma kienx ikellimhom mingħajr xi tixbiha; sabiex iseħħ dak li ntqal permezz tal-profeta: 'Se niftaħ fommi bit-tixbihat.' " Il-profeta li semma Mattew kien il-kittieb ta' Salm 78:2. Dan is-salmista kiteb taħt l-ispirazzjoni ta' l-ispirtu t'Alla sekli qabel it-twelid ta' Ġesù. Ikkunsidra dan xi jfisser. Mijiet ta' snin qabel, Ġeħova ddetermina li l-Messija kellu jgħallem bit-tixbihat. Mela ċertament li Ġeħova jqisu ta' valur dan il-metodu ta' tagħlim.

5 It-tieni, Ġesù spjega li hu kien juża t-tixbihat biex jifred lil dawk li qalbhom "ma tqanqlitx." (Mattew 13:10-15; Isaija 6:9, 10) It-tixbihat tiegħu b'liema mod setgħu jikxfu l-motivi tan-nies? F'xi każi, hu ried lis-semmiegħa tiegħu jitolbu spjegazzjoni sabiex ikollhom tifsira bis-sħiħ ta' kliemu. Individwi umli kienu lesti li jistaqsu, filwaqt li wħud li kienu suppervi jew indifferenti ma kinux. (Mattew 13:36; Marku 4:34) It-tixbihat ta' Ġesù mbagħad *irrivelaw* il-verità lil dawk l-uħud li qalbhom kienet għatxana għaliha; fl-istess ħin, it-tixbihat tiegħu *ħbew* il-verità minn dawk kburin f'qalbhom.

6 It-tixbihat ta' Ġesù kellhom għadd ta' skopijiet oħrajn li kienu ta' benefiċċju. Dawn qajmu l-interess u ħajru lin-nies biex jagħtu widen. Dawn pinġew stampi fil-moħħ li kienu faċli biex wieħed jifhimhom. Bħalma ngħad fl-introduzzjoni, it-tixbihat ta' Ġesù għenu lis-semmiegħa tiegħu jiftakru kliemu. Il-Priedka ta' fuq il-Muntanja, kif

---

4, 5. Ġesù għala uża t-tixbihat?

6. It-tixbihat ta' Ġesù kellhom liema skopijiet li kienu ta' benefiċċju?

imniżżla f'Mattew 5:3–7:27, hija eżempju li jispikka ta' kemm Ġesù uża t-tixbihat b'mod abbundanti. Skond kalkolu wieħed, din il-priedka fiha iktar minn 50 espressjoni figurattiva. Biex nifhmu dan xi jfisser, ftakar li din il-priedka tista' tinqara b'leħen għoli f'madwar 20 minuta. B'din ir-rata, bħala medja titlissen espressjoni figurattiva kważi kull 20 sekonda! B'mod ċar, Ġesù għaraf il-valur ta' l-użu tat-tixbihat!

7 Bħala segwaċi ta' Kristu, aħna rridu nimitaw il-mod tiegħu ta' tagħlim, inkluż l-użu tiegħu tat-tixbihat. Bħall-ħwawar li jagħmlu ikla iktar appetituża, tixbihat effettivi jistgħu jagħmlu t-tagħlim tagħna iktar attraenti għal oħrajn. Ukoll, kliem li joħloq stampa fil-moħħ u li jkun maħsub sew jista' jagħmel veritajiet importanti iktar faċli biex wieħed jifhimhom. Issa ejja nagħtu ħarsa iktar mill-qrib lejn xi ftit mill-fatturi li għamlu t-tixbihat ta' Ġesù daqshekk effettivi. Imbagħad se nkunu nistgħu naraw kif nistgħu nagħmlu użu tajjeb minn dan il-metodu ta' tagħlim li hu ta' valur.

## L-Użu ta' Xebh Sempliċi

8 Fit-tagħlim tiegħu, Ġesù spiss uża xebh li ma kienx kumplikat billi uża ftit kliem biss. Madankollu, il-kliem sempliċi pinġa stampa ċara fil-moħħ u għallem ċar u tond veritajiet dwar Alla, il-livelli, u l-iskop tiegħu. Per eżempju, meta ħeġġeġ lid-dixxipli tiegħu biex ma jkunux ansjużi dwar il-bżonnijiet ta' kuljum, hu xebbah is-sitwazzjoni tagħhom ma' dik ta' "l-għasafar tas-sema" u "l-ġilji tar-raba'." L-għasafar ma jiżirgħux u ma jaħsdux, u l-ġilji ma jitħabtux u ma jinsġux. Iżda Alla jieħu ħsiebhom. Il-punt huwa ċar—jiġifieri, jekk Alla jieħu ħsieb l-għasafar u l-fjuri, hu żgur li jieħu ħsieb il-bnedmin li 'jibqgħu jfittxu l-ewwel is-saltna.'—Mattew 6:26, 28-33.

9 Ukoll, Ġesù uża ħafna metafori, li huma xebh saħansitra

---

7. Għala għandna nimitaw il-mod kif Ġesù uża t-tixbihat?
8, 9. Ġesù kif għamel użu minn xebh sempliċi, u x'għamel dan ix-xebh li uża tant effettiv?

iktar qawwi. Metafora tirreferi għal ħaġa waħda bħallikieku *kienet* xi ħaġa oħra. Għal darb'oħra, hawnhekk hu żamm ix-xebh sempliċi. Darba minnhom, hu qal lid-dixxipli tiegħu: "Intom id-dawl tad-dinja." Id-dixxipli setgħu jifhmu ċar it-tifsira tal-metafora, jiġifieri, li permezz ta' kliemhom u għemilhom, huma setgħu jħallu d-dawl tal-verità spiritwali jiddi u jgħinu lil oħrajn jagħtu glorja lil Alla. (Mattew 5:14-16) Innota xi metafori oħrajn li uża Ġesù: "Intom il-melħ ta' l-art" u "Jien id-dielja u intom il-friegħi." (Mattew 5:13; Ġwanni 15:5) Espressjonijiet figurattivi bħal dawn huma qawwijin għalkemm sempliċi.

10 Kif tista' tuża t-tixbihat fit-tagħlim tiegħek? M'hemmx għalfejn toħroġ b'xi stejjer twal u komplikati. Ipprova aħseb f'xebh sempliċi. Immaġina li qed tiddiskuti s-suġġett ta' l-irxoxt u trid turi li l-qawmien tal-mejtin m'huwiex diffiċli għal Ġeħova. Liema xebh jiġik f'moħħok? Il-Bibbja tuża l-irqad bħala metafora għall-mewt. Forsi tgħid, "Alla jista' jirxoxta lill-mejtin faċilment daqskemm aħna nistgħu nqajmu lil xi ħadd minn xi raqda." (Ġwanni 11:11-14) Ejja ngħidu li int trid turi li t-tfal għandhom bżonn l-imħabba u l-affezzjoni sabiex jikbru aħjar. Liema eżempju tista' tuża? Il-Bibbja tuża dan ix-xebh: It-tfal huma "bħal xitel [ġdid] taż-żebbuġ." (Salm 128:3) Tista' tgħid, "L-imħabba u l-affezzjoni għat-tfal huma bħad-dawl tax-xemx u l-ilma għal siġra." Iktar ma jkun sempliċi x-xebh, iktar se jkun faċli għas-semmiegħa tiegħek biex jifhmu l-punt.

## Tixbihat Meħudin mill-Ħajja ta' Kuljum

11 Ġesù kien tas-sengħa fl-użu ta' tixbihat li kellhom x'jaqsmu mal-ħajja tan-nies. Ħafna mit-tixbihat tiegħu taw stampa taċ-ċirkustanzi ta' kuljum li x'aktarx kien osserva matul it-trobbija tiegħu fil-Galilija. Aħseb ftit dwar il-ħajja bikrija

10. Liema eżempji juru kif tista' tuża t-tixbihat fit-tagħlim tiegħek?
11. Agħti eżempji ta' kif it-tixbihat ta' Ġesù taw stampa ta' l-affarijiet li bla dubju kien ra matul it-trobbija tiegħu fil-Galilija.

tiegħu. Kemm spiss kien jara lil ommu titħan il-qamħ biex tagħmel id-dqiq, iżżid il-ħmira fl-għaġna, tixgħel xi musbieħ, jew tiknes l-art? (Mattew 13:33; 24:41; Luqa 15:8) Kemm-il darba qagħad jara s-sajjieda huma u jniżżlu x-xbieki tagħhom fil-Baħar tal-Galilija? (Mattew 13:47) Kemm-il darba kien jara t-tfal jilagħbu fis-suq? (Mattew 11:16) Bla dubju, Ġesù ra affarijiet komuni oħrajn li huma msemmijin fil-bosta tixbihat li għamel—żrieragħ jinżergħu, festi ferriħin tat-tieġ, u għelieqi tal-qamħ isiru fix-xemx.—Mattew 13:3-8; 25:1-12; Marku 4:26-29.

12 Fit-tixbihat tiegħu, Ġesù kien isemmi dettalji li kienu magħrufin sew mas-semmiegħa tiegħu. Per eżempju, hu beda jirrakkonta l-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb billi qal: "Wieħed raġel kien nieżel minn Ġerusalemm lejn Ġeriko u waqa' f'idejn il-ħallelin, li neżżgħuh, sawtuh . . . u ħallewh nofsu mejjet." (Luqa 10:30) Ta' min jinnota li sabiex joħroġ il-punt, Ġesù rrefera għat-triq li kienet tieħu "minn Ġerusalemm lejn Ġeriko." Meta kien qed jirrakkonta din il-parabbola, hu kien fil-Lhudija, mhux 'il bogħod minn Ġerusalemm; għalhekk bla dubju s-semmiegħa tiegħu kienu jafu għal liema triq kien qed jirreferi. Din it-triq kellha l-fama li kienet perikoluża, speċjalment għal xi ħadd li kien ikun qed jivvjaġġa waħdu. Kienet isserrep f'kampanja mwarrba, u għalhekk kien hemm ħafna postijiet fejn jistaħbew il-ħallelin.

13 Ġesù inkluda dettalji familjari oħrajn dwar it-triq li kienet tieħu "minn Ġerusalemm lejn Ġeriko." Skond il-parabbola, l-ewwel kien hemm qassis u mbagħad Levita li wkoll kienu qed jivvjaġġaw minn din it-triq—għalkemm ħadd minnhom ma waqaf biex jgħin lill-vittma. (Luqa 10:31, 32) Il-qassisin kienu jaqdu fit-tempju f'Ġerusalemm, u l-Leviti kienu jgħinuhom. Ħafna qassisin u Leviti kienu jgħixu f'Ġeriko meta

---

12, 13. Għala huwa sinifikanti li Ġesù uża t-triq li kienet tieħu "minn Ġerusalemm lejn Ġeriko" sabiex joħroġ il-punt fil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb?



*Ġesù kif uża l-għasafar u l-fjuri biex juri li Alla jimpurtah minna?*

ma kinux qed jaħdmu fit-tempju; Ġeriko kienet 23 kilometru biss ’il bogħod minn Ġerusalemm. Għalhekk, huma setgħu jidhru f’din it-triq. Innota wkoll li Ġesù tkellem dwar dak li kien qed jivvjaġġa bħala li kien “nieżel”—mhux tiela’—mit-triq “minn Ġerusalemm.” Dan kien jagħmel sens għas-semmiegħa tiegħu. Ġerusalemm kienet fl-għoli iktar minn Ġeriko. Għalhekk, meta kien ikun qed jivvjaġġa “minn Ġerusalemm,” wieħed tassew kien ikun “nieżel.”* B’mod ċar, Ġesù żamm is-semmiegħa tiegħu f’moħħu.

14 Meta nużaw it-tixbihat, aħna wkoll għandna nżommu l-udjenza tagħna f’moħħna. X’inhuma xi ftit affarijiet dwar is-semmiegħa tagħna li jistgħu jeffettwaw l-għażla tagħna tat-tixbihat? Forsi



* Ġesù qal ukoll li l-qassis u l-Levita kienu ġejjin *“minn* Ġerusalemm,” u għalhekk sejrin lil hinn mit-tempju. B’hekk, ħadd ma seta’ jiġġustifika l-indifferenza tagħhom billi jgħid li evitaw lir-raġel li deher li kien mejjet għax ma ridux li għal xi żmien isiru mhux denji li jaqdu fit-tempju.—Levitiku 21:1; Numri 19:16.

14. Meta nużaw it-tixbihat, kif nistgħu nżommu lill-udjenza tagħna f’moħħna?

jridu jiġu kunsidrati fatturi bħalma huma l-età, l-isfond kulturali jew familjari, u l-impjieg. Per eżempju, tixbiha li ssemmi dettalji dwar il-biedja forsi tinftiehem iktar malajr fi nħawi agrikoli milli f'xi belt kbira. Il-ħajja u l-attivitajiet ta' kuljum tas-semmiegħa tagħna—uliedhom, darhom, il-passatempi tagħhom, l-ikel li jieklu—ukoll jistgħu jintużaw biex jingħataw tixbihat adattati.

## Meħudin mill-Ħolqien

15 Ħafna mit-tixbihat ta' Ġesù jirrivelaw l-għarfien tiegħu dwar in-natura, inkluż il-pjanti, l-annimali, u l-kundizzjonijiet tat-temp. (Mattew 16:2, 3; Luqa 12:24, 27) Minfejn ġab dan l-għarfien? Hu u jitrabba fil-Galilija, bla dubju kellu bosta opportunitajiet biex josserva l-ħolqien. Iktar importanti minn hekk, Ġesù huwa "l-ewwel imwieled mill-ħolqien kollu," u meta ħalaq l-affarijiet kollha, Ġeħova uża lilu bħala "l-ħaddiem tas-sengħa." (Kolossin 1:15, 16; Proverbji 8:30, 31) Għandna nistagħġbu li Ġesù kien midħla sew tal-ħolqien? Ejja naraw kif uża l-għarfien tiegħu bis-sengħa.

16 Ftakar li Ġesù identifika lilu nnifsu bħala "r-ragħaj mill-aħjar" u s-segwaċi tiegħu bħala "n-nagħaġ." Il-kliem ta' Ġesù jindika li hu kien midħla sew tal-karatteristiki tan-nagħaġ mansi. Hu kien jaf li kien hemm rabta unika bejn ir-rgħajja u n-nagħaġ tagħhom. Hu nnota li dawn il-ħlejjaq li jafdaw kienu jħallu lil min imexxihom u li kienu jimxu lealment wara r-ragħaj tagħhom. In-nagħaġ għala jsegwu lir-ragħaj tagħhom? "Għax jagħrfu leħnu," qal Ġesù. (Ġwanni 10:2-4, 11) Veru li n-nagħaġ jagħrfu leħen ir-ragħaj tagħhom?

17 Minn dak li ra personalment, George A. Smith fil-ktieb tiegħu *The Historical Geography of the Holy Land* kiteb: "Kultant f'nofsinhar konna nieħdu pjaċir nistrieħu maġenb wie-

---

15. Għala ma nistagħġbux li Ġesù kien midħla sew tal-ħolqien?
16, 17. (a) X'jindika li Ġesù kien midħla sew tal-karatteristiki tan-nagħaġ? (b) X'eżempju juri li n-nagħaġ verament jagħrfu leħen ir-ragħaj tagħhom?

ħed minn dawk il-bjar tal-Lhudija, fejn madwar tlieta jew erba' rgħajja kienu jġibu l-imrieħel tagħhom. L-imrieħel kienu jitħalltu flimkien, u konna nieqfu naħsbu dwar kif kull ragħaj kien se jerġa' jsib il-merħla tiegħu. Iżda wara li n-nagħaġ ikunu xorbu u qagħdu jimirħu, wieħed wieħed ir-rgħajja kienu jitilgħu fuq naħat differenti tal-wied, u kull wieħed jgħajjat l-għajta partikulari tiegħu; u n-nagħaġ ta' kull ragħaj kienu jinfirdu min-nagħaġ l-oħrajn u jinġabru ħdejn ir-ragħaj tagħhom, u l-imrieħel kienu jitilqu bl-ordni bħalma ġew." Ġesù ma setax isib tixbiha aħjar biex joħroġ il-punt tiegħu, jiġifieri, jekk naċċettaw u nobdu t-tagħlim tiegħu u jekk insegwu t-tmexxija tiegħu se nkunu taħt il-ħarsien tar-"ragħaj mill-aħjar."

18 Kif nistgħu nitgħallmu nużaw tixbihat li jkunu meħudin mill-ħolqien? Il-karatteristiki li jispikkaw ta' l-annimali jistgħu jipprovdu l-bażi għal xebh sempliċi iżda effettiv. Fejn nistgħu nsibu informazzjoni dwar il-ħolqien ta' Ġeħova?

---

18. Fejn nistgħu nsibu informazzjoni dwar il-ħolqien ta' Ġeħova?



Il-Bibbja hija sors abbundanti t'għarfien dwar varjetà t'annimali, u kultant tuża l-karatteristiki ta' l-annimali fit-tixbihat. Il-Bibbja tirreferi għall-fatt li nkunu ħfief bħal għażżiela jew leopard, attenti bħal serp, u innoċenti bħal ħamiema.* (1 Kronaki 12:8; Ħabakkuk 1:8; Mattew 10:16) Sorsi oħrajn ta' informazzjoni li huma ta' valur huma *It-Torri ta' l-Għassa, Stenbaħ!,* u letteratura oħra maħruġa mix-Xhieda ta' Ġeħova. Tista' titgħallem ħafna meta tosserva kif dawn il-pubblikazzjonijiet jużaw xebh sempliċi meħud mill-meravilji tal-ħolqien vast ta' Ġeħova.

## Meħudin minn Eżempji Familjari

19 Tixbihat effettivi jistgħu jkunu meħudin minn eżempji reali. Darba minnhom, Ġesù uża ġrajja reċenti biex juri li ma kienx minnu t-twemmin li t-traġedja tiġi fuq dawk kollha li ħaqqhom. Hu qal: "Dawk it-tmintax li waqa' fuqhom it-torri f'Silogħam u qatilhom, timmaġinaw intom li kienu iżjed midjunin [midinbin] min-nies l-oħra kollha li joqogħdu Ġerusalemm?" (Luqa 13:4) Tabilħaqq, dawn it-18-il ruħ ma mitux minħabba xi dnub li Alla ma ħax pjaċir bih. Minflok, il-mewta traġika tagħhom kienet riżultat taż-"żmien u l-ġrajjiet mhux mistennijin." (Ekkleżjasti 9:11) B'hekk, Ġesù kixef duttrina falza billi rrefera għal ġrajja li kienet magħrufa sew mas-semmiegħa tiegħu.

20 Kif nistgħu nużaw eżempji u esperjenzi reali fit-tagħlim tagħna? Immaġina li qed tiddiskuti t-twettiq tal-profezija ta' Ġesù dwar is-sinjal tal-preżenza tiegħu. (Mattew 24:3-14) Forsi tirreferi għal ġrajjiet reċenti fl-aħbarijiet dwar il-gwerer,

* Għal lista iktar dettaljata ta' l-użu figurattiv tal-karatteristiki ta' l-annimali, ara l-*Insight on the Scriptures,* Volume 1, paġni 268, 270-1, pubblikat mix-Xhieda ta' Ġeħova.

19, 20. (a) Sabiex jikxef twemmin falz, Ġesù kif għamel użu effettiv minn ġrajja li kienet reċenti? (b) Kif nistgħu nużaw eżempji u esperjenzi reali fit-tagħlim tagħna?

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- Liema aspetti tal-ħolqien uża Ġesù fit-tixbihat tiegħu, u int kif tista' tuża eżempji simili?—Mattew 13:24-32.
- Ġesù kif uża tixbiha sempliċi biex joħroġ punt importanti, u x'titgħallem mill-eżempju tiegħu?—Mattew 18:12-14.
- Liema esperjenzi ta' kuljum semma Ġesù, u l-eżempju tiegħu kif jista' jgħinek tagħżel it-tixbihat?—Luqa 11:5-8; 12:6.

il-ġuħ, jew it-terremoti biex turi li fatturi speċifiċi tas-sinjal qegħdin jitwettqu. Jew immaġina li trid tuża xi esperjenza biex tagħti stampa tal-bidliet involuti meta wieħed jilbes il-personalità l-ġdida. (Efesin 4:20-24) Fejn tista' ssib esperjenza bħal din? Tista' tikkunsidra l-varjetà ta' sfondi li għandhom sħabek fit-twemmin, jew forsi tuża esperjenza stampata f'waħda mill-pubblikazzjonijiet tax-Xhieda ta' Ġeħova.

21 Ġesù verament kien l-Għalliem tas-Sengħa! Kif rajna f'din is-sezzjoni, ix-xogħol ta' ħajtu kien li "jgħallem . . . u jippriedka l-aħbar tajba." (Mattew 4:23) Huwa x-xogħol tal-ħajja tagħna wkoll. Il-barkiet li jiġu meta wieħed ikun għalliem effettiv huma kbar. Meta ngħallmu, aħna nkunu qed nagħtu lil oħrajn, u għoti bħal dan iġib ferħ. (Atti 20:35) Dan il-ferħ huwa l-hena li nkunu nafu li aħna qed naqsmu xi ħaġa ta' valur ġenwin u dejjiemi—il-verità dwar Ġeħova. Jista' jkollna wkoll is-sodisfazzjon li jiġi meta nkunu nafu li qed insegwu l-eżempju ta' Ġesù, l-aqwa Għalliem li qatt kien hawn fuq l-art.

---

21. Liema barkiet jiġu meta wieħed ikun għalliem effettiv tal-Kelma t'Alla?

IT-TIELET SEZZJONI

# "L-IMĦABBA LI GĦANDU L-KRISTU ĠĠEGĦELNA"

*X'jimmotivana biex inkomplu nsegwu lil Ġesù? L-appostlu Pawlu jwieġeb: "L-imħabba li għandu l-Kristu ġġegħelna."* (*2 Korintin 5:14*) *F'din is-sezzjoni se nistudjaw l-imħabba li għandu Ġesù—għal Ġeħova, għall-umanità, u għalina bħala individwi. Studju bħal dan verament iqanqalna. Se jmissilna qlubna, u se nħossuna mġegħlin naġixxu, billi nagħmlu progress meta nsegwu l-eżempju ta' Sidna.*

# "Jien Inħobb lill-Missier"

RAĠEL xwejjaħ ibill il-pinna tiegħu fil-linka, moħħu mimli b'ħafna memorji. Ir-raġel jismu Ġwanni, u hu l-uniku appostlu ta' Ġesù Kristu li għadu ħaj. Issa li għandu xi 100 sena, Ġwanni qed jirrifletti fuq lejla mill-iktar memorabbli iktar minn 60 sena qabel—l-aħħar lejla li hu u sħabu l-appostli qattgħu ma' Ġesù qabel il-mewt Tiegħu. Permezz tal-gwida ta' l-ispirtu qaddis t'Alla, Ġwanni jirnexxilu jiftakar u jikteb il-ġrajjiet sa l-iċken dettall.

2 F'din il-lejla, Ġesù għamilha ċara li hu dalwaqt kien se jingħata l-mewt. Ġwanni biss jagħti r-raġuni *għala* Ġesù qal li hu kien se jissottometti ruħu għal din il-mewta t'agunija: "Sabiex id-dinja tkun taf li jien inħobb lill-Missier, saħansitra bħalma ordnali l-Missier, hekk qed nagħmel. Qumu, ejjew nitilqu minn hawnhekk."—Ġwanni 14:31.

3 "Jien inħobb lill-Missier." Xejn ma kien iktar importanti minn dan għal Ġesù. Hu ma rripetiex kontinwament din l-istqarrija biex jenfasizza l-importanza tagħha. Fil-fatt, Ġwanni 14:31 huwa l-uniku vers fil-Bibbja li fih Ġesù jesprimi mħabbtu għal Missieru b'mod daqshekk dirett. Madankollu, Ġesù wera kemm kien minnu dan il-kliem bil-mod kif kien *jgħix*. Imħabbtu għal Ġeħova kienet evidenti kuljum. Il-kuraġġ, l-ubbidjenza, u s-sabar ta' Ġesù kienu kollha evidenza ta' mħabbtu għal Alla. Il-ministeru tiegħu kollu kemm hu kien motivat minn din l-imħabba.

4 Illum, xi wħud jistgħu jaħsbu li min juri l-imħabba

---

1, 2. L-appostlu Ġwanni liema informazzjoni rrivela dwar l-aħħar lejla li l-appostli qattgħu ma' Ġesù?
3. Ġesù kif wera li kien iħobb lil Missieru?
4, 5. Il-Bibbja tippromwovi liema għamla ta' mħabba, u x'jista' jingħad dwar l-imħabba ta' Ġesù għal Ġeħova?

jkun persuna dgħajfa. Forsi jiġuhom f'moħħhom il-poeżiji u l-għanjiet ta' mħabba, u forsi anki l-bluha li kultant hija assoċjata ma' l-imħabba romantika. Il-Bibbja wkoll titkellem dwar l-imħabba romantika, għalkemm b'mod iktar dinjituż milli nafuh illum. (Proverbji 5:15-21) Iżda l-Kelma t'Alla tagħti ħafna iktar informazzjoni dwar imħabba t'għamla oħra. Din l-imħabba m'hijiex sempliċi passjoni jew emozzjoni tal-mument; lanqas m'hi xi għamla ta' mħabba bierda u intellettwali. Tinvolvi kemm il-qalb u kemm il-moħħ. Imħabba bħal din ġejja mill-persuna ġewwinija, hija mmexxija minn prinċipji għoljin u timxi fi qbil magħhom, u tintwera f'azzjonijiet pożittivi. Żgur li mhix bluha. "L-imħabba ma tbatti qatt," tgħid il-Kelma t'Alla.—1 Korintin 13:8.

5 Mill-bnedmin kollha li qatt għexu, Ġesù kien l-iktar wieħed li ħabb lil Ġeħova. Ħadd ma ssupera lil Ġesù f'li jwettaq il-kliem li hu stess ikkwota bħala l-akbar fost il-kmandi kollha t'Alla: "Ħobb lil Ġeħova Alla tiegħek b'qalbek kollha u b'ruħek kollha u b'moħħok kollu u b'saħħtek kollha." (Marku 12:30) Ġesù kif żviluppa mħabba bħal din? Kif żamm imħabbtu għal Alla b'saħħitha kemm dam fuq l-art? U kif nistgħu nimitawh?

## L-Eqdem u l-Iktar Rabta b'Saħħitha ta' Mħabba

6 Qatt ħdimt fuq xi biċċa xogħol ma' xi ħabib, u b'hekk sibt li t-tnejn li intom sirtu ħbieb aħjar u iktar qrib ta' xulxin? Din l-esperjenza pjaċevoli tista' tgħinek tifhem l-imħabba li żviluppat bejn Ġeħova u l-Iben uniġenitu tiegħu. Spiss irreferejna għal Proverbji 8:30, iżda ejja nagħtu ħarsa iktar millqrib lejn dan il-vers fil-kuntest tiegħu. Minn vers 22 sa vers 31 insibu deskrizzjoni mnebbħa ta' l-għerf personifikat. Kif nafu li dan il-kliem jirreferi għall-Iben t'Alla?

---

6, 7. Kif nafu li Proverbji 8:22-31 jiddeskrivi lill-Iben t'Alla u mhux biss il-kwalità ta' l-għerf?

[7] F'vers 22, l-għerf jgħid: "Ġeħova nissilni bħala l-bidu ta' l-attività kreattiva tiegħu, l-eqdem għemil tiegħu ta' żmien twil ilu." Iktar minn sempliċi għerf huwa involut hawnhekk, għax din il-kwalità qatt ma 'tnisslet.' Din qatt ma kellha bidu għax Ġeħova kien jeżisti minn dejjem u kien għaref minn dejjem. (Salm 90:2) Madankollu, l-Iben t'Alla kien "l-ewwel imwieled mill-ħolqien kollu." Hu tnissel, jew ġie maħluq; hu kien l-ewwel fost dak kollu li wettaq Ġeħova. (Kolossin 1:15) L-Iben eżista qabel l-art u s-smewwiet, kif inhu deskritt fi Proverbji. U bħala l-Kelma, il-Kelliemi nnifsu t'Alla, hu kien l-espressjoni perfetta ta' l-għerf ta' Ġeħova.—Ġwanni 1:1.

[8] L-Iben x'għamel matul il-perijodu twil ta' żmien qabel ma ġie fuq l-art? Vers 30 jgħidilna li hu kien maġenb Alla bħala "ħaddiem tas-sengħa." Dan xi jfisser? Kolossin 1:16 jispjega: "Permezz tiegħu nħolqu l-affarijiet l-oħrajn kollha fis-smewwiet u fuq l-art . . . L-affarijiet l-oħrajn kollha nħolqu permezz tiegħu u għalih." Għalhekk, Ġeħova, il-Ħallieq, uża lil Ibnu, il-Ħaddiem tas-Sengħa, biex joħloq kull ħlejqa oħra —mill-ħlejjaq spirti fil-qasam tas-sema sa l-univers fiżiku ta' kobor bla qjies, sa l-art bil-varjetà ta' l-għaġeb ta' pjanti u annimali, sa l-aqwa fost il-ħolqien ta' l-art: l-umanità. F'ċertu sens, nistgħu nxebbhu din il-kooperazzjoni bejn il-Missier u l-Iben ma' dik ta' perit li jaħdem ma' bennej, jew kuntrattur, li jispeċjalizza f'li jibni b'eżattezza skond id-disinji inġenjużi tal-perit. Meta aħna nibqgħu mistagħġbin b'xi ħaġa fil-ħolqien, aħna nkunu fil-fatt qed infaħħru lill-Perit il-Kbir. (Salm 19:1) Madankollu, nistgħu wkoll niftakru f'kemm il-Ħallieq u l-"ħaddiem tas-sengħa" tiegħu ħadmu id f'id ferħanin għal żmien twil.

[9] Meta żewġ bnedmin imperfetti jaħdmu flimkien mill-qrib, kultant isibuha diffiċli biex jingwalawha. Iżda mhux

---

8. L-Iben x'għamel matul l-eżistenza tiegħu qabel ma sar bniedem, u x'jista' jiġina f'moħħna meta nammiraw il-ħolqien?
9, 10. (a) X'saħħaħ ir-rabta bejn Ġeħova u Ibnu? (b) X'jista' jsaħħaħ ir-rabta tiegħek ma' Missierek tas-sema?

fil-każ ta' Ġeħova u Ibnu! L-Iben ħadem mal-Missier għal perijodu ta' żmien li ma jitkejjilx u kien 'jieħu pjaċir quddiemu l-ħin *kollu.'* (Proverbji 8:30) Iva, hu kien jitgħaxxaq ikun ma' Missieru, u Missieru kien iħossu l-istess. Naturalment, l-Iben kiber u sar dejjem iktar bħal Missieru billi tgħallem jimita l-kwalitajiet t'Alla. Mela mhux ta' b'xejn li r-rabta bejn il-Missier u l-Iben issaħħet daqshekk! Bix-xieraq tista' tissejjaħ l-eqdem u l-iktar rabta b'saħħitha ta' mħabba fl-univers kollu.

10 Iżda, dan x'jista' jfisser għalina? Għandek mnejn tħoss li int qatt ma tista' tibni rabta bħal din ma' Ġeħova. Tabilħaqq, ħadd minna m'għandu l-pożizzjoni għolja ta' l-Iben. Madankollu, ċertament li għandna opportunità li ma bħalha. Ftakar li Ġesù resaq eqreb lejn Missieru billi ħadem Miegħu. Bi mħabba, Ġeħova joffrilna l-opportunità li nkunu "ħaddiema sħab" miegħu. (1 Korintin 3:9) Hekk kif insegwu l-eżempju ta' Ġesù fil-ministeru, għandna dejjem inżommu f'moħħna li aħna ħaddiema sħab m'Alla. B'hekk, ir-rabta ta' mħabba li tgħaqqadna ma' Ġeħova tissaħħaħ iktar u iktar. Jista' jkun hemm privileġġ akbar?

## Kif Ġesù Żamm Imħabbtu għal Ġeħova b'Saħħitha

11 Għal diversi raġunijiet, ikun t'għajnuna li naħsbu dwar l-imħabba f'qalbna bħala li hi xi ħaġa ħajja. Bħal pjanta mill-isbaħ fid-dar, l-imħabba trid tingħata s-sustanzi u l-attenzjoni sabiex tikber u tiffjorixxi. Jekk tiġi traskurata u titħalla mingħajr sustanzi, din tiddgħajjef u tmut. Ġesù ħadha bisserjetà l-imħabba tiegħu għal Ġeħova. Hu żammha b'saħħitha u ħajja meta kien fuq l-art. Ejja naraw kif.

12 Erġa' aħseb dwar il-ġrajja meta Ġesù bħala tfajjel tkellem

---

11-13. (a) Għala hu t'għajnuna li naħsbu fl-imħabba bħala li hi xi ħaġa ħajja, u Ġesù bħala tfajjel kif żamm imħabbtu għal Ġeħova b'saħħitha? (b) L-Iben t'Alla kif wera interess fit-tagħlim li ġej minn Ġeħova, kemm qabel ġie fuq l-art u kemm iktar tard bħala bniedem?

bil-miftuħ fit-tempju f'Ġerusalemm. Ftakar f'dak li qal lill-ġenituri ansjużi tiegħu: "Għalfejn fittixtuni? Ma kontux tafu li għandi nkun f'dar Missieri?" (Luqa 2:49) Bħala tfajjel, milli jidher Ġesù kien għadu ma bediex jiftakar fl-eżistenza tiegħu qabel ma sar bniedem. Madankollu, l-imħabba tiegħu għal Missieru, Ġeħova, kienet qawwija. Hu kien jaf li mħabba bħal din kienet tintwera naturalment fil-qima. Għalhekk, ma kienx hemm post ieħor fuq l-art li kien jiġbed lil Ġesù daqs kemm kienet tiġbdu dar Missieru għall-qima pura. Hu kien jixxennaq li jkun hemm u ma kienx ikun irid jitlaq. Iktar minn hekk, hu ma kienx wieħed li sempliċement joqgħod josserva. Hu kien ħerqan li jitgħallem dwar Ġeħova u li jesprimi dak li kien jaf. Sentimenti bħal dawn ma bdewx meta kellu 12-il sena, u lanqas ma ntemmew ta' din l-età.

13 Fl-eżistenza tiegħu qabel ma sar bniedem, l-Iben kien tgħallem bil-ħerqa minn Missieru. Profezija mniżżla f'Isaija 50:4-6 tirrivela li Ġeħova ta lil Ibnu edukazzjoni speċjali rigward l-irwol tiegħu bħala l-Messija. Għalkemm edukazzjoni bħal din inkludiet it-tagħlim dwar xi tbatijiet li kellu jġarrab il-Midluk ta' Ġeħova, l-Iben tgħallem bil-ħerqa. Iktar tard, wara li Ġesù ġie fuq l-art, kiber, u sar adult, hu baqa' jħossu ħerqan li jmur id-dar ta' Missieru u jieħu sehem fil-qima u fit-tagħlim li Ġeħova ried li jingħata hemmhekk. B'hekk, il-Bibbja tipprovdi ġrajjiet dwar l-attendenza leali ta' Ġesù fit-tempju u fis-sinagoga. (Luqa 4:16; 19:47) Jekk irridu nżommu l-imħabba tagħna għal Ġeħova ħajja u tiffjorixxi, aħna rridu nkunu ħabrieka biex nattendu l-laqgħat Kristjani, fejn inqimu lil Ġeħova u nkabbru l-għarfien li għandna dwaru u l-apprezzament tagħna lejh.

14 Ukoll, Ġesù żamm imħabbtu għal Ġeħova b'saħħitha billi talab regolarment. Għalkemm hu kien raġel dħuli u

---

14, 15. (a) Ġesù għala fittex li jkun waħdu? (b) It-talb ta' Ġesù lil Missieru kif kien juri intimità u rispett?

soċjevoli, ta' min jinnota li hu kien iħares lejn is-solitudni bħala li hi ta' siwi. Per eżempju, Luqa 5:16 jgħid: "Hu baqa' waħdu fid-deżert jitlob." B'mod simili, Mattew 14:23 jgħid: "Wara li bagħat lill-folol, tela' waħdu fuq il-muntanja biex jitlob. Għalkemm kien sar ħafna ħin, kien hemmhekk waħdu." Ġesù ma kienx ifittex li jkun waħdu f'okkażjonijiet bħal dawn u f'okkażjonijiet oħrajn għax kien xi eremit jew għax ma kienx iħobb il-kumpanija t'oħrajn, iżda għax ried ikun waħdu ma' Ġeħova, biex jitkellem bil-libertà ma' Missieru fit-talb.

15 Meta kien jitlob, Ġesù kultant kien juża l-espressjoni *"Abba,* Missier." (Marku 14:36) Fi żmien Ġesù, "Abba" kienet kelma intima għal "missier," kelma li kienet tintuża fiċ-ċirku tal-familja. Spiss kienet tkun fost l-ewwel kelmiet li tifel jew tifla titgħallem tgħid. Madankollu, kienet kelma ta' rispett. Għalkemm il-kelma kienet turi l-intimità li kien hemm minnaħa ta' l-Iben meta jitkellem ma' Missieru l-għażiż, din kienet tindika wkoll ir-rispett profond lejn l-awtorità li Ġeħova kellu bħala Missier. Nistgħu nsibu kemm din l-intimità kif ukoll dan ir-rispett fit-talb ta' Ġesù li hu mniżżel bil-miktub. Per eżempju, fi Ġwanni kapitlu 17, l-appostlu Ġwanni niżżel bil-miktub it-talba twila u mill-qalb li offra Ġesù fl-aħħar lejl Tiegħu. Meta nistudjaw din it-talba, din verament se tmissilna qalbna u huwa vitali li aħna nitolbu bl-istess mod —m'għandniex xi ngħidu, mhux billi nirripetu kliem Ġesù, iżda billi nsibu modi kif inkellmu lil Missierna tas-sema mill-qalb spiss kemm jista' jkun. Jekk nagħmlu hekk se nibqgħu nżommu mħabbitna għalih ħajja u b'saħħitha.

16 Bħalma rajna iktar kmieni, Ġesù ma kienx jirripeti l-kliem "Jien inħobb lill-Missier." Madankollu, kemm-il darba kien jesprimi mħabbtu għal Missieru bil-kliem. Kif? Ġesù

---

16, 17. (a) Ġesù kif esprima mħabbtu għal Missieru bil-kliem? (b) Ġesù kif iddeskriva l-ġenerożità ta' Missieru?

***"Tela' waħdu fuq il-muntanja biex jitlob"***



nnifsu qal: "Jien *infaħħrek quddiem kulħadd,* Missier, Mulej tas-sema u l-art." (Mattew 11:25) Meta studjajna t-Tieni Sezzjoni ta' dan il-ktieb, rajna li Ġesù kien iħobb ifaħħar lil Missieru billi jgħin lin-nies isiru jafu Lilu. Per eżempju, hu xebbah lil Ġeħova ma' missier li tant kien ħerqan biex jaħfer lil ibnu ta' ras stinata, li stenna l-wasla tar-raġel żagħżugħ u niedem, lemħu mill-bogħod, u ġera lejh biex jiltaqa' miegħu u jgħannqu. (Luqa 15:20) Min jista' jaqra din is-silta mingħajr ma jħossu mqanqal mid-deskrizzjoni ta' Ġesù dwar l-imħabba u l-maħfra ta' Ġeħova?

17 Ġesù spiss faħħar lil Missieru għall-ġenerożità Tiegħu. Hu uża l-eżempju tal-ġenituri imperfetti biex juri kif nistgħu nkunu ċerti li Missierna se jagħtina l-ispirtu qaddis kollu li jkollna bżonn. (Luqa 11:13) Ġesù tkellem ukoll dwar it-tama li l-Missier joffri b'tant ġenerożità. Ġesù b'ħerqa jiddeskrivi t-tama tiegħu stess li jerġa' jkun f'post maġenb Missieru fis-sema. (Ġwanni 14:28; 17:5) Hu qal lis-segwaċi tiegħu dwar it-tama li Ġeħova offra lill-"merħla żgħira" ta' Kristu —dik li jgħammru fis-sema u jieħdu sehem fil-ħakma tas-Sultan Messjaniku. (Luqa 12:32; Ġwanni 14:2) U hu kkonsla lil wieħed midneb li kien qed imut billi tah it-tama ta' ħajja fil-Ġenna ta' l-art. (Luqa 23:43) Il-fatt li tkellem dwar il-ġenerożità kbira ta' Missieru b'dawn il-modi żgur li għen lil Ġesù jżomm imħabbtu għal Ġeħova b'saħħitha. Ħafna mis-segwaċi ta' Kristu sabu li l-aqwa għajnuna biex isaħħu mħabbithom għal Ġeħova u l-fidi tagħhom fih hija li jitkellmu dwaru u dwar it-tama li jipprovdi għal dawk li jħobbuh.

## Se Timita Int l-Imħabba ta' Ġesù għal Ġeħova?

18 Mill-modi kollha li bihom għandna bżonn insegwu lil Ġesù, xejn m'hu iktar importanti minn dan: Aħna għandna nħobbu lil Ġeħova b'qalbna kollha, b'ruħna koll-

18. Liema hu l-iktar mod importanti li bih nistgħu nsegwu lil Ġesù, u għala?

ha, b'moħħna kollu, u b'saħħitna kollha. (Luqa 10:27) Ma nistgħux inkejlu mħabbitna għal Ġeħova biss skond kemm inħossu li hi b'saħħitha din l-imħabba; irridu nikkunsidraw ukoll sa liema punt aħna nuru l-imħabba tagħna fl-azzjoni. Ġesù ma kienx kuntent sempliċement b'li *jħoss* imħabba għal Missieru u lanqas b'li *jgħid,* "Jien inħobb lill-Missier." Hu qal: "Sabiex id-dinja tkun taf li jien inħobb lill-Missier, saħansitra bħalma ordnali l-Missier, *hekk qed nagħmel."* (Ġwanni 14:31) Satana kien stqarr b'mod falz li ebda bniedem ma jaqdi lil Ġeħova bi mħabba mhix egoistika. (Ġob 2:4, 5) Sabiex jagħti l-aqwa tweġiba possibbli għall-malafama qarrieqa ta' Satana, Ġesù b'kuraġġ ħa azzjoni u wera lid-dinja kemm kien iħobb lil Missieru. Hu obda anki sal-punt li jċedi ħajtu. Int se ssegwi lil Ġesù? Se turi int lil kulħadd li veramen tħobb lil Alla Ġeħova?

[19] Aħna għandna bżonn spiritwali profond li nuru mħabba bħal din. Għalhekk, Ġeħova għamel arranġament għalina biex inqimu b'mod li mħabbitna għal Missierna tkun sostnuta u msaħħa. Meta tattendi l-laqgħat Kristjani, ipprova ftakar li int qiegħed hemm biex tqim lil Alla tiegħek. Aspetti ta' din il-qima jinkludu s-sehem tagħna f'talb mill-qalb u f'kant t'għanjiet ta' tifħir, l-attenzjoni bis-sħiħ u l-parteċipazzjoni tagħna kulmeta jkun possibbli. Ukoll, laqgħat bħal dawn jagħtuk opportunità biex tinkuraġġixxi lil sħabek Kristjani. (Ebrej 10:24, 25) Il-qima lil Ġeħova regolarment fil-laqgħat Kristjani se tgħinek tkabbar u ssaħħaħ iktar u iktar imħabbtek għal Alla.

[20] L-istess jista' jingħad għall-istudju persunali, il-meditazzjoni, u t-talb. Aħseb f'dawn l-affarijiet bħala modi kif tkun waħdek ma' Ġeħova. Meta tistudja l-Kelma miktuba t'Alla u timmedita fuqha, Ġeħova jkun qed jurik il-ħsibijiet tiegħu.

---

19, 20. (a) Għal liema raġunijiet importanti rridu nkunu regulari fl-attendenza tagħna għal-laqgħat Kristjani? (b) Kif għandna mnejn inħarsu lejn l-istudju persunali, il-meditazzjoni, u t-talb tagħna?

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- Meta nitolbu, kif nistgħu nuru fiduċja f'Ġeħova, bħalma wera Ġesù? —Ġwanni 11:41, 42; Ebrej 11:6.
- Kif nistgħu nesprimu mħabba mill-qalb għal Ġeħova bil-mod kif nużaw ismu?—Ġwanni 17:6-8.
- L-imħabba għal Ġeħova għala teħtieġ li nimitaw lil Ġesù billi nibqgħu separati mid-dinja?—Ġwanni 17:14-16; Ġakbu 4:8.
- Kif nistgħu napplikaw il-parir ta' Ġesù dwar li nibqgħu nuru mħabba kbira lejn Ġeħova?—Rivelazzjoni 2:1-5.

Meta titlob, int tkun qed tiftaħ qalbek miegħu. Ftakar li t-talb jinvolvi iktar milli sempliċement titlob lil Alla għall-affarijiet. It-talb huwa wkoll opportunità biex tirringrazzja lil Ġeħova għall-barkiet li rċivejt u biex tfaħħru għax-xogħlijiet meraviljużi tiegħu. (Salm 146:1) Flimkien ma' dan, it-tifħir lil Ġeħova fil-pubbliku bil-ferħ u bl-entużjażmu huwa l-aqwa mod biex tirringrazzja lil Ġeħova u biex turih li tħobbu.

21 L-imħabba għal Alla hija fattur importanti biex ikollok ferħ dejjiemi. Hija dak kollu li Adam u Eva kellhom bżonn sabiex jirnexxu—u l-unika ħaġa li naqsu li jiżviluppaw. Hija l-iktar ħaġa importanti li għandek bżonn sabiex jirnexxilek tgħaddi minn xi prova tal-fidi, tiċħad xi tentazzjoni, jew tissaporti xi prova. Hija l-iktar ħaġa importanti meta tkun segwaċi ta' Ġesù. Tabilħaqq, l-imħabba għal Alla hija marbuta ma' l-imħabba għal sħabna l-bnedmin. (1 Ġwanni 4:20) Fil-kapitli li ġejjin, se neżaminaw kif Ġesù wera mħabbtu lejn in-nies. Fil-kapitlu li jmiss se nikkunsidraw għala ħafna nies ħassewhom komdi javviċinaw lil Ġesù.

---

21. Kemm hi importanti l-imħabba għal Ġeħova, u x'se jiġi kunsidrat fil-kapitli li ġejjin?

# “Resqu Lejh Folol Kbar”

ĠESÙ jaf li t-tmiem tal-ħajja tiegħu fuq l-art riesaq b’ħeffa kbira. Fadallu biss ftit ġimgħat, u għad hemm ħafna xogħol xi jsir! Hu qed jippriedka flimkien ma’ l-appostli tiegħu fil-Perija, reġjun fuq in-naħa tal-lvant tax-Xmara Ġordan. Huma mexjin lejn in-nofsinhar, lejn Ġerusalemm, fejn Ġesù se jattendi l-aħħar Qbiż tiegħu li kien wieħed drammatiku.

2 Wara li Ġesù jkollu diskussjoni taħraq ma’ xi mexxejja reliġjużi, tinqala’ kwistjoni żgħira. In-nies qed iġibu lit-tfal tagħhom biex jarawh. Milli jidher, l-età tat-tfal tvarja, għax Marku jirreferi għalihom bl-istess kelma li iktar kmieni uża biex jiddeskrivi tifla ta’ 12-il sena, filwaqt li Luqa juża kelma li tista’ tiġi tradotta bħala “tfal ċkejknin.” (Luqa 18:15; Marku 5:41, 42; 10:13) M’għandniex xi ngħidu, kulfejn ikun hemm it-tfal, spiss ikun hemm xi ftit storbju u għagħa ferriħija. Id-dixxipli ta’ Ġesù jċanfru lill-ġenituri, forsi minħabba li jaħsbu li Sidhom għandu wisq x’jagħmel biex jagħti attenzjoni lit-tfal. Ġesù x’jagħmel?

3 Meta jara xi jkun għaddej, Ġesù ma jiħux pjaċir. B’min? Bit-tfal? Bil-ġenituri? Le—bid-dixxipli tiegħu! Hu jgħid: “Ħallu t-tfal żgħar jiġu għandi; tipprovawx twaqqfuhom, għax is-saltna t’Alla hi ta’ min hu bħalhom. Tassew ngħidilkom, Kulmin ma jilqax is-saltna t’Alla bħal tifel żgħir żgur ma jidħolx fiha.” Imbagħad Ġesù ‘jħaddan’ it-tfal miegħu u jberikhom. (Marku 10:13-16) Il-lingwaġġ li juża Marku hawnhekk jindika li Ġesù jħaddanhom miegħu b’affezzjoni, forsi saħansitra billi jbennen lil xi trabi waqt li “jżommhom f’dirgħajh,” kif ipoġġiha wieħed traduttur. Biċ-ċar, Ġesù jħobbhom lit-tfal.

1-3. X’jiġri meta l-ġenituri jġibu lit-tfal tagħhom għand Ġesù, u din il-ġrajja x’turi dwar Ġesù?

Però, nitgħallmu xi ħaġa oħra dwaru hawnhekk—wieħed iħossu komdu javviċinah.

4 Kieku Ġesù kien xi raġel serju, stramb, jew imkabbar, x'aktarx li dawn it-tfal ma kinux jinġibdu lejh; lanqas il-ġenituri tagħhom ma kienu jħossuhom komdi javviċinawh. Hekk kif iġġib ix-xena quddiem għajnejk, ma tarax int wiċċ il-ġenituri jixgħel bil-ferħ meta dan ir-raġel qalbu tajba juri affezzjoni lejn uliedhom, jgħid li Alla jgħożżhom u jħobbhom, u jberikhom? Tabilħaqq, għalkemm Ġesù kien mgħobbi bl-iktar responsabbiltajiet kbar, hu xorta kien l-iktar bniedem avviċinabbli.

5 Min iktar ħassu komdu javviċina lil Ġesù? Għala kien daqshekk faċli biex wieħed javviċinah? U kif nistgħu nitgħallmu nkunu bħal Ġesù f'dan ir-rigward? Ejja naraw.

## Min Ħassu Komdu Javviċina lil Ġesù?

6 Hekk kif taqra r-rakkonti ta' l-Evanġelji, għandek mnejn tibqa' impressjonat bil-mod kif għadd kbir ta' nies ma ħasbuhiex darbtejn biex javviċinaw lil Ġesù. Per eżempju, kulmeta naqraw dwar Ġesù spiss naqraw ukoll dwar "folol kbar." "Marru warajh folol kbar mill-Galilija." "Folol kbar inġabru madwaru." "Resqu lejh folol kbar." "Folol kbar kienu qed jivvjaġġaw miegħu." (Mattew 4:25; 13:2; 15:30; Luqa 14:25) Iva, Ġesù spiss kien ikun imdawwar minn għadd kbir ta' nies.

7 Ġeneralment, dawn kienu jkunu nies komuni, dawk li l-mexxejja reliġjużi b'disprezz kienu jirreferu għalihom bħala "n-nies tal-pajjiż." Il-Fariżej u l-qassisin bil-miftuħ qalu: "Din il-folla li ma tafx il-Liġi hi misħuta." (Ġwanni 7:49) Iktar tard, kitbiet rabbiniċi jikkonfermaw din l-attitudni. Bosta

---

4, 5. (a) Kif nistgħu nkunu ċerti li Ġesù kien avviċinabbli? (b) Liema mistoqsijiet se neżaminaw f'dan il-kapitlu?
6-8. Spiss, Ġesù ma' min kien jissieħeb, u l-attitudni tiegħu lejhom kif kienet differenti minn dik tal-mexxejja reliġjużi?

mexxejja reliġjużi kienu jqisu lil dawn in-nies bħala li huma ta' klassi iktar baxxa, u kienu jirrifjutaw li jieklu magħhom, jixtru mingħandhom, jew jissieħbu magħhom. Fil-fatt, xi wħud kienu jinsistu li ma kien hemm ebda tama ta' rxoxt għal uħud bħal dawn li ma kinux jafu l-liġi orali! Ħafna nies komuni żgur li kienu jevitaw mexxejja bħal dawn minflok ma jitolbuhom l-għajnuna jew il-gwida. Iżda Ġesù kien differenti.

8 Ġesù kien jissieħeb man-nies komuni bil-miftuħ. Hu kien jiekol magħhom, ifejjaqhom, jgħallimhom, u jagħtihom tama. M'għandniex xi ngħidu, Ġesù kien realistiku, billi kien jaf li ħafna minnhom kienu se jiċħdu l-opportunità li jaqdu lil Ġeħova. (Mattew 7:13, 14) Iżda, hu kellu ħarsa pożittiva lejn kull individwu u f'ħafna nies ra l-potenzjal li jagħmlu dak li hu tajjeb. X'differenza minn dawk il-qassisin u l-Fariżej ta' qalbhom iebsa! Però, xi ħaġa ta' l-iskantament hi li anki l-qassisin u l-Fariżej kienu javviċinaw lil Ġesù, u xi wħud minnhom fil-fatt bidlu triqathom u segwewh. (Atti 6:7; 15:5) Xi wħud min-nies li kienu għonja u kellhom il-poter ukoll ħassewhom komdi javviċinaw lil Ġesù.—Marku 10:17, 22.

9 In-nisa ma kinux jaħsbuha darbtejn biex javviċinaw lil Ġesù. Żgur li spiss ħassew id-diżapprovazzjoni umiljanti tal-mexxejja reliġjużi. Ħafna drabi r-rabbini kienu jiddisprezzaw lil min kien jgħallem lin-nisa. Fil-fatt, in-nisa ma kinux jitħallew jixhdu f'każijiet legali; kienu jitqiesu bħala xhieda li ma tistax tafdahom. Ir-rabbini saħansitra kienu jgħidu talba li fiha kienu jirringrazzjaw lil Alla li ma kinux nisa! Madankollu, in-nisa ma rawx din l-attitudni ta' disprezz f'Ġesù. Ħafna nisa kienu javviċinawh, ħerqanin biex jitgħallmu. Per eżempju, insibu lil Marija, oħt Lazzru, bil-qiegħda ħdejn saqajn il-Mulej, mitlufa tisma' l-kliem ta' Ġesù filwaqt li oħtha Marta kienet imħabbta u konċernata żżejjed bit-tħejjija ta'

---

9. In-nisa għala ħassewhom komdi javviċinaw lil Ġesù?

l-ikel. Ġesù faħħar lil Marija talli għamlet prijoritajiet xierqa. —Luqa 10:39-42.

10 Il-morda wkoll kienu jfittxu lil Ġesù, għalkemm spiss kienu jiġu trattati bħala wħud maqtugħin mis-soċjetà mill-mexxejja reliġjużi. Il-Liġi Mosajka kienet tgħid li dawk morda bil-ġdiem kellhom jitpoġġew kwarantina minħabba raġunijiet ta' saħħa, iżda ma kien hemm ebda bażi għan-nuqqas ta' qalb tajba. (Levitiku, kapitlu 13) Madankollu, iktar tard, ir-regoli rabbiniċi kienu jgħidu li l-imġiddmin kienu offensivi daqs il-ħmieġ tal-bniedem. Xi mexxejja reliġjużi saħansitra kienu jgaraw il-ġebel lejn l-imġiddmin biex iżommuhom 'il bogħod! Huwa diffiċli timmaġina kif dawk li kienu jiġu trattati b'dan il-mod setgħu jrabbu l-kuraġġ biex javviċinaw lil xi għalliem, iżda l-imġiddmin kienu javviċinawh lil Ġesù. Wieħed minnhom lissen din l-espressjoni magħrufa tal-fidi: "Mulej, jekk trid, tista' tnaddafni." (Luqa 5:12) Fil-kapitlu li jmiss, se niddiskutu t-tweġiba ta' Ġesù. Għalissa, biżżejjed ngħidu li ma jistax ikun hemm prova iktar ċara li Ġesù għamel lil oħrajn iħossuhom komdi javviċinawh.

11 Dawk li ħassewhom imtaqqlin bil-ħtija kienu jħossuhom liberi javviċinaw lil Ġesù. Per eżempju, aħseb dwar meta Ġesù kien qed jiekol fid-dar ta' wieħed Fariżew. Daħlet mara li kienet magħrufa bħala midinba u niżlet għarkopptejha ħdejn saqajn Ġesù, tibki minħabba l-ħtija li kellha. Id-dmugħ tagħha xarrablu saqajh, u hi użat xagħarha biex tixxottahomlu. Hekk kif dak li kien stieden lil Ġesù resaq lura għax ħassu diżgustat u kkritika lil Ġesù bl-aħrax talli ħalla lil din il-mara tersaq viċin, Ġesù b'qalb tajba faħħar lill-mara ta' l-indiema sinċiera li wriet u żguraha li Ġeħova kien

---

10. Ġesù kif kien differenti mill-mexxejja reliġjużi fil-mod kif kien jittratta lill-morda?

11. Liema eżempju juri li dawk imtaqqlin bil-ħtija ħassewhom liberi javviċinaw lil Ġesù, u dan għala huwa importanti?

*"Ħallu t-tfal żgħar jiġu għandi"*



ħafrilha. (Luqa 7:36-50) Illum, iktar minn qatt qabel, in-nies li huma mtaqqlin bil-ħtija għandhom bżonn iħossuhom liberi javviċinaw lil dawk li jistgħu jgħinuhom jerġgħu jitħabbu m'Alla! X'kien li għamel lil Ġesù persuna daqshekk avviċinabbli?

## Għala Ħassewhom Komdi Javviċinaw lil Ġesù?

12 Ftakar li Ġesù imita perfettament lill-għażiż Missieru tassema. (Ġwanni 14:9) Il-Bibbja tfakkarna li Ġeħova "m'huwiex 'il bogħod minn kull wieħed minna." (Atti 17:27) Ġeħova, "Semmiegħ it-talb," jinsab dejjem lest għall-qaddejja leali tiegħu u għal kulmin irid isibu u jaqdih sinċerament. (Salm 65:2) Immaġina ftit—l-iktar Persunaġġ setgħan u importanti fl-univers huwa wkoll l-iktar wieħed li tista' tavviċinah! Bħal Missieru, Ġesù jħobbhom lin-nies. Fil-kapitli li jmiss, se niddiskutu l-imħabba tant kbira li Ġesù kellu f'qalbu. Iżda Ġesù kien avviċinabbli prinċipalment minħabba li l-imħabba tiegħu għan-nies kienet evidenti. Ejja neżaminaw xi ftit mill-kwalitajiet ta' Ġesù li wrew imħabba bħal din.

13 In-nies kienu jindunaw faċilment li *Ġesù kien jimpurtah personalment minnhom.* Dan l-interess persunali ma telaqx f'daqqa waħda meta Ġesù kien taħt pressjoni. Bħalma diġà rajna, meta dawk il-ġenituri ħadu lit-tfal tagħhom għandu, Ġesù baqa' jkun persuna avviċinabbli saħansitra anki meta kellu x'jagħmel u kien mgħobbi b'responsabbiltajiet kbar. X'eżempju ħalla għall-ġenituri! It-trobbija tat-tfal hija ta' sfida fid-dinja ta' llum. Madankollu, huwa vitali li t-tfal iħossuhom komdi javviċinaw lill-ġenituri tagħhom. Jekk int ġenitur, taf li jkun hemm drabi meta jkollok wisq x'tagħmel biex tagħti lil uliedek l-attenzjoni li jkollhom bżonn. Minkejja dan, tista' tiżgurahom li se tagħmel il-ħin għalihom mill-

12. Għala ma nistagħġbux li Ġesù kien avviċinabbli?
13. Il-ġenituri kif jistgħu jimitaw lil Ġesù?

iktar fis possibbli? Meta żżomm kelmtek, uliedek se jitgħallmu jgawdu barkiet talli juru paċenzja. Se jitgħallmu wkoll li huma dejjem jistgħu javviċinawk b'xi problema jew tħassib.

[14] Ġesù wera lin-nies li hu *kien jimpurtah mit-tħassib tagħhom.* Per eżempju, ikkunsidra l-ewwel miraklu li wettaq Ġesù. Hu kien preżenti għal festa tat-tieġ f'Kana, belt fil-Galilija. Qamet problema imbarazzanti—l-inbid spiċċa! Marija, omm Ġesù, qalet lil binha x'kien ġara. U Ġesù x'għamel? Hu qal lill-qaddejja biex jimlew sitt ġarar kbar tal-ġebel bl-ilma. Meta taw ftit minnu lill-kap tal-festa, ara, kien inbid mill-aqwa! Kienet din xi maġija, jew riżultat tal-ħeffa ta' l-idejn? Le, l-ilma ġie "mibdul fi nbid." (Ġwanni 2:1-11) Il-bniedem ilu żmien twil joħlom li jbiddel oġġett f'ieħor. Għal sekli sħaħ, nies li jissejħu alkemisti pprovaw ibiddlu ċ-ċomb f'deheb. Huma qatt ma rnexxielhom—għalkemm iċ-ċomb u d-deheb huma, fil-fatt, elementi simili b'mod sinifikanti.* Xi ngħidu għall-ilma u l-inbid? Kimikament, l-ilma huwa sempliċi, taħlita ta' żewġ elementi bażiċi. Mill-banda l-oħra, fl-inbid hemm kważi elf komponent, u ħafna minnhom huma taħlit komplikat! Ġesù għala wettaq għemil daqshekk meraviljuż sempliċement biex isolvi problema żgħira bħan-nuqqas ta' nbid f'festa tat-tieġ?

[15] Il-problema ma kinitx waħda żgħira għall-għarajjes. Fil-Lvant Nofsani tal-qedem, l-ospitalità lejn il-mistidnin kienet ta' importanza kbira. Kien ikun t'għajb u mistħija

---

* L-istudenti tal-kimika jafu li ċ-ċomb u d-deheb huma pjuttost viċin xulxin fil-lista ta' l-elementi kimiċi. Atomu taċ-ċomb għandu biss tliet protoni iktar fin-nukleu tiegħu milli għandu d-deheb. Il-fiżiċi ta' llum saħansitra biddlu ammonti żgħar ta' ċomb f'deheb, iżda l-proċess tant jirrikjedi enerġija li m'huwiex ekonomiku.

---

14-16. (a) Liema ċirkustanzi wasslu lil Ġesù biex iwettaq l-ewwel miraklu tiegħu, u għala kien għemil meraviljuż? (b) Il-miraklu ta' Ġesù f'Kana x'jurina dwaru, u dan jipprovdi liema lezzjoni għall-ġenituri?




għall-għarajjes meta l-inbid fit-tieġ tagħhom ma kienx iservi. Dan kien jitfa' dell ikrah fuq il-ġurnata tat-tieġ tagħhom u fuq il-memorji ta' dan il-jum fis-snin ta' wara. Il-problema kienet ta' importanza għalihom u anki għal Ġesù. Għalhekk, hu għamel xi ħaġa dwarha. Tista' tara għalfejn in-nies kienu javviċinawh bil-problemi tagħhom?

16 Għal darb'oħra, il-ġenituri jistgħu jitgħallmu lezzjoni siewja hawn. Xi ngħidu jekk uliedek javviċinawk, imtaqqlin b'xi problema? Int għandek mnejn tqis it-tħassib tagħhom bħala xi ħaġa żgħira. Saħansitra għandek mnejn issib li hi tad-daħq. Meta mqabbla mal-problemi tiegħek stess, il-problemi ta' wliedek jistgħu tassew jidhru insinifikanti. Iżda ftakar li għat-tfal ifissru ħafna! Jekk hija importanti għal dawk li tħobb b'tant għożża, m'għandhiex tkun importanti għalik ukoll? Jekk turi lit-tfal tiegħek li int jimpurtak mill-problemi tagħhom, int se tkun ġenitur avviċinabbli.

[17] Bħalma ddiskutejna f'Kapitlu 3, *Ġesù kien ġwejjed u umli.* (Mattew 11:29) Il-ħlewwa hija kwalità sabiħa, prova soda ta' l-umiltà fil-qalb ta' persuna. Hija parti mill-frott ta' l-ispirtu qaddis t'Alla u hija marbuta ma' l-għerf divin. (Galatin 5:22, 23; Ġakbu 3:13) Anki taħt l-agħar provokazzjoni, Ġesù żamm kontroll fuqu nnifsu. Il-fatt li kien ġwejjed żgur li ma jfissirx li kien dgħajjef. Wieħed studjuż qal hekk dwar din il-kwalità: "Fil-ġentilezza hemm il-qawwa ta' l-azzar." Tabilħaqq, spiss jeħtieġ li jkollna s-saħħa biex irrażżnu t-tempra tagħna u nittrattaw lil oħrajn b'mod ġwejjed. Iżda minħabba li Ġeħova jbierek l-isforzi tagħna, aħna nistgħu nimitaw lil Ġesù billi nkunu ġwejdin, u dan jagħmilna persuni iktar avviċinabbli.

[18] *Ġesù kien raġunevoli.* Meta Ġesù kien f'Tir, resqet lejh mara għax bintha kienet "maħkuma bl-ikrah minn demonju." Bi tliet modi differenti, Ġesù indika li ma kienx se jagħmel dak li riedet hi. L-ewwel, hu baqa' sieket; it-tieni, taha raġuni għala m'għandux jagħmel dak li talbitu; it-tielet, ta tixbiha li għamlet il-punt saħansitra iktar ċar. Madankollu, kienet l-attitudni tiegħu bla sentiment, jew kien hu stinat? Kien qed jimplika li kienet f'riskju minħabba li kienet qed tażżarda tisfida raġel importanti bħal Ġesù? Le, mid-dehra din il-mara ħassitha komda. Hi mhux talli talbet l-għajnuna, iżda talli ppersistiet minkejja li deher li ma kienx lest li jgħinha. Ġesù ra l-fidi straordinarja li qanqlitha biex tippersisti, u hu fejjaq lil bintha. (Mattew 15:22-28) Ir-raġunevolezza ta' Ġesù, il-fatt li kien lest li jisma' u li jċedi meta jkun xieraq, żgur li qanqlet lin-nies javviċinawh!

## Oħrajn Iħossuhom Komdi Javviċinawk?

[19] In-nies iħobbu jqisu lilhom infushom bħala li huma

---

17. Ġesù ħalla liema eżempju rigward il-fatt li kien ġwejjed, u din il-kwalità għala hija evidenza ta' saħħa?
18. Liema eżempju juri kemm Ġesù kien raġunevoli, u għala taħseb li din il-kwalità tista' tagħmel persuna avviċinabbli?
19. Kif nistgħu nkunu nafu jekk aħniex verament avviċinabbli?

avviċinabbli. Per eżempju, xi wħud li għandhom pożizzjoni t'awtorità jħobbu jgħidu li huma dejjem lesti li jikkomunikaw ma' kulħadd, u li dawk ta' taħthom huma dejjem liberi li javviċinawhom. Madankollu, il-Bibbja fiha din it-twissija qawwija: "Ħafna huma dawk li jxandru l-qalb tajba tagħhom stess, imma wieħed li juri fedeltà min jista' jsibu?" (Proverbji 20:6) Faċli ngħidu li aħna avviċinabbli, iżda aħna verament leali f'li nimitaw dan l-aspett ta' l-imħabba ta' Ġesù? It-tweġiba għal din il-mistoqsija ma tinsabx fil-mod kif inqisu lilna nfusna, iżda fil-mod kif ħaddieħor iqis lilna. Pawlu qal: "Ħa jkun jaf kulħadd kemm intom raġunevoli." (Filippin 4:5) Kull wieħed minna jagħmel tajjeb li jistaqsi lilu nnifsu: 'Kif iqisuni oħrajn? X'reputazzjoni għandi?'

20 L-anzjani Kristjani b'mod partikulari jistinkaw biex ikunu avviċinabbli. Huma jixtiequ bil-ħerqa li jgħixu fi qbil mad-deskrizzjoni mniżżla f'Isaija 32:1, 2: "Kull wieħed ikun bħal post ta' kenn mir-riħ u lqugħ mill-maltempata tax-xita, bħal nixxigħat ta' l-ilma f'art bla ilma, bħad-dell ta' blata kbira f'art niexfa." Anzjan jista' jipprovdi protezzjoni, serħan, u għajnuna bħal dawn biss jekk jibqa' jkun avviċinabbli. M'għandniex xi ngħidu, mhux dejjem faċli tagħmel dan, għax l-anzjani jġorru piż tqil ta' responsabbiltà


***L-anzjani jistinkaw biex ikunu persuni avviċinabbli***

20. (a) Għala huwa importanti li l-anzjani Kristjani jkunu avviċinabbli? (b) Għala għandna nkunu raġunevoli f'dak li nistennew mill-anzjani tal-kongregazzjoni?

## Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?

- Il-fatt li nistaqsu mistoqsijiet u nisimgħu b'attenzjoni t-tweġibiet għala għandu mnejn iqanqal lin-nies biex javviċinawna? —Mattew 16:13-17.
- Ġesù kif ta prova li hu avviċinabbli, anki meta l-privatezza tiegħu ġiet interrotta, u kif nistgħu nsegwu l-eżempju tiegħu?—Marku 6:31-34.
- Ġesù kif kien iħares lejn dawk li ma kinux jemmnu, u jekk nimitaw il-ħarsa bilanċjata tiegħu kif se nkunu avviċinabbli?—Luqa 5:29-32.
- Jekk nimitaw il-ħarsa pożittiva li kellu Ġesù lejn in-nies kif se niġu megħjunin insiru persuni iktar avviċinabbli?—Ġwanni 1:47.

f'dawn iż-żminijiet diffiċli. Minkejja dan, l-anzjani jistinkaw biex qatt ma jagħtu l-impressjoni li għandhom wisq x'jagħmlu biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tan-nagħaġ ta' Ġeħova. (1 Pietru 5:2) Membri oħrajn tal-kongregazzjoni jipprovaw ikunu raġunevoli f'dak li jistennew minn irġiel leali bħal dawn, billi juru spirtu t'umiltà u kooperazzjoni.—Ebrej 13:17.

21 Il-ġenituri jistinkaw biex ikunu dejjem hemm għal uliedhom. Din hija kwistjoni serja! Huma jridu lil uliedhom ikunu jafu li jistgħu jafdaw f'missierhom jew ommhom. Għalhekk, il-ġenituri Kristjani jieħdu ħsieb li jkunu ġwejdin u raġunevoli, billi ma jagħmluhomx bi kbar meta wliedhom jammettu li jkunu għamlu xi żball jew jesprimu xi ħsieb li ma jkunx xieraq. Hekk kif il-ġenituri jħarrġu lil uliedhom bil-paċenzja, huma jistinkaw biex iżommu l-komunikazzjoni miftuħa. Fil-fatt, ilkoll kemm aħna rridu nibqgħu avviċinabbli, bħalma kien Ġesù. Fil-kapitlu li jmiss, se niddiskutu l-mogħdrija mill-qalb li wera Ġesù—waħda mill-kwalitajiet prinċipali li għamlitu persuna avviċinabbli.

---

21. Il-ġenituri kif jistgħu jkunu dejjem hemm għal uliedhom, u x'se nikkunsidraw fil-kapitlu li jmiss?

# “Ħassu Mqanqal u Tħassarhom”

ŻEWĠT irġiel għomja qegħdin bil-qiegħda fil-ġenb tat-triq, ftit ’il barra minn Ġeriko. Huma jiġu hawnhekk kuljum, isibu post fejn x’aktarx jgħaddu ħafna nies, u jitolbu l-flus fil-pubbliku. Iżda llum dawn dalwaqt se jġarrbu xi ħaġa li se tbiddlilhom ħajjithom mil-lejl għan-nhar.

[2] F’daqqa waħda, it-tallaba jisimgħu għagħa sħiħa. Minħabba li ma jistgħux jaraw x’qed jiġri, wieħed minnhom jistaqsi x’inhu dan l-eċċitament, u jintqallu: “Għaddej Ġesù n-Nazzarenu!” Ġesù jinsab fi triqtu lejn Ġerusalemm għall-aħħar darba. Iżda hu m’hux waħdu; hemm folol kbar ta’ nies mexjin warajh. Malli jsiru jafu min hu li għaddej, it-tallaba jagħmlu xi ftit ta’ l-istorbju billi jgħajtu: “Mulej, ikollok ħniena minna, Bin David!” Billi jħossuhom irrabjati, il-folol jibdew isikktu lit-tallaba, iżda l-irġiel huma ddisprati. Huma ma jridux jisktu.

[3] Ġesù jisma’ l-għajat tagħhom fost il-ħamba tal-folla. X’se jagħmel? Għandu ħafna affarijiet fuq moħħu u f’qalbu. Qed toqrob l-aħħar ġimgħa tal-ħajja tiegħu fuq l-art. Hu jaf li f’Ġerusalemm hemm it-tbatija u mewta kerha jistennewh. Madankollu, hu ma jinjorax l-għajat persistenti. Jieqaf u jitlob li dawk li qed jgħajtu jinġiebu għandu. “Mulej, agħmel li jinfetħu għajnejna,” jitolbu huma bil-ħniena. Minħabba li “ħassu mqanqal u tħassarhom,” Ġesù jmissilhom

---

1-3. (a) Ġesù kif jirreaġixxi meta żewġ tallaba għomja jitolbuh bil-ħniena biex jgħinhom? (b) Xi tfisser l-espressjoni “ħassu mqanqal u tħassarhom”? (Ara n-nota ta’ taħt.)



għajnejhom u huma jibdew jaraw.* Bla tnikkir, huma jibdew isegwu lil Ġesù.—Luqa 18:35-43; Mattew 20:29-34.

4 Dan ma kienx l-uniku każ. Bosta drabi u f'ħafna ċirkustanzi differenti, Ġesù kien tassew imqanqal biex juri mogħdrija. Il-profezija Biblika bassret li hu kellu "jiddispjaċih għall-batut." (Salm 72:13) Tabilħaqq, Ġesù kien sensittiv għas-sentimenti t'oħrajn. Hu ħa l-inizjattiva biex jgħin lin-nies. Il-mogħdrija tiegħu kienet forza li timmotivah fl-ippridkar tiegħu. Ejja naraw kif l-Evanġelji jirrivelaw il-mogħdrija tenera wara l-kliem u l-għemejjel ta' Ġesù u nikkunsidraw kif aħna nistgħu nuru mogħdrija bħal din.

## Wera Konsiderazzjoni għas-Sentimenti t'Oħrajn

5 Ġesù kien raġel li kellu empatija kbira. Hu għader u ssimpatizza mas-sentimenti ta' dawk li kienu qed ibatu. Għalkemm hu ma ġarrabx iċ-ċirkustanzi kollha tagħhom, hu verament ħass l-uġigħ tagħhom f'qalbu. (Ebrej 4:15) Meta fejjaq lil waħda mara li kienet ilha tbati minn tnixxija tad-demm għal 12-il sena, hu ddeskriva l-kundizzjoni tagħha bħala "marda kiefra," u għalhekk kien jaf li kienet ikkaġunatilha ħafna niket u tbatija. (Marku 5:25-34) Meta ra lil Marija u lil dawk li kienu qed jibku magħha minħabba l-mewt ta' Lazzru, hu tant kien imqanqal mid-diqa tagħhom li ħass għafsa ta' qalb. Għalkemm kien jaf li dalwaqt kien se jirxoxta lil Lazzru, Ġesù tant ħassu kommoss li għajnejh imtlew bid-dmugħ.—Ġwanni 11:33, 35.

---

* Il-kelma Griega tradotta "ħassu mqanqal u tħassarhom" ġiet imsejħa waħda mill-iktar kliem qawwijin fil-lingwa Griega minħabba s-sentiment ta' mogħdrija. Xogħol wieħed ta' referenza jgħid li din il-kelma tindika "mhux biss l-empatija meta wieħed jara t-tbatija, iżda tindika wkoll xewqa qawwija li wieħed itaffi u jneħħi t-tbatija."

---

4. Ġesù kif wettaq il-profezija li hu kellu "jiddispjaċih għall-batut"?
5, 6. Liema eżempji juru li Ġesù kien raġel li wera empatija?

6 F'okkażjoni oħra, wieħed marid bil-ġdiem resaq lejn Ġesù u talbu bil-ħniena: "Jekk trid, tista' tnaddafni." Ġesù, raġel perfett u li qatt ma kien marad, kif irreaġixxa? Qalbu ngħafset għall-imġiddem. Iva, "hu ħassu mqanqal u tħassru." (Marku 1:40-42) Imbagħad għamel xi ħaġa straordinarja. Hu kien jaf tajjeb li l-imġiddmin ma kinux meqjusin nodfa skond il-Liġi u ma kellhomx jitħalltu m'oħrajn. (Levitiku 13:45, 46) Ġesù żgur li kien kapaċi jfejjaq lil dan ir-raġel mingħajr ma jmissu. (Mattew 8:5-13) Madankollu, għażel li jmiss lill-imġiddem b'idu u qallu: "Irrid. Indaf." Minnufih il-ġdiem għab minn fuqu. X'empatija tenera wera Ġesù!

7 Bħala Kristjani, aħna mħeġġin nimitaw lil Ġesù billi nuru empatija. Il-Bibbja tħeġġiġna 'nħossu għal xulxin.'* (1 Pietru 3:8) Jista' ma jkunx faċli li nifhmu s-sentimenti ta' dawk li jbatu minn xi marda kronika jew mid-dipressjoni—speċjalment jekk ma nkunux għaddejna minn uġigħ bħal dan personalment. Iżda ftakar li l-empatija ma tiddependix mill-fatt li tesperjenza l-istess ċirkustanzi. Ġesù għader lill-morda avolja hu nnifsu qatt ma kien marid. Mela, kif nistgħu nikkultivaw l-empatija? Dan nagħmluh billi bis-sabar nagħtu widen meta dawk l-uħud li jkunu qed ibatu jiftħu qalbhom magħna u jgħidulna kif iħossuhom. Nistgħu nistaqsu lilna nfusna, 'Kieku kont fis-sitwazzjoni tagħhom, kif kont inħossni?' (1 Korintin 12:26) Jekk inkunu iktar sensittivi għas-sentimenti t'oħrajn, se nkunu iktar kapaċi 'nikkonslaw lid-dipressi.' (1 Tessalonikin 5:14) Xi drabi, l-empatija tista' tiġi espressa mhux biss bil-kliem iżda wkoll bid-dmugħ. "Ibku ma' min jibki," jgħid Rumani 12:15.

8 Ġesù kien juri konsiderazzjoni għal oħrajn, u kien

* L-aġġettiv Grieg tradott "tħossu għal xulxin" letteralment ifisser "tbati ma'."

7. X'jista' jgħinna nikkultivaw l-empatija, u kif nistgħu nesprimu din il-kwalità?
8, 9. Ġesù kif wera konsiderazzjoni għas-sentimenti t'oħrajn?

jaġixxi b'modi li kien iqis is-sentimenti tagħhom. Ftakar f'dakinhar li nġieb raġel trux quddiem Ġesù u li bilkemm seta' jitkellem. Milli jidher, billi ntebaħ li dan ir-raġel kien qed iħossu xi ftit skomdu, Ġesù għamel xi ħaġa li s-soltu ma kienx jagħmilha meta kien ifejjaq linnies: "[Lir-raġel] ħadu waħdu lil hinn mill-folla." Fil-privat u 'l bogħod minn għajnejn in-nies, hu fejjaq lir-raġel.—Marku 7:31-35.



*Uru li "tħossu għal xulxin"*

[9] Ġesù wera konsiderazzjoni simili meta n-nies ġabulu raġel agħma u talbuh biex ifejjqu. Ġesù "qabad lill-agħma minn idu" u "ħarġu 'l barra mir-raħal." Imbagħad hu fejjaq lir-raġel bil-mod il-mod. Dan seta' sar sabiex jippermetti lil moħħ u lil għajnejn ir-raġel jidraw id-dehra li tgħammex u l-komplessitajiet tad-dinja ta' madwaru mdawla bix-xemx. (Marku 8:22-26) X'konsiderazzjoni wera Ġesù!

[10] Bħala segwaċi ta' Ġesù jeħtieġ li aħna nuru konsiderazzjoni għas-sentimenti t'oħrajn. Għalhekk, aħna noqogħdu attenti għal dak li ngħidu, billi niftakru li meta nużaw il-sienna bl-addoċċ nistgħu nweġġgħu s-sentimenti t'oħrajn. (Proverbji 12:18; 18:21) M'għandux ikun hemm kliem iebes, kummenti ta' tmaqdir, u sarkażmu aħrax fost il-Kristjani, li huma sensittivi għas-sentimenti t'oħrajn. (Efesin 4:31) Anzjani, kif tistgħu turu konsiderazzjoni għas-sentimenti t'oħrajn? Meta tagħtu xi parir, ħawru kliemkom bil-ġentilezza, billi żżommu d-dinjità ta' dak li jkun qed jismagħkom. (Galatin 6:1) Ġenituri, kif tistgħu turu konsi-

10. B'liema modi nistgħu nuru konsiderazzjoni għas-sentimenti t'oħrajn?

derazzjoni għas-sentimenti ta' wliedkom? Meta tagħtu d-dixxiplina, stinkaw biex tagħmlu dan b'modi li ma joħolqux mistħija bla bżonn għal uliedkom.—Kolossin 3:21.

## Ħa l-Inizjattiva biex Jgħin lil Oħrajn

11 Ġesù wera mogħdrija m'oħrajn anki meta ma kienx jintalab jagħmel dan. Wara kollox, il-mogħdrija mhix xi kwalità passiva iżda waħda li tqanqal lil dak li jkun biex jieħu azzjoni. Ma nistagħġbux mela li l-mogħdrija tenera qanqlet lil Ġesù jieħu l-inizjattiva biex jgħin lil oħrajn. Per eżempju, meta folla kbira ta' nies baqgħet miegħu għal tlett ijiem mingħajr ikel, ħadd ma kellu jgħid lil Ġesù li n-nies kienu bil-ġuħ jew jissuġġerilu jagħmel xi ħaġa dwarha. Ir-rakkont jgħid: "Ġesù sejjaħ lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: 'Nitħassarhom lil dawn in-nies, għax diġà ilhom tlett ijiem miegħi u m'għandhom xejn x'jieklu; u ma rridx nibgħathom sajmin, li ma jmurx iħosshom ħażin fit-triq.' " Imbagħad, minn jeddu tema' lill-folla b'mod mirakoluż.—Mattew 15:32-38.

12 Ikkunsidra rakkont ieħor. Fis-sena 31 E.K., hekk kif Ġesù beda riesaq lejn il-belt ta' Najn, hu lemaħ xena ta' niket. Mill-belt kienet ħierġa purċissjoni ta' funeral, x'aktarx miexja lejn l-oqbra f'ġenb t'għolja fil-qrib, sabiex jindifen l-"uniku iben li kellha . . . armla." Tista' timmaġina s-swied ta' qalb li ħasset din l-omm? Fi ftit ħin ieħor kienet se tidfen lill-uniku iben tagħha, bla ma kellha lil żewġha biex miegħu taqsam is-sogħba tagħha. Min-nies kollha li kien hemm fil-purċissjoni, Ġesù 'ra' lill-armla li issa spiċċat bla tfal. Dak li ra qanqlu—iva, "ħassu mqanqal u tħassarha." Ħadd ma kellu jitolbu bil-ħniena. Il-mogħdrija f'qalbu qanqlitu jieħu l-inizjattiva. Għalhekk, hu "resaq lejn

---

11, 12. Liema rakkonti mill-Bibbja juru li Ġesù ma kellux għalfejn jintalab juri mogħdrija m'oħrajn?

il-katalett u messu," u mbagħad reġa' ta l-ħajja liż-żagħżugħ. Imbagħad x'ġara? Ġesù ma talabx liż-żagħżugħ biex jingħaqad mal-folla kbira li kienet qed tivvjaġġa Miegħu. Minflok, Ġesù "tah lil ommu," u b'hekk għamilhom familja mill-ġdid u aċċerta li l-armla kellha min jieħu ħsiebha.—Luqa 7:11-15.

13 Kif nistgħu nsegwu l-eżempju ta' Ġesù? M'għandniex xi ngħidu, aħna ma nistgħux nipprovdu l-ikel b'mod mirakoluż jew nerġgħu nagħtu l-ħajja lill-mejtin. Madankollu, nistgħu nimitaw lil Ġesù billi nieħdu l-inizjattiva biex ngħinu lil dawk fil-bżonn. Xi ħadd minn sħabna fit-twemmin jista' jkun qed ibati minn telf finanzjarju kbir jew jitlef l-impjieg tiegħu. (1 Ġwanni 3:17) Id-dar ta' xi armla forsi jkollha bżonn urġenti ta' xi tiswija. (Ġakbu 1:27) Għandna mnejn inkunu nafu b'xi familja li tkun imnikkta minħabba xi mewt u li jkollha bżonn il-faraġ jew xi għajnuna prattika. (1 Tessalonikin 5:11) F'każi ta' bżonn ġenwin, m'għandniex għalfejn nistennew li niġu mitlubin qabel ma noffru xi għajnuna. (Proverbji 3:27) Il-mogħdrija tqanqalna nieħdu l-inizjattiva xierqa biex ngħinu, skond kif jippermettu ċ-ċirkustanzi tagħna. Qatt tinsa li att sempliċi ta' qalb tajba jew kelmtejn ta' faraġ mill-qalb jistgħu jkunu espressjonijiet ta' mogħdrija li jħallu effett qawwi.—Kolossin 3:12.

## Il-Mogħdrija Qanqlitu biex Jippriedka

14 Bħalma rajna fit-Tieni Sezzjoni ta' dan il-ktieb, Ġesù ħalla eżempju li jispikka fl-ippridkar ta' l-aħbar tajba. Hu qal: "Irrid inxandar l-aħbar tajba tas-saltna t'Alla, . . . għax għal dan intbgħatt." (Luqa 4:43) Hu għala ta prijorità lil dan ix-xogħol? Primarjament minħabba l-imħabba tiegħu għal Alla. Iżda Ġesù kellu motiv ieħor: Il-mogħdrija

---

13. Kif nistgħu nimitaw lil Ġesù billi nieħdu l-inizjattiva xierqa biex ngħinu lil dawk fil-bżonn?
14. Ġesù għala ta prijorità lix-xogħol ta' l-ippridkar ta' l-aħbar tajba?



*Ħu l-inizjattiva biex tgħin lil dawk fil-bżonn*

mill-qalb qanqlitu biex jissodisfa l-bżonnijiet spiritwali t'oħrajn. Mill-modi kollha kif hu wera mogħdrija, l-ebda wieħed minnhom ma kien iktar importanti milli jissodisfa l-ġuħ spiritwali t'oħrajn. Ejja neżaminaw żewġ ġrajjiet li juru kif Ġesù kien iqis lin-nies li kien jippridkalhom. Konsiderazzjoni bħal din tista' tgħinna nanalizzaw il-motivi tagħna għala nieħdu sehem fil-ministeru pubbliku.

15 Fis-sena 31 E.K., wara madwar sentejn li kien ilu jirsisti fil-ministeru, Ġesù żied l-isforzi tiegħu billi beda "jdur il-bliet u l-irħula kollha" tal-Galilija. Dak li ra b'għajnejh messlu qalbu. L-appostlu Mattew qal: "Malli ra l-folol tħassarhom, għax kienu maltrattati u mferrxin bħal nagħaġ mingħajr ragħaj." (Mattew 9:35, 36) Ġesù ħass għan-nies komuni. Hu kien tassew konxju tal-kundizzjoni spiritwali miżerabbli tagħhom. Hu kien jaf li huma kienu trattati ħażin u injorati għalkollox proprju minn dawk l-uħud li suppost kienu qed jirgħuhom—il-mexxejja reliġjużi. Imqanqal minn mogħdrija profonda, Ġesù stinka biex iwassal

15, 16. Iddeskrivi żewġ ġrajjiet li juru kif Ġesù kien iqis lin-nies li kien jippridkalhom.

messaġġ ta' tama lin-nies. Ma kien hemm xejn li kellhom bżonn iktar mill-aħbar tajba tas-Saltna t'Alla.

16 Xi ħaġa simili ġrat għadd ta' xhur wara, madwar iż-żmien tal-Qbiż tas-sena 32 E.K. F'din l-okkażjoni, Ġesù u l-appostli tiegħu rikbu dgħajsa u qasmu l-Baħar tal-Galilija biex ifittxu xi mkien għall-kwiet fejn jistrieħu. Iżda folla nies bdiet tiġri max-xatt u waslet in-naħa l-oħra qabel id-dgħajsa. Ġesù kif irreaġixxa? "Meta ħareġ mid-dgħajsa ra folla kbira u ħassu mqanqal u tħassarhom, għax kienu bħal nagħaġ mingħajr ragħaj. U beda jgħallimhom ħafna affarijiet." (Marku 6:31-34) Għal darb'oħra, Ġesù "ħassu mqanqal u tħassarhom" minħabba l-kundizzjoni spiritwali fjakka tan-nies. Bħal "nagħaġ mingħajr ragħaj," huma kienu mġewħin spiritwalment u tħallew ifendu għal rashom. Il-mogħdrija, iktar milli sempliċement sens t'obbligu, qanqlet lil Ġesù biex jippriedka.

17 X'jimmotivana bħala segwaċi ta' Ġesù biex nieħdu sehem fil-ministeru? Bħalma rajna f'Kapitlu 9 ta' dan il-ktieb, aħna għandna inkarigu, responsabbiltà, biex nippridkaw u nagħmlu dixxipli. (Mattew 28:19, 20; 1 Korintin 9:16) Iżda l-motiv tagħna għala nieħdu sehem f'dan ix-xogħol għandu jkun iktar minn sempliċi sens t'obbligu jew dmir. Iktar importanti minn hekk, l-imħabba għal Ġeħova tqanqalna biex nippridkaw l-aħbar tajba tas-Saltna tiegħu. L-ippridkar tagħna huwa motivat ukoll mill-mogħdrija għal dawk li m'għandhomx l-istess twemmin tagħna. (Marku 12:28-31) Mela, kif nistgħu nikkultivaw mogħdrija għal oħrajn?

18 Għandna bżonn inqisu lin-nies kif kien iqishom Ġesù—"maltrattati u mferrxin bħal nagħaġ mingħajr ragħaj." Immaġina ssib ħaruf li ntilef u jinsab bla tama. Mingħajr ragħaj li jiggwidah lejn mergħat kollhom ħdura u ilma, l-imsejken ħaruf qed imut bil-ġuħ u bil-għatx.

17, 18. (a) X'jimmotivana biex nieħdu sehem fil-ministeru? (b) Kif nistgħu nikkultivaw il-mogħdrija għal oħrajn?

Ma tħossx qalbek tingħafas għal dan il-ħaruf? Ma tagħmilx l-almu tiegħek biex tagħtih xi ħaġa x'jiekol u x'jixrob? Dan il-ħaruf hu bħal ħafna nies li għadhom ma jafux l-aħbar tajba. Injorati mir-rgħajja reliġjużi foloz, dawn qed imutu bil-ġuħ u bil-għatx spiritwalment u mingħajr m'għandhom tama vera għall-futur. Aħna għandna dak kollu li huma għandhom bżonn: l-ikel spiritwali nutrittiv u l-ilma frisk tal-verità misjubin fil-Kelma t'Alla. (Isaija 55:1, 2) Meta nirriflettu fuq il-bżonnijiet spiritwali ta' dawk ta' madwarna, qalbna tingħafas għalihom. Jekk, bħal Ġesù, verament inħossu għan-nies, se nagħmlu l-almu tagħna biex ngħidulhom dwar it-tama tas-Saltna.

19 Kif nistgħu ngħinu lil oħrajn isegwu l-eżempju ta' Ġesù? Ejja ngħidu li rridu ninkuraġġixxu lil student tal-Bibbja li jikkwalifika biex jibda jieħu sehem fix-xogħol ta' l-ippriedkar pubbliku. Jew forsi rridu ngħinu lil xi ħadd inattiv jerġa' jkollu sehem sħiħ fil-ministeru. Kif nistgħu ngħinu lil uħud bħal dawn? Jeħtieġ li nilħqulhom qalbhom. Ftakar li Ġesù l-ewwel 'ħassu mqanqal u tħassar' lin-nies, u mbagħad għallimhom. (Marku 6:34) Mela jekk nistgħu ngħinuhom jikkultivaw il-mogħdrija, qalbhom x'aktarx timmotivahom biex ikunu bħal Ġesù u jaqsmu l-aħbar tajba m'oħrajn. Forsi nistaqsuhom: "Ħajtek kif inbidlet għall-aħjar minħabba li aċċettajt il-messaġġ tas-Saltna? Xi ngħidu għan-nies li għadhom ma jafux



*Ippriedka bil-mogħdrija*

19. X'nistgħu nagħmlu biex ngħinu ħalli nimmotivaw lil student tal-Bibbja li jikkwalifika biex jieħu sehem fil-ministeru pubbliku?

### Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?

- Ġesù kif wera mogħdrija bil-mod kif eżerċita l-awtorità, u kif nistgħu nimitawh?—Mattew 11:28-30.
- Għala hu importanti li nsegwu l-eżempju ta' Ġesù billi nuru ħniena, jew mogħdrija, m'oħrajn?—Mattew 9:9-13; 23:23.
- Liema azzjonijiet ta' Ġesù wrew li hu fehem is-sentimenti t'oħrajn, u kif nistgħu nsegwu l-eżempju tiegħu?—Luqa 7:36-50.
- Il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb kif turi li l-mogħdrija hija kwalità pożittiva, u b'liema mod nistgħu napplikaw it-tagħlima importanti ta' l-istorja?—Luqa 10:29-37.

bih dan il-messaġġ—m'għandhomx bżonnha l-aħbar tajba? X'tista' tagħmel biex tgħinhom?" M'għandniex xi ngħidu, l-iktar motivazzjoni qawwija biex tieħu sehem fil-ministeru hija l-imħabba għal Alla u x-xewqa li taqdih.

20 Li tkun segwaċi ta' Ġesù jinvolvi iktar milli sempliċement tirripeti kliemu u timita l-għemejjel tiegħu. Aħna għandna bżonn nikkultivaw l-istess "attitudni mentali" li kellu hu. (Filippin 2:5) Kemm għandna għalxiex inkunu grati mela li l-Bibbja turina l-ħsibijiet u s-sentimenti wara l-kliem u l-azzjonijiet ta' Ġesù! Billi nsiru familjari mal-"moħħ ta' Kristu," se nkunu iktar kapaċi nikkultivaw sensittività u mogħdrija mill-qalb, u b'hekk nittrattaw lil oħrajn bil-mod li Ġesù kien jittratta lin-nies b'mod ġenerali. (1 Korintin 2:16) Fil-kapitlu li jmiss, se nikkunsidraw id-diversi modi kif Ġesù wera mħabba b'mod partikulari għas-segwaċi tiegħu.

---

20. (a) X'jinvolvi li wieħed ikun segwaċi ta' Ġesù? (b) X'se jiġi kunsidrat fil-kapitlu li jmiss?

# "Ġesù . . . Baqa' Jħobbhom sa l-Aħħar"

HEKK kif jiġbor lill-appostli tiegħu f'kamra fis-sular ta' fuq ta' dar f'Ġerusalemm, Ġesù jaf li din hi l-aħħar lejla li se jqatta' magħhom. Wasal iż-żmien biex imur lura għand Missieru. Fi ftit sigħat oħra, Ġesù se jiġi arrestat u l-fidi tiegħu se tiġi mġarrba bħal qatt qabel. Madankollu, avolja kien jaf li dalwaqt se jmut, xejn ma jista' jaljenah mill-bżonnijiet ta' l-appostli.

2 Ġesù diġà qal lill-appostli li se jħallihom, iżda għad għandu x'jgħidilhom biex isaħħaħhom għal dak li ġej. Għalhekk, hu jqatta' dawn l-aħħar ftit mumenti prezzjużi jgħallimhom lezzjonijiet vitali li se jgħinuhom jibqgħu leali. Kliemu huwa fost l-iktar kliem kordjali u intimu li qatt qalilhom. Iżda Ġesù għala huwa iktar konċernat dwar l-appostli tiegħu milli dwaru nnifsu? Dawn l-aħħar sigħat ta' ħajtu li se jqatta' magħhom għala huma daqshekk għeżież għalih? F'kelma waħda t-tweġiba hija l-imħabba. Imħabbtu għalihom hija kbira ħafna.

3 Għaxriet ta' snin wara, meta introduċa r-rakkont ispirat tiegħu dwar il-ġrajjiet ta' din il-lejla, l-appostlu Ġwanni kiteb: "Peress li minn qabel il-festa tal-Qbiż kien jaf li kienet waslet is-siegħa tiegħu biex imur minn din id-dinja għal għand Missieru, Ġesù, għax ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, baqa' jħobbhom sa l-aħħar." (Ġwanni 13:1) Ġesù ma qagħadx jistenna dak il-lejl biex juri mħabbtu għal dawk li kienu "tiegħu." Matul il-ministeru tiegħu, hu ta prova ta' l-imħabba li

---

1, 2. Ġesù kif iqatta' l-aħħar lejla tiegħu ma' l-appostli, u dawn l-aħħar mumenti għala huma prezzjużi għalih?

3. Kif nafu li Ġesù ma qagħadx jistenna l-aħħar lejla tiegħu biex juri mħabbtu għas-segwaċi tiegħu?

kellu għad-dixxipli tiegħu b'diversi modi. Nagħmlu tajjeb li neżaminaw xi wħud mill-modi li bihom wera mħabbtu, għax meta nimitawh f'dan ir-rigward, nagħtu prova li aħna d-dixxipli veri tiegħu.

## Wera l-Paċenzja

4 L-imħabba u l-paċenzja jmorru id f'id. "L-imħabba tistabar fit-tul," jgħid l-1 Korintin 13:4, u s-sabar fit-tul ifisser li nieħdu paċenzja b'xulxin. Ġesù kellu bżonn il-paċenzja meta ttratta mad-dixxipli tiegħu? Tabilħaqq, kellu bżonnha! Bħalma rajna f'Kapitlu 3, l-appostli ma kinux ħfief biex jikkultivaw l-umiltà. Diversi drabi huma argumentaw dwar min kien l-akbar fosthom. Ġesù kif irreaġixxa? Irrabja hu u wieġeb lura bl-herra jew bit-tgħajjir? Le, hu rraġuna magħhom bil-paċenzja kollha, saħansitra meta nqala' "argument sħun" dwar din il-kwistjoni fl-aħħar lejla li qatta' magħhom!—Luqa 22:24-30; Mattew 20:20-28; Marku 9:33-37.

5 Iktar tard f'dik l-aħħar lejla, meta Ġesù mar fil-ġnien tal-Ġetsemani mal-11-il appostlu leali, il-paċenzja tiegħu ġiet imġarrba għal darb'oħra. Billi ħalla tmienja mill-appostli warajh, Ġesù ħa lil Pietru, Ġakbu, u Ġwanni iktar 'il ġewwa fil-ġnien. "Ruħi mnikkta ferm, għall-mewt," qalilhom Ġesù. "Oqogħdu hawnhekk u ibqgħu għassa miegħi." Hu mar ftit 'il bogħod u beda jitlob bil-ħrara. Wara li dam jitlob ħin twil, hu mar lura ħdejn it-tliet appostli. X'sab? Fis-siegħa ta' l-akbar prova tiegħu, sab li kienu reqdin! Ċanfarhom hu talli ma baqgħux għassa? Le, bil-paċenzja hu inkuraġġiehom. Il-kliem ħanin tiegħu wera li kien qed jifhem it-tensjoni li kellhom u d-dgħjufijiet tagħhom.* Hu qal: "Naturalment,

* In-ngħas li kellhom l-appostli ma kienx ġej biss sempliċement minn għeja fiżika. L-istess rakkont f'Luqa 22:45 jgħid li Ġesù "sabhom jonogħsu minħabba n-niket."

4, 5. (a) Ġesù għala kellu bżonn il-paċenzja meta ttratta mad-dixxipli tiegħu? (b) Ġesù kif wieġeb meta tlieta mill-appostli tiegħu ma baqgħux għassa fil-ġnien tal-Ġetsemani?

l-ispirtu hu ħerqan imma l-laħam dgħajjef." Ġesù baqa' jkun paċenzjuż dik il-lejla, anki meta ġie u sabhom reqdin, mhux darba iżda darbtejn oħra!—Mattew 26:36-46.

6 Huwa inkuraġġanti li tara li Ġesù ma qatax qalbu mill-appostli tiegħu. Il-paċenzja tiegħu fl-aħħar tat il-frott, għaliex dawn l-irġiel leali tgħallmu l-importanza li jkunu umli u li jibqgħu għassa. (1 Pietru 3:8; 4:7) Kif nistgħu nimitaw lil Ġesù bil-mod kif nittrattaw m'oħrajn? L-anzjani b'mod speċjali għandhom bżonn ikunu paċenzjużi. Uħud ta' l-istess twemmin jistgħu javviċinaw lil xi anzjan bil-problemi tagħhom meta l-anzjan innifsu jkun għajjien mejjet jew aljenat bil-problemi tiegħu stess. Kultant, dawk li jkollhom bżonn l-għajnuna jistgħu jdumu biex jieħdu l-pariri. Minkejja dan, l-anzjani bil-paċenzja jgħallmu "bil-ħlewwa" u 'jittrattaw lill-merħla b'tenerezza.' (2 Timotju 2:24, 25; Atti 20:28, 29) Il-ġenituri wkoll jagħmlu tajjeb li jimitaw lil Ġesù billi juru l-paċenzja, għax kultant it-tfal jistgħu jdumu biex ibaxxu rashom għat-twiddib jew għall-korrezzjoni. L-imħabba u l-paċenzja se jgħinu lill-ġenituri ħalli ma jaqtgħux qalbhom fl-isforzi tagħhom biex iħarrġu lil uliedhom. Il-barkiet li jiġu minn paċenzja bħal din jistgħu jkunu tassew kbar.—Salm 127:3.

## Ħa Ħsieb il-Bżonnijiet Tagħhom

7 L-imħabba tintwera bl-għemejjel mhux egoistiċi. (1 Ġwanni 3:17, 18) Din "ma tfittixx l-interessi tagħha." (1 Korintin 13:5) L-imħabba qanqlet lil Ġesù biex jieħu ħsieb il-bżonnijiet fiżiċi u materjali tad-dixxipli tiegħu. Hu spiss kien jaġixxi għan-nom tagħhom saħansitra qabel ma kienu jitkellmu dwar il-bżonnijiet tagħhom. Meta ra li kienu

---

6. Kif nistgħu nimitaw lil Ġesù meta nittrattaw m'oħrajn?
7. Ġesù b'liema modi ħa ħsieb il-bżonnijiet fiżiċi u materjali tad-dixxipli tiegħu?

għajjenin, hu ssuġġerixxa li jakkumpanjawh 'waħedhom f'post imwarrab u jistrieħu ftit.' (Marku 6:31) Meta induna li kienu bil-ġuħ, ħa l-inizjattiva biex jitmagħhom—flimkien m'eluf t'oħrajn li kienu ġew biex jisimgħuh jgħallem.—Mattew 14:19, 20; 15:35-37.

8 Ġesù għaraf il-bżonnijiet spiritwali tad-dixxipli tiegħu u ssodisfahom. (Mattew 4:4; 5:3) Fit-tagħlim tiegħu, hu spiss kien jagħtihom attenzjoni speċjali. Il-Priedka ta' fuq il-Muntanja ngħatat b'mod speċjali għall-benefiċċju tad-dixxipli tiegħu. (Mattew 5:1, 2, 13-16) Meta kien jgħallem bit-tixbihat, "kien ikun waħdu mad-dixxipli tiegħu, [u] lil dawn kien jispjegalhom kollox." (Marku 4:34) Ġesù bassar li kien se jaħtar "ilsir leali u għaqli" biex ikun ċert li s-segwaċi Tiegħu jiġu mitmugħin tajjeb spiritwalment matul l-aħħar

8, 9. (a) X'jindika li Ġesù għaraf il-bżonnijiet spiritwali tad-dixxipli tiegħu u ssodisfahom? (b) Meta kien fuq iz-zokk tat-tortura, Ġesù kif wera tħassib profond għall-ġid t'ommu?

***Ġenituri li jimpurtahom juru paċenzja u jipprovdu għall-bżonnijiet ta' wliedhom***



jiem. Dan l-ilsir leali, magħmul minn grupp żgħir ta' ħut Ġesù li huma midlukin bl-ispirtu fuq l-art, ilu jipprovdi "ikel [spiritwali] fiż-żmien xieraq" mill-1919 E.K. 'l hawn.—Mattew 24:45.

[9] F'jum mewtu, Ġesù wera t-tħassib tiegħu għas-saħħa spiritwali ta' l-għeżież tiegħu b'mod kommoventi. Ġib ix-xena quddiem għajnejk. Ġesù kien fuq iz-zokk tat-tortura, ibati wġigħ agonizzanti. Sabiex jieħu n-nifs, milli jidher kellu jgħolli lilu nnifsu billi jimbotta 'l fuq b'saqajh. Bla dubju dan ikkaġuna wġigħ qawwi hekk kif il-piż ta' ġismu ċarrat il-ġrieħi fejn kellu l-imsiemer f'saqajh u dahru kollu miġruħ ħakkek maz-zokk tat-tortura. Id-diskors, li jinvolvi l-kontroll tan-nifs, żgur li kien diffiċli u ta' wġigħ. Iżda, eżatt qabel miet, Ġesù tkellem b'mod li wera l-imħabba kbira li kellu għal ommu, Marija. Meta ra lil Marija u lill-appostlu Ġwanni biswitu, Ġesù, b'leħen għoli biżżejjed biex dawk li kienu preżenti jisimgħu, qal lil ommu: "Mara, ara! Ibnek!" Imbagħad lil Ġwanni qallu: "Ara! Ommok!" (Ġwanni 19:26, 27) Ġesù kien jaf li l-appostlu leali ma kienx se jieħu ħsieb biss





il-bżonnijiet fiżiċi u materjali ta' Marija, iżda anki s-saħħa spiritwali tagħha.*

10 Ġenituri li jimpurtahom isibuha ta' benefiċċju li jirriflettu fuq l-eżempju ta' Ġesù. Missier li verament iħobb lillfamilja tiegħu jipprovdi għalihom materjalment. (1 Timotju 5:8) Kapijiet tal-familja li jkunu bilanċjati u li jafu jħobbu jagħmlu l-ħin biex kultant jistrieħu u jieħdu ftit rikreazzjoni. Iktar importanti minn hekk, il-ġenituri Kristjani jipprovdu għall-bżonnijiet spiritwali ta' wliedhom. Kif? Ġenituri bħal dawn jagħmlu arranġament għal studju tal-Bibbja tal-familja fuq bażi regulari, u jistinkaw biex jagħmlu dawn is-sessjonijiet ta' studju inkuraġġanti u pjaċevoli għal uliedhom. (Dewteronomju 6:6, 7) Il-ġenituri jgħallmu lil uliedhom bilkliem u bl-eżempju li l-ministeru huwa attività importanti u li l-preparazzjoni u l-attendenza għal-laqgħat Kristjani huma parti essenzjali mir-rutina spiritwali tagħhom.—Ebrej 10:24, 25.

## Lest li Jaħfer

11 Il-maħfra hija aspett wieħed ta' l-imħabba. (Kolossin 3:13, 14) L-imħabba "ma żżommx kont tal-ħsara," jgħid l-1 Korintin 13:5. Ġesù għallem lis-segwaċi tiegħu l-importanza tal-maħfra diversi drabi. Hu ħeġġiġhom biex ma jaħfrux lil oħrajn "Sa seba' darbiet, imma, Sa sebgħa u sebgħin darba"—jiġifieri, għadd ta' drabi bla limitu. (Mattew 18: 21, 22) Hu għallimhom li midneb għandu jingħata l-maħfra jekk juri ndiema meta jiġi mwiddeb. (Luqa 17:3, 4) Madankollu, Ġesù ma kienx bħall-Fariżej ipokriti, li kienu jgħallmu

* Milli jidher Marija kienet armla sa dak iż-żmien, u wliedha l-oħrajn probabbilment kienu għadhom ma sarux dixxipli ta' Ġesù. —Ġwanni 7:5.

10. Il-ġenituri kif jistgħu jimitaw lil Ġesù hekk kif jieħdu ħsieb il-bżonnijiet ta' wliedhom?

11. Ġesù x'għallimhom lis-segwaċi tiegħu dwar il-maħfra?

bil-kliem biss; hu għallem ukoll bl-eżempju. (Mattew 23:2-4) Ejja naraw kif Ġesù wera li kien lest li jaħfer anki meta ħabib fdat iddiżappuntah.

12 Ġesù kellu relazzjoni mill-qrib ma' l-appostlu Pietru, raġel qalbu tajba li kultant kien jaġixxi mingħajr ma jaħseb. Ġesù għaraf il-kwalitajiet tajbin ta' Pietru u tah privileġġi speċjali. Pietru, flimkien ma' Ġakbu u Ġwanni, xehed personalment għal ċerti mirakli li l-bqija tat-12 ma rawx. (Mattew 17:1, 2; Luqa 8:49-55) Bħalma rajna iktar kmieni, Pietru kien wieħed mill-appostli li akkumpanjaw lil Ġesù iktar 'il ġewwa fil-ġnien tal-Ġetsemani fil-lejl ta' l-arrest Tiegħu. Madankollu, fl-istess lejl li Ġesù ġie tradut u arrestat, Pietru u l-appostli l-oħrajn abbandunaw lil Ġesù u ħarbu. Iktar tard, Pietru ta prova li kien kuraġġuż biżżejjed biex jibqa' barra waqt li Ġesù kien għaddej ġuri illegalment. Xorta waħda, Pietru mbagħad beda jibża' u għamel żball serju—tliet darbiet gideb u qal li lanqas biss kien jaf lil Ġesù! (Mattew 26:69-75) Ġesù kif irreaġixxa? Int kif kont tirreaġixxi kieku ħabib mill-qrib jiddiżappuntak b'dan il-mod?

13 Ġesù kien lest li jaħfer lil Pietru. Hu kien jaf li Pietru kien mifni bit-toqol tad-dnub tiegħu. Fil-fatt, l-appostlu midneb "infaqa' jibki." (Marku 14:72) Fil-jum ta' l-irxoxt Tiegħu, Ġesù deher lil Pietru, x'aktarx biex ifarraġ u jiżgura lill-appostlu. (Luqa 24:34; 1 Korintin 15:5) Inqas minn xahrejn wara, Ġesù onora lil Pietru billi ħallieh jieħu t-tmexxija f'li jagħti xiehda lill-folol f'Ġerusalemm dakinhar ta' Pentekoste. (Atti 2:14-40) Ejja niftakru wkoll li Ġesù ma żammx f'qalbu kontra l-appostli bħala grupp talli abbandunawh. Għall-kuntrarju, wara l-irxoxt tiegħu, hu xorta sejħilhom "ħuti." (Mattew 28:10) M'huwiex ċar li Ġesù għamel iktar milli sempliċement ippriedka dwar il-maħfra?

---

12, 13. (a) Pietru b'liema mod iddiżappunta lil Ġesù fil-lejl ta' l-arrest Tiegħu? (b) L-azzjonijiet ta' Ġesù wara l-irxoxt tiegħu kif għamluha ċara li hu għamel iktar milli sempliċement ippriedka dwar il-maħfra?

[14] Bħala dixxipli ta' Kristu, aħna għandna bżonn nitgħallmu naħfru lil oħrajn. Għala? Kuntrarju għal Ġesù, aħna bnedmin imperfetti—bħalma huma imperfetti dawk li għandhom mnejn jidinbu kontrina. Minn żmien għal żmien, ilkoll nitfixklu fi kliemna u f'għemilna. (Rumani 3:23; Ġakbu 3:2) Meta naħfru lil oħrajn billi nuru ħniena fejn nistgħu, aħna nkunu qed nagħmluha possibbli li Alla jaħfer id-dnubiet tagħna stess. (Marku 11:25) Mela, kif nistgħu nuru li aħna lesti li naħfru lil dawk li għandhom mnejn jidinbu kontrina? F'ħafna każi, l-imħabba tgħinna biex iddnubiet u n-nuqqasijiet żgħar t'oħrajn inħalluhom jgħaddu. (1 Pietru 4:8) Meta dawk li jonqsuna jkunu nedmin sinċerament, bħalma kien Pietru, ċertament li rridu nimitaw lil Ġesù fil-mod li kien lest li jaħfer. Minflok ma nżommu f'qalbna, b'għaqal aħna nagħżlu li nagħlqu għajnejna għall-offiżi. (Efesin 4:32) Billi nagħmlu hekk, inkunu qed nikkontribwixxu għall-paċi fil-kongregazzjoni kif ukoll għall-paċi f'moħħna u f'qalbna stess.—1 Pietru 3:11.

## Wera l-Fiduċja Tiegħu

[15] L-imħabba u l-fiduċja jmorru id f'id. L-imħabba "kollox temmen."* (1 Korintin 13:7) Imqanqal mill-imħabba, Ġesù wera li kien lest li jafda fid-dixxipli tiegħu minkejja l-imperfezzjonijiet tagħhom. Hu kellu fiduċja fihom u kien jemmen li fil-fond ta' qalbhom tassew kienu jħobbuh lil Ġeħova u riedu jagħmlu r-rieda Tiegħu. Anki meta żbaljaw, Ġesù ma ddubitax il-motivi tagħhom. Per eżempju, meta l-appostli

---

* M'għandniex xi ngħidu, dan ma jfissirx li l-imħabba tibla' kollox jew li min iħobb joqgħod għal kollox. Minflok, ifisser li l-imħabba ma tikkritikax bla bżonn jew tissuspetta f'kollox. L-imħabba m'hijiex ħafifa biex tiġġudika l-motivi t'oħrajn jew tasal għal konklużjonijiet ħżiena dwarhom.

---

14. Għala għandna bżonn nitgħallmu naħfru lil oħrajn, u kif nistgħu nuru li aħna lesti li naħfru?
15. Ġesù għala kien jafda fid-dixxipli tiegħu minkejja n-nuqqasijiet li kellhom?

Ġakbu u Ġwanni milli jidher qabbdu lil ommhom titlob biex huma jkunu maġenb Ġesù fis-Saltna tiegħu, Ġesù ma ddubitax il-lealtà tagħhom jew neħħiehom minn appostli. —Mattew 20:20-28.

16 Billi wera l-fiduċja tiegħu, Ġesù ddelega diversi responsabbiltajiet lid-dixxipli tiegħu. Fiż-żewġ okkażjonijiet meta b'mod mirakoluż hu kattar l-ikel u tema' lill-folol, hu ddelega lid-dixxipli tiegħu r-responsabbiltà li jqassmu l-ikel. (Mattew 14:19; 15:36) Bi tħejjija għall-Qbiż finali tiegħu, hu inkariga lil Pietru u lil Ġwanni biex imorru Ġerusalemm u jlestu l-affarijiet. Huma ħadu ħsieb li jkollhom il-ħaruf, l-inbid, il-ħobż bla ħmira, il-ħxejjex morri, u affarijiet oħrajn meħtiġin. Dan ma kienx xi inkarigu li jnaqqas id-dinjità, għax il-Liġi Mosajka kienet titlob li ċ-ċelebrazzjoni tal-Qbiż issir b'mod xieraq, u Ġesù kellu jgħix fi qbil ma' din il-Liġi. Barra minn hekk, iktar tard dik il-lejla, Ġesù uża l-inbid u l-ħobż bla ħmira bħala simboli importanti meta stabbilixxa t-Tifkira tal-mewt tiegħu.—Mattew 26:17-19; Luqa 22:8, 13.

17 Ġesù ra li huwa xieraq li jafda responsabbiltajiet saħansitra akbar f'idejn id-dixxipli tiegħu. Kif rajna iktar kmieni, hu ddelega lil grupp żgħir mis-segwaċi midlukin tiegħu fuq l-art ir-responsabbiltà importanti li jqassmu l-ikel spiritwali. (Luqa 12:42-44) Ftakar ukoll li hu ħalla f'idejn id-dixxipli tiegħu l-inkarigu importanti ta' l-ippridkar u ta' li jagħmlu dixxipli. (Mattew 28:18-20) Anki issa, għalkemm inviżibbli u qed jaħkem mis-sema, Ġesù jafda l-kongregazzjoni tiegħu fuq l-art f'idejn "irġiel [kwalifikati spiritwalment] bħala għotjiet." —Efesin 4:8, 11, 12.

18 Kif nistgħu nsegwu l-eżempju ta' Ġesù bil-mod kif nittrattaw m'oħrajn? Il-fiduċja u l-fidi tagħna fi sħabna fit-twemmin huma espressjoni ta' mħabbitna lejhom. Ejja niftakru li l-imħabba ma tfittixx il-ħażin f'oħrajn, iżda t-tajjeb.

---

16, 17. Liema responsabbiltajiet iddelega Ġesù lid-dixxipli tiegħu?
18-20. (a) Kif nistgħu nuru li nafdaw fi sħabna fit-twemmin u nuru fiduċja fihom? (b) Kif nistgħu nimitaw il-fatt li Ġesù kien lest li jiddelega? (ċ) X'se jiġi diskuss fil-kapitlu li jmiss?

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- Għala huwa importanti li nobdu l-parir ta' Ġesù dwar il-maħfra?—Mattew 6:14, 15.
- Kif nistgħu napplikaw il-punt fit-tixbiha ta' Ġesù dwar il-bżonn li naħfru?—Mattew 18:23-35.
- Ġesù kif wera konsiderazzjoni għad-dixxipli tiegħu, u kif nistgħu nimitawh?—Mattew 20:17-19; Ġwanni 16:12.
- Ġesù kif ħalla lil Pietru jkun jaf li Hu kellu fiduċja fih, u aħna kif nistgħu nesprimu fiduċja f'oħrajn?—Luqa 22:31, 32.

Meta ħaddieħor jiddiżappuntana, u fil-fatt hekk jiġri minn żmien għal żmien, l-imħabba se żżommna lura milli nkunu ħfief biex nassumu li l-motivi tagħhom huma ħżiena. (Mattew 7:1, 2) Jekk inżommu ħarsa pożittiva lejn sħabna fit-twemmin, se nittrattawhom b'modi li se jibnu minflok ikissru.—1 Tessalonikin 5:11.

19 Nistgħu nimitaw lil Ġesù fil-mod kif kien lest li jiddelega? Għal dawk li għandhom pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fil-kongregazzjoni huwa ta' benefiċċju għalihom li jiddelegaw l-inkarigi adattati u sinifikanti lil oħrajn, u jafdawhom li se jagħmlu l-almu tagħhom. Anzjani ta' l-esperjenza jistgħu għalhekk jipprovdu taħriġ neċessarju u ta' valur għal irġiel iżgħar kwalifikati li qegħdin 'jirsistu' biex jgħinu fil-kongregazzjoni. (1 Timotju 3:1; 2 Timotju 2:2) Dan it-taħriġ huwa vitali. Hekk kif Ġeħova jkompli jkabbar l-għadd ta' proklamaturi tas-Saltna, irġiel kwalifikati se jkollhom bżonn jiġu mħarrġin biex jieħdu ħsieb iż-żjieda.—Isaija 60:22.

20 Ġesù pprovdielna eżempju meraviljuż biex nuru mħabba lejn oħrajn. Mill-modi kollha li bihom nistgħu nsegwuh, l-iktar wieħed importanti hu li nimitaw l-imħabba tiegħu. Fil-kapitlu li jmiss, se niddiskutu l-akbar espressjoni ta' mħabbtu għalina—il-fatt li kien lest li jagħti ħajtu.

# "Ħadd M'Għandu Mħabba Akbar minn Din"

"ARA! Ir-raġel!" B'dan il-kliem, il-Gvernatur Ruman Ponzju Pilatu jippreżenta lil Ġesù Kristu lill-marmalja rrabjata li nġabret barra l-palazz tal-gvernatur ma' sbieħ il-jum fil-Qbiż tas-sena 33 E.K. (Ġwanni 19:5) Proprju ftit ġranet qabel, Ġesù kien milqugħ mill-folol meta għamel daħla trijonfali f'Ġerusalemm bħala s-Sultan maħtur minn Alla. Madankollu, f'dan il-lejl il-folla ostili mhix qed tqis iktar lil Ġesù bħala Sultan.

2 Ġesù liebes libsa vjola bħal dik li tintlibes min-nies irjali, u għandu kuruna fuq rasu. Iżda l-libsa, mixħuta fuq il-laħam imfellel bid-demm ħiereġ mid-dahar miġruħ tiegħu, u l-kuruna, immaljata bix-xewk u ppressata fil-qorriegħa li issa hi kollha demm, qegħdin iwaqqgħu għaċ-ċajt l-istat irjali tiegħu. In-nies, imxewxin mill-qassisin ewlenin, jiċħdu lir-raġel imsawwat li qiegħed bil-wieqfa quddiemhom. Il-qassisin jgħajtu: "Sammru ma' zokk! Sammru ma' zokk!" B'xewqa ta' qtil f'qalbhom, in-nies jgħajtu: "Għandu jmut." —Ġwanni 19:1-7.

3 Bid-dinjità u l-kuraġġ, Ġesù jissaporti l-umiljazzjoni u t-tbatija bla tgergir.* Hu mħejji bis-sħiħ biex imut. Iktar

* Dakinhar darbtejn beżqulu lil Ġesù, l-ewwel il-mexxejja reliġjużi u mbagħad is-suldati Rumani. (Mattew 26:59-68; 27:27-30) Dan it-trattament ta' disprezz ukoll issaportieh mingħajr tgergir, u b'hekk wettaq il-kliem profetiku: "Wiċċi ma ħbejtux minn affarijiet umiljanti u mill-bżieq."—Isaija 50:6.

1-4. (a) X'jiġri meta Pilatu jippreżenta lil Ġesù lill-marmalja rrabjata li nġabret barra l-palazz tal-gvernatur? (b) Ġesù kif iwieġeb għall-umiljazzjoni u t-tbatija, u liema mistoqsijiet importanti jqumu?



tard f'dak il-Jum tal-Qbiż, hu jissottometti ruħu minn jeddu għal mewta ta' wġigħ fuq zokk tat-tortura.—Ġwanni 19:17, 18, 30.

4 Billi ċeda ħajtu, Ġesù ta prova li hu ħabib veru għas-segwaċi tiegħu. "Ħadd m'għandu mħabba akbar minn din," qal hu, "li xi ħadd jagħti ruħu għal ħbiebu." (Ġwanni 15:13) Dan iqajjem xi mistoqsijiet importanti. Kien verament neċessarju li Ġesù jgħaddi minn din it-tbatija kollha u mbagħad imut? Għala kien lest li jagħmel dan? Bħala "ħbiebu" u s-segwaċi tiegħu, aħna kif nistgħu nimitaw l-eżempju tiegħu?

## Għala Kien Hemm Bżonn li Ġesù Jbati u Jmut?

5 Bħala l-Messija mwiegħed, Ġesù kien jaf x'għandu jistenna. Hu kien konxju tal-ħafna profeziji fl-Iskrittura Ebrajka li bassru fid-dettall it-tbatija u l-mewt tal-Messija. (Isaija 53:3-7, 12; Danjel 9:26) Iktar minn darba, hu ħejja lid-dixxipli tiegħu għall-provi li kienu qed jistennewh. (Marku 8:31; 9:31) Fi triqtu lejn Ġerusalemm għall-Qbiż finali tiegħu, hu speċifikament qal lill-appostli tiegħu: "Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin ewlenin u l-iskribi, u dawn jikkundannawh għall-mewt u jagħtuh f'idejn in-nies tal-ġnus, u jiżżuffjettaw bih u jobżqulu u jsawtuh u joqtluh." (Marku 10:33, 34) Dan ma kienx kliem bla sinifikat. Bħalma rajna, tabilħaqq Ġesù żżuffjettaw bih, beżqulu, sawtuh, u qatluh.

6 Iżda, għala kien hemm bżonn li Ġesù jbati u jmut? Għal diversi raġunijiet sinifikanti. L-ewwel, billi żamm leali, Ġesù ta prova ta' l-integrità tiegħu u appoġġa s-sovranità ta' Ġeħova. Ftakar li Satana stqarr b'mod falz li l-bnedmin jaqdu lil Alla minħabba interessi egoistiċi biss. (Ġob 2:1-5) Billi baqa' leali "sal-mewt . . . fuq zokk tat-tortura," Ġesù ta l-iktar twe-

5. Ġesù kif kien jaf dwar il-provi speċifiċi li kienu qed jistennewh?
6. Għala kien hemm bżonn li Ġesù jbati u jmut?

ġiba aħħarija li seta' jagħti għall-akkuża bla bażi ta' Satana. (Filippin 2:8; Proverbji 27:11) It-tieni, it-tbatija u l-mewt tal-Messija kellhom ipattu għad-dnubiet t'oħrajn. (Isaija 53: 5, 10; Danjel 9:24) Ġesù ta "ruħu b'fidwa għal ħafna," u b'hekk fetħilna t-triq biex ikollna relazzjoni approvata m'Alla. (Mattew 20:28) It-tielet, billi ssaporta kull xorta ta' ħruxija u tbatija, Ġesù kien "provat fl-aspetti kollha bħalna." Għalhekk, hu Qassis il-Kbir li hu ħanin, wieħed li jista' "jagħder id-dgħjufijiet tagħna."—Ebrej 2:17, 18; 4:15.

## Ġesù Għala Kien Lest li Jagħti Ħajtu?

7 Sabiex nifhmu sew dak kollu li Ġesù kien lest li jagħmel, aħseb dwar dan: Liema raġel kien se jħalli lil familtu u lil daru biex imur jgħix f'pajjiż barrani jekk ikun jaf li ħafna mill-abitanti ta' dan il-pajjiż kienu se jirrifjutawh, li kien se jiġi umiljat u jbati, u li fl-aħħar kien se jiġi maqtul? Issa kkunsidra x'għamel Ġesù. Qabel ġie fuq l-art, hu kellu pożizzjoni unika fis-sema maġenb Missieru. Madankollu, Ġesù kien lest li jħalli postu fis-sema u jiġi fuq l-art bħala bniedem. Hu ħa din l-azzjoni avolja kien jaf li kien se jiġi miċħud mill-maġġuranza tan-nies u li kien se jiġi umiljat b'mod krudil, ibati tbatija kbira, u jmut mewta ta' wġigħ. (Filippin 2:5-7) X'qanqal lil Ġesù jagħmel sagrifiċċju bħal dan?

8 Fuq kollox, Ġesù ġie mqanqal mill-imħabba profonda li għandu għal Missieru. Ġesù ssaporta għax ħabb lil Ġeħova. Din l-imħabba ġiegħlet lil Ġesù jkun konċernat dwar l-isem u r-reputazzjoni ta' Missieru. (Mattew 6:9; Ġwanni 17:1-6, 26) Iktar minn kwalunkwe ħaġa oħra, Ġesù ried jara isem Missieru mnaddaf mit-tmaqdir li kien inġieb fuqu. Għalhekk, Ġesù qiesu bħala l-akbar unur u privileġġ li jbati f'ġieħ il-ġustizzja, għax hu kien jaf li l-integrità tiegħu kellha

---

7. Ġesù x'ċeda meta ġie fuq l-art?

8, 9. X'qanqal lil Ġesù biex jagħti ħajtu?

rwol fit-taqdis ta' l-isem onorabbli ta' Missieru.—1 Kronaki 29:13.

9 Ġesù kellu motiv ieħor biex jagħti ħajtu—l-imħabba għall-umanità. Din hija mħabba li toriġina mill-bidunett ta' l-istorja umana. Ħafna żmien qabel Ġesù ġie fuq l-art, il-Bibbja tgħid li hu ħassu b'dan il-mod: "L-affarijiet li kont ngħożż kienu marbutin ma' wlied il-bnedmin." (Proverbji 8:30, 31) Imħabbtu kienet evidenti b'mod ċar meta kien fuq l-art. Bħalma rajna fl-aħħar tliet kapitli ta' dan il-ktieb, Ġesù wera mħabbtu b'ħafna modi lejn il-bnedmin in ġenerali, b'mod partikulari lejn is-segwaċi tiegħu. Iżda fl-14 ta' Nisan tas-sena 33 E.K., hu minn jeddu ta ħajtu għan-nom tagħna. (Ġwanni 10:11) Tassew, ma kienx hemm mod akbar għalih biex juri mħabbtu għalina. Għandna nimitawh f'dan ir-rigward? Iva. Fil-fatt, aħna kmandati nagħmlu dan.

## 'Ħobbu lil Xulxin Bħalma Ħabbejtkom Jien'

10 Fil-lejl ta' qabel mewtu, Ġesù qal lill-eqreb dixxipli tiegħu: "Qed nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin; bħalma ħabbejtkom jien, ħobbu intom ukoll lil xulxin. B'dan ikun jaf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom." (Ġwanni 13:34, 35) 'Ħobbu lil xulxin'—dan għala huwa "kmandament ġdid"? Il-Liġi Mosajka kienet diġà tat il-kmand: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek." (Levitiku 19:18) Iżda l-kmandament il-ġdid jitlob imħabba akbar, imħabba li kellha tqanqalna biex nagħtu ħajjitna stess għan-nom t'oħrajn. Ġesù nnifsu għamel dan ċar meta qal: "Dan hu l-kmandament tiegħi, li tħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien. Ħadd m'għandu mħabba akbar minn din, li xi ħadd jagħti ruħu għal ħbiebu." (Ġwanni 15:12, 13) Il-kmandament il-ġdid, fil-fatt, jgħid: "Ħobb lil oħrajn, mhux *bħalek* innifsek, iżda *iktar* minnek innifsek." Bil-mod kif

---

10, 11. X'inhu l-kmandament il-ġdid li Ġesù ta lis-segwaċi tiegħu, x'jinvolvi, u għala hu importanti li nobduh?

għex u miet, Ġesù ċertament ta eżempju ta' mħabba bħal din.

11 Għala hu importanti li nobdu l-kmandament il-ġdid? Ftakar li Ġesù qal: "B'dan [l-imħabba li tqanqalna nagħmlu sagrifiċċji persunali] ikun jaf kulħadd li intom dixxipli tiegħi." Iva, l-imħabba li tqanqalna nagħmlu sagrifiċċji persunali tidentifikana bħala Kristjani veri. Għandna mnejn inqabblu din l-imħabba ma' *badge* ta' identifikazzjoni. Dawk li jattendu l-konvenzjonijiet annwali tax-Xhieda ta' Ġeħova jilbsu l-*badges.* Il-*badge* tidentifika lil dak li jkun qed jilbisha, billi turi ismu u isem il-kongregazzjoni. L-imħabba li tqanqalna nagħmlu sagrifiċċji persunali għal xulxin hija l-*"badge"* li tidentifika lill-Kristjani veri. Fi kliem ieħor, l-imħabba li nuru għal xulxin għandha tkun tant ċara li sservi ta' sinjal, jew *badge,* li tgħid lil dawk li jkunu qed josservawna li aħna tabilħaqq is-segwaċi veri ta' Kristu. Kull wieħed minna jagħmel tajjeb li jistaqsi lilu nnifsu, 'Hija l-*"badge,"* jiġifieri, l-imħabba li tqanqalni nagħmel sagrifiċċji persunali evidenti f'ħajti?'

## Imħabba li Tqanqalna Nagħmlu Sagrifiċċji Persunali—X'Tinvolvi?

12 Bħala segwaċi ta' Ġesù, jeħtieġ li nħobbu lil xulxin bħalma ħabbna hu. Dan ifisser li nkunu lesti li nagħmlu sagrifiċċji għal sħabna fit-twemmin. Sa liema punt għandna nkunu lesti li nagħmlu dan? Il-Bibbja tgħidilna: "B'dan sirna nafuha l-imħabba, għax hu ta ruħu għalina; u aħna għandna l-obbligu li nagħtu ruħna għal ħutna." (1 Ġwanni 3:16) Bħal Ġesù, aħna għandna nkunu lesti li mmutu għal xulxin jekk hemm bżonn. Fi żminijiet ta' persekuzzjoni, aħna nippreferu nissagrifikaw ħajjitna stess milli nittradixxu lil ħutna spiritwali, u b'hekk inpoġġu ħajjithom fil-periklu. F'pajjiżi

---

12, 13. (a) Sa liema punt għandna nkunu lesti li nuru mħabbitna għal xulxin? (b) Xi jfisser li jkollna mħabba li tqanqalna nagħmlu sagrifiċċji persunali?

fejn hemm frid minħabba l-ġlied razzjali jew etniku, aħna nissograw ħajjitna stess biex nipproteġu lil ħutna, minkejja l-isfond razzjali jew etniku tagħhom. Meta l-ġnus jiggwerraw bejniethom, aħna nkunu lesti li niffaċċjaw il-ħabs jew saħansitra l-mewt sabiex ma nużawx armi kontra sħabna fit-twemmin—jew kontra xi ħadd ieħor, jekk niġu f'dan. —Ġwanni 17:14, 16; 1 Ġwanni 3:10-12.

13 Il-fatt li nkunu lesti li mmutu għal ħutna m'huwiex l-uniku mod kif nuru mħabba li tqanqalna nagħmlu sagrifiċċji persunali. Fir-realtà, ftit minna jintalbu jagħmlu sagrifiċċju kbir bħal dan. Madankollu, jekk inħobbu lil ħutna sal-punt li mmutu għalihom, m'għandniex inkunu lesti li nagħmlu sagrifiċċji iżgħar, billi noħorġu barra minn triqitna biex ngħinuhom issa? Li nkunu wħud li nagħmlu s-sagrifiċċji persunali jfisser li nićħdu l-interessi jew il-kumditajiet tagħna stess għall-benefiċċju t'oħrajn. Aħna npoġġu l-bżonnijiet u l-benesseri tagħhom qabel tagħna stess anki jekk ma jkunx konvenjenti għalina. (1 Korintin 10:24) B'liema modi prattiċi nistgħu nuru mħabba li tqanqalna nagħmlu sagrifiċċji persunali?

## Fil-Kongregazzjoni u fil-Familja

14 L-anzjani tal-kongregazzjoni jagħmlu ħafna sagrifiċċji biex 'jirgħu l-merħla.' (1 Pietru 5:2, 3) Minbarra li jieħdu ħsieb il-familji tagħhom stess, huma għandhom mnejn ikollhom jużaw il-ħin fil-għaxijiet jew fi tmiem il-ġimgħa biex jieħdu ħsieb kwistjonijiet tal-kongregazzjoni, inkluż it-tħejjija ta' taħditiet fil-laqgħat, jagħmlu żjajjar pastorali, u jieħdu ħsieb każijiet ġudizzjarji. Ħafna anzjani jagħmlu iżjed sagrifiċċji, bħal li jaħdmu iebes fl-assembleat u fil-konvenzjonijiet u jaqdu bħala membri tal-Kumitati ta' Koordinazzjoni ma' l-Isptarijiet, il-Gruppi li Jżuru lill-Pazjenti, u l-Kumitati Reġjonali tal-Bini. Anzjani, qatt tinsew li meta taq-

14. (a) L-anzjani liema sagrifiċċji huma mitlubin jagħmlu? (b) Kif tħossok dwar l-anzjani li jaħdmu iebes fil-kongregazzjoni tiegħek?

du minn jeddkom—billi tqattgħu l-ħin, l-enerġija, u r-riżorsi tagħkom f'li tirgħu l-merħla—tkunu qed turu mħabba li tqanqalkom tagħmlu sagrifiċċji persunali. (2 Korintin 12:15) L-isforzi tagħkom bla egoiżmu huma apprezzati mhux biss minn Ġeħova iżda wkoll mill-kongregazzjoni li tirgħu.—Filippin 2:29; Ebrej 6:10.

15 Iżda xi ngħidu għan-nisa ta' l-anzjani—dawn in-nisa li jappoġġaw lil żwieġhom ma jagħmlux ukoll sagrifiċċji sabiex żwieġhom ikunu jistgħu jieħdu ħsieb il-merħla? Żgur li huwa sagrifiċċju għal mara miżżewġa meta r-raġel tagħha jkollu bżonn jiddedika l-ħin li jista' forsi jqatta' mal-familja tiegħu għal kwistjonijiet tal-kongregazzjoni. Aħseb ukoll dwar in-nisa ta' l-indokraturi li jivvjaġġaw u s-sagrifiċċji li jagħmlu biex jakkumpanjaw lil żwieġhom minn kongregazzjoni għal oħra u minn *circuit* għal ieħor. Huma jiċċaħħdu milli jkollhom dar tagħhom stess u forsi jkollhom jorqdu f'sodda differenti kull ġimgħa. In-nisa li jkunu lesti li jpoġġu l-interessi tal-kongregazzjoni qabel tagħhom stess huma ta' min ifaħħarhom għall-espressjonijiet ġenerużi ta' mħabba li tqanqalhom jagħmlu sagrifiċċji persunali.—Filippin 2:3, 4.

16 Kif nistgħu nuru mħabba li tqanqalna nagħmlu sagrifiċċji persunali fil-familja? Ġenituri, intom tagħmlu ħafna sagrifiċċji biex tipprovdu għal uliedkom u trabbuhom "fid-dixxiplina u l-gwida mentali ta' Ġeħova." (Efesin 6:4) Għandkom mnejn ikollkom taħdmu sigħat twal f'xogħlijiet li jgħejjukom sempliċement biex tpoġġu l-ikel fuq il-mejda u tkunu ċerti li wliedkom ikollhom ilbies u kenn adattat. Tippreferu tgħaddu b'inqas intom stess milli taraw lil uliedkom neqsin mill-bżonnijiet tal-ħajja. Intom tagħmlu wkoll ħafna sforzi biex tistudjaw ma' wliedkom, tiħduhom il-laqgħat Kristjani, u taħdmu magħhom fil-ministeru ta'

---

15. (a) X'inhuma xi ftit mis-sagrifiċċji li jagħmlu n-nisa ta' l-anzjani? (b) Kif tħossok dwar in-nisa li jappoġġaw lil żwieġhom u li jċedu ħinhom ma' l-irġiel tagħhom għall-kongregazzjoni?
16. Il-ġenituri Kristjani liema sagrifiċċji jagħmlu għal uliedhom?

l-għalqa. (Dewteronomju 6:6, 7) L-imħabba li tqanqalkom tagħmlu sagrifiċċji persunali togħġob lill-Oriġinatur tal-ħajja tal-familja u tista' tfisser ħajja ta' dejjem għal uliedkom. —Proverbji 22:6; Efesin 3:14, 15.

17 Irġiel miżżewġin, kif tistgħu timitaw lil Ġesù billi tagħmlu sagrifiċċji persunali bi mħabba? Il-Bibbja twieġeb hekk: "Irġiel, komplu ħobbu lin-nisa tagħkom, bħalma l-Kristu wkoll ħabb lill-kongregazzjoni u ta lilu nnifsu għaliha." (Efesin 5:25) Bħalma rajna, Ġesù tant ħabbhom lis-segwaċi tiegħu li miet għalihom. Raġel Kristjan jimita l-attitudni mhix egoistika ta' Ġesù, li 'ma fittixx li jogħġob lilu nnifsu.' (Rumani 15:3) Raġel miżżewweġ bħal dan ipoġġi l-bżonnijiet u l-interessi ta' martu qabel tiegħu stess. Hu ma jinsistix b'mod riġidu li tgħaddi tiegħu, iżda juri li lest li jċedi meta m'hemm ebda kwistjoni Skritturali involuta. Ir-raġel miżżewweġ li jagħmel sagrifiċċji persunali bi mħabba jikseb l-approvazzjoni ta' Ġeħova u jirbaħ l-imħabba u r-rispett ta' martu u ta' wliedu.

## Int X'Se Tagħmel?

18 L-ubbidjenza għall-kmandament il-ġdid biex inħobbu lil xulxin m'hijiex faċli, iżda għandna motivazzjoni qawwija biex nagħmlu dan. Pawlu kiteb: "L-imħabba li għandu l-Kristu ġġegħelna, peress li dan iġġudikajna, li bniedem wieħed miet għal kulħadd . . . , u miet għal kulħadd biex dawk li jgħixu ma jgħixux iktar għalihom infushom, imma għal dak li miet għalihom u ġie mqajjem." (2 Korintin 5:14, 15) Ladarba Ġesù miet għalina, m'għandniex inħossuna mqanqlin biex ngħixu għalih? Aħna nistgħu nagħmlu dan billi nsegwu l-eżempju tiegħu ta' mħabba li tqanqalna nagħmlu sagrifiċċji persunali.

---

17. L-irġiel Kristjani miżżewġin kif jistgħu jimitaw l-attitudni mhix egoistika ta' Ġesù?

18. Xi jqanqalna biex insegwu l-kmandament il-ġdid biex inħobbu lil xulxin?

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- Ġesù liema triq mhix egoistika qal lis-segwaċi tiegħu biex jieħdu?—Mattew 16:24-26.
- Għala huwa għaqli li ngħixu ħajja ta' sagrifiċċji persunali?—Marku 10:23-30.
- Ġesù kif ta prova li hu r-Ragħaj mill-Aħjar, u l-anzjani Kristjani x'jistgħu jitgħallmu mill-eżempju tiegħu?—Ġwanni 10:11-15.
- B'liema modi prattiċi nistgħu nimitaw lil Ġesù billi nagħmlu sagrifiċċji persunali bi mħabba?—1 Ġwanni 3:17, 18.

19 Ġesù ma kienx qed jesaġera meta qal: "Ħadd m'għandu mħabba akbar minn din, li xi ħadd jagħti ruħu għal ħbiebu." (Ġwanni 15:13) Il-fatt li kien lest li jagħti ħajtu għannom tagħna kien l-akbar espressjoni ta' l-imħabba *tiegħu* għalina. Madankollu, xi ħadd ieħor uriena saħansitra mħabba akbar. Ġesù spjega: "Alla tant ħabb lid-dinja li ta l-Iben uniġenitu tiegħu, biex kulmin jeżerċita l-fidi fih ma jinqeridx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem." (Ġwanni 3:16) Alla tant iħobbna li ta lil Ibnu bħala fidwa, u b'hekk għamilha possibbli għalina li ninħelsu mid-dnub u mill-mewt. (Efesin 1:7) Il-fidwa hija għotja prezzjuża mingħand Ġeħova, iżda ma jisforzaniex biex naċċettawha.

20 Jiddependi minna jekk naċċettawx l-għotja ta' Ġeħova. Kif? Billi 'neżerċitaw il-fidi' f'Ibnu. Madankollu, m'huwiex biżżejjed li ngħidu li għandna l-fidi. Din tiġi provata bl-azzjonijiet, bil-mod kif ngħixu. (Ġakbu 2:26) Aħna nagħtu prova tal-fidi tagħna f'Ġesù Kristu billi nsegwuh jum wara jum. Meta nagħmlu hekk ikollna ħafna barkiet għonja issa u fil-futur, bħalma se jispjega l-aħħar kapitlu ta' dan il-ktieb.

19, 20. Liema għotja prezzjuża tana Ġeħova, u kif nistgħu nuru li naċċettawha?

# "Ibqa' Miexi Warajja"

ĦDAX-IL raġel jinsabu weqfin flimkien fuq muntanja. Bi mħabba kbira u b'ammirazzjoni, huma qed iħarsu lejn persuna oħra. Surtu hija waħda ta' bniedem, iżda fil-fatt dan hu Ġesù rxoxtat, li għal darb'oħra huwa l-iktar setgħan fost l-ulied spirti ta' Ġeħova. Ġesù ġabar lill-appostli tiegħu biex jiltaqgħu miegħu hawn fuq il-Muntanja taż-Żebbuġ għall-aħħar darba.

2 Din l-għolja, parti minn sensiela t'għoljiet tal-ġebel tal-ġir fuq in-naħa tal-lvant ta' Ġerusalemm u separata mill-belt permezz tal-Wied ta' Kidron, żgur li ġġib bosta memorji f'moħħ Ġesù. Fuq dawn l-għoljiet insibu l-belt ta' Betanja, fejn Ġesù rxoxta lil Lazzru. Proprju ftit ġimgħat ilu, Ġesù rħielha lejn Ġerusalemm, riekeb b'mod trijonfali minn Betfaġe li kienet tinsab fil-qrib. Il-Muntanja taż-Żebbuġ x'aktarx ukoll hi l-post fejn kien hemm il-ġnien tal-Ġetsemani, fejn Ġesù qatta' s-sigħat agonizzanti qabel l-arrest tiegħu. Issa proprju fuq din l-għolja, Ġesù jħejji ruħu biex iħalli warajh lill-iktar ħbieb intimi u lis-segwaċi tiegħu. Hu jlissen kliem sabiħ qabel jitlaq. Imbagħad hu jibda jinqata' mill-art! L-appostli jibqgħu msammrin fil-post, iċċassati lejn Sidhom l-għażiż hu u tiela' s-sema. Fl-aħħar tgħattih sħaba, u b'hekk ma jarawhx iktar.—Atti 1:6-12.

3 Tqisha int din ix-xena bħala li għandha tmiem ħelu imma kemxejn ta' niket, tislima ta' swied il-qalb? Le, m'hijiex. Fil-fatt, bħalma żewġ anġli issa jfakkru lill-appostli, l-istorja ta' Ġesù ċertament li ma tintemmx hawn. (Atti

1-3. (a) Ġesù b'liema mod ħalla lill-appostli tiegħu, u din għala ma kinitx tislima ta' swied il-qalb? (b) Għala jeħtieġ li nitgħallmu dwar il-ħajja li Ġesù għex mindu mar lura fis-sema?

1:10, 11) B'ħafna modi, it-tlugħ tiegħu fis-sema huwa biss il-bidu. Il-Kelma t'Alla ma tħalliniex fl-għama rigward x'sar minn Ġesù wara dan. Huwa importanti li nitgħallmu dwar il-ħajja li Ġesù għex mindu ħalla l-art. Għala? Ftakar fil-kliem li Ġesù qal lil Pietru: "Ibqa' miexi warajja." (Ġwanni 21:19, 22) Jeħtieġ li aħna lkoll nobdu dan il-kmand, mhux sempliċement bħala għażla tal-mument iżda bħala mod ta' ħajja. Sabiex nagħmlu hekk, għandna bżonn nifhmu x'qed jagħmel Sidna bħalissa u l-inkarigi li rċieva fis-sema.

## Il-Ħajja li Ġesù Għex Mindu Ħalla l-Art

4 L-Iskrittura ma tgħid xejn dwar il-wasla ta' Ġesù fis-sema, il-mod kif ġie milqugħ, u dwar il-fatt li reġa' ngħaqad bil-ferħ ma' Missieru. Madankollu, il-Bibbja rrivelat bil-quddiem x'kellu jiġri fis-sema eżatt wara li Ġesù jmur lura hemm. Għal iktar minn 15-il seklu, il-Lhud kienu jixhdu regolarment għal ċerimonja qaddisa. Darba fis-sena, il-qassis il-kbir kien jidħol fl-Iktar Qaddis tat-tempju biex iroxx id-demm tas-sagrifiċċji ta' Jum l-Espjazzjoni quddiem l-arka tal-patt. Dakinhar, il-qassis il-kbir kien jiffigura bil-quddiem lill-Messija. Ġesù wettaq it-tifsir profetiku ta' din iċ-ċerimonja darba għal dejjem wara li mar lura s-sema. Hu daħal fil-preżenza maestuża ta' Ġeħova fis-sema—l-iktar post qaddis fl-univers—u ppreżenta l-valur tas-sagrifiċċju tiegħu tal-fidwa lil Missieru. (Ebrej 9:11, 12, 24) Ġeħova aċċettah?

5 It-tweġiba nsibuha billi nikkunsidraw x'ġara ftit jiem wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema. Grupp żgħir ta' madwar 120 Kristjan inġabru f'Ġerusalemm f'kamra ta' fuq meta f'daqqa waħda ħoss bħal kurrent ta' riħ qawwi mela l-post. Ilsna donnhom tan-nar dehru fuq rashom, huma mtlew

---

4. Il-Bibbja kif irrivelat bil-quddiem x'kellu jiġri fis-sema wara li Ġesù jmur lura hemm?

5, 6. (a) X'evidenza għandna li Ġeħova kien aċċetta s-sagrifiċċju tal-fidwa ta' Kristu? (b) Min jibbenefika mill-fidwa, u kif?

bl-ispirtu qaddis, u bdew jitkellmu b'diversi lingwi. (Atti 2:1-4) Din il-ġrajja kienet tfisser it-twelid ta' ġens ġdid, Israel spiritwali, li kien "ir-razza magħżula" ġdida t'Alla u "s-saċerdozju rjali" li jwettaq ir-rieda divina fuq l-art. (1 Pietru 2:9) B'mod ċar, Alla Ġeħova kien aċċetta u approva s-sagrifiċċju tal-fidwa ta' Kristu. Dan it-tferrigħ ta' l-ispirtu qaddis kien fost l-ewwel barkiet li saru possibbli permezz tal-fidwa.

6 Sa minn dakinhar, il-fidwa ta' Kristu kienet ta' benefiċċju għas-segwaċi tiegħu madwar id-dinja kollha. Sew jekk aħna fost il-"merħla żgħira" midluka li se taħkem ma' Kristu fis-sema, u sew jekk aħna fost "in-nagħaġ oħrajn" li se jgħixu taħt il-ħakma tiegħu fuq l-art, aħna nibbenefikaw mis-sagrifiċċju tiegħu. (Luqa 12:32; Ġwanni 10:16) Huwa l-bażi tat-tama tagħna u tal-maħfra ta' dnubietna. Sakemm inkomplu 'neżerċitaw fidi' f'din il-fidwa, billi nsegwu lil Ġesù jum wara jum, aħna jista' jkollna kuxjenza nadifa u tama ċerta ta' futur mill-isbaħ.—Ġwanni 3:16.

7 Ġesù x'għamel fis-sema mindu mar lura hemm? Hu għandu awtorità kbira ħafna. (Mattew 28:18) Tabilħaqq, Ġeħova ħatru biex jaħkem lill-kongregazzjoni Kristjana, inkarigu li wettaq bi mħabba u ġustizzja. (Kolossin 1:13) Bħalma kien imbassar, Ġesù pprovda rġiel responsabbli biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tal-merħla tiegħu. (Efesin 4:8) Per eżempju, hu għażel lil Pawlu biex ikun "appostlu tal-ġnus," billi bagħtu jxerred l-aħbar tajba f'artijiet imbegħdin. (Rumani 11:13; 1 Timotju 2:7) Lejn tmiem l-ewwel seklu, Ġesù indirizza messaġġi ta' tifħir, pariri, u dixxiplina lil seba' kongregazzjonijiet fil-provinċja Rumana ta' l-Asja. (Rivelazzjoni, kapitli 2-3) Tirrikonoxxi int lil Ġesù bħala l-Kap tal-kongregazzjoni Kristjana? (Efesin 5:23) Sabiex tkompli ssegwih, trid tinkuraġġixxi spirtu t'ubbidjenza u kooperazzjoni fil-kongregazzjoni lokali tiegħek.

---

7. Ġesù liema awtorità ngħata wara li mar lura s-sema, u kif tista' tappoġġah?

8 Ġesù ngħata saħansitra iktar awtorità fl-1914. F'dik is-sena hu nħatar bħala Sultan tas-Saltna Messjanika ta' Ġeħova. Meta bdiet il-ħakma ta' Ġesù, "faqqgħet gwerra fis-sema." Ir-riżultat? Satana u d-demonji tiegħu twaddbu fuq l-art, u b'hekk ngħata bidu għal żmien ta' gwaj. Il-gwerer, il-kriminalità, il-biża', il-mard, it-terremoti, u l-ġuħ li kotru ma' kullimkien u li nikktu lill-umanità llum ifakkruna li Ġesù qed jaħkem fis-sema proprju bħalissa. Satana għadu "l-ħakkiem ta' din id-dinja" għal "żmien qasir." (Rivelazzjoni 12:7-12; Ġwanni 12:31; Mattew 24:3-7; Luqa 21:11) Madankollu, Ġesù qed jagħti l-opportunità lin-nies madwar id-dinja kollha biex jaċċettaw il-ħakma Tiegħu.

9 Huwa vitali li nżommu man-naħa tas-Sultan Messjaniku. Fid-deċiżjonijiet kollha li nieħdu kuljum, għandna naraw li jkollna l-approvazzjoni tiegħu, mhux dik ta' din id-dinja korrotta. Hekk kif dan is-"Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien" jgħarbel lill-bnedmin, il-qalb ġusta tiegħu tixgħel bir-rabja u tfur bil-ferħ. (Rivelazzjoni 19:16) Għala?

## Ir-Rabja u l-Ferħ tas-Sultan Messjaniku

10 Bħal Missieru, Sidna huwa ferħan minnu nnifsu. (1 Timotju 1:11) Meta kien fuq l-art, Ġesù qatt ma kien iħobb jikkritika u lanqas kien bniedem li diffiċli biex togħġbu. Madankollu, qed jiġru ħafna affarijiet fid-dinja llum li bir-raġun jimlewh b'rabja ġusta. Ċertament li hu rrabjat għal dawk l-organizzazzjonijiet reliġjużi kollha li jistqarru b'mod falz li qegħdin jirrappreżentawh. Hu bassar saħansitra dan: "Mhux kulmin jgħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, imma min jagħmel ir-rieda ta'

---

8, 9. Ġesù liema awtorità ngħata fl-1914, u dan x'għandu jfisser għalina fid-deċiżjonijiet li nieħdu?

10. X'inhi d-dispożizzjoni naturali ta' Ġesù, iżda x'jimla lil Sidna b'rabja ġusta?

Missieri li hu fis-smewwiet. Ħafna jgħiduli f'dak il-jum, 'Mulej, Mulej, mhux f'ismek . . . wettaqna ħafna għemejjel setgħanin?' Imbagħad nistqarrilhom: Jien qatt ma kont nafkom! Itilqu minn quddiemi, intom li tiksru l-liġi."—Mattew 7:21-23.

11 Ħafna llum li jistqarru li huma Kristjani għandhom mnejn isibu li dan il-kliem iħawwadhom. Ġesù għala indirizza kliem iebes bħal dan lil nies li wettqu "ħafna għemejjel setgħanin" f'ismu? Il-knejjes tal-Kristjaneżmu ffinanzjaw diversi karitajiet, għenu lill-foqra, bnew sptarijiet u skejjel, u wettqu bosta xogħlijiet oħrajn. Biex naraw għala ħaqqhom ir-rabja ta' Ġesù, ikkunsidra tixbiha waħda.

12 Missier u omm għandhom bżonn jagħmlu vjaġġ. Ma jistgħux jieħdu lil uliedhom magħhom, u għalhekk jinkarigaw lil waħda mara biex tieħu ħsiebhom. L-istruzzjonijiet li tawha huma sempliċi: "Ħu ħsieb it-tfal tagħna. Itmagħhom, ara li jkunu nodfa, u żommhom 'il bogħod millperiklu." Iżda, meta l-ġenituri jiġu lura, jibqgħu xxokkjati meta jaraw li wliedhom kienu qed imutu bil-ġuħ. It-tfal huma maħmuġin, morda, u mdejqin. Qed jibku biex jiġbdu l-attenzjoni ta' dik li kienet qed tieħu ħsiebhom, iżda l-għajta tagħhom qed tiġi injorata. Għala? Hi qiegħda fl-għoli fuq sellum tnaddaf it-twieqi. Mimlijin qilla, il-ġenituri jitolbu spjegazzjoni. Hi twieġeb: "Ħarsu lejn dak kollu li għamilt! M'humiex nodfa t-twieqi? Għamilt xi tiswijiet fiddar ukoll, dan kollu għalikom!" Iħossuhom aħjar il-ġenituri? Dażgur li le! Huma qatt ma talbuha tagħmel dawn ix-xogħlijiet; huma riduha biss li tieħu ħsieb uliedhom. Il-fatt li hi m'aċċettatx li tobdi l-istruzzjonijiet inkorlahom bilkbir.

13 Il-Kristjaneżmu aġixxa bħal din il-persuna li kellha tie-

---

11-13. Għala xi wħud għandhom mnejn jitħawdu minħabba l-kliem iebes li bih Ġesù indirizza lil dawk li wettqu "ħafna għemejjel setgħanin" f'ismu, iżda għala hu rrabjat? Spjega.

ħu ħsieb it-tfal. Ġesù ħalla istruzzjonijiet mar-rappreżentanti tiegħu biex jitimgħu lin-nies spiritwalment billi jgħallmuhom il-verità tal-Kelma t'Alla u jgħinuhom ikunu spiritwalment nodfa. (Ġwanni 21:15-17) Madankollu, il-Kristjaneżmu naqas bl-ikrah li jobdi d-direzzjoni tiegħu. Dan ħalla lin-nies imġewħin spiritwalment, imħawdin b'tagħlim falz u bla għarfien dwar veritajiet bażiċi tal-Bibbja. (Isaija 65:13; Għamos 8:11) Anki t-tentattivi tiegħu biex itejjeb din id-dinja, bilkemm jistgħu jiġġustifikaw id-diżubbidjenza tiegħu minn jeddu. Fil-fatt, din is-sistema hija bħal dar li ġiet kundannata għall-qerda! Il-Kelma t'Alla tagħmilha ċara li din is-sistema ta' Satana dalwaqt se tinqered.—1 Ġwanni 2:15-17.

14 Mill-banda l-oħra, Ġesù żgur li hu ferħan ħafna meta jħares 'l isfel mis-sema u jara li miljuni ta' nies qegħdin iwettqu l-inkarigu ta' li jagħmlu dixxipli li hu ta lis-segwaċi tiegħu qabel ma ħalla l-art. (Mattew 28:19, 20) Xi privileġġ li nferrħu lis-Sultan Messjaniku! Ejja nkunu determinati li qatt ma naqtgħu qalbna milli ngħinu lill-"ilsir leali u għaqli." (Mattew 24:45) Kuntrarju għall-kleru tal-Kristjaneżmu, dan il-grupp żgħir t'aħwa midlukin b'ubbidjenza kien qed imexxi l-ippridkar u b'lealtà tema' lin-nagħaġ ta' Kristu.

15 Aħna nistgħu nkunu ċerti li s-Sultan jirrabja meta jara n-nuqqas ta' mħabba li tant hu komuni fuq l-art illum. Forsi niftakru kif il-Fariżej ikkritikaw lil Ġesù talli fejjaq lin-nies fil-jum tas-Sabat. Tant kellhom qalbhom iebsa, u tant kienu stinati, li qagħdu biss fuq l-interpretazzjoni tagħhom kollha preġudizzju tal-Liġi Mosajka u fuq il-liġi orali. Il-mirakli ta' Ġesù ġabu benefiċċji bla għadd lin-nies! Iżda l-hena,

---

14. Liema xogħol qed jagħmel lil Ġesù ferħan illum, u għala?

15, 16. (a) Ġesù kif iħossu dwar in-nuqqas ta' mħabba li tant hu komuni llum, u kif nafuh dan? (b) Il-Kristjaneżmu kif ħaqqu r-rabja ta' Ġesù?

is-serħan, u t-tisħiħ tal-fidi li ġabu mirakli bħal dawn ma kienu jfissru xejn għal dawn l-irġiel. Ġesù kif ħassu dwarhom? Hu darba "wriehom li ma ħax pjaċir, peress li kien imnikket għall-aħħar minħabba l-ebusija ta' qlubhom." —Marku 3:5.

16 Illum, Ġesù jara ħafna iktar minn hekk biex hu jħossu "mnikket għall-aħħar." Il-mexxejja tal-Kristjaneżmu huma mogħmijin bid-devozzjoni tagħhom lejn it-tradizzjonijiet u d-duttrini li m'humiex fi qbil ma' l-Iskrittura. Iktar minn hekk, huma rrabjati minħabba x-xogħol ta' l-ippridkar ta' l-aħbar tajba tas-Saltna t'Alla. F'ħafna partijiet tad-dinja, il-kleru qanqal persekuzzjoni ħarxa kontra dawn il-Kristjani li sinċerament jipprovaw jippridkaw il-messaġġ li ppriedka Ġesù. (Ġwanni 16:2; Rivelazzjoni 18:4, 24) Fl-istess ħin, nies tal-kleru bħal dawn spiss iħeġġu lis-segwaċi tagħhom stess biex jiggwerraw u joqtlu lil oħrajn—bħallikieku dan jogħġob lil Ġesù Kristu!

17 B'kuntrast ma' dan, is-segwaċi veri ta' Ġesù jistinkaw biex juru mħabba lejn il-proxxmu tagħhom. Huma jippridkaw l-aħbar tajba ma' "bnedmin ta' kull xorta," eżatt bħalma għamel Ġesù, minkejja l-oppożizzjoni. (1 Timotju 2:4) U l-imħabba li juru lejn xulxin hija waħda li tispikka; hija s-sinjal prinċipali li jidentifikahom. (Ġwanni 13:34, 35) Hekk kif jittrattaw lil sħabhom il-Kristjani bi mħabba, b'rispett, u b'dinjità, huma verament qed isegwu lil Ġesù—u jferrħu qalb is-Sultan Messjaniku!

18 Ejja nżommu f'moħħna wkoll li Sidna jitnikket meta s-segwaċi tiegħu ma jissaportux, billi jħallu mħabbithom għal Ġeħova tibred u jieqfu jaqdu Lilu. (Rivelazzjoni 2:4, 5) Madankollu, Ġesù jieħu pjaċir b'dawk li jissaportu sat-tmiem. (Mattew 24:13) Mela, ejja nagħmlu kulma nistgħu biex dejjem inżommu f'moħħna l-kmand ta' Kristu: *"Ibqa'*

---

17. Is-segwaċi veri ta' Ġesù kif iferrħulu qalbu?
18. Xi jnikket lil Sidna, iżda kif nistgħu nogħġbuh?

miexi warajja.” (Ġwanni 21:19) Ejja nikkunsidraw xi ftit mill-barkiet li s-Sultan Messjaniku se jitfa’ fuq dawk li jissaportu sat-tmiem.

## Barkiet Kontinwi għall-Qaddejja Leali tas-Sultan

19 Sabiex ingawdu ħajja verament imbierka minn issa jeħtieġ li nsegwu lil Ġesù. Jekk naċċettaw lil Kristu bħala s-Sid tagħna, billi nsegwu d-direzzjonijiet tiegħu u nużaw l-eżempju tiegħu bħala l-gwida tagħna, aħna se nsibu teżori li n-nies madwar id-dinja kollha jfittxu għalxejn. Aħna se niġu mberkin b’xogħol li fil-ħajja jagħtina skop, familja t’aħwa fit-twemmin magħqudin f’unità vera ta’ mħabba, kuxjenza nadifa, u paċi tal-moħħ. Fi ftit kliem, aħna se jkollna ħajja mimlija ferħ u sodisfazzjon. U se ngawdu saħansitra iktar benefiċċji.

20 Permezz ta’ Ġesù, Ġeħova pprovda “Missier Etern” għal dawk li jittamaw li jgħixu għal dejjem fuq l-art. Ġesù huwa sostitut għal Adam, missier l-umanità, li ċaħad lid-dixxendenti tiegħu b’mod tant kiefer. (Isaija 9:6, 7) Jekk naċċettaw lil Ġesù bħala l-“Missier Etern” billi neżerċitaw fidi fih, se jkollna tama ċerta ta’ ħajja ta’ dejjem. Iktar minn hekk, aħna mbagħad nersqu eqreb lejn Alla Ġeħova. Bħalma diġà rajna, l-istinkar tagħna biex insegwu l-eżempju ta’ Ġesù minn jum għal jum huwa l-aqwa mod possibbli biex nobdu dan il-kmand divin: “Imitaw lil Alla, bħala wlied maħbubin.”—Efesin 5:1.

21 Hekk kif nimitaw lil Ġesù u lil Missieru Ġeħova, aħna għandna privileġġ meraviljuż. Aħna nirriflettu dawl jiddi. F’dinja mudlama, fejn biljuni ta’ nies qed jiġu żvijati minn

---

19, 20. (a) Meta nsegwu lil Ġesù liema barkiet ikollna issa? (b) Il-fatt li nsegwu lil Kristu kif jista’ jgħinna nissodisfaw il-bżonn tagħna għal missier?

21. Is-segwaċi ta’ Kristu kif jirriflettu d-dawl f’dinja mudlama?



Satana u jimitaw il-karatteristiki tiegħu, aħna li nsegwu lil Kristu nxerrdu dija tad-dawl li jiddi—id-dawl tal-veritajiet Skritturali, id-dawl ta' kwalitajiet Kristjani mill-aqwa, id-dawl ta' ferħ ġenwin, paċi vera, imħabba reali. Fl-istess ħin, aħna nersqu eqreb lejn Ġeħova, u dan hu l-aqwa mira, l-ogħla skop possibbli, ta' kwalunkwe ħliqa intelliġenti.

22 Aħseb ukoll dwar dak li Ġeħova jrid jagħmel għalik fil-futur permezz tas-Sultan Messjaniku tiegħu. Dalwaqt dan is-Sultan se jqajjem gwerra ġusta kontra s-sistema mill-agħar

---

22, 23. (a) Liema barkiet futuri se jiġu għal dawk li lealment ikomplu jsegwu lil Ġesù? (b) X'għandha tkun id-determinazzjoni tagħna?

**Int Kif Tista' Ssegwi lil Ġesù?**

- X'se jgħinek iġġib il-ħsibijiet tiegħek fi qbil ma' dawk ta' Kristu?—1 Korintin 2:13-16.
- B'liema modi bi ħsiebek issegwi lil Ġesù iktar mill-qrib? —1 Pietru 2:21.
- Kif se tevita l-periklu li tibred fi mħabbtek għal Ġesù?—Rivelazzjoni 3:14-18.
- Kif tista' turi li int verament trid li Kristu jaħkem fuq l-art filfutur qarib?—Rivelazzjoni 22:17, 20.

ta' Satana. Ir-rebħa ta' Ġesù hija żgura! (Rivelazzjoni 19:11-15) Imbagħad, Kristu se jibda r-Renju t'Elf Sena tiegħu għal fuq l-art. Il-gvern tiegħu tas-sema se jsawwab il-benefiċċji tal-fidwa fuq kull bniedem leali, u jwassal lil dawn għall-perfezzjoni. Immaġina lilek innifsek f'saħħtek, żagħżugħ u b'saħħtek, taħdem ferħan ma' familja umana magħquda sabiex tbiddel din l-art f'ġenna! Fi tmiem il-ħakma Millennjali tiegħu, Ġesù se jagħti l-ħakma lura f'idejn Missieru. (1 Korintin 15:24) Jekk tkompli ssegwi lil Kristu lealment, se tikseb barka tant meraviljuża li huwa diffiċli anki biex timmaġinaha—"il-libertà glorjuża ta' wlied Alla"! (Rumani 8:21) Iva, aħna se jkollna l-barkiet kollha li Adam u Eva kellhom u tilfu. Ulied Ġeħova fuq l-art, se nkunu meħlusin għal dejjem mit-tebgħa tad-dnub ta' Adam. Tabilħaqq, "ma jkunx hemm iżjed mewt."—Rivelazzjoni 21:4.

23 Ftakar fil-ħakkiem żagħżugħ u għani li dwaru tkellimna f'Kapitlu 1. Hu rrifjuta l-istedina ta' Ġesù: "Ejja kun segwaċi tiegħi." (Marku 10:17-22) Qatt tagħmel dan l-iżball! Jalla taċċetta l-istedina ta' Ġesù b'ferħ u b'entużjażmu. Jalla tkun determinat li tissaporti, li tkompli ssegwi lir-Ragħaj mill-Aħjar jum wara jum, sena wara sena, u tgħix biex sa flaħħar tarah iġib l-iskopijiet kollha ta' Ġeħova fi twettiq glorjuż!

Għal iktar informazzjoni, żur **www.jw.org** jew ikkuntattja lix-Xhieda ta' Ġeħova.